



# RAPPORT ANNWALI KONSOLIDAT TAL-ATTIVITÀ

**2022**

**Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-eu-LISA 2022**  
Adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fit-22 ta' Ġunju 2023  
**Dokument 2023-182 REV 3**

# Werrej

<b>Werrej</b> .....	<b>3</b>
<b>Lista ta' illustrazzjonijiet u tabelli</b> .....	<b>5</b>
<b>Abbrevjazzjonijiet u akronimi</b> .....	<b>7</b>
<b>eu-LISA – l-Aġenzija fil-qosor</b> .....	<b>9</b>
<b>Sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti</b>	
<b>mill-eu-LISA</b> .....	<b>15</b>
<b>L-analiżi u l-valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija</b> ....	<b>17</b>
<b>Daħla mid-Direttur Eżekuttiv</b> .....	<b>19</b>
<b>Sommarju eżekuttiv</b> .....	<b>21</b>
<b>Introduzzjoni</b> .....	<b>28</b>
<b>Il-kisbiet tas-sena</b> .....	<b>29</b>
1.1. Il-ġestjoni u l-evoluzzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI operattivi .....	30
1.2. Sistemi ġodda u innovazzjoni .....	46
1.3. Infrastruttura u networks .....	60
1.4. Sigurtà u kontinwità tal-operat .....	62
1.5. Ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati .....	63
1.6. Il-governanza u l-konformità .....	70
1.7. Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali .....	75
<b>Ġestjoni</b> .....	<b>82</b>
2.1. Bord tat-Tmexxija .....	82
2.2. Żviluppi ewlenin.....	83
2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja.....	85
2.4. Id-delega u s-subdelega tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-persunal.....	91
2.5. Ġestjoni tar-riżorsi umani.....	91
2.6. Strateġija għal titjib fl-effiċjenza.....	96
2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditu u tal-evalwazzjoni <i>ex post</i> .....	96
2.8. Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u l-pjanijiet ta' azzjoni relatati .....	99
2.9. Azzjonijiet ta' segwitu relatati mal-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF.....	102
2.10. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza .....	102
2.11. Ġestjoni ambjentali.....	109
2.12. Valutazzjoni mill-Maniġment.....	109
2.13. Evalwazzjoni esterna .....	110
<b>Valutazzjoni tal-effettività tal-QKI</b> .....	<b>112</b>
3.1. L-Effettività tal-Qafas ta' Kontroll Intern.....	112
3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI .....	118
3.3. Dikjarazzjoni mill-Maniġer responsabbli mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern.....	119
<b>Assigurazzjoni tal-maniġment</b> .....	<b>121</b>
4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni .....	121
4.2. Riżervi .....	122
<b>Dikjarazzjoni ta' assicurazzjoni</b> .....	<b>124</b>
<b>Anness I. Statistiċi ewlenin tan-negozju</b> .....	<b>126</b>
<b>Anness II. Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja</b> .....	<b>130</b>
<b>Anness III. Ġart organizzazzjonali</b> .....	<b>137</b>
<b>Anness IV. Tabella tal-persunal u informazzjoni addizzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani</b> .....	<b>138</b>
<b>Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività</b> .....	<b>141</b>
<b>Anness VI. Ftehimiet dwar il-kontribuzzjonijiet, l-għotjiet u l-livell ta' servizz</b> .....	<b>144</b>
<b>Anness VII. Ġestjoni ambjentali</b> .....	<b>145</b>
<b>Anness VIII. Kontijiet annwali</b> .....	<b>146</b>
<b>Anness IX. Attivitàjiet u indikaturi annwali</b> .....	<b>148</b>
<b>Anness X. Rapport dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti</b> .....	<b>175</b>
<b>Anness XI. Inizjattivi ta' sostenibbiltà</b> .....	<b>177</b>



# Lista ta' illustrazzjonijiet u tabelli

## Lista ta' tabelli

Tabella 1. Sistemi ĠAI: għadd ta' inċidenti u talbiet għas-servizz ittrattati fl-2022.....	45
Tabella 2. Sistemi ĠAI: diżaggregazzjoni tal-inċidenti skont il-prijorità u s-sistema.....	45
Tabella 3. Sistemi tal-ĠAI: diżaggregazzjoni tal-problemi skont il-prijorità u s-sistema.....	45
Tabella 4. Indikaturi tal-prestazzjoni tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-eu-LISA.....	74
Tabella 5. Diżimpenji tal-impenji baġitarji fl-2022 skont is-sena tal-oriġini ( <i>f'miljuni ta' EUR</i> ).....	86
Tabella 6. L-istatus tal-pożizzjonijiet okkupati fil-31 ta' Diċembru 2022. ....	92
Tabella 7. Għadd ta' persunal attwali u awtorizzat fil-31 ta' Diċembru 2022.....	93
Tabella 8. Distribuzzjoni tal-persunal tal-eu-LISA skont is-siti u t-tipi ta' kuntratti .....	93
Tabella 9. Diżaggregazzjoni tal-liv kumpensatorju skont it-tip ta' liv u l-grad tal-persunal (fi ġranet). ....	95
Tabella 10. Sommarju tal-2022 tas-suġġetti tal-awditu intern.....	97
Tabella 11. Rakkomandazzjonijiet tal-awditu: progress fl-implimentazzjoni (fil-31 ta' Diċembru 2022).....	100
Tabella 12. Lista ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditu miftuħa maħruġa minn awdituri interni (IAS u IAC), inklużi dawk b'dewmien sinifikanti (> 6 xhur, fil-31 ta' Jannar 2023).....	100
Tabella 13. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu tal-QEA mis-snin preċedenti.....	102
Tabella 14. Riskji korporattivi f'Diċembru 2022. ....	117
Tabella 15. Tabella tal-persunal tal-2022. ....	138
Tabella 16. Livelli ta' dħul ta' funzjonijiet ewlenin. ....	138
Tabella 17. Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-eu-LISA tal-2022: karigi tal-persunal. ....	139
Tabella 18. Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-eu-LISA tal-2022: fornituri ta' servizzi esterni (kuntratturi fuq il-post). ....	139
Tabella 19. Riżorsi umani għal kull qasam ta' attività fl-2022. ....	141
Tabella 20. Kostijiet totali tas-sistema.....	142
Tabella 21. Sehem tal-kostijiet diretti tal-2022 assoċjati mal-organizzazzjoni fuq diversi siti tal-eu-LISA ( <i>f'miljuni ta' EUR</i> ).....	143

## Lista ta' illustrazzjonijiet

Illustrazzjoni 1. The traveller continuum. ....	31
Illustrazzjoni 2. SIS – tfittxijiet totali mwettqa.....	33
Illustrazzjoni 3. SIS – tfittxijiet medji ta' kuljum.....	33
Illustrazzjoni 4. SIS – hits medji kuljum.....	33
Illustrazzjoni 5. SIS – total ta' twissijiet maħżuna .....	33
Illustrazzjoni 6. SIS – diżaggregazzjoni tal-kategoriji tat-twissijiet.....	33
Illustrazzjoni 7. VIS – applikazzjonijiet totali tal-viża maħżuna .....	37
Illustrazzjoni 8. VIS – total ta' marki tas-swaba' maħżuna.....	37
Illustrazzjoni 9. VIS – operazzjonijiet totali tal-fruntieri.....	37
Illustrazzjoni 10. VIS – viżi totali maħruġa .....	37
Illustrazzjoni 11. VIS – operazzjonijiet tal-fruntieri kull xahar (2017-2022).....	38
Illustrazzjoni 12. VIS – viżi maħruġa fix-xahar (2016-2021).....	38
Illustrazzjoni 13. VIS – tfittxijiet alfanumeriċi totali .....	38
Illustrazzjoni 14. VIS – tfittxijiet bijometriċi totali .....	38
Illustrazzjoni 15. Traffiku totali tal-Eurodac.....	42
Illustrazzjoni 16. Traffiku tal-Eurodac għal kull kategorija fl-2022.....	42
Illustrazzjoni 17. Applikanti għall-ażil (kategorija 1).....	42
Illustrazzjoni 18. Qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri (kategorija 2) .....	42
Illustrazzjoni 19. Preżenza illegali (kategorija 3) .....	42
Illustrazzjoni 20. Tfittxijiet tal-Eurodac mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi (kategorija 4).....	42
Illustrazzjoni 21. Tfittxijiet tal-Eurodac mill-Europol (kategorija 5) .....	42
Illustrazzjoni 22. L-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI.....	56
Illustrazzjoni 23. Parteċipazzjoni fit-taħriġ tal-eu-LISA għall-Istati Membri.....	68
Illustrazzjoni 24. Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' impenn C1 ( <i>f' miljuni ta' EUR</i> ) .....	88
Illustrazzjoni 25. Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati matul is-sena ( <i>f' miljuni ta' EUR</i> ).....	88
Illustrazzjoni 26. Eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' impenn taħt it-Titolu 3 ( <i>f' miljuni ta' EUR</i> ) .....	88
Illustrazzjoni 27. Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' pagament C1 ( <i>f' miljuni ta' EUR</i> ) .....	88
Illustrazzjoni 28. Xejriet fil-konsum ta' fondi mħallsa u bbaġitjati matul is-sena ( <i>f' miljuni ta' EUR</i> ) .....	88
Illustrazzjoni 29. Approprjazzjonijiet ta' pagament eżegwiti taħt it-Titolu 3 ( <i>f' miljuni ta' EUR</i> ) .....	89
Illustrazzjoni 30. L-evoluzzjoni ta' kull xahar taż-Żmien għall-Flas globali.....	89
Illustrazzjoni 31. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 30 jum.....	89
Illustrazzjoni 32. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 60 jum.....	89
Illustrazzjoni 33. Attività ta' akkwist 2014-2022. ....	90

# Abbrezzazzjonijiet u akronimi

<b>ACFC</b>	Il-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA	<b>EES</b>	Sistema ta' Dħul/Ħruġ
<b>AFIS</b>	Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba'	<b>EMAS</b>	Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali
<b>AG</b>	grupp konsultattiv	<b>EMS</b>	sistema ta' ġestjoni ambjentali
<b>ALM</b>	ġestjoni ta' applikazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja	<b>ENISA</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà
<b>ARES</b>	sistema ta' ġestjoni tar-rekords tal-eu-LISA	<b>ENS</b>	espert nazzjonali sekondat
<b>BCU</b>	unità ċentrali ta' backup	<b>EPMO</b>	programm ta' intrapriża u l-ġestjoni tal-proġetti
<b>BMS</b>	servizz ta' tqabbil bijometriku	<b>ESP</b>	Portal Ewropew tat-tfittxija
<b>CAF</b>	Qafas Komuni ta' Valutazzjoni	<b>ETIAS</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar
<b>CEPOL</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi	<b>EUAA</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil
<b>CERT-UE</b>	Skwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej	<b>EUAN</b>	Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea
<b>CIR</b>	repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità	<b>eu-LISA</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
<b>CRRS</b>	repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika	<b>Eurodac</b>	Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' <i>Data</i> Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil
<b>CSI</b>	Infrastruttura Kondiviża Komuni	<b>Eurojust</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali
<b>CSIRT</b>	Skwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters	<b>Europol</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
<b>CSP</b>	Pjattaforma Kondiviża Komuni	<b>FLS</b>	ftehim dwar il-livell ta' servizz
<b>CU</b>	unità ċentrali	<b>FRA</b>	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali
<b>DĠ HOME</b>	Id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni	<b>Frontex</b>	L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
<b>DPIA</b>	valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad- <i>data</i>	<b>ĠAI</b>	ġustizzja u affarijiet interni
<b>DubliNet</b>	Network tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' Dublin	<b>IA</b>	intelliġenza artifiċjali
<b>EASA</b>	L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea	<b>IAC</b>	Kapaċità tal-Awditjar Intern
<b>ECHA</b>	L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	<b>IAS</b>	Servizz tal-Awditjar Intern
<b>e-CODEX</b>	Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' <i>Data</i> Online	<b>ICD</b>	Dokument ta' kontroll tal-interfaċċa
<b>ECRIS</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali	<b>ICT</b>	teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni
<b>ECRIS RI</b>	Implimentazzjoni ta' Referenza għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali	<b>ITIL</b>	Librerija ta' Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Infomazzjoni
<b>ECRIS-TCN</b>	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali — ċittadini ta' pajjiżi terzi	<b>ITSM</b>	ġestjoni tas-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni
<b>ED</b>	Direttur Eżekuttiv	<b>IXIM</b>	Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI
<b>EDPS</b>	Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad- <i>Data</i>	<b>JHAAN</b>	Network tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni
		<b>KPI</b>	indikatur ewlieni tal-prestazzjoni
		<b>LFS</b>	dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva

<b>MAE</b>	Mandat ta' arrest Ewropew
<b>MDC</b>	ċentru tad- <i>data</i> modulari
<b>MID</b>	detettur ta' identitajiet multipli
<b>MOCVD</b>	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
<b>OLAF</b>	L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi
<b>PM</b>	amministrazzjoni tal-proġett
<b>PPM</b>	ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti
<b>QEA</b>	Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
<b>QKI</b>	qafas ta' kontroll intern
<b>R&amp;Ż</b>	riċerka u żvilupp
<b>sBMS</b>	servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku
<b>SDLC</b>	ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tas-sistemi
<b>SEKA</b>	Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil
<b>SEMM</b>	mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen
<b>SIK</b>	Skwadri ta' Investigazzjoni Konġunti
<b>SIRENE</b>	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali
<b>SIS</b>	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen
<b>SM9</b>	għodda tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT tal-eu-LISA (Maniġer tas-Servizzi ta' Mikrofokus verżjoni 9)
<b>SON</b>	Network ta' Uffiċjali tas-Sigurtà
<b>TCN</b>	ċittadini ta' pajjiżi terzi
<b>TEF</b>	qafas tal-inġinerija trażversali
<b>TESTA-ng</b>	Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – Ġenerazzjoni Ġdida
<b>TOF</b>	qafas operattiv trażversali
<b>UPD</b>	L-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad- <i>Data</i>
<b>VIS</b>	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża
<b>WGAI</b>	Grupp ta' Fidma tal-eu-LISA dwar l-Intelliġenza Artifiċjali



# eu-LISA – I-Aġenzija fil-qosor

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) hija responsabbli għall-operat u l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI).<sup>1</sup> Sa mill-bidu tal-operat fl-2012, l-Aġenzija evolviet minn aġenzija teknika żgħira fil-“qalba diġitali” taż-Żona Schengen, u kkontribwiet għall-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' politiki tal-ĠAI mill-viżi, il-migrazzjoni u l-ażil għas-sigurtà interna u l-ġustizzja. Ir-responsabbiltajiet tal-eu-LISA jiffokaw fuq l-iffaċilitar tal-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti madwar l-Ewropa biex tiġi żgurata ġestjoni f'waqtha mmexxija mid-*data* tal-fruntieri esterni tal-UE, filwaqt li twassal esperjenza sigura u bla xkiel għall-vjaġġaturi internazzjonali.

Il-prijorità ewlenija tal-Aġenzija hija li tiżgura l-operat effettiv, sigur u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE f'konformità mal-bażijiet ġuridiċi u l-ftehimiet rispettivi dwar il-livell ta' servizz, kif ukoll ir-rekwiżiti applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà. Id-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni hija essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-UE, filwaqt li tiġi ggarantita l-libertà tal-moviment għaċ-ċittadini u r-residenti. L-eu-LISA bħalissa qed timmaniġġja t-llet sistemi ewlenin tal-ĠAI li ġejjin li jiżguraw il-funzjonament effiċjenti taż-żona Schengen:

- is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS),<sup>2</sup>
- is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS),<sup>3</sup>
- u s-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil (Eurodac)*.<sup>4</sup>

Biex tkompli tissimplifika l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u ttejjeb is-sigurtà interna taż-żona Schengen, l-eu-LISA tinsab fil-proċess li tiżviluppa s-sistemi tal-IT ġodda li ġejjin, flimkien ma' arkitettura tal-interoperabbiltà ġdida għall-qasam tal-ĠAI:

- is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES),<sup>5</sup>
- is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS),<sup>6</sup>
- is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN),<sup>7</sup>
- u l-komponenti tal-interoperabbiltà: sBMS, CIR, ESP, MID, u CRRS.<sup>8</sup>

Fl-2022, l-eu-LISA bdiet ukoll tħejjijiet biex tieħu f'idejha l-ġestjoni operazzjonali tal-**e-CODEX** (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-iskambju ta' *Data Online*),<sup>9</sup> sistema li tiffaċilita l-komunikazzjoni sigura bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntieri. B'dan, l-Aġenzija tkompli ssaħħaħ il-kontribut tagħha għall-qasam tal-ġustizzja tal-UE u l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja.

Sabiex tiżgura l-għarfien espert tal-ogħla livell għall-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha – il-Kummissjoni, l-Istati Membri u aġenziji oħrajn tal-UE, l-eu-LISA timmonitorja b'mod attiv l-aħħar żviluppi fir-**riċerka u l-innovazzjoni** sabiex tidentifika u ttestja soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda bil-għan li tkompli ttejjeb l-effiċjenza operattiva tagħha u tixpruna t-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-ĠAI. Barra minn hekk, l-eu-LISA tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja lill-utenti finali kollha tas-sistema, inkluż appoġġ 24/7 u taħriġ għall-utenti.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99–137.

<sup>2</sup> Ir-Regolamenti (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, u (UE) 2018/1862, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1-106.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81; id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE, ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5–7, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129–136.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1–30, ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31–59; ir-Regolament (KE) Nru 1560/2003, ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3–23.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20-82

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-71 u r-Regolament (UE) 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1-73.


<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1-26

<sup>8</sup> Ir-Regolamenti (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-135.

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/850, ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1–19.

Matul l-attivitajiet kollha tagħha, l-Aġenzija tibqa' **trasparenti u responsabbli** lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha u lejn iċ-ċittadini tal-UE, u b'hekk iżżomm ir-reputazzjoni u l-viżibbiltà sodi tagħha.

## Il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri ewlenin



  
**HEADQUARTERS**  
 Tallinn, Estonia

  
**TECHNICAL SITE**  
 Strasbourg, France

  
**LIAISON OFFICE**  
 Brussels, Belgium

  
**TECHNICAL BACK-UP SITE**  
 St Johan im Pongau, Austria


## TRADUZZJONI paġna 9

<b>MISSION</b>	<b>MISSJONI</b>
<i>to support, through advanced technology, the efforts of the EU and its Member States to keep Europe open and secure</i>	<i>li nappoġġaw, permezz tat-teknoloġija avvanzata, l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex iżommu l-Ewropa miftuħa u sigura</i>
<b>VISION</b>	<b>VIŻJONI</b>
<i>to grow eu-LISA as an organisation committed to providing high-quality, efficient services and solutions by systematically aligning its technological capabilities with the evolving needs of the EU and the Member States, while also maturing as a trusted partner in driving the digital transformation in the JHA domain.</i>	<i>li nkabbru l-eu-LISA bħala organizzazzjoni impenjata li tipprovdi servizzi u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u effiċjenti billi tallinja b'mod sistematiku l-kapaċitajiet teknoloġiċi tagħha mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-UE u tal-Istati Membri, filwaqt li timmatura wkoll bħala sieheb ta' fiduċja fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-ĠAI.</i>
<b>CORE VALUES</b>	<b>VALURI EWLENIN</b>
<b>Accountability</b>	<b>Responsabbiltà</b>
<i>deploying a sound governance framework, cost-efficient operations and sound financial management.</i>	<i>l-utilizzazzjoni ta' qafas ta' governanza sod, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba.</i>
<b>Continuity</b>	<b>Kontinwità</b>
<i>ensuring that the Agency will make the best use of the expertise, knowledge and investments made by the Member States and will continue to develop them.</i>	<i>li jiġi żgurat li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti li għamlu l-Istati Membri u li tkompli tiżviluppahom.</i>
<b>Teamwork</b>	<b>Ħidma f'tim</b>
<i>seeking to empower each team member to make the best use of their knowledge and experience, contributing to shared success.</i>	<i>nagħmlu ħilitna biex kull membru tat-tim individwali jingħata s-setgħa sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, b'hekk jikkontribwixxi għal suċċess kondiviz.</i>
<b>Customer focus</b>	<b>Enfasi fuq il-konsumatur</b>
<i>ensuring the Agency's alignment with the needs and demands of its stakeholders at all times.</i>	<i>niżguraw l-allinjament tal-Aġenzija mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha f'kull ħin.</i>
<b>Excellence</b>	<b>Eċċellenza</b>
<i>applying the right organisational structure, the right people and the right processes, ensuring service continuity and functional comprehensiveness of the tools provided to the Member States.</i>	<i>napplikaw l-istruttura organizzazzjonali t-tajba, il-persuni t-tajbin u l-proċessi t-tajbin fis-seħħ, jiġu żgurati l-kontinwità tas-servizz u l-komprensività funzjonali tal-ghodod ipprovduti lill-Istati Membri</i>
<b>Transparency</b>	<b>Trasparenza</b>
<i>providing regular and open communication with the Agency's key stakeholders and engaging them in a continuous dialogue to define the long-term strategy for the development of the Agency.</i>	<i>nipprovdu komunikazzjoni regolari u miftuħa mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u ninvolvuhom fi djalogu kontinwu sabiex tiġi definita l-istrategija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija.</i>
<b>LOCATIONS</b>	<b>POSTIJIET</b>
<b>HEADQUARTERS</b>	<b>IL-KWARTIERI ĠENERALI</b>
Tallinn, Estonia	Tallinn, l-Estonja
<b>TECHNICAL SITE</b>	<b>SIT TEKNIKU</b>
Strasbourg, France	Strasburgu, Franza
<b>LIAISON OFFICE</b>	<b>UFFIĊĠJU TA' KOLLEGAMENT</b>
Brussels, Belgium	Brussell, il-Belġju
<b>TECHNICAL BACK-UP SITE</b>	<b>SIT TEKNIKU TA' RIŻERVA</b>
St Johan im Pognau, Austria	St Johan im Pognau, l-Awstrija

## Strateġija fit-tul

L-oġġettivi strateġiċi deskritti **fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija għall-2021–2027**<sup>10</sup> jappoġġaw il-missjoni primarja tal-eu-LISA li tipprovdi soluzzjonijiet teknoloġiċi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u tkompli d-diġitalizzazzjoni tal-qasam tal-ĠAI tal-UE biex tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati tagħha fl-isforzi tagħhom **biex iżommu lill-Ewropa miftuħa u sigura**.

Sabiex tiggwida l-attivitajiet fit-tul u annwali tagħha, l-Aġenzija stabbiliet l-erba' għanijiet strateġiċi li ġejjin:











<sup>10</sup> L-istrateġija tal-eu-LISA 2021–2027, adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2021.

## TRADUZZJONI paġna 11

STRATEGIC GOALS	GĦANIJET STRATEĠIĊI
1: Continue growing as a contributor to and implementing partner for the relevant policies in the domain of Justice and Home Affairs.	1: Li tkompli tikber bħala kontributor għal u bħala sieħeb ta' implimentazzjoni għall-politiki rilevanti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni
2: Maintain and expand the Agency's role as a recognised and trusted partner for the European institutions and the Member States in driving the digital transformation in the EU's Justice and Home Affairs domain.	2: Iżżomm u tespandi r-rwol tal-Aġenzija bħala sieħeb rikonoxxut u fdat għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fit-tmexxija tat-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Gustizzja u l-Affarijiet Interni
3: Enable and drive innovation and digital transformation in the EU's Justice and Home Affairs domain.	3: Tiffaċilita u tixpruna l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE.
4: Continue working on eu-LISA's organisational evolution towards a more efficient, agile and resilient organisation within the EU regulatory framework.	4: Tkompli taħdem fuq l-evoluzzjoni organizzazzjonali tal-eu-LISA lejn organizzazzjoni aktar effiċjenti, aġli u reżiljenti fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE.

# Sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA

Skop tas-sistema	Bidu tal-ħidma	Status	Data maħżuna fl-2022	Operazzjonijiet fl-2022
<b>L-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri</b>				
<b>Eurodac   Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil</b>				
L-Eurodac hija l-bażi tad- <i>data</i> tal-UE tal-marki tas-swaba' diġitalizzati għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil skont ir-Regolament ta' Dublin. Is-sistema tassisti fl-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli billi tiddetermina jekk l-applikant ikunx talab l-ażil qabel f'pajjiż ieħor tal-UE. Biex tiġġieled aħjar il-migrazzjoni irregolari, l-eu-LISA waslet biex twettaq evoluzzjoni kbira tas-sistema, billi tintroduċi funzjonalitajiet ġodda u tiddisinja mill-ġdid is-sistema ċentrali tagħha.	<b>2003</b> Imħaddma mill-eu-LISA minn Ġunju 2013	 Fis-seħħ	<b>6.5 miljun sett ta' marki tas-swaba'</b>	<b>1 481 815</b>
<b>Is-sigurtà interna u l-fruntieri tal-UE</b>				
<b>SIS   Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen</b>				
Is-SIS hija l-akbar sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u għall-iżgurar tas-sigurtà interna taż-żona Schengen. Is-SIS tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew neqsin, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet kompetenti dwar x'għandhom jagħmlu meta jinstabu persuni jew oġġetti. Bħala tali, din isservi bħala għodda imprezzabbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu transfruntieri.	<b>1995</b> Imħaddma mill-eu-LISA minn Mejju 2013	 Fis-seħħ	<b>87 miljun twissija</b>	<b>Saru 12.7 biljun tiftixa</b>
<b>Schengen, fruntieri u viżi</b>				
<b>VIS   Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża</b>				
Bħala waħda mill-elementi ewlenin tal-arkitettura ta' Schengen, il-VIS tiffaċilita l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viża u l-ġestjoni tal-viżi għal soġġorn qasir għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen jew li jgħaddu minnha. Din tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi u tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viża billi tgħin fl-identifikazzjoni ta' persuni li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa għas-soġġorn jew għad-dħul.	<b>2011</b> Imħaddma mill-eu-LISA minn Diċembru 2012	 Fis-seħħ	<b>56.7 miljun applikazzjoni tal-viża</b> <b>51.5 miljun sett ta' marki tas-swaba'</b> <b>56.7 miljun immaġni tal-wiċċ</b>	<b>152 miljun</b>
<b>EES   Sistema ta' Dħul/ħruġ</b>				
L-EES hija stabbilita biex tissimplifika l-proċeduri ta' kontroll fil-fruntieri billi tissostitwixxi l-ittimbrar manwali tal-passaporti bir-reġistrazzjoni elettronika taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jidhru u joħroġu miż-żona Schengen. Ladarba tkun operazzjonali, l-EES se tiżgura monitoraġġ aħjar ta' soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li jistgħu jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn, u b'hekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u t-tiżiħ tas-sigurtà interna, filwaqt li tgħin ukoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.	<b>2024</b>	 Fil-fażi ta' żvilupp		

Skop tas-sistema	Bidu tal-ħidma	Status	Data maħżuna fl-2022	Operazzjonijiet fl-2022
<b>ETIAS   Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar</b>				
L-ETIAS hija sistema ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar online għal ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża li jivvjaġġaw lejn 30 pajjiż Ewropew. Din is-sistema ta' skrinjar ta' qabel l-ivvjaġġar tqabbel l-informazzjoni fis-sistemi kollha tal-ĠAI, kif ukoll fil-bażijiet tad-data tal-Europol u tal-Interpol, għall-identifikazzjoni avvanzata ta' riskji potenzjali għas-sigurtà, ta' migrazzjoni irregolari jew ta' riskji għolja ta' epidemija li jistgħu jagħtu raġunijiet għaċ-ċaħda tad-dħul fiż-żona Schengen. L-awtorizzazzjonijiet tal-ETIAS jiġu vverifikati mit-trasportaturi tal-ajru, tal-baħar u tal-art qabel l-imbark kif ukoll mill-gwardji tal-fruntiera fil-fruntieri ta' Schengen.	2025	 Fil-fażi ta' żvilupp		
<b>Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja</b>				
<b>ECRIS RI   Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Implimentazzjoni ta' Referenza</b>				
L-ECRIS hija sistema deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rekords kriminali taċ-ċittadini tal-UE, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi oħrajn. L-ECRIS RI toffri interfaċċa ta' integrazzjoni għall-konnessjoni mar-reġistri nazzjonali tar-rekords kriminali tal-Istati Membri.	2012 Ġestita mill-eu-LISA minn April 2020	 Fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>ECRIS-TCN   Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – ċittadini ta' pajjiżi terzi</b>				
L-ECRIS-TCN, l-ewwel sistema tal-IT żviluppata mill-eu-LISA għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE, tiffaċilita l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi. Bħala tali, hija tappoġġa l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiprodu ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji madwar l-Ewropa.	2025	 Fil-fażi ta' żvilupp	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>e-CODEX   Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-iskambju ta' Data Online</b>				
L-e-CODEX huwa pjattaforma ta' komunikazzjoni li tiffaċilita t-trażmissjoni sigura ta' kontenut elettroniku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-professjonisti legali fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntieri, filwaqt li tiżgura proċess ġudizzjarju aktar effiċjenti għaċ-ċittadini u n-negozji madwar l-Ewropa. FI-2022, l-UE fdat l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema tal-e-CODEX lill-eu-LISA — pass importanti lejn iż-żieda tal-kontribut tal-Aġenzija għad-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja tal-UE.	2013 It-trasferiment lill-eu-LISA ppjanat għal Lulju–Diċembru 2023	 Fis-seħħ	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
<b>Arkitettura ġdida tal-interoperabbiltà</b>				
L-interoperabbiltà hija l-kapaċità tas-sistemi interkonnessi li jikkondividu d-data u jiskambjaw informazzjoni, filwaqt li jipprovdu lill-awtoritajiet rilevanti b'aċċess semplifikat għal informazzjoni komprensiva.  L-interoperabbiltà tas-sistemi globali tal-qasam tal-ĠAI se tkun permessa permezz tal-integrazzjoni tal-komponenti li ġejjin li jiffaċilitaw it-ftitxijiet awtorizzati u l-iskambju ta' informazzjoni:	2026	 Fil-fażi ta' żvilupp		
<ul style="list-style-type: none"> <li>■ <b>il-portal Ewropew tat-ftitxija (ESP):</b> tieqa ta' ftitxija unika għal ftitxijiet rapidi fis-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA,</li> <li>■ <b>is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS)</b> għal tqabbil trażversali ta' data bijometrika fis-sistemi kollha tal-ĠAI,</li> <li>■ <b>ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR)</b> għall-identifikazzjoni korretta ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (data bijografika u bijometrika),</li> <li>■ <b>id-detettur ta' identitajiet multipli (MID)</b> għall-kxif ta' identitajiet multipli u għall-ġlieda kontra l-frodi tal-identità, u</li> <li>■ <b>ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS)</b> għall-ġenerazzjoni ta' rapporti aggregati bejn is-sistemi.</li> </ul>				



# L-analiżi u l-valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija ta' eu-LISA analizza u vvaluta r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Aġenzija dwar ir-riżultati u l-kisbiet tal-eu-LISA għall-2022.

Il-Bord jenfasizza r-rwol essenzjali tal-eu-LISA biex tiżgura l-funzjonament effettiv u r-reżiljenza taż-żona Schengen, kif ukoll il-kontribut imprezzabbli tagħha għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki tal-UE fl-oqsma tal-kontroll tal-fruntieri, tal-viżi, tal-migrazzjoni u tal-ażil, tal-ġustizzja elettronika, tad-diġitalizzazzjoni u taċ-ċibersigurtà.



## Il-Bord tat-Tmexxija:

- jirrikonoxxi l-isforzi tal-eu-LISA biex tilħaq l-oġettivi stabbiliti għall-2022, kif stabbilit fir-regolament ta' stabbiliment tagħha u fil-programm ta' ħidma annwali deskritt fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2022–2024;
- jirringrazzja lill-Aġenzija għall-isforzi kontinwi tagħha u r-riżultati tajbin miksuba fl-iżgurar tad-disponibbiltà stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE taħt il-ġestjoni tagħha, u għall-fatt li tippermetti l-funzjonament effiċjenti taż-żona Schengen;
- jirrikonoxxi l-kwalità u l-puntwalità tal-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea matul l-2022;
- jirrikonoxxi li l-2022 kienet sena estremament diffiċli għas-sistemi fl-iżvilupp, peress li l-Aġenzija sabet ruħha taħdem b'mod parallel fuq għadd kbir ta' attivitajiet interrelatati biex tissodisfa l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tagħha, filwaqt li l-volum u l-kumplessità tal-operazzjonijiet tagħha komplew jespandu;
- tinnota li l-eu-LISA għamlet ħilitha biex tagħmel progress fl-iżvilupp u t-twassil ta' sistemi ġodda tal-IT għall-qasam tal-ĠAI – l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u r-Riformulazzjoni tas-SIS, flimkien mal-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà, u tirrikonoxxi li l-effetti ta' impediment tat-tfixkil fil-katina tal-provvista, flimkien mad-diffikultajiet iffaċċjati b'attivitajiet esternalizzati, impedew l-aderenza mal-pjanijiet ta' implimentazzjoni oriġinali;
- iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli ssaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni baġitarja u ta' kontroll intern tagħha, b'mod partikolari billi ttejjeb il-proċess ta' ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjieġha tagħha, u billi timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar li ilhom jeżistu kemm jista' jkun malajr;
- u jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu bil-ġestjoni ġenerali tal-eu-LISA matul l-2022.

Il-Bord tat-Tmexxija jemmen li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li, minkejja ħafna sfidi li jfixklu l-aderenza mal-iskedi ta' implimentazzjoni impenjattivi, **l-eu-LISA ħadet approċċ sistematiku u konsistenti biex timplimenta l-mandat tagħha**, u użat ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha f'konformità mal-finijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali tal-eu-LISA għall-2022 kif deskritt fl-SPD 2022–2024.

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jqis l-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport:

- jenfasizza l-**pressjoni konsiderevoli fuq il-persunal tal-eu-LISA** li jaħdem fuq proġetti kumplessi u jenfasizza li l-Aġenzija jeħtieġ li tkompli tissaħħaħ b'riżorsi umani addizzjonali, kemm fil-funzjonijiet operazzjonali tagħha kif ukoll f'dawk orizzontali u bejn l-organizzazzjonijiet, u tnaqqas ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti tagħha, sabiex twettaq il-kompiti fdati lilha fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027;
- jissottolinja wkoll il-ħtieġa li l-eu-LISA tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq kuntratturi esterni għal kompiti ewlenin filwaqt li tissalvagwardja livell għoli ta' konformità;

- **jappoġġa lill-Aġenzija fl-isforzi kontinwi tagħha** biex timplimenta l-mandat tagħha u l-inizjattivi l-ġodda, jġigfieri l-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, u l-arkitettura tal-interoperabbiltà, biex tiżgura d-dħul fis-seħħ bla xkiel tagħhom;
- jirrikonoxxi l-**interdipendenzi** bejn il-ħidma tal-Aġenzija fil-livell ċentrali u dik tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, u jappella lill-eu-LISA biex tkompli din il-kooperazzjoni mill-qrib u effiċjenti mal-partijiet ikkonċernati tagħha u mal-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura t-twettiq b'suċċess tas-sistemi l-ġodda;
- u jirrikonoxxi l-**importanza tal-programm ta' żieda fil-kapaċità tal-eu-LISA** biex tiġi żgurata kapaċità taċ-ċentru tad-*data* suffiċjenti għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni effiċjenti u sostenibbli kemm tas-sistemi tal-IT ġodda kif ukoll dawk diġà eżistenti, filwaqt li tkompli tiġi ggarantita d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-evoluzzjoni f'waqtha tas-sistemi kollha taħt il-mandat tagħha.

Il-Bord tat-Tmexxija jesprimi l-gratitudni tiegħu lil Krum Garkov, l-eks Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, lil Luca Tagliaretti, id-Direttur Eżekuttiv *Interim*, u lill-maniġment tal-eu-LISA u l-persunal kollu tagħha għall-impenn u l-isforzi sodi tagħhom matul din is-sena inkredibbilment diffiċli.

## Zsolt Szolnoki

President tal-Bord tat-Tmexxija

## Daħla mid-Direttur Eżekuttiv

Il-viżjoni, l-isforzi u s-sagrifiċċji meħtieġa biex tinbena Ewropa magħquda b'valuri komuni u l-opportunitajiet li ġġib magħha ġew enfasizzati b'mod aktar ċar fost l-isfidi ta' dawn l-aħħar snin, li jvarjaw mill-kriżi finanzjarja, għal pandemija, u għall-gwerra fl-Ukrajna. Aktar minn qatt qabel, iż-żminijiet kritiċi u l-kriżijiet jenfasizzaw l-importanza tas-solidarjetà, ir-responsabbiltà u l-unità. Dawn il-valuri jirfdu s-saħħa tal-Unjoni Ewropea, billi jalimentaw il-magna tal-UE li tagħti lill-Unjoni s-setgħa tagħha li tegħleb perjodi diffiċli u tkompli bit-tfittxija għal żminijiet aħjar għal kulħadd, kemm jekk huma ċittadini tal-UE kif ukoll jekk huma persuni li jikkondividu l-valuri tagħna.



F'dan il-kuntest, l-eu-LISA għandha rwol kruċjali biex tħalli impatt pożittiv fuq il-ħajjiet ta' miljuni ta' persuni. Fil-qalba tal-missjoni tagħna hemm l-għan li nservu liċ-ċittadini Ewropej. Nagħmlu dan billi ngħinu biex l-Ewropa tinżamm sikura, sigura u miftuħa. Aħna nikkontribwixxu għall-bini ta' Ewropa aħjar mal-partijiet ikkonċernati tagħna fl-istituzzjonijiet tal-UE, fl-Istati Membri, f'aġenziji oħrajn, u permezz ta' network wiesa' ta' sħab. Aħna ngħinu lill-partijiet ikkonċernati tagħna billi nipprovdru għodod u teknoloġiji diġitali mill-aktar avvanzati li jservu liċ-ċittadini filwaqt li jipproteġu l-privatezza u d-data personali tagħhom. L-eżiti tal-ħidma tagħna huma inseparabbli mill-iżgurar ta' ħajja ta' kuljum sikura u sigura għaċ-ċittadini Ewropej u għall-viżitaturi fiż-Żona Schengen. Fl-eu-LISA, aħna kburin li nikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet.

L-2022 immarkat l-10 Anniversarju tal-eu-LISA, li ppreżenta opportunità biex jiġu apprezzati l-kisbiet, l-istadji importanti u l-avvenimenti ewlenin kollha tal-passat u attwali tagħna matul il-vjaġġ tagħna minn aġenzija teknika żgħira sal-Qalba Diġitali ta' Schengen, u r-rwol li kellha l-Aġenzija f'oqsma ewlenin għas-sigurtà interna tal-Ewropa. Il-missjoni u l-valuri tal-Aġenzija - it-tiħiħ tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħna biex l-Ewropa tibqa' miftuħa u sigura u taqdi l-ħtiġijiet taċ-ċittadini permezz tat-teknoloġija - huma essenzjali u parti integrali mix-xogħol iebes u l-impenn li twettqu mit-timijiet tagħna matul l-aħħar deċennju.

Il-qafas regolatorju li qed jevolvi kontinwament, il-bidliet fl-ambjent politiku u operazzjonali, l-għadd kbir ta' attivitajiet paralleli u interkonnessi, u l-aspettattivi għoljin tal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija għamlu l-2022 estremament diffiċli. Hekk kif il-volum u l-kumplessità tal-operazzjonijiet tagħna komplew jikbru, l-2022 estendiet ir-reżiljenza u l-kapaċità tal-Aġenzija li tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħna u l-funzjonament normali taż-żona Schengen.

Barra minn hekk, l-Aġenzija, flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, għamlet sforz kbir matul is-sena kollha fl-iżvilupp tal-komponenti tal-Interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE u tas-sistemi l-ġodda fdati lill-eu-LISA - l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN. Is-sistemi l-ġodda u l-arkitettura tal-informazzjoni fl-istess ħin jiffurmaw l-aktar programm ta' trasformazzjoni kumpless u ta' sfida mniedi minn Aġenzija għall-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna fl-UE. L-effetti ta' tfixkil tal-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista, flimkien mad-diffikultajiet ta' xi wħud mill-kuntratturi tal-Aġenzija biex isegwu l-iskedi ta' implimentazzjoni ta' sfida, irriżultaw f'dewmien li kien jeħtieġ ir-rieżami u r-reviżjoni tal-pjanijiet oriġinali. L-Aġenzija għamlet kull sforz taħt il-kontroll tagħna biex iżżomm il-pass tax-xogħol u biex tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha tal-arkitettura tal-informazzjoni l-ġdida.

F'dan il-perkors, l-eu-LISA stinkat biex tkun sieħeb affidabbli u kapaċi għall-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. Hija kompliet ukoll tiżviluppa u żżid il-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki rilevanti fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE. Filwaqt li sa issa, l-enfasi kienet primarjament fuq id-diġitalizzazzjoni u l-interoperabbiltà tal-ġestjoni tal-fruntieri u s-sistemi ta' sigurtà interna, fl-2022, l-Aġenzija kompliet tespandi r-rwol tagħha fil-qasam tal-ġustizzja tal-UE billi bdiet it-tnejn għall-akkwiżizzjoni tas-sistema e-CODEX. L-e-CODEX se sservi bħala waħda mill-elementi kostitwenti strateġiċi fl-ekosistema diġitali ġenerali tal-qasam tal-ġustizzja tal-UE, u se ttejjeb l-effiċjenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej filwaqt li tipprovdi aċċess aħjar għall-ġustizzja liċ-ċittadini u lin-negozi fl-UE kollha.

Flimkien maċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel deċennju tagħna, din is-sena kienet ukoll sena ta' tranżizzjonijiet għall-Aġenzija. Nixtieq niringrazzja lil Luca Tagliaretti għall-ħidma tiegħu bħala Direttur Eżekuttiv *Interim*. Nixtieq niringrazzja wkoll lill-maniġment kollu u lit-timijiet kollha ta' eu-LISA, li mingħajr waqfien komplew iwettqu l-għanijiet tal-Aġenzija matul dan il-perjodu.

Nistenna bil-ħerqa li naħdem mat-timijiet, mal-partijiet ikkonċernati u mas-sħab kollha tal-eu-LISA sabiex nirnexxu flimkien fil-missjonijiet il-kbar fdati lilna.

Agnès Diallo

Direttur Eżekuttiv

## Sommarju eżekuttiv

The European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice (eu-LISA) was established in 2011 as a technical agency to take over the management of three existing IT systems for the Schengen area. Over the past decade, it has grown into the 'digital heart' of Schengen, serving as one of the guarantors of its safety and security, while also ensuring one of the fundamental rights of EU citizens - the freedom of movement.

Since commencing operation in 2012, eu-LISA has evolved into a key contributor to the ongoing digital transformation of the EU's domain of justice and home affairs (JHA). The Agency's overall performance in the 2022 demonstrated that eu-LISA remains a reliable and committed partner for the European institutions and Member States in the process of implementing relevant JHA policies, while also ensuring the safety and integrity of the technologies deployed.

### 2022 Annual Priorities



1 Stable and uninterrupted operations and services of core business systems: SIS, VIS, Eurodac.

2 Progress with the implementation of new initiatives (i.e., EES, ETIAS, Interoperability, ECRIS-TCN, Revised VIS, Eurodac Recast) in accordance with established roadmaps.

3 Progress with the second extension of the Agency's operational site in Strasbourg (renamed to 'Capacity Increase Programme').

4 Further strengthening of the Agency's internal control system, with particular emphasis on quality management, as well as contract and vendor management.

5 Further developing and improving eu-LISA's programme and portfolio management capability.



The annual activity report for 2022 reflects the Agency's progress with the implementation of a number of highly challenging and critical tasks with an increasingly complex operational environment.

TRADUZZJONI paġna 19

<b>Executive summary</b>	<b>Sommarju eżekuttiv</b>
<p><i>The European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the area of Freedom, Security and Justice (eu-LISA) was established in 2011 as a technical agency to take over the management of three existing IT systems for the Schengen area. Over the past decade, it has grown into the 'digital heart' of Schengen, serving as one of the guarantors of its safety and security, while also ensuring one of the fundamental rights of EU citizens – the freedom of movement.</i></p>	<p><b>L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-isparju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għet stabbilita fl-2011 bħala aġenzija teknika biex tiegħu f'idejha l-ġestjoni ta' tliet sistemi tal-IT eżistenti għaż-żona Schengen. Matul l-aħħar deċennju, din kibret fil-“qalba diġitali” ta' Schengen, billi serviet bħala wiehed mill-garanti tas-sikurezza u s-sigurtà tagħha, filwaqt li żgurat ukoll wiehed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE – il-libertà tal-moviment.</b></p>
<p><i>Since commencing operation in 2012, eu-LISA has evolved into a key contributor to the ongoing digital transformation of the EU's domain of justice and home affairs (JHA). The Agency's overall performance in 2022 demonstrated that eu-LISA remains a reliable and committed partner for the European institutions and Member States in the process of implementing relevant JHA policies, while also ensuring the safety and integrity of the technologies deployed.</i></p>	<p><i>Mill-bidu tal-operat fl-2012, l-eu-LISA evolviet f'kontributor ewlieni għat-trasformazzjoni diġitali li għaddejjja fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI) tal-UE. Il-prestazzjoni ġenerali tal-Aġenzija fl-2022 uriet li l-eu-LISA tibqa' sieħeb affidabbli u impenjat għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-ĠAI, filwaqt li tiżgura wkoll is-sikurezza u l-integrità tat-teknoloġiji użati.</i></p>
<p><b>2022 annual priorities:</b></p>	<p><b>Prijoritajiet annwali tal-2022:</b></p>
<p><i>1. Stable and uninterrupted operations and services of core business systems: SIS, VIS, Eurodac.</i></p>	<p><i>1. Operazzjonijiet u servizzi stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju: SIS, VIS, Eurodac.</i></p>
<p><i>2. Progress with the implementation of new initiatives (i.e., EES, ETIAS, ECRIS-TCN, Interoperability, Revised VIS, Eurodac Recast) in accordance with established roadmaps.</i></p>	<p><i>2. Il-progress bl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ġodda (jiġifieri EES, ETIAS, ECRIS-TCN, Interoperabbiltà, Riformulazzjoni tal-VIS, Riformulazzjoni tal-Eurodac) f'konformità mal-pjanijiet direzzjonali stabbiliti.</i></p>
<p><i>3. Progress with the second extension of the Agency's operational site in Strasbourg (renamed to 'Capacity Increase Programme').</i></p>	<p><i>3. Progress bit-tieni estensjoni tas-sit operattiv tal-Aġenzija fi Strasburgu (imsemmi mill-ġdid bħala "Programm ta' Żieda fil-Kapaċità").</i></p>
<p><i>4. Further strengthening of the Agency's internal control system, with particular emphasis on quality management, as well as contract and vendor management.</i></p>	<p><i>4. Aktar tišhih tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija, b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni tal-kwalità, kif ukoll il-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa.</i></p>
<p><i>5. Further developing and improving eu-LISA's programme and portfolio management capability.</i></p>	<p><i>5. L-iżvilupp ulterjuri u t-titjib tal-kapaċità ta' ġestjoni tal-programmi u tal-portafoll tal-eu-LISA.</i></p>
<p><i>The annual activity report for 2022 reflects the Agency's progress with the implementation of a number of highly challenging and critical tasks within an increasingly complex operational environment.</i></p>	<p><i>Ir-rapport annwali tal-attività għall-2022 jirrifletti l-progress tal-Aġenzija bl-implimentazzjoni ta' għadd ta' kompiti ta' sfida u kritiċi ħafna f'ambjent operazzjonali dejjem aktar kumpless.</i></p>



## Il-kisbiet tas-sena

### ➤ **Prijorità 1:** Operazzjonijiet u servizzi stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ewlenin tan-negozju: SIS, VIS, Eurodac

FI-2022, l-Aġenzija kompliet tiżgura l-operat stabbli tas-sistemi ewlenin tal-ĠAI tal-UE: Is-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), inkluż is-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS), is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u sistema Ewropea għat-tqabbil ta' *data* dattiloskopika ta' persuni li jfittxu l-ażil (Eurodac). Sabiex tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tas-sistemi, l-Aġenzija kompliet ukoll bil-ġestjoni operattiva effettiva tal-infrastruttura, in-networks u s-servizzi sottostanti, ikkomplementati b'servizzi ta' appoġġ 24/7 għall-utenti finali tas-sistema.

Bl-esklużjoni ta' xi inċidenti li rriżultaw f'nuqqas ta' disponibbiltà u dewmien fuq perjodu qasir ta' żmien, is-sistemi kollha kkonformaw mal-ftehimiet rispettivi tagħhom dwar il-livell ta' servizz, b'disponibbiltà tas-SIS ta' 99.94 %, tal-VIS ta' 99.69 %, u tal-Eurodac ta' 99.88 %. Għas-SIS u għall-VIS, l-inċidenti kienu relatati mal-implimentazzjoni ta' rilaxxi ġodda, filwaqt li inċidenti oħrajn kienu dovuti għal fatturi esterni, bħall-inċident fuq in-network TESTA-ng, li affettwa l-operazzjonijiet tas-SIS u tal-Eurodac.

Wara t-tnaqqis ikkawżat mill-COVID-19, ir-rati tal-użu tas-sistema qed jirkupraw malajr, b'żidiet li jaqbżu t-80 % kemm għas-SIS kif ukoll għall-VIS, u bil-Eurodac mhux lura ħafna bi 73 %. Filwaqt li s-SIS u l-Eurodac imexxielhom jaqbżu l-punteġġi annwali preċedenti, l-użu tal-VIS għadu taħt il-livelli prepandemiċi:

- **Tfittxijiet fis-SIS: 12.7-il biljun** (żieda ta' 82 % mill-2021, linja bażi ta' qabel il-pandemija: 6.64 biljun),
- **Operazzjonijiet tal-VIS: 152 miljun** (żieda ta' 88 % mill-2021, linja bażi ta' qabel il-pandemija: 294 miljun)
- **Tranżazzjonijiet tal-Eurodac: 1.4 miljun** (żieda ta' 73 % mill-2021, linja bażi ta' qabel il-pandemija: 916,536 miljun).

FI-2022, l-oġġetti ewlenin tal-eu-LISA kienu li tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tas-sistema u li twettaq l-evoluzzjonijiet meħtieġa waqt it-tnejn għall-integrazzjoni tagħhom mal-komponenti tal-interoperabbiltà. Wara l-isforzi konġunti tal-eu-LISA, tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, is-SIS imġedda daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2023. Oġġettiv importanti ieħor għall-2022 kien l-implimentazzjoni ta' magna tat-tiftix ġdida għas-SIS – Elasticsearch, li se twassal għal żieda ta' 10 darbiet fil-kapaċità ta' tiftix u tnaqqas b'mod sinifikanti n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema matul il-bdil bejn l-unitajiet ċentrali u dawk ta' riżerva.

Barra minn hekk, biex tittestja u ttejjeb ir-reżiljenza tas-sistema, l-Aġenzija wettqet l-Eżerċizzju tas-Sigurtà tas-SIS II 2022, li jiffoka fuq is-sistema ċentrali (inklużi elementi ta' kontinwità tal-operat u linji ta' azzjoni orizzontali oħrajn). FI-aħħar parti tas-sena, l-eu-LISA bdiet taħdem mal-Istati Membri dwar it-tnejn tal-eżerċizzju li jmiss tal-VIS dwar is-sigurtà u l-kontinwità tal-operat skedat għall-2023.

Minbarra t-tmexxija operazzjonali ta' dawn is-sistemi tal-IT, l-eu-LISA kompliet twassal diversi oġġettivi statutorji relatati mill-qrib oħrajn, bħat-taħriġ għall-Istati Membri dwar l-użu ta' sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, it-tnejn ta' rapporti statutorji dwar il-prestazzjoni teknika tagħhom, l-istatistika annwali u l-listi ta' awtoritajiet maħtura.

# 1

## PRIJORITÀ

# 2

## PRIJORITÀ

➤ **Prijorità 2:** Progress bl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ġodda u aġġornamenti (jiġifieri EES, ETIAS, Interoperabbiltà, ECRIS-TCN, Riformulazzjoni tal-VIS, Riformulazzjoni tal-Eurodac) f'konformità mal-pjanijiet direzzjonali stabbiliti

B'fidma mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri, l-eu-LISA baqgħet impenjata li twassal sistemi ġodda: L-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, u l-programm ta' Interoperabbiltà, filwaqt li tavvanza bl-implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tas-SIS u r-Riformulazzjoni tal-VIS. Madankollu, l-effetti negattivi tal-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista, flimkien mad-diffikultajiet ta' xi kuntratturi biex jirrispettaw l-iskedi ta' implimentazzjoni, irriżultaw f'dewmien li kien jeħtieġ ir-rieżami u r-reviżjoni tal-pjanijiet oriġinali. L-Aġenzija għamlet kull sforz taħt il-kontroll tagħha biex tagħmel progress fil-kompiti tagħha u biex tiżgura żvilupp u twettiq f'waqthom, filwaqt li mmonitorjat is-sitwazzjoni bir-reqqa ħafna u użat diversi miżuri biex ittaffi l-impatt tagħhom. Dawn l-isforzi kienu kritiċi b'mod partikolari għall-EES, minħabba interdipendenzi, kwalunkwe dewmien fl-iskeda tat-twassil tal-EES se jkollu impatt dirett fuq l-iskedi ta' żmien tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi oħrajn, b'mod partikolari l-komponenti tal-ETIAS u tal-interoperabbiltà.

Sabiex tfejji għat-tnedija tal-EES u tal-ETIAS, l-eu-LISA ngħaqdet mal-assoċjazzjonijiet tat-trasportaturi biex twettaq kampanja ta' sensibilizzazzjoni biex tinkoraġġixxi r-reġistrazzjoni, b'mod partikolari fost it-trasportaturi fuq l-art, sabiex tistabbilixxi rabtiet mas-sistemi.

Fir-rigward tal-komponenti tal-interoperabbiltà, l-Aġenzija għamlet progress tajjeb fid-disinn ta' livell għoli u fir-repożitorju tar-rekwiżiti, filwaqt li qajmet ukoll rekwiżiti ta' sigurtà li se jixprunaw l-iżvilupp tal-arkitettura tas-sigurtà ġenerali għas-sistemi taħt il-mandat tal-eu-LISA.

Fl-2022, l-Aġenzija kompliet tespandi r-rwol tagħha fil-qasam tal-ġustizzja tal-UE u bdiet it-tfejji għall-akkwiżizzjoni tas-sistema tal-e-CODEX.

Biex tagħti għarfien dwar l-aħħar żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-għarfien espert tagħha, l-eu-LISA ppubblikat rapport dwar kif id-diġitalizzazzjoni tal-ivvjaġġar internazzjonali se taffettwa lill-vjaġġaturi li se jrin lejn l-UE, li jiffoka b'mod partikolari fuq kif l-EES u l-ETIAS se jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn ġestjoni tal-fruntieri aktar bla xkiel. Barra minn hekk, l-Aġenzija organizzat żewġ avvenimenti ta' diskussjoni madwar mejda dwar l-industrija, l-ewwel wieħed li ffoka fuq it-teknoloġiji bijometriċi fil-ġestjoni u l-verifika tal-identità, u t-tieni esplora soluzzjonijiet għall-isfidi ffaċċjati mit-trasportaturi b'antiċipazzjoni tad-dħul fis-seħħ tal-EES u tal-ETIAS.

Barra minn hekk, l-eu-LISA b'mod konġunt kitbet rapport mal-Eurojust dwar l-użu ta' soluzzjonijiet tal-IA biex tappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera fil-ġustizzja kriminali. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħadet sehem attiv fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna biex tesplora l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, filwaqt li tindirizza wkoll il-lakuni fl-għarfien u l-kapaċità fil-qasam tal-ĠAI.

➤ **Prijorità 3:** Progress f'waqtu fit-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tal-Aġenzija fi Strasburgu (Programm ta' Żieda fil-Kapaċità)

Wara l-konsolidazzjoni ta' proġetti interrelatati taħt il-Programm ta' Żieda fil-Kapaċità fl-2021, l-Aġenzija kompliet taħdem fuq it-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tagħha fi Strasburgu. Fl-2022, il-programm tal-bini ġie aġġornat, inkluża d-dokumentazzjoni rilevanti kollha u pakkett finanzjarju stmat ġdid. Minħabba l-limitazzjonijiet tal-baġit, is-sejħa għall-offerti għas-servizzi tad-disinn tal-bini ma ġietx immedija u l-proġett bħalissa huwa pospost għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.

Fl-istess ħin, sar progress maż-żewġ proġetti l-oħrajn fil-Programm ta' Żieda fil-Kapaċità. L-ewwel nett, il-proġett ta' żieda fil-kapaċità tad-*data* biex jakkomoda l-ħtiġijiet futuri tas-sistema ta' hosting, avvanzat bil-finalizzazzjoni tal-kunċett għal ċentru tad-*data* modulari, segwita mit-tnedija tal-istħarriġ tas-soluzzjonijiet tekniċi. Fir-rigward tal-proġett ta' aġġornament tal-enerġija u t-tkessiħ, l-Aġenzija kkonkludiet l-istudju tal-prefattibbiltà tal-kapaċità tal-enerġija, u l-kapaċitajiet tat-tkessiħ qed jiġu ottimizzati biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija u jipprovdu soluzzjonijiet għall-aġġornament tas-sistema eżistenti.

# 3

## PRIJORITÀ



# 4

## PRIJORITÀ

➤ **Prijorità 4:** Aktar tishiñ tas-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija, b'enfasi partikolari fuq l-immaniġġjar tal-kwalità, kif ukoll l-immaniġġjar tal-kuntratti u tal-bejjiegħa.

Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ is-sistema ta' kontroll intern tagħha, li kienet ikkomplementata minn immappjar komprensiv tal-proċessi korporattivi tagħha, titjib tal-proċess tal-immaniġġjar tal-kuntratti u tal-bejjiegħa tagħha u l-implimentazzjoni tal-approċċ tal-immaniġġjar totali tal-kwalità (TQM).

L-Aġenzija wettqet il-valutazzjoni tal-effettività tal-qafas ta' kontroll intern (QKI) tagħha f'konformità mal-metodoloġija rrakkomandata mill-Kummissjoni, filwaqt li identifikat u analizzat il-punti b'saħħithom u n-nuqqasijiet tal-kontroll intern abbażi ta' kriterji ta' monitoraġġ definiti minn qabel, irreġistrat eċċezzjonijiet u avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, immonitorjat l-istatus tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar pendenti u r-riżultati tal-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni.

Fi sforz biex iżjed il-kontroll tagħha fuq it-teknoloġija u s-sigurtà tal-IT, l-eu-LISA saħħet il-proċess ta' rapportar tal-eċċezzjonijiet tagħha li rriżulta f'diversi miżuri ta' segwitu u ta' titjib. B'hal pass importanti, l-Aġenzija għamlet tranżizzjoni strateġika minn tiftix ta' sorsi ta' provvista vertikali għal trażversali ta' servizzi u provvisti għall-operazzjonijiet tagħha, u kompliet tinvesti f'kontrolli ġodda biex issaħħaħ il-proċess tagħha ta' ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa. Barra minn hekk, ġiet adottata Politika ta' Ġestjoni tal-Kuntratti ġdida biex tippovdi qafas ġenerali għall-ġestjoni tal-vetturi kuntrattwali għat-tiftix ta' sorsi ta' provvista għal provvisti, servizzi u xogħlijiet.

Matul dan iż-żmien, il-proċess ta' ġestjoni tar-riskji korporattivi evolva minn eżerċizzju annwali għal ġbir u monitoraġġ regolari ta' riskji u kwistjonijiet korporattivi, inkluża d-definizzjoni tal-kriterji tal-impatt u tal-probabbiltà. Barra minn hekk, l-Aġenzija stabbiliet reġistru għar-riskji u l-kwistjonijiet fil-livell tal-unità, kif enfasizzat mill-valutazzjoni preċedenti tal-QKI.

Wara l-adozzjoni tal-Politika ta' Kwalità tal-eu-LISA fl-2021, l-Aġenzija stabbiliet il-Bord tal-Kwalità biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ prattiċi tagħha. Fl-2022, l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-kwalità tal-eu-LISA ffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF), sistema ta' ġestjoni tal-kwalità totali mfassla speċifikament għall-organizzazzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika. Il-valutazzjoni tlestiet fl-2022 u l-Aġenzija se tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-CAF matul is-sentejn li ġejjin.

➤ **Prijorità 5:** Aktar żvilupp u titjib tal-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-programmi u tal-portafoll tal-eu-LISA

B'hal qasam ta' prijorità finali, l-eu-LISA kompliet tikkonsolida l-kapaċità tagħha ta' ġestjoni tal-programmi u tal-portafoll (PPM) biex tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-proġetti tagħha, b'enfasi partikolari fuq il-forniment ta' outputs ta' valur biex jiġi ffaċilitat it-teħid ta' deċiżjonijiet infurmat. Taħt l-isforz akbar biex jittejjbu l-proċessi tal-PPM, l-eu-LISA kkonkludiet il-valutazzjoni tal-Integrazzjoni tal-Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità (CMMI), li kellha l-għan li tippovdi evalwazzjoni preċiża tal-proċessi eżistenti u tidentifika opportunitajiet għal titjib. Barra minn hekk, l-eu-LISA aġġomat il-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tagħha u introduċiet għodod u funzjonalitajiet ġodda għall-immappjar tar-riskji u l-implimentazzjoni ta' pjattaforma ġdida biex tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-proġetti.

# 5

## PRIJORITÀ


## Ġestjoni u valutazzjoni tal-kontroll intern

It-tieni u t-tielet partijiet ta' dan ir-rapport jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-maniġment tal-Aġenzija fl-2022, u jinkludu sommarju tar-rapport annwali dwar il-qafas ta' kontroll intern (QKI), sommarju tal-awditi, u segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza.

L-Aġenzija qed tiżviluppa sett ta' sistemi kumplessi u kkumplikati, u qed tevolvi f'ambjent dinamiku li jeħtieġ aġilità, filwaqt li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-UE. Dawn joħolqu sfidi u pressjoni addizzjonali fuq il-ħidma tal-Aġenzija u l-organizzazzjoni tagħha.

Ir-rapport tal-QKI għas-sena 2022 ikkonkluda li r-riżultati tal-valutazzjoni ġenerali juru li s-sistema ta' kontroll intern tal-eu-LISA hija preżenti, tiffunzjona u effettiva, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (titjib tal-kategorija 2). Barra minn hekk, diversi awditi, inkluż mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), indikaw xi oqsma fejn huwa meħtieġ titjib.

Għall-quddiem, l-Aġenzija hija impenjata bis-siġħ biex tagħmel titjib fl-oqsma fejn ġew identifikati nuqqasijiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-kuntratti relatati ma' programmi u proġetti operazzjonali. Kif diskuss mal-QEA u l-Bord tat-Tmexxija, l-Aġenzija qed timmira li tagħlaq il-bqija tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu bl-aktar mod effettiv, filwaqt li tagħti prijorità lil dawk l-aktar urġenti u lil dawk li ilhom pendenti għall-itwal perjodu. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, l-eu-LISA qed tippjana li tfassal u timmonitorja pjan ta' ġestjoni komprensiv fl-2023.





1

# ACHIEVEMENTS OF THE YEAR

Overview of the main achievements in the operational management and evolution of JHA systems, the development of new IT systems and other key activities

# Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività (CAAR) tal-eu-LISA jagħti ħarsa ġenerali strutturata tal-progress li sar bl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija għall-2022 u l-ilfuq tal-obiettivi deskritti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2022–2024.<sup>11</sup> Dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA b'ċarezza u assigurazzjoni li l-Aġenzija implimentat approċċ sistematiku u konsistenti sabiex tuża b'mod effiċjenti r-riżorsi umani u finanzjarji allokatu sabiex twettaq il-mandat tagħha.

Ir-rapport isegwi l-istruttura stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea għall-aġenziji kollha tal-UE<sup>12</sup> u r-rekwiżiti fl-Artikolu 48 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.<sup>13</sup>

- **Il-Kapitolu 1** jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-**kisbiet** ewlenin fil-ġestjoni operazzjonali u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-iżvilupp ta' sistemi ġodda, kif ukoll attivitajiet ewlenin u orizzontali oħrajn.
- **Il-Kapitolu 2** jiddeskrivi l-**elementi ewlenin tal-ġestjoni tal-eu-LISA**, bħall-baġit u r-riżorsi umani.
- **Il-Kapitolu 3** jipprovdi valutazzjoni tal-**effettività tal-qafas ta' kontroll intern** (QKI) u jelenka r-riskji korporattivi ewlenin għall-perjodu ta' rapportar.
- **Il-Kapitoli 4 u 5** jipprovdu **dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni** rilevanti.
- L-annessi ta' dan ir-rapport jipprovdu ħarsa aktar dettaljata lejn l-użu tar-riżorsi u t-trasparenza addizzjonali rigward il-ħidma u l-operazzjonijiet tal-Aġenzija.

## ↳ Sfond legali

L-Artikolu 24(3)(g) tar-Regolament (UE) 2018/1726 jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv iħejji u jissottometti l-abbozz tas-CAAR tal-Aġenzija lill-Bord tat-Tmexxija għall-valutazzjoni u l-adozzjoni, wara konsultazzjoni minn qabel mal-Gruppi Konsultattivi.

L-Artikolu 19(1)(t) tal-istess Regolament jirrikjedi lill-Bord tat-Tmexxija jivvaluta u jadotta l-CAAR tal-Aġenzija għas-sena ta' qabel, b'mod partikolari billi jqabbel ir-riżultati miksuba mal-obiettivi deskritti fil-programm ta' ħidma annwali.

Il-Bord tat-Tmexxija jeħtieġu jissottometti r-rapport, flimkien mal-valutazzjoni tiegħu, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sal-1 ta' Lulju, u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku.



## Approċċ ġenerali għall-ippjanar: portafolli u programmi

Meta kienet qed tħejji d-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2022–2024, l-eu-LISA adottat approċċ ġdid għall-istrutturar tal-programm ta' ħidma annwali tagħha. L-attivitajiet tal-Aġenzija ġew issimplifikati f'**portafolli u programmi** biex jirriflettu l-mudell operattiv tal-eu-LISA u l-interdipendenzi bejn proġetti u attivitajiet differenti. Dan l-approċċ jiżgura koordinazzjoni aħjar biex jippermetti sinerġiji u ekonomiji ta' skala, filwaqt li jtejjeb ukoll l-effiċjenza f'termini tal-ġestjoni tar-riżorsi u t-traċċabbiltà.

Skont dan l-approċċ, **portafoll** huwa ġabra ta' programmi ta' livell għoli li tikkontribwixxi għall-ilfuq tal-obiettivi strateġiċi tal-eu-LISA, eż., “Sistemi ġodda u innovazzjoni” jew “Sigurtà u kontinwità tal-operat”. Kull portafoll jinkludi diversi **programmi tematiċi** għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' proġetti interrelatati u ta' attivitajiet mhux relatati, eż., “Sistema ta' Dħul/Ħruġ” jew “Interoperabbiltà”.

<sup>11</sup> eu-LISA (2021) **Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2022–2024**.

<sup>12</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2020 dwar **it-tisħiħ tal-governanza tal-Korpi tal-Unjoni** skont l-Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju 2018/1046 u dwar il-linji gwida għall-SPD u s-CAAR, COM (2020) 2297 final.

<sup>13</sup> **Ir-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA**, deċiżjoni Nru 2019-198 tal-Bord tat-Tmexxija, dħul fis-seħħ: 1 ta' Settembru 2019.

## Il-kisbiet tas-sena

Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet bl-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi għal żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ u reżiljenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej. Bħala l-Aġenzija responsabbli għat-tmexxija operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE li jiffaċilitaw il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-attivitajiet tal-eu-LISA jaffettwaw miljuni ta' persuni li jivvjaġġaw lejn l-Ewropa minn madwar id-dinja kollha, filwaqt li jiżguraw il-moviment liberu u jikkontribwixxu għas-sigurtà interna tal-UE.

### ↳ L-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

L-Unjoni għandha toffri liċ-ċittadini tagħha spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fih il-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil, l-immigrazzjoni, kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha.



Skambju ta' informazzjoni rapidu, effettiv u affidabbli ffaċilitat permezz tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA huwa **kritiku għas-sostenn u t-tisħiħ tal-isparzu ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE**. Għal dak l-għan, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) tappoġġa l-kontroll tal-fruntieri u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, filwaqt li s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) tiffaċilita l-fruġ u l-verifiki tal-viżi. Barra minn hekk, l-Eurodac tissimplifika l-eżaminar tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Fuq skala usa', dawn is-sistemi kollha **jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE** fl-oqsma tal-kontroll tal-fruntieri, tal-viżi, tal-migrazzjoni u tal-ażil, tad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu.

Bħala l-Aġenzija tal-UE responsabbli għall-ġestjoni u l-iżvilupp operazzjonali ta' dawn is-sistemi, l-eu-LISA sservi bħala **sieħeb ewlieni** għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u għall-Istati Membri billi tipprovdi għarfien espert tal-ogħla livell u tinvolvi ruħha f'kooperazzjoni proattiva u fi skambju ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Fil-qafas tal-**Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà** għall-2020–2025,<sup>14</sup> l-Aġenzija ffukat fuq attivitajiet li jikkontribwixxu għall-bini ta' **ekosistema ta' sigurtà Ewropea b'saħħitha**, li tinkludi l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-iskambju ta' informazzjoni, l-iżgurar ta' fruntieri esterni b'saħħithom, u l-impenn f'riċerka u innovazzjoni relatati mas-sigurtà. Dawk l-oġettivi huma appoġġati mill-arkitettura attwali ta' Schengen, imħaddma u miżmuma mill-eu-LISA, u se jissaħħu aktar permezz tas-sistemi l-ġodda tal-ĠAI li l-Aġenzija qed tiżviluppa bħalissa: is-Sistema ta' Dħul/Fruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN).

Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tibni wkoll **arkitettura tal-interoperabbiltà ġdida għall-qasam tal-ĠAI tal-UE** li se tintegra s-sistemi tal-IT kollha taħt il-ġestjoni operazzjonali tagħha biex ittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji madwar l-Ewropa. Barra minn hekk, fis-snin li ġejjin, l-arkitettura tal-interoperabbiltà ġdida, flimkien mas-sistemi l-ġodda, se tittrasforma l-ġestjoni tal-fruntieri permezz tad-diġitalizzazzjoni, u se twassal esperjenza bla xkiel għall-vjaġġaturi li jkunu sejrjn lejn iż-Żona Schengen (*ara the Traveller Continuum*).

<sup>14</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM (2020) 605 final.

## 1.1. Il-ġestjoni u l-evoluzzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI operattivi

Fil-biċċa l-kbira, il-ħidma tal-eu-LISA tiegħu gwida mill-Istrateġija ta' Schengen tal-Kummissjoni<sup>15</sup> u mill-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen (SEMM) rivedut,<sup>16</sup> li għandhom l-għan li jsaħħu u jtejbu r-reżiljenza taż-żona Schengen. Peress li s-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI m'ħaddma mill-eu-LISA huma miżuri ta' kumpens li jiffaċilitaw il-moviment liberu fiż-Żona Schengen, l-evoluzzjoni u l-manutenzjoni kontinwi tagħhom huma ta' importanza kbira għall-UE u l-eu-LISA. Dawn is-sistemi huma kritiċi biex jiżguraw l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-implimentazzjoni tal-politiki komuni tal-UE dwar l-ażil, il-migrazzjoni veu l-viżi fil-fruntieri estemi. L-Aġenzija tiżgura li l-persunal awtorizzat kollu jista' jkollu aċċess rapidu, bla xkiel u sistematiku għad-dettalji tal-ivvjaġġar. Fiż-żona Schengen kollha, id-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-sistemi hija essenzjali biex tiggarrantixxi l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini tal-UE, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà interna tal-Unjoni billi tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi permezz ta' skambju ta' informazzjoni affidabbli u sigur.

L-Aġenzija tappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA)<sup>17</sup> permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin<sup>18</sup> permezz tal-Eurodac, wieħed mill-istrumenti ċentrali għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Ir-Riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac, li tippermetti skambju saħansitra aktar komprensiv ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' ażil u migrazzjoni irregolari, se tiffaċilita l-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni saħansitra aktar effiċjenti madwar l-UE kif propost mill-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil tal-Kummissjoni<sup>19</sup>.

L-objettiv primarju għall-Aġenzija kien li twassal il-ġestjoni effettiva u effiċjenti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u tal-Eurodac f'konformità mar-regolamenti rilevanti u mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz (FLS), filwaqt li tiżgura wkoll id-disponibbiltà tas-sistemi mingħajr interruzzjoni.

<sup>15</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Strateġija lejn Żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ", COM (2021) 277 final.


<sup>16</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013.

<sup>17</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna ddedikata tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DG HOME).

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni), ĠU L 180, 29 ta' Ġunju 2013, p. 31–59.

<sup>19</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, COM (2020) 609 final.

Illustrazzjoni 1. The traveller continuum.



## TRADUZZJONI: infografika fil-paġna 28

<i><b>the traveller continuum</b></i>	<i><b>the traveller continuum</b></i>
<i>travel authorisation</i>	<i>awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar</i>
<i>pre-border check</i>	<i>verifika ta' qabel il-fruntiera</i>
<i>border check</i>	<i>verifika fuq il-fruntieri</i>
<i><b>departure</b></i>	<i><b>tluq</b></i>
<i>visa-required traveller</i>	<i>vjaġġatur bi ħtieġa ta' viża</i>
<i>eVISA application</i>	<i>applikazzjoni għal eVISA</i>
<i>pre-check by carrier</i>	<i>verifika minn qabel mit-trasportatur</i>
<i>visa-exempt traveller</i>	<i>vjaġġatur eżenti mir-rekwiżit ta' viża</i>
<i>ETIAS travel authorisation</i>	<i>awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tal-ETIAS</i>
<i><b>arrival</b></i>	<i><b>wasla</b></i>
<i>pre-enrolment at self-service kiosk</i>	<i>reġistrazzjoni minn qabel fil-kiosk self-service</i>
<i>automated border control (ABC) gates</i>	<i>passaġġ ta' kontroll awtomatizzat tal-fruntieri (ABC)</i>
<i>physical border control</i>	<i>kontroll fiżiku fuq il-fruntiera</i>
<i>systems and databases checked at different steps</i>	<i>sistemi u bażijiet tad-data vverifikati fi stadji differenti</i>







## Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

### Tfittxijiet u hits tas-SIS


#### Illustrazzjoni 2. SIS – tfittxijiet totali mwettqa



#### Illustrazzjoni 3. SIS – tfittxijiet medji ta' kuljum



#### Illustrazzjoni 4. SIS – hits medji kuljum




### Data maħżuna fis-SIS II

#### Illustrazzjoni 5. SIS – total ta' twissijiet maħżuna



#### Illustrazzjoni 6. SIS – diżaggregazzjoni tal-kategoriji tat-twissijiet<sup>20</sup>



- L-Istati Membri rreferew għas-SIS 12.7 biljun darba – żieda ta' 82 % mill-2021.
- L-għadd medju ta' tfittxijiet kuljum laħaq il-35 miljun fl-2022.
- Aktar minn 70 miljun twissija kienu relatati ma' dokumenti maħruġa (eż. passaporti, karti tal-identità).
- L-Uffiċċji ta' SIRENE ipproċessaw aktar minn 263 000 hit dwar twissijiet barranin, żieda ta' 18 % mill-2021.
- Fi tmieni l-2022, l-għadd totali ta' twissijiet dwar persuni kien ta' 1 002 342, żieda ta' 4,17 % mill-2021.
- Tħassru 6.5 miljun twissija dwar titoli u mezz ta' pagament mhux bi flus kontanti.

<sup>20</sup>Il-kategorija ta' twissija ta' "Dokumenti maħruġa" tirreferi għal dokumenti tal-identità, bħal passaporti, karti tal-identità, permessi ta' residenza, dokumenti tal-ivvjaġġar u liċenzji tas-sewqan li jkunu nsterqu, ġew miżapproprijati, mitlufa jew invalidati jew huma maħsuba li huma tali dokument iżda li huma foloz, skont l-Artikolu 38(2)(l) tar-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim ul-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ĠU L 312, 7 ta' Diċembru 2018, p. 56–106.

### 1.1.1. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

Immedija fl-1995, is-SIS tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali Ewropej (prinċipalment l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-kontroll tal-fruntieri, id-dwana u l-viża) għall-finijiet tal-kondiviżjoni u l-konsultazzjoni ta' twissijiet dwar persuni u oġġetti, eż. persuni mfittxija jew nieqsa, oġġetti mitlufa jew misruqa (eż. dokumenti tal-identità, vetturi), rifjut ta' dħul jew soġġom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fiż-żona Schengen, eċċ.

Matul is-snin, is-SIS għaddiet minn diversi evoluzzjonijiet biex iżżid funzjonalitajiet ġodda. Fl-2018, il-kapaċità ta' tiftix bijometriku – **Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS)** – ġiet introdotta biex tippemmetti l-identifikazzjoni ta' persuni ta' interess biss abbażi tal-informazzjoni tal-marki tas-swaba' tagħhom miżjuda mal-mandati ta' arrest Ewropej, li jikkontribwixxu direttament għall-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali madwar l-Unjoni.

Illum, is-SIS kibret fl-akbar u l-aktar sistema ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni użata tal-UE għall-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna, li tikkostitwixxi wieħed mill-**pedamenti taż-żona Schengen**. L-adozzjoni **tar-Regolamenti tas-SIS Riformulati** fi tmiem l-2018 wasslet għal fażi ewlenija tal-iżvilupp ta' twissijiet u funzjonalitajiet ġodda, li laħqu l-qofol tagħhom bid-dħul fis-seħħ tas-SIS imġedda f'Marzu 2023.<sup>21</sup>

L-Aġenzija assument ir-responsabbiltà għall-ġestjoni operattiva tas-sistema f'Mejju 2013, u hija responsabbli biex tiżgura l-prestazzjoni u l-evoluzzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tagħha. Fl-2022, l-oġġettivi ewlenin tal-eu-LISA kienu li tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tas-sistema u twettaq l-evoluzzjonijiet meħtieġa, filwaqt li tfejji wkoll is-SIS għall-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà.

#### Operazzjoni

**Sistema ċentrali tas-SIS.** Matul l-2022, id-disponibbiltà tas-sistema baqgħet għolja b'99.94 %, b'98.98 % ħin tar-rispons, kemxejn taħt il-mira minima ta' 99 %. Madankollu, minħabba diversi inċidenti kritiċi elenkati hawn taħt, il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema kienet taħt il-miri mistennija:

- fi Frar, żewġ attivitajiet ta' manutenzjoni mhux imħabbra fuq in-network TESTA-ng ikkawżaw qtuġh għal disa' Stati Membri;
- fit-13 ta' Frar, kaxxa kriptografika bil-ħsara fi Stat Membru wieħed imblukkat messaġġi fuq is-SIS SIRENE Mail<sup>22</sup> għad-durata ta' 22 siegħa, li affettwat diversi Stati Membri, inklużi n-Norveġja, ir-Rumanija, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, u Franza;
- fil-15 ta' Marzu, is-sistema ċentrali tas-SIS ma kinitx disponibbli għal sagħtejn minħabba ħsara fl-apparati tan-network;
- fit-30 ta' Ġunju 2022, seħħ inċident eżatt wara l-implimentazzjoni ta' rilaxx ġdid (21\_R1). Fil-jiem ta' wara, l-eu-LISA ħadmet mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, u mal-President tal-Grupp Konsultattiv tas-SIS biex tistabbilizza s-sistema u tiffoka fuq id-disponibbiltà tal-funzjonalità tat-tiftix. Sal-5 ta' Lulju, il-konfigurazzjoni u l-operazzjonijiet tas-SIS ġew irrestawrati kompletament. Matul l-inċident, kien hemm degradazzjoni severa tas-servizzi, li kellha impatt prinċipalment fuq il-ħolqien/l-aġġornament/it-tħassir tal-funzjonalitajiet tas-sistema. Il-mistoqsijiet għat-tfittxija baqgħu disponibbli, għalkemm bi prestazzjoni mnaqqsa.

F'Mejju 2022, l-eu-LISA ppreżentat ir-riżultati tal-istudju tal-impatt li esplora l-possibbiltajiet għal żieda fid-daqs tal-fajls (fil-format binarju) mehmuża mat-tranżazzjonijiet tas-SIS (eż. fajls tal-marki tas-swaba' jew dokumenti skennjati). Wara li kisbet l-approvazzjoni mill-Grupp Konsultattiv tas-SIS, l-Aġenzija nediet proġett biex tfejji s-SIS għall-użu ta' **fajls fil-format binarju**.

<sup>21</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2023) "**Unjoni tas-Sigurtà: Is-SIS imġedda tidħol fis-seħħ**", stqarrija għall-istampa, IP/23/1505, 7 ta' Marzu 2023.

<sup>22</sup> SIRENE Mail hija mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni għal konsultazzjoni bejn l-Uffiċċji SIRENE nazzjonali (punti ta' kuntatt nazzjonali, li joperaw fuq bażi 24/7) fir-rigward ta' informazzjoni supplimentari relatata mat-twissijiet tas-SIS.

Ir-Regolamenti tas-SIS Riformulati kienu jinkludu dispożizzjonijiet ġodda għar-reġistrazzjoni ta' twissijiet dwar **mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti**, li kienu jikkostitwixxu kategorija ta' twissija separata: titoli u mezzi ta' pagament.<sup>23</sup> Sabiex timplimenta dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda, bejn Marzu u Novembru 2022, l-eu-LISA ħassret madwar 6.5 miljun twissija dwar titoli u mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti maħżuna fis-SIS mingħajr ma affettwat il-funzjonament normali tas-sistema għall-Istati Membri.

**Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS).** Matul l-2022, l-eu-LISA operat u żammet il-komponent bijometriku tas-SIS, u rreġistrat l-inċidenti li ġejjin:

- fil-31 ta' Marzu, is-sistema ġarrbet inċident, li għamilha mhux disponibbli għal siegħa u nofs;
- fl-4 ta' Ottubru, is-sistema ċentrali sofriet indisponibbiltà tas-servizz komplet, li damet għal siegħa, minħabba li tiftet il-konnessjoni ma' 24 server;
- fil-31 ta' Ottubru, il-funzjonalità tat-tfittxija bijometrika ma kinitx disponibbli għal sagħtejn minħabba ħsara fil-komponent.

**Eżerċizzju ta' Sigurtà tas-SIS II 2022.** L-eżerċizzju twettaq fis-27 ta' Ottubru 2022, b'enfasi fuq is-sistema ċentrali (li tinkludi elementi ta' kontinwità tal-operat u linji ta' azzjoni orizzontali oħrajn). Ix-xenarju kien ibbażat fuq tliet avvenimenti li affettwaw 15-il tim differenti, li taw kontribut siewi lill-eu-LISA għat-titjib tat-teknoloġija, it-taħriġ, il-politika u l-proċess, kif ukoll il-metodoloġija tal-eżerċizzju.

Fl-2022, l-eu-LISA ħadmet mill-qrib ukoll ma' Ċipru dwar it-tnejn meħtieġa biex din taqbad mas-sistema. Ċipru ser jaqbad mas-SIS fit-tieni kwart tal-2023, f'konformità mad-deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill.

## L-użu tas-sistema

**Sistema ċentrali tas-SIS.** Fl-2022, l-użu tas-sistema żdied b'mod sinifikanti, billi rreġistra 12.7-il biljun mistoqsija mill-Istati Membri, li jikkostitwixxu żieda ta' 82 % meta mqabbel mal-2021. L-għadd medju ta' tfittxijiet ta' kuljum laħaq il-35 miljun, meta mqabbel ma' madwar 20 miljun fl-2021, u 18-il miljun fl-2019, qabel il-pandemija. Din iż-żieda kienet xprunata l-aktar minn żieda qawwija fit-tfittxijiet awtomatizzati li żdiedet minn 4 biljuni fl-2021 għal 8.3 biljuni fl-2022. Xi wħud minn dawk it-tfittxijiet huma attribwibbli għal sistemi ta' rikonossiment awtomatiku tal-pjanċi (ANPR), kif irrapportat mill-Belġju u min-Netherlands, kif ukoll għal mistoqsijiet awtomatizzati minn sistemi ta' Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri (API). L-għadd medju ta' hits ta' kuljum (jiġifieri, meta tfittxija twassal għal twissija u l-awtoritajiet jikkonfermawha) laħaq 722, meta mqabbel ma' 611 fl-2021 (żieda ta' 18 %), u 777 fl-2019.

**Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS).** L-użu tal-AFIS tas-SIS kompli jkber b'mod rapidu fl-2022, bl-għadd totali ta' tfittxijiet jiżdied b'aktar minn tliet darbiet meta mqabbel mal-2021, u b'hekk ġiet ikkonfermata r-rilevanza akbar ta' dawn il-funzjonalitajiet għall-Istati Membri. Skont ir-Regolamenti tas-SIS Riformulati, l-Istati Membri kollha kienu meħtieġa jippermettu l-funzjonalità tat-tfittxija tal-marki tas-swaba' AFIS tas-SIS sa tmiem l-2020. Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet tappoġġa lill-Istati Membri li fadal fl-isforzi tagħhom biex jużaw din il-funzjonalità, bi Franza tissieħeb f'Jannar u l-Finlandja f'Awwiissu. Sal-aħħar tas-sena, l-Istati Membri kollha kienu qed jużaw din il-funzjonalità, minbarra l-Polonja u l-Estonja, minkejja li kisbu stat ta' tnejn teknika.

## L-aġġornament u l-evoluzzjoni tas-SIS

### Implimentazzjoni tar-Regolamenti tas-SIS Riformulati

Ir-Regolamenti tas-SIS Riformulati, adottati f'Novembru 2018, espandew l-ambitu tal-funzjonalitajiet tas-sistema billi introduċew kategoriji addizzjonali ta' twissijiet u billi espandew il-lista ta' oġġetti li għalihom jistgħu jinħarġu twissijiet. Dan il-pass immarka evoluzzjoni kbira għas-SIS u espanda l-kontribut tal-eu-LISA għall-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà. Bħala riżultat tal-isforzi konġunti tal-eu-LISA, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, is-SIS imġedda daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2023, b'dewmien ta' madwar sena meta mqabbel mal-pjan inizjali.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija ffukat fuq il-**finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti tas-SIS Riformulati** billi ħejjiet u ttestjat ir-rilaxxi finali, jiġifieri, it-testijiet ta' aċċettazzjoni tas-sistema ċentrali,

<sup>23</sup>Twissijiet dwar "titoli u mezzi ta' pagament bħal ċekkijiet, karti ta' kreditu, bonds, stokks u ishma li ġew misruqa, miżapproprjati, mitlufa jew invalidati" ġew irreġistrati fis-SIS, f'konformità mal-Artikolu 38(1)(h) tad-**Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/JHA** tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II).

it-testijiet tal-migrazzjoni tad-*data*, u t-testijiet ta' konformità għas-sistemi nazzjonali. Madankollu, il-proċess ta' ttestjar kien fit-tul, u dan wassal biex l-eu-LISA taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex timmonitorja s-sitwazzjoni u ttaffi d-dewmien. Il-bidla għall-verżjoni l-ġdida tas-SIS kienet ipplanata li ssejtn fl-istess ħin għall-Istati Membri kollha, mingħajr ebda għażla ta' riżerva għall-verżjoni preċedenti. Għalhekk, kien kruċjali li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha kienu lesti u kellhom biżżejjed żmien biex iħejju għat-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida.

Fis-16 ta' Novembru, tliet Stati Membri kienu għadhom qed jistennew li jlestu t-testijiet tagħhom, u dan wassal lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA biex jissottometti propożta lill-Kunsill tal-ĠAI biex jipposponi d-dħul fis-sejtn tas-SIS imġedda sa mhux aktar tard mis-7 ta' Marzu 2023.<sup>24</sup> Din id-deċiżjoni ġiet approvata fil-laqgħa tal-Kunsill ĠAI fit-8 ta' Diċembru 2022.<sup>25</sup> Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri bl-evoluzzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom, l-eu-LISA topera s-simulatur tas-sistema ċentrali tas-SIS li ġie aġġornat darbtejn fl-2022.

**L-Uffiċċji SIRENE.** L-Istati Membri kollha li joperaw is-SIS stabbilew Uffiċċji nazzjonali ta' SIRENE (Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali), responsabbli minn kwalunkwe skambju ta' informazzjoni supplimentari u koordinazzjoni ta' attivitajiet relatati mat-twissijiet tas-SIS.<sup>26</sup> L-Uffiċċji ta' SIRENE jużaw l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS biex jiskambjaw b'mod sigur informazzjoni supplimentari. Din il-funzjonalità tiġi addattata mill-eu-LISA bl-użu tas-servizz ta' SIS II Mail Relay. Matul is-sena, l-eu-LISA ħadmet mal-esperti nazzjonali ta' SIRENE biex tħejji u tittestja l-funzjonalitajiet il-ġodda tas-SIS qabel id-dħul fis-sejtn tagħhom.

Bħala parti mill-proġett ta' Riformulazzjoni tas-SIS, l-eu-LISA kienet responsabbli mit-tħejjija tad-dokumentazzjoni dwar l-**Iskambju ta' Data Bejn l-Uffiċċji SIRENE** (DEBS), sett ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jiddefinixxu l-proċess. Matul is-sena, id-dokumentazzjoni DEBS ġiet aġġornata diversi drabi biex tirrifletti l-funzjonalitajiet il-ġodda li jirriżultaw mir-Regolamenti tas-SIS Riformulati u mwassla lill-Istati Membri. L-Aġenzija kkollaborat ukoll mal-Istati Membri dwar l-aġġornament tal-listi tal-uffiċċji Nazzjonali tas-SIS u tal-Uffiċċji SIRENE, u mal-lista ta' awtoritajiet kompetenti awtorizzati li jfittxu d-*data* fis-SIS direttament, f'konformità mal-qafas legali l-ġdid. Filwaqt li jitqies id-dewmien fl-implimentazzjoni tas-SIS riveduta, din il-lista ġiet ippubblikata fis-7 ta' Marzu 2023.<sup>27</sup>

Minn Diċembru 2022, l-eu-LISA implimentat verżjoni aġġornata tal-**Manwal tal-Operaturi tas-SIS**, li jinkludi diversi titjib li riżulta mit-tagħlimiet meħuda, eż. l-istabiliment tar-rwol tal-Koordinatur tal-Inċidenti Kritiċi wara l-inċident kritiku li seħħ f'Ġunju 2022.

**Implimentazzjoni tal-Fażi 2 tal-AFIS tas-SIS.** Fl-2019, l-eu-LISA nediet il-proġett tal-fażi 2 tal-AFIS, li jkopri l-estensjoni tas-sistema bijometrika għas-SIS imġedda. Il-proġett jgħaqqad it-titjib fil-prestazzjoni ma' funzjonalitajiet bijometriċi ġodda li jirriżultaw mir-Regolamenti tas-SIS Riformulati, eż. l-inklużjoni ta' marki tal-pala tal-id u ta' marki latenti (impressjonijiet fuq wiċċ).

Fl-2022, l-Aġenzija ffinalizzat l-**aġġornament tal-arkitettura tal-AFIS** meħtieġ biex jippermetti t-tieni fażi tal-implimentazzjoni tal-AFIS. Il-hardware l-ġdid ġie installat fil-produzzjoni fid-29 ta' Ġunju. Minħabba inċident bejn

id-29 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju, is-sistema saret kompletament aċċessibbli għall-Istati Membri fl-4 ta' Lulju 2022 filgħaxija. L-Aġenzija lestiet it-testijiet kollha meħtieġa għall-aġġornamenti għall-fażi 2 tal-AFIS, li ġiet implimentata f'Marzu 2023 bħala parti mid-dħul fis-sejtn tas-SIS imġedda.

**Magna tat-tiftix ġdida.** Objettiv importanti ieħor għall-2022 kien l-użu ta' magna tat-tiftix ġdida għas-SIS – Elasticsearch, li hija mistennija li twassal għal żieda ta' 10 darbiet f'termini ta' kapaċità ta' tiftix, filwaqt li tnaqqas ukoll b'mod sinifikanti n-nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema matul il-bidla bejn l-unitajiet ċentrali u dawk ta' riżerva. L-objettiv għall-2022 kien il-**migrazzjoni tas-sistemi nazzjonali** għall-magna tat-tiftix il-ġdida. Il-migrazzjoni eventwalment tlestiet fis-7 ta' Novembru. Minħabba d-*data* tat-tnejn l-ġdida għas-SIS imġedda, l-eu-LISA kompliet taħdem fuq l-aġġornament ta' Elasticsearch. L-aġġornamenti ta' Oracle, li huma wkoll parti mill-proġett, ġew posposti għal rilaxxi futuri.

**Verifiki tal-konsistenza tad-*data*.** Il-funzjonament xieraq tas-SIS jirrikjedi t-tweqqif ta' **verifiki tal-konsistenza tad-*data* regolari** (DCC)<sup>28</sup> biex jiġi żgurat li s-sistema ċentrali u l-kopji nazzjonali jibqgħu sinkronizzati (eż.,

<sup>24</sup> Id-deċiżjonijiet tad-**39 laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA**, 16/17 ta' Novembru 2022.

<sup>25</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web tal-Kunsill li jagħti dettalji dwar l-**eżiti tal-laqgħa tal-Kunsill ĠAI tat-8/9 ta' Diċembru 2022**.

<sup>26</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għas-sit web iddedikat tal-Kummissjoni dwar il-**kooperazzjoni SIRENE**.

<sup>27</sup> Il-listi tal-awtoritajiet kompetenti li huma awtorizzati jwettqu tftixxijiet diretti fis-SIS, flimkien mal-lista tal-Uffiċċji Nazzjonali tas-SIS u tal-Uffiċċji nazzjonali SIRENE, ġew ippubblikati f'**Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, Vol 66, C 85, 7 ta' Marzu 2023**.

<sup>28</sup> **Il-verifiki tal-konsistenza tad-*data*** (DCC) huma proċedura għall-aġġornament tal-bażijiet tad-*data* nazzjonali. Dan isir billi jiġi vverifikat li t-twissijiet, il-konnessjonijiet u l-binarij tal-kopji nazzjonali jkunu sinkronizzati b'mod sħiħ mas-sistema ċentrali.

wara skonnessjoni temporanja ta' sistema nazzjonali). F'Ġunju 2022, l-Aġenzija laqgħet il-kapaċità li tħaddem sa żewġ DCCs simultanji kuljum,<sup>29</sup> u tejbet b'mod sinifikanti l-proċess tal-iżgurar tal-konsistenza tad-*data* bejn is-sistema ċentrali u l-kontropartijiet nazzjonali fl-Istati Membri. Fit-tieni parti tas-sena, il-proġett DCC għe sospiż minħabba kontinġenzi mas-SIS imġedda u huwa mistenni li jerġa' jibda fl-2023.

### Prontezza għall-interoperabbiltà

**Interkonnessjoni tas-SIS mal-ETIAS.** Il-kuntratt għall-fażi tal-analiżi u tad-disinn għe ffirmat fit-18 ta' Jannar. L-eu-LISA ħadmet fuq il-korrispondenza tad-*data* tal-identità għall-fini ta' detezzjoni ta' identitajiet multipli.

**Interkonnessjoni tas-SIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà.** Għaddejnin tnejn fuq kuntratt biex jinbeda l-proġett għal sBMS, ESP, MID u CRRS. Madankollu, sa tmiem l-2022, l-ICD tal-Interoperabbiltà tas-SIS ma ngħatax lill-Istati Membri. Matul dan iż-żmien, l-eu-LISA bdiet tħejji wkoll il-migrazzjoni tal-funzjonalitajiet tal-AFIS tas-SIS għal sBMS.



## Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

- L-operazzjonijiet totali tal-VIS żdiedu b'mod sinifikanti (88 %) meta mqabbla mal-2021, u laħqu 152 miljun. Madankollu, l-użu jibqa' taħt il-livelli prepandemiċi ta' 294 miljun (2019).
- 56.7 miljun applikazzjoni għal viża maħżuna fil-VIS.
- 51.5 miljun sett ta' marki tas-swaba' u 56.7 miljun immaġni tal-wiċċ maħżuna fil-VIS.

### Data maħżuna fil-VIS

Illustrazzjoni 7. VIS – applikazzjonijiet totali tal-viża maħżuna




Illustrazzjoni 8. VIS – total ta' marki tas-swaba' maħżuna




### Operazzjonijiet fuq il-fruntieri fuq bl-użu tal-VIS

Illustrazzjoni 9. VIS – operazzjonijiet totali tal-fruntieri




Illustrazzjoni 10. VIS – viżi totali maħruġa




<sup>29</sup> Wara d-dħul fis-seħħ tas-SIS imġedda f'Marzu 2023, jistgħu jitħaddmu sa erba' DCCs paralleli kuljum.


### Illustrazzjoni 11. VIS – operazzjonijiet tal-fruntieri kull xahar (2017-2022)




### Illustrazzjoni 12. VIS – viżi maħruġa fix-xahar (2016-2021)



### Illustrazzjoni 13. VIS – tfittxijiet alfanumeriċi totali



### Illustrazzjoni 14. VIS – tfittxijiet bijometriċi totali



## 1.1.2. Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2011, u ilha topera madwar id-dinja minn Frar tal-2016. Bħala waħda mill-elementi ewlenin taż-żona Schengen, il-VIS tgħaqqad il-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni tal-UE mal-konsulati tal-Istati Membri f'pajjiżi mhux tal-UE u tappoġġa lill-awtoritajiet tal-viża fil-ġestjoni ta' viżi għal soġġom qasir għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi (TCNs) li jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen jew li jgħaddu minnha.

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tinkludi **sistema ta' tqabbil bijometriku (BMS)**, li tippermetti lill-awtoritajiet tal-fruntiera jivverifikaw l-identità tat-TCNs li jivvjaġġaw lejn l-UE. Barra minn hekk, il-VIS tappoġġa l-ġlieda kontra l-frodi tal-viża billi tassisti fl-identifikazzjoni ta' persuni li ma jistgħux jew li ma għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġom jew għar-residenza fiż-żona Schengen. Barra minn hekk, il-VIS tappoġġa l-identifikazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna.

Ir-Regolament tal-VIS riformulat ġie adottat f'Lulju 2021, u żied funzjonalitajiet ġodda, l-aktar importanti, viżi għal soġġom twil u permessi ta' residenza.<sup>30</sup> L-implimentazzjoni ta' dawn il-funzjonalitajiet ġodda teħtieġ tfassil mill-ġdid tal-proċessi tan-negozju tal-VIS u aġġornament sinifikanti tas-sistema ċentrali. Wara l-adozzjoni tar-regolament il-ġdid, l-eu-LISA pprovdiet appoġġ tekniku lill-Kummissjoni fit-tnejn ta' leġiżlazzjoni sekondarja.

## Operazzjoni

Matul l-2022, il-prestazzjoni tas-**sistema ċentrali tal-VIS** baqgħet fi ħdan il-miri tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz. Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS kienet ta' 99.63 %, u l-indikatur ta' prestazzjoni tal-ħin tar-rispons kien ta' 99.70 %. Il-funzjonalità tal-VIS Mail kienet imħaddma b'suċċess ukoll matul il-perjodu ta' rapportar.

Is-sistema ma kinitx disponibbli minħabba l-inċidenti li ġejjin:

- fl-1 ta' Jannar, il-BMS iltaqgħet ma' bug relatat mal-bidla tas-sena, li rriżulta fin-nuqqas ta' disponibbiltà sħiħa tas-servizz bijometriku għal durata ta' 21:59 siegħa. Is-servizzi relatati mal-VIS ġew affettwati biss għal siegħa u nofs minħabba bidla għall-unità ċentrali ta' riżerva u kommutazzjoni għall-unità ċentrali wara individwazzjoni ta' soluzzjonijiet u pjan tentattiv biex jiġi restawrat is-servizz tal-BMS;
- fl-14 ta' Ottubru, il-VIS iffaċċjat degradazzjoni severa fil-prestazzjoni. Għalkemm is-servizz kien disponibbli, ma kienx f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz. Sabiex tiġi restawrata l-prestazzjoni, twettqet kommutazzjoni għall-unità ċentrali ta' riżerva, li rriżultat fi 30 minuta ta' qtugħ fil-VIS/BMS. Il-kawża ewlenija tad-dewmien tal-unità ċentrali ġiet ikkawżata minn diska difettuża fil-memorja.

Minbarra dawn l-inċidenti, il-ftit każijiet ta' nuqqas ta' disponibbiltà tas-sistema seħħew fil-kuntest tal-implimentazzjonijiet tar-rilaxx.

L-Aġenzija implimentat b'suċċess il-**pjan ta' rilaxx tal-VIS għall-2022**, li jikkonsisti f'żewġ rilaxxi:

- f'Mejju, ġie implimentat rilaxx ta' manutenzjoni adattiv, li jinkludi diversi aġġornamenti sabiex tittejjja l-interoperabbiltà futura mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES);  
f'Settembru, l-eu-LISA implimentat rilaxx korrettiv u adattiv, li jinkludi soluzzjonijiet relatati mal-problemi mqajma mill-Istati Membri.

Matul il-ħarifa, l-Aġenzija bdiet taħdem mal-Istati Membri dwar id-disponibbiltà ta' ambjenti tal-ittejtjar. Id-disponibbiltà tal-ambjenti tal-ittejtjar hija importanti b'mod partikolari għall-Istati Membri, peress li jeħtiġuhom għal diversi kompiti, bħall-ittejtjar ta' implimentazzjonijiet nazzjonali ġodda jew l-iżviluppi ġodda relatati mal-evoluzzjoni tas-sistema. Peress li diversi iżviluppi ġodda jistgħu jsiru fl-istess ħin, id-disponibbiltà ta' ambjenti tal-ittejtjar tista' tkun ostaklu li jaffettwa l-iskeda tal-proġetti.

Minn Settembru, l-eu-LISA bdiet taħdem ukoll mal-Istati Membri dwar it-tnejn ta' **eżerċizzju tal-VIS dwar is-sigurtà u l-kontinwità tal-operat**, li huwa skedat għal Ottubru 2023.

**Il-Kroazja.** Fit-8 ta' Diċembru 2022, il-kunsill ĠAI approva l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen fil-Kroazja. B'riżultat ta' dan, il-verifiki fuq il-fruntieri interni tal-art u tal-baħar bejn il-Kroazja u l-pajjiżi l-oħrajn ta' Schengen tneħħew fl-1 ta' Jannar 2023, segwiti mill-fruntieri interni tal-ajru fis-26 ta' Marzu 2023 biex jallinjaw mal-prattiki tal-avjazzjoni.<sup>31</sup> Skont id-deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kroazja ngħatat ukoll aċċess sħiħ għall-VIS mill-1 ta' Jannar 2023. B'antiċipazzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-eu-LISA u l-Kroazja kienu żiedu l-kollaborazzjoni tagħhom fl-aħħar xhur tal-2022 biex jiżguraw tranżizzjoni b'suċċess. Għalkemm il-Kroazja kienet diġà lestiet it-testijiet tal-VIS u tal-VIS Mail<sup>32</sup> fl-2016 u fl-2017, l-istess testijiet reġgħu saru f'Novembru u f'Diċembru. Barra minn hekk, l-Aġenzija organizzat taħriġ għall-operaturi Kroati tal-VIS. B'riżultat ta' dan, il-Kroazja kisbet aċċess sħiħ għall-VIS fl-1 ta' Jannar 2023.

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tas-7 ta' Lulju 2021 għall-finijiet tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11.

<sup>31</sup> Kunsill tal-ĠAI (2022) "Żona Schengen: Il-Kunsill jiddeċiedi li jneħħi l-verifiki fuq il-fruntieri mal-Kroazja", stqarrija għall-istampa, 8 ta' Diċembru 2022.

<sup>32</sup> VIS Mail: mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni użat mill-awtoritajiet nazzjonali tal-viża għal konsultazzjonijiet relatati mal-applikazzjonijiet għal viża ta' Schengen.

## L-użu tas-sistema

Normalment, l-operazzjonijiet tal-VIS isegwu xejra staġjonali, u jilhqqu l-quċċata fix-xhur tas-sajf. Fil-bidu tal-2022, il-livelli tal-użu baqgħu komparabbli ma' dawk tal-2021. Madankollu, minn Ġunju 'l quddiem, kien hemm żieda sinifikanti li damet sa Settembru, u laħqet il-livelli ta' qabel il-COVID-19 (aktar minn 15-il miljun operazzjoni fix-xahar) matul ix-xhur tas-sajf. Madankollu, it-total globali għall-2022 kien aktar baxx. Il-gwerra fl-Ukrajna kellha impatt limitat fuq l-użu tal-VIS.

L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-viża u marki tas-swaba' maħżuna kompli jonqos, wara xejra li bdiet fl-2020.<sup>33</sup> Madankollu, l-għadd ta' applikazzjonijiet għal viża u viżi maħruġa rdoppja fl-2022 meta mqabbel mal-2021, b'total ta' 7.4 miljun applikazzjoni għal viża pproċessati meta mqabbel ma' 3 miljuni fl-2021. Madankollu, dawn iċ-ċifri jibqgħu ferm aktar baxxi milli fl-2019, meta dak l-għadd kien ta' 17-il miljun.

Fl-2022, il-volum ta' tfittxijiet alfanumeriċi u bijometriċi u ta' awtentikazzjonijiet bijometriċi kompli jiżdied, iżda xorta kien ferm inqas mill-valuri osservati qabel il-pandemija tal-COVID-19. Matul il-perjodu ta' rapportar, it-tfittxijiet alfanumeriċi saru f'medja ta' 0.36 sekonda, bi prestazzjoni mistennija ta' 30 sekonda, u l-awtentikazzjonijiet bijometriċi f'medja ta' 0.85 sekonda, bi prestazzjoni mistennija ta' 3 sekondi, b'hekk intlaħqet il-prestazzjoni mistennija.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-EES, u bħal fis-snin preċedenti, l-eu-LISA kompliet tikkondividi mal-Istati Membri l-analiżi tal-użu baxx ta' verifiki tal-marki tas-swaba' fil-qsim tal-fruntieri, li jista' jħalli impatt fuq il-valur miżjud tal-interoperabbiltà, u jipperikola, b'mod partikolari, l-effettività tal-EES. Dan is-suġġett se jiġi segwit mill-Grupp Konsultattiv tal-VIS u mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA.

## Aġġornament u evoluzzjoni tal-VIS

Wara l-adozzjoni tar-Regolament VIS rivedut f'Lulju 2021, is-sistema għaddejja minn bidliet kbar. Minn naħa waħda, il-VIS jeħtieġ li tiġi aġġornata biex jiġi żgurat li s-sistema tissodisfa r-rwol kritiku tagħha permezz tal-interoperabbiltà tagħha ma' sistemi oħrajn tal-ĠAI, b'mod partikolari l-EES u l-ETIAS. Min-naħa l-oħra, se jiżdiedu funzjonalitajiet ġodda skont ir-Regolament VIS Rivedut, bħal viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza. Għal dak il-għan, l-eu-LISA bdiet l-2022 billi nediet żewġ proġetti biex tistruttura l-evoluzzjoni tas-sistema: il-**proġett tal-VIS Rivedut** u l-proġett tal-**interoperabbiltà tal-VIS**, inkluż l-istabbiliment ta' konnessjonijiet diretti bejn il-VIS u l-EES, kif ukoll bejn il-VIS u l-ETIAS. F'Ġunju 2022, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA ddeċieda li jappoġġa l-allinjament tal-iskedi għal dawn iż-żewġ proġetti biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-Istati Membri jkollhom jibdli s-sistemi nazzjonali tagħhom darbtejn.

## VIS Riveduta

Sabiex jiġu akkomodati l-funzjonalitajiet il-ġodda li jirriżultaw mir-reviżjoni leġiżlattiva, il-proċessi tan-negozju tal-VIS se jkollhom jiġu mfassla mill-ġdid, li se jkun jirrikjedi aġġornament sinifikanti tas-sistema ċentrali.

Fil-bidu tal-2022, il-proġett tal-VIS Rivedut beda bil-ġbir tar-rekwiżiti, bit-tfejjija tal-każijiet ta' użu kummerċjali u bl-abbozzar tad-dokument ta' kontroll tal-interfaċċa, b'żewġ iterazzjonijiet tad-dokumenti kkompletati flimkien mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. L-Aġenzija pprovdiet ukoll appoġġ tekniku lill-Kummissjoni għat-tfejjija ta' leġiżlazzjoni sekondarja. Madankollu, sa tmiem l-2022, tliet atti ta' implimentazzjoni kritiċi kienu għadhom mhux disponibbli, peress li kienu jeħtieġu aktar diskussjoni mal-Istati Membri.

## Prontezza għall-interoperabbiltà

Sabiex tittejjeb u tiġi ssimplifikata l-effiċjenza tal-verifiki fuq il-fruntieri, ir-Regolament VIS Rivedut jipprevedi l-istabbiliment ta' interoperabbiltà bejn il-VIS u l-EES, kif ukoll bejn il-VIS u l-ETIAS.

<sup>33</sup> Id-*data* tinħażen fil-VIS għal mhux aktar minn 5 snin, li jibded jgħoddu jew mid-data ta' skadenza, minn deċiżjoni negattiva, jew minn deċiżjoni għall-modifika tal-viża.



**L-interoperabbiltà tal-VIS-EES** Sabiex ikun jista' jsir l-irkupru awtomatizzat ta' data relatata mal-viża mill-VIS, irid jiġi stabbilit kanal ta' komunikazzjoni dirett bejn iż-żewġ sistemi għall-aġġornament tad-*data* rispettiva fl-EES. Dan se jippermetti lill-awtoritajiet tal-fruntieri jaċċessaw informazzjoni relatata mal-viża mill-VIS u jimportawha fl-EES (eż., il-validità tal-viża u l-verifika tal-identità), u min-naħa l-oħra, jippermetti lill-awtoritajiet tal-viża jikkonsultaw l-EES meta jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal viża.

Wara li kkompletat l-iżvilupp ta' **mikroservizzi** li jippermettu l-interoperabbiltà VIS-EES fil-bidu tal-2022, l-eu-LISA ffukat fuq l-ittestjar komuni ta' soluzzjonijiet u fuq it-tweġġ ta' testijiet mal-Istati Membri. Madankollu, lejn l-aħħar tas-sena, id-**dewmien li affettwa l-programm ta' żvilupp tal-EES** ipprevjena l-proċediment b'ittestjar tal-integrazzjoni sfiħ.

L-Aġenzija kompliet bit-tweġġijiet u t-testijiet għall-**migrazzjoni tal-funzjonalità tat-tiftix bijometriku tal-VIS għal sBMS**. L-integrazzjoni funzjonali tal-VIS-sBMS tlestiet fl-2022, u twettqu diversi testijiet bi tnejn għall-attivitajiet ta' migrazzjoni tad-*data* li se jkomplu fl-2023.

**L-interoperabbiltà mal-ETIAS**. Sabiex ikunu jistgħu jsiru tfittxijiet simultanji fil-VIS u fl-ETIAS, trid tiġi stabbilita konnessjoni tal-interoperabbiltà bejn il-VIS u l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP). Dan l-obbligu ġie introdott mill-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS, adottati f'Lulju 2021.<sup>34</sup>

**Il-konnessjoni tal-VIS mas-CRRS**. L-Aġenzija bdiet l-iżvilupp ta' interfaċċa komuni bejn il-VIS u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS).

L-Aġenzija bdiet taħdem fuq **l-interkonnessjoni tal-VIS-ETIAS**, u fuq **l-interoperabbiltà tal-VIS mas-CIR, I-ESP, il-MID u s-CRRS**. Għal dak il-għan, l-eu-LISA bdiet bil-ġbir tar-rekwiżiti u ħejjiet il-każijiet ta' użu kummerċjali u d-dokument ta' kontroll tal-interfaċċa. L-ewwel verżjonijiet tad-dokumenti tekniċi ġew ippreżentati lill-Istati Membri għal rieżami u ġew approvati.


---

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1152 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE għall-finijiet tal-ETIAS, ĠU L 249, 14.7.2021, p. 15–37.



## Data trażmessa permezz tas-sistema Eurodac

### Illustrazzjoni 15. Traffiku totali tal-Eurodac




### Illustrazzjoni 16. Traffiku tal-Eurodac għal kull kategorija fl-2022<sup>35</sup>


- Kategorija 1: 950 768 (64%)
- Kategorija 2: 192 121 (13%)
- Kategorija 3: 337 382 (23%)
- Kategorija 5: 53 (0%)
- Kategorija 4: 1 491 (0%)




### Illustrazzjoni 17. Applikanti għall-ażil (kategorija 1)




### Illustrazzjoni 18. Qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri (kategorija 2)




### Illustrazzjoni 19. Preżenza illegali (kategorija 3)



### Illustrazzjoni 20. Tfittxijiet tal-Eurodac mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi (kategorija 4)



### Illustrazzjoni 21. Tfittxijiet tal-Eurodac mill-Europol (kategorija 5)



- It-traffiku ġenerali żdied bi 73 % u aktar *data* ġiet trażmessa fil-kategoriji kollha meta mqabbel mal-2021.
- Total ta' 6.5 miljun sett ta' marki tas-swaba' ġew maħżuna fl-Eurodac – żieda ta' 12 % meta mqabbel mal-2021.
- 96 % tas-settijiet ta' *data* tal-Eurodac huma relatati mal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali (kategorija 1).
- Madwar 4 % tas-settijiet ta' *data* jikkonċernaw il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri (kategorija 2).

<sup>35</sup> Illustrazzjoni 16: Il-kategoriji ta' *data* tal-Eurodac jirrigwardaw settijiet ta' *data* tal-marki tas-swaba' ta' TCNs jew ta' persuni apolidi, li għandhom 14-il sena jew aktar. L-applikanti għall-ażil tal-kategorija (1) applikanti għall-ażil, (2) qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, (3) persuni li jinstabu joqogħdu illegalment fiż-żona Schengen, (4) tfittxijiet komparattivi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, (5) tfittxijiet komparattivi mill-Europol.

### 1.1.3. Eurodac

Is-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' *Data* Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil – l-Eurodac – li ilha topera mill-2003, tappoġġa l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin<sup>36</sup> bħala wieħed mill-istrumenti li jintużaw għall-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA).<sup>37</sup> L-Eurodac tassisti lill-Istati Membri biex jiddeterminaw il-pajjiż responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil billi tqabbel il-marki tas-swaba' ta' applikant ġdid ma' daww diġà rreġistrati fil-bażi tad-*data*. Għal dan il-għan, l-Eurodac tikkontribwixxi wkoll għall-istabbiliment tal-identità tal-persuni arrestati b'konnessjoni mal-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri u ta' persuni li jinstabu li qegħdin joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom. Minn Lulju 2015, l-Aġenzija nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol għandhom ukoll il-possibbiltà, taħt kundizzjonijiet stretti u bħala l-aħħar istanza, li jaċċessaw l-Eurodac sabiex jipprevjenu, jidentifikaw jew jinvestigaw reati terroristiċi jew kriminali serji. L-eu-LISA ilha inkarigata mit-tmexxija operazzjonali tas-sistema ċentrali tal-Eurodac minn Ġunju 2013.

#### Operazzjoni

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-prestazzjoni ġenerali tas-**sistema ċentrali tal-Eurodac** baqgħet fi hdn il-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS), bi ftehim avvenimenti biss li jaffettwaw id-disponibbiltà tas-sistema. Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac kienet ta' 99.88 % u l-indikatur ta' prestazzjoni tal-ħin tar-rispons kien ogħla minn 99.99 %. Il-pandemija tal-COVID-19 kompliet taffettwa l-manutenzjoni tal-Eurodac, prinċipalment minħabba restrizzjonijiet relatati mal-preżenza fuq il-post tal-kuntratturi, li jaffettwaw il-kwalità u l-effiċjenza tal-appoġġ ta' kuljum. Id-disponibbiltà tas-sistema kienet affettwata mill-avvenimenti li ġejjin:

- fis-26 ta' Jannar, inċident fuq in-network TESTA-ng għamel l-Eurodac mhux disponibbli u waqqaf is-sinkronizzazzjoni bejn l-unità ċentrali u l-unità ċentrali ta' riżerva, li wassal għal kważi erba' sigħat u nofs ta' indisponibbiltà. B'riżultat ta' dan, 479 tranżazzjoni ġew ipproċessati b'dewmien, u l-ebda waħda ma ntilfet;
- fl-4 ta' Mejju, inċident ikkawżat minn komponent ta' rilej tal-posta mblukkat il-posta elettronika kollha għal siegħa u 45 minuta. Ma ntilfu l-ebda messaġġi. Il-kawża tal-inċident issewwiet;
- fis-26 ta' Ottubru, l-Eurodac ma pproċessatx tranżazzjonijiet relatati mal-marki tas-swaba' għal 4 sigħat. Dan affettwa disa' Stati Membri, li kienu baġtu aktar minn 500 tranżazzjoni matul l-inċident. Dawn it-tranżazzjonijiet ġew ittardjati iżda mhux mitlufa. Il-kwistjoni kienet relatata ma' tranżazzjoni ta' Stat Membru wieħed b'fajl ikkonfiguratur ħażin. Sabiex jiġu evitati inċidenti simili, l-Aġenzija segwiet b'talba għal bidla, li se tiġi implimentata fir-rilaxx li jmiss, peress li l-urġenza tal-bidla tqieset li kienet ta' livell medju.

**DubliNet** huwa network elettroniku sigur għall-iskambju ta' *data* bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jindirizzaw l-applikazzjonijiet għall-ażil. Fl-2022, il-manutenzjoni ta' DubliNet baqgħet fi hdn il-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) miftiehem, u l-eu-LISA kompliet taħdem mal-Istati Membri biex tintegraha mal-qafas ta' ġestjoni tas-servizzi tal-IT tal-Aġenzija, li jgħaqqadhom kollha mas-sistema tal-ħruġ ta' biljetti tal-eu-LISA mill-15 ta' April 2022. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħadmet ukoll mal-Istati Membri fuq it-tiġdid taċ-ċertifikati ta' DubliNet biex tiżgura l-konformità mar-rakkomandazzjoni tal-awditjar tal-EDPS. L-eu-LISA għamlet progress ukoll fuq l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjoni oħra tal-EDPS: it-tħassir fiżiku awtomatiku tal-marki tas-swaba' lil hinn mill-perjodu ta' żamma.

#### L-użu tas-sistema

Fl-2022, il-volum ta' *data* trażmessa għall-*bażi* tad-*data* tal-Eurodac żdied b'mod sinifikanti: b'mod ġenerali, laħaq aktar minn 1.4 miljun tranżazzjoni, 73 % aktar milli fl-2021, u livell komparabbli ma' dak tal-2016 (1.6 miljun), matul it-tieni sena tal-ogħla livell fil-moviment tar-refuġjati u tal-migranti. Din iż-żieda nstabt fil-kategoriji kollha tal-*bażi* tad-*data* tal-Eurodac: it-tranżazzjonijiet għall-kategorija 1 (applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali) żdiedu b'86 %, għall-kategorija 2 (qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri) b'45 %, għall-kategorija 3 (TCNs misjuba illegalment fl-Istati Membri) b'59 %, u għall-kategoriji 4 u 5 (tfittxijiet mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, fl-Istati Membri u mill-Europol) b'231 %).

<sup>36</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformalazzjoni), ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31–59

<sup>37</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna ddedikata tad-DĠ HOME dwar is-**Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil**.

L-għadd ta' rekords mażżuna fil-bażi tad-*data* tal-Eurodac kompli jikber ukoll, u kompli xejra stabbli li bdiet f'Ġunju 2021 u li aċċellerat b'mod sinifikanti f'Marzu u għal darb'oħra fil-ħarifa. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat **żieda fl-għadd ta' reġistrazzjonijiet tal-ażil** fil-Eurodac, b'mod partikolari minn persuni li għandhom ċittadinanza Ukrena jew Russa.

Fl-2022, sar evidenti li **l-kapaċità ta' ħżin tal-bażi tad-*data*** tal-Eurodac kienet teħtieġ li tiġi aġġomata. Il-kapaċità ta' ħżin tal-Eurodac hija marbuta direttament mal-politika ta' żamma tas-sistema: 10 snin għall-applikanti għall-ażil u 18-il xahar għall-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri. L-eu-LISA ħadmet mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri biex ttejjji diversi alternattivi għaż-żieda fil-kapaċità ta' ħżin tal-Eurodac.

## Evoluzzjoni tas-sistema

Sakemm ikun hemm bażi ġuridika ġdida għall-Eurodac, l-Aġenzija kompliet bil-**proġett ta' aġġornament minimu** tas-sistema li beda fl-2021. Dan kien jinkludi l-aġġornament tat-tagħmir bijometriku u ta' Oracle, l-aġġornament tal-mekkaniżmu għas-sinkronizzazzjoni bejn l-unità ċentrali u l-unità ċentrali ta' riżerva u s-sostituzzjoni ta' komponenti ta' hardware li jilħqu t-tmiem tal-appoġġ tal-bejjieġħ, li ma setgħux jitlestew fl-2022 minħabba nuqqasijiet fil-katina tal-provvista.

F'Settembru, l-eu-LISA bdiet proġett biex iżżid it-**throughput u l-kapaċità ta' ħżin ta' kuljum** massimi tal-Eurodac (minn 7 miljun rekord għal 9 miljun rekord). L-aġġornament, li se jipprevjeni d-degradazzjoni tal-prestazzjoni, huwa meħtieġ biex jakkomoda l-volum li qed jiżdid b'rata mgħaġġla ta' rekords mażżuna u huwa mistenni li jkun operazzjonali sa Mejju 2023.

**Manutenzjoni adattiva.** Sabiex ittejjeb is-servizz lill-Istati Membri, l-eu-LISA ħadmet fuq ir-reviżjoni tal-ambjent tal-ittejtjar u fuq l-ambjent ta' qabel il-produzzjoni. It-testijiet tal-volum u tal-istress twettqu bl-użu ta' **data sintetika tal-marki tas-swaba**. Barra minn hekk, sabiex ittejjeb l-immaniġġjar operazzjonali tas-sistema, l-eu-LISA rrevediet id-dokumentazzjoni teknika tal-Eurodac, flimkien mal-proċess għall-kontroll tal-aċċess u l-intervent fuq il-post tal-kuntratturi esterni.

**Prontezza għall-interoperabbiltà.** L-integrazzjoni tas-sistema tal-Eurodac fi ħdan l-**arkitettura tal-interoperabbiltà** hija prevista skont ir-Regolament Eurodac Riformulat.

### 1.1.4. Appoġġ operattiv tas-sistemi

Sabiex tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tas-sistemi tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha, l-Aġenzija tipprovdi servizzi ta' appoġġ lill-utenti finali tas-sistemi kollha permezz tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA, li jopera fuq bażi 24/7. Għal dak l-għan, l-Uffiċċju ta' Servizz huwa responsabbli għat-trattament tat-talbiet għal servizz (proċeduri standard) u jikkoordina r-riżoluzzjoni tal-inċidenti (interruzzjonijiet fis-servizz) u l-problemi (investigazzjoni tal-kawżi ewlenin).

Matul l-2022, is-servizzi pprovduti lill-utenti finali tas-sistema tal-ĠAI baqgħu mingħajr interruzzjoni. Fl-2022, l-indikatur tal-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz laħaq il-quċċata ta' 82.37 %, u qabeż il-mira ta' 75 %. Dan l-indikatur juri l-perċentwal ta' talbiet ikkompletati fi ħdan il-mira tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) konkluż bejn l-eu-LISA u l-Istati Membri, billi jkejjel ir-rispons tal-Aġenzija permezz ta' żewġ aspetti distinti: (1) il-ħin meħtieġ biex tingħata tweġiba għal notifika sottomessa minn utent finali tas-sistema (il-ħin għar-rispons), u (2) kemm jieħu żmien biex tiġi solvuta l-kwistjoni mqajma (il-ħin għas-soluzzjoni).

Fl-2022, l-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA tratta 1 538 talba għal servizz u 3 415 inċident għas-sistemi tal-ĠAI operattivi. B'kollox, ġew sottomessi 'l fuq minn 1 200 biljett minn utenti finali tas-sistema, bi 3 672 biljett ieħor sottomess internament, jew matul il-monitoraġġ tas-sistemi ta' rutina jew mill-kuntratturi ta' fuq il-post.

Minkejja ftit inċidenti kritiċi, li b'mod partikolari affettwaw is-SIS, il-proċessi robusti u l-kollaborazzjoni effiċjenti bejn it-timijiet ta' appoġġ tal-Aġenzija u timijiet operazzjonali oħrajn (inklużi kuntratturi esterni), imexxielhom jiżguraw livell tajjeb b'mod ġenerali tad-disponibbiltà tas-sistemi għall-komunità tal-ĠAI.

Fl-2022, il-funzjoni teknika tal-eu-LISA ffukat fuq it-tnaqqis tal-problema pendenti, kif ukoll fuq l-eliminazzjoni ta' problemi kritiċi u ta' prijorità għolja fl-ambjent tal-produzzjoni. Dan ikkontribwixxa għal disponibbiltà għolja tas-sistemi, prinċipalment billi mminimizza l-impatt ta' inċidenti individwali. It-timijiet ta' appoġġ kienu involuti wkoll fit-ttejjja ta' rilaxxi ġodda kumplessi (eż., SIS imġedda) u bdew taħriġ dwar is-sistemi l-ġodda (eż., EES, sBMS).

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA kompliet taġġorna l-**għodod tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM)** tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tranżizzjoni għall-mudell operattiv trażversali. L-għodda tal-ITSM tal-Aġenzija (Microfocus Service Manager verżjoni 9, SM9) ġiet aġġornata diversi drabi sabiex tinkludi kapaċitajiet u funzjonalitajiet ġodda, inkluż il-kondiviżjoni dinamika tal-biljetti bejn kuntratturi differenti. Bejn

Ġunju u Ottubru saru madwar 40 aġġornament fl-għodda SM9, inkluż aġġornament mill-verżjoni 32-bit għall-verżjoni 64-bit, li wassal għal kisbiet sinifikanti fil-prestazzjoni u karatteristiċi ġodda.

Barra minn hekk, ir-rapportar tal-ITSM ġie awtomatizzat aktar b'rapporti dinamiċi għall-KPIs trimestrali, kif ukoll b'diversi rapporti kompletament awtomatizzati ta' kuljum, ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar għas-sidien tal-proċessi u timijiet oħrajn.

Fl-aħħar, il-funzjoni tal-operazzjonijiet tas-sistema fasslet il-proċess il-ġdid ta' "Ġestjoni tal-avvenimenti" u nediet studju biex tidentifika s-sett ta' għodod meħtieġ. Tnieda studju ieħor biex jissostitwixxi l-għodda (eOPM) użata mill-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA għall-interazzjoni mal-Istati Membri permezz tas-SIS. L-objettiv huwa li tinstab soluzzjoni li tista' tiġi estiża faċilment għas-sistemi attwali u futuri kollha fdati lill-Aġenzija.

**Tabella 1. Sistemi ĠAI: għadd ta' inċidenti<sup>38</sup> u talbiet għas-servizz ittrattati fl-2022**

	SIS	VIS	BMS	Eurodac	DubliNet	Oħrajn <sup>39</sup>	Total
<b>Inċidenti</b>	1 528	469	592	338	30	458	<b>3 415</b>
miftuħa minn Stat Membru	423	81	0	168	14	2	699
miftuħa internament	1 094	388	592	170	16	456	2 716
<b>Talbiet għal servizz</b>	1 089	131	56	191	57	14	<b>1 538</b>
miftuħa minn Stat Membru	371	80	0	74	57	0	582
miftuħa internament	718	51	56	117	0	14	956

**Tabella 2. Sistemi ĠAI: diżaggregazzjoni tal-inċidenti skont il-prijorità u s-sistema.**

Prijorità <sup>40</sup>	SIS	VIS	BMS	Eurodac	DubliNet	Oħrajn	Total
Kritika	21	5	1	2	0	1	30
Għolja	233	64	9	26	1	28	361
Moderata	1 053	285	449	255	20	326	2 388
Baxxa	221	115	133	55	9	103	636
<b>Total</b>	<b>1 528</b>	<b>469</b>	<b>592</b>	<b>338</b>	<b>30</b>	<b>458</b>	<b>3 415</b>

**Tabella 3. Sistemi tal-ĠAI: diżaggregazzjoni tal-problemi skont il-prijorità u s-sistema.**

Prijorità	SIS	VIS	BMS	Eurodac	DubliNet	Oħrajn	Total
Kritika	3	0	0	0	0	0	3
Għolja	21	4	1	10	0	0	36
Moderata	18	6	4	8	0	8	44
Baxxa	23	13	8	14	0	6	64
<b>Total</b>	<b>65</b>	<b>23</b>	<b>13</b>	<b>32</b>	<b>0</b>	<b>14</b>	<b>147</b>

### 1.1.5. Il-ġestjoni tal-ittestjar, tar-rilaxx u tal-użu

Bħala parti mill-evoluzzjonijiet tas-sistema ppjanati, l-implimentazzjoni tar-rilaxxi jippermetti lill-Aġenzija taġġorna s-sistemi tal-IT tagħha bl-aħħar funzjonalitajiet u patches. F'dan il-proċess, it-tnejn użati u ż-żmien tar-rilaxxi huma ta' importanza kbira biex jitnaqqas kemm l-impatt fuq il-prestazzjoni u d-disponibbiltà tas-sistemi operattivi.

<sup>38</sup> Inċident huwa avveniment wieħed mhux ipplanat li jikkawża tfixkil fis-servizz. Problema hija l-kawża ewlenija ta' inċident wieħed jew aktar.

<sup>39</sup> Din il-kategorija tinkludi sistemi, tagħmir u infrastruttura użati fl-ambjenti ta' produzzjoni u ta' qabel il-produzzjoni.

<sup>40</sup> Il-prijorità ta' inċident tiġi ddeterminata abbażi tal-impatt tan-negozju fuq is-servizz affettwat, u l-urġenza li jiġi solvut l-inċident.

Fil-bidu tas-sena, l-Aġenzija approvat pjanijiet ta' rilaxx għas-SIS, għall-VIS u għall-Eurodac. Għall-VIS, ġew implimentati erba' rilaxxi f'konformità mal-pjan, filwaqt li s-SIS u l-Eurodac esperjenzaw dewmien, parzjalment minħabba kwistjonijiet ta' kwalità misjuba waqt l-ittestjar. Ġie implimentat rilaxx wieħed tal-Eurodac, u għas-SIS, l-Aġenzija implimentat wieħed biss mir-rilaxxi ppjanati fl-2022.

L-Aġenzija aġġornat ukoll il-proċess u l-proċeduri għall-ġestjoni tat-tibdil operazzjonali biex tiżgura l-ġestjoni effettiva, effiċjenti u f'waqtha ta' ammont dejjem akbar ta' bidliet fl-IT li, min-naħa tagħhom, se jaffettwaw il-prestazzjoni u d-disponibbiltà tas-sistemi fdati lill-eu-LISA.

Matul l-2022, twettqu attivitajiet ta' ġestjoni tat-testijiet għas-SIS, għall-VIS, għall-Eurodac, għall-EES u għall-sBMS. Matul it-test tal-aċċettazzjoni tas-sistema funzjonali (FSAT) tal-VIS u tal-EES, l-Aġenzija ttestjat sett ġdid ta' għodod interni b'riżultati promettenti.

Matul is-sena, l-Aġenzija organizzat diversi laqgħat iddedikati ta' gruppi ta' esperti tat-testijiet (TEG) għas-SIS, għall-VIS u għall-EES. Dawn il-laqgħat ikkontribwew ħafna għas-suċċess tal-ittestjar mal-Istati Membri, u għenu biex jitrawwem spirtu ta' tim b'saħħtu fil-komunità tal-ittestjar. Barra minn hekk, sett ġdid fjamant ta' għodod ta' ttestjar iddedikati għall-utenti finali saru disponibbli għall-Istati Membri, li wasslu għal proċess ta' appoġġ ferm aktar mgħaġġel u faċli. B'mod parallel, l-eu-LISA ddefinjiet l-approċċ tat-test tal-interoperabbiltà biex tindirizza l-proċeduri kumplessi u interkonnessi tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-ittestjar tal-interoperabbiltà tas-sistemi. Matul it-tieni nofs tal-2022, l-Aġenzija kkonkludiet kuntratt ma' fornitur estern ta' appoġġ għall-ittestjar biex tmexxi aħjar il-volum u l-kumplessità dejjem akbar tal-ittestjar.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet taħdem fuq il-“Ġestjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja tal-Applikazzjonijiet” (ALM) biex tappoġġa t-twassil tal-applikazzjonijiet, u tmexxi l-kumplessità relatata mal-użu mill-ġdid ta' komponenti komuni f'sistemi differenti, kif ukoll l-interkonnnettività u l-interoperabbiltà ta' sistemi ġodda.

## 1.2. Sistemi ġodda u innovazzjoni

Bl-espansjoni tal-mandat tal-eu-LISA fl-2018, l-Aġenzija ġiet fdata bl-iżvilupp ta' diversi **sistemi tal-IT fuq skala kbira ġodda**, kif ukoll bit-tfassil tal-**arkitettura tal-interoperabbiltà globali** għall-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI) tal-UE. Barra minn hekk, biex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet tal-eu-LISA għall-iżvilupp u l-evoluzzjoni kontinwi tas-sistemi tal-IT, il-mandat rivedut wessa' wkoll l-ambitu tal-attivitajiet ta' **riċerka u innovazzjoni** tagħha biex jinkludi l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' prova tal-kunċett u proġetti pilota.

L-idea li jiġu introdotti sistemi ġodda tal-IT li jikkomplementaw is-sistemi eżistenti tal-UE fil-qasam tal-affarijiet interni – is-SIS, il-VIS, u l-Eurodac – ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni taħt il-pakkett leġiżlattiv **“Fruentieri Intelliġenti”** sabiex issaħħaħ is-sigurtà interna tal-UE u timmodernizza l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħha. L-iżvilupp ta' dawn is-sistemi l-ġodda – is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (**EES**) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (**ETIAS**) – kien fost il-prijoritajiet ewlenin tal-Aġenzija mill-adozzjoni tar-regolamenti ta' stabbiliment rispettivi fl-2017 u fl-2018.

Barra minn hekk, sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-sistemi tal-IT ġodda u eżistenti, l-eu-LISA ġiet inkarigata wkoll bl-iżvilupp ta' **arkitettura tal-interoperabbiltà globali** għall-qasam tal-ĠAI. Ladarba tkun operazzjonali, l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-ĠAI se tappoġġa l-ġestjoni integrata tal-fruntieri u s-sigurtà interna, filwaqt li sservi bħala l-kontribut ewleni tal-Aġenzija għall-**Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà**.

L-espansjoni tal-mandat tal-eu-LISA introduċiet ukoll responsabbiltajiet ġodda fil-**qasam tal-ġustizzja** tal-UE, inkluż l-iżvilupp ta' sistema ġdida tal-IT – is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (**ECRIS-TCN**), u assumiet ir-responsabbiltà għall-immaniġġjar operazzjonali tas-**sistema e-CODEX**, il-pjattaforma ta' komunikazzjoni elettronika li tiffaċilita l-proċedimenti ġudizzjarji transfruntieri. B'dan, l-Aġenzija bdiet iżżid il-kontribut tagħha għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja,<sup>41</sup> maħsuba biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej u biex tipprovdi aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

<sup>41</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-**Diġitalizzazzjoni tal-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea: Sett ta' Għodod ta' Opportunitajiet**, COM (2020) 710 final.

Matul l-2022, l-iżvilupp u t-twettiq ta' sistemi ġodda komplew minkejja dewmien persistenti, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' kapaċità tal-kuntrattur li jagħti riżultati fil-ħin. Barra minn hekk, it-tfixkil u n-nuqqasijiet fil-katina tal-provvista globali affettwaw id-disponibbiltà ta' komponenti kritiċi tal-hardware u tas-software. Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, l-eu-LISA ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni, billi mmonitorjat bir-reqqa s-sitwazzjoni u fasslet miżuri biex ittaffi l-impatt. Dan kien kritiku b'mod partikolari għall-EES minħabba li, minħabba l-interdipendenzi, kwalunkwe dewmien fl-iskeda tat-twassil tal-EES huwa mistenni li jkollu impatt dirett fuq l-iskedi ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-ETIAS u l-komponenti tal-interoperabbiltà. L-iskeda ta' żmien estiża għad-dħul fis-seħħ x'aktarx li jkollha impatt fuq ir-riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji, meħtieġa biex jitlestha l-iżvilupp.



### 1.2.1. Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)

Fil-qasam tal-affarijiet interni, l-EES hija waħda miż-żewġ sistemi tal-IT li hija stabbilita biex timmodernizza l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE billi tissostitwixxi l-prattika attwali tal-ittimbrar manwali tal-passaporti bir-**reġistrazzjoni elettronika** taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi (TCNs) li jidħlu u joħroġu miż-żona Schengen, inkluża d-*data* relatata mar-rifjuti ta' dħul. Barra minn hekk, l-EES se tippermetti wkoll il-monitoraġġ ta' soġġorni awtorizzati għal żmien qasir (għal żjarat li jdumu sa 90 jum, fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum) u l-identifikazzjoni ta' persuni li possibbilment jaqtbzu t-tul ta' żmien tas-soġġorn awtorizzat billi tiġi kkalkulata awtomatikament id-durata tas-soġġorn awtorizzat u jiġu ġġenerati twissijiet mal-iskadenza.

Bħala tali, is-sistema hija maħsuba biex tipprevjeni l-immigrazzjoni irregolari u ssaħħaħ is-sigurtà interna billi tgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Ladarba tkun operazzjonali, l-awtomatizzazzjoni tal-verifiki fuq il-fruntieri introdotti mill-EES se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-flussi dejjem jiżdiedu tal-vjaġġaturi, filwaqt li tottimizza wkoll l-għadd ta' gwardji tal-fruntiera fil-punti ta' qsim.

L-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp u l-hosting

- tas-sistema ċentrali tal-EES,
- interfaċċa nazzjonali uniformi (NUI) għall-istabbiliment tal-konnessjoni bejn is-sistema ċentrali tal-EES u l-infrastruttura nazzjonali tal-fruntieri f'kull Stat Membru,
- infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u kriptata bejn is-sistema ċentrali tal-EES u l-NUIs,
- kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn is-sistemi ċentrali tal-EES u l-VIS.

L-operazzjoni tas-sistema ċentrali tal-EES jeħtieġ l-integrazzjoni tal-komponent tal-EES, is-sistema ta' tqabbil bijometriku (BMS) u l-emenda tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) eżistenti. Barra minn hekk, l-EES se jkollha servizz web konġunt mal-ETIAS li se jipprovdi interfaċċi online għat-trasportaturi internazzjonali tal-passiġġieri u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

#### Implimentazzjoni

L-iżvilupp tal-EES beda f'Jannar 2018 u l-implimentazzjoni tal-programm għamlet progress għall-istadju tal-ittestjar. Minkejja l-ħafna sfidi ffaċċjati matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija għamlet progress lejn it-tlestija tal-iżvilupp tas-sistema ċentrali tal-EES, inkluż it-twettiq ta' diversi kampanji ta' ttestjar f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet taħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tfassal miżuri effettivi għall-mitigazzjoni tal-effetti ta' dewmien kontinwu relatat mal-EES, kif ukoll l-impatt kollaterali tagħhom fuq it-twassil skedat tal-komponenti tal-ETIAS u tal-interoperabbiltà.

Fl-24 ta' Marzu 2022, filwaqt li qies l-istatus tal-programm ta' żvilupp tal-EES, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA talab lill-Kunsill biex japprova l-posponiment tad-dħul fis-seħħ tas-sistema għal Novembru 2022.<sup>42</sup> Il-Bord tat-Tmexxija rreveda l-iskeda ta' żmien għal darb' oħra fit-22 ta' Ġunju 2022, u ppospona d-dħul fis-seħħ tas-sistema għal nofs Mejju 2023. Minħabba kontinġenzi, it-twassil tal-ETIAS kellu jiġi skedat mill-ġdid għal Novembru 2023 u l-komponenti tal-interoperabbiltà ġew posposti progressivament għal Ġunju 2024.<sup>43</sup> Din l-iskeda ta' żmien riveduta ġiet approvata mill-Kunsill tal-ĠAI f'Lulju fil-laqgħa informali tiegħu fi Praga.

Minkejja l-isforzi kollha, is-sitwazzjoni baqgħet diffiċli fi tmiem l-2022, u l-konsorzju inkarigat mill-iżvilupp tas-sistema ċentrali tal-EES ma setax jippreżenta pjan b'data ta' twassil speċifikata.<sup>44</sup>

## Ittestjar

L-implimentazzjoni tal-programm ta' żvilupp tal-EES għamlet progress għall-istadju tal-iżvilupp u tal-ittestjar, u hija mistennija li tikkonkludi bit-tranżizzjoni għat-tħaddim u l-aċċettazzjoni sussegwenti tas-sistema finali (FSA) kmieni fl-2024.

**Applikazzjoni tas-sistema ċentrali tal-EES.** F'Jannar 2022, l-eu-LISA bdiet bil-kampanja ta' ttestjar funzjonali skedata tas-**soluzzjoni integrata** (jiġifieri, is-sistema ċentrali tal-EES, bl-sBMS u s-sistema ċentrali tal-VIS aġġornata). Filwaqt li l-iżvilupp tal-VIS u tal-partijiet tas-sistema kondiviża ta' tqabbil bijometriku (sBMS) tlesta fil-ħin, l-iżvilupp tal-parti tal-EES waqa' lura diversi xhur wara d-data fil-mira inizjali tal-15 ta' Settembru 2022. Fi tmiem l-2022, il-kuntrattur għamel stima tat-twertiq għall-bidu ta' Jannar 2023, li jaffettwa l-perjodu ta' ttestjar disponibbli għall-Istati Membri filwaqt li jipposponi wkoll il-bidu tal-ittestjar mhux funzjonali fil-bini tal-eu-LISA. Sabiex timmonitorja l-progress u taċċellera l-eżekuzzjoni, l-eu-LISA kompliet twettaq laqgħat ta' kuljum mat-tim tal-kuntrattur, kif ukoll laqgħat ta' kull ġimgħa mal-maniġment tal-kuntrattur, inkluża eskalazzjoni regolari għal-livelli eżekuttivi.

**L-ambjenti tal-ittestjar u s-simulaturi.** L-eu-LISA wasslet rilaxx intermedju, li integra l-EES, il-VIS u l-BMS għall-ewwel darba, li ġie installat b'suċċess fl-ambjent tal-ittestjar iddedikat tal-Ġermanja fl-20 ta' Ottubru 2022. Sadanittant, il-konsorzju tal-EES iffaċċja diffikultajiet biex jaġġorna l-ambjenti tal-ittestjar iddedikati għall-bqija tal-Istati Membri sa nofs Diċembru 2022. Din il-kwistjoni, kif ukoll iż-żminijiet ta' installazzjoni twal minħabba kwistjonijiet tekniċi, ġew eskalati lill-maniġment tal-kuntrattur.

**Ittestjar tal-Istati Membri.** L-ambjent tal-ittestjar tal-konformità tal-EES għall-Istati Membri sar disponibbli fl-aħħar ta' Frar 2022. Madankollu, it-testijiet tas-sistema nazzjonali kellhom jitwettqu bl-użu ta' simulaturi tal-VIS u l-sBMS minħabba problemi kontinwi fit-twassil tar-rilaxx integrat bis-siġħ tal-applikazzjoni tas-sistema ċentrali tal-EES. 13-il Stat Membru kienu ffinalizzaw b'mod prattiku l-ittestjar bl-użu ta' simulaturi VIS u sBMS sal-aħħar tas-sena b'rata ta' suċċess ta' 93 %, li tindika l-kwalità tajba tal-interfaċċa tal-applikazzjoni. Fil-bidu tal-2023, l-Istati Membri kienu għadhom qed iwettqu kampanji ta' ttestjar. L-Aġenzija qed tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri f'dan il-proċess u tiffaċilita r-rapportar ta' kull ġimgħa permezz tar-rapport dwar l-istatus tal-EES.

Sabiex tipproċedi bl-ittestjar tal-verżjoni integrata, l-eu-LISA wasslet rilaxx intermedju. L-ittestjar tal-konformità wera rata ta' suċċess ta' 90 % fi żmien ftit jiem, li kkonfermat livell tajjeb ta' kwalità ta' integrazzjoni tar-rilaxx intermedju. Madankollu, l-ittestjar siġħ (l-ittestjar tan-negozju minn tarf sa tarf tas-sett siġħ ta' funzjonalitajiet, inkluża l-bijometrika) ma kienx possibbli minħabba kwistjoni ta' mblukkar tal-sBMS.

## Prontezza għall-interoperabbiltà

Ir-Regolament dwar l-EES jipprevedi l-istabbiliment ta' interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS (flimkien mal-BMS), kif ukoll bejn l-EES u l-ETIAS biex tissaħħaħ u tiġi ssimplifikata l-effiċjenza tal-verifiki fuq il-fruntieri.

**Interoperabbiltà mal-VIS.** Sabiex ikun jista' jsir l-irkupru awtomatizzat ta' *data* relatata mal-viżi mill-VIS, irid jiġi stabbilit kanal ta' komunikazzjoni diretta bejn iż-żewġ sistemi għall-aġġornament tad-*data* rispettiva fl-EES, jiġifieri, il-verifika tal-validità jew l-annullament, ir-revoka jew l-estensjoni tal-viża. L-iżvilupp ta' **mikroservizzi**

<sup>42</sup> Deċiżjonijiet tal-**34 laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA**, 23/24 ta' Marzu 2022.

<sup>43</sup> Deċiżjonijiet tas-**36 laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA**, 22/23 ta' Ġunju 2022.

<sup>44</sup> F'Jannar 2023, il-Bord tat-Tmexxija kkonkluda li ma kienx għadu fattibbli li tiġi ssodisfata l-iskadenza stabbilita għal Mejju 2023 u li ma kienx possibbli li d-data tat-twassil tiġi ddefinita bil-livell meħtieġ ta' assigurazzjoni, primarjament minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ambjenti ta' ttestjar għat-testijiet ta' konformità. Minkejja aktar dewmien, il-Bord talab lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex ikomplu bit-tnejn tagħhom fil-punti ta' qsim tal-fruntieri (Deċiżjonijiet tal-**40 laqgħa tal-Bord**, 12 ta' Jannar 2023). F'Marzu, il-Bord talab lill-eu-LISA tirrevedi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI. Fit-**42 laqgħa tiegħu fil-15 ta' Marzu 2023**, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA ħa nota tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-EES u tad-dewmien addizzjonali min-naħa tal-kuntrattur, u kkonkluda li ma kienx għadu fattibbli li l-EES tibda topera fl-2023.



li jippermettu l-interoperabbiltà VIS-EES tlesta fil-bidu tal-2022, u għall-bqija tas-sena, l-eu-LISA ffukat fuq l-ittestjar komuni ta' soluzzjonijiet u t-tweġġ ta' testijiet mal-Istati Membri. L-integrazzjoni funzjonali tal-VIS-sBMS tlestiet, u t-tweġġ diversi testijiet bi t-tweġġ għall-attivitajiet ta' migrazzjoni tad-*data* li se jkomplu fl-2023.

**Interoperabbiltà mal-ETIAS.** Sabiex ikunu jistgħu jsiru tfittxijiet simultanji fil-EES u fl-ETIAS, trid tiġi stabbilita konnessjoni tal-interoperabbiltà bejn il-EES u l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP). Oriġinarjament mhux previst fir-rilaxx inizjali tal-EES, dan l-obbligu ġie introdott mill-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS, adottati f'Lulju 2021.<sup>45</sup> Fl-2022, l-eu-LISA kompliet id-diskussjonijiet kuntrattwali u t-tweġġ għall-adattament tal-EES għall-ETIAS.

**Konnessjoni tal-EES mas-CRRS.** L-Aġenzija bdiet l-iżvilupp ta' interfaċċa komuni bejn il-EES u r-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika (CRRS). Minħabba dewmien fil-finalizzazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tas-CRRS, l-eu-LISA esplorat għażijiet biex tipprovdi funzjonalità ta' rapportar personalizzata biex tkopri l-ewwel perjodu operattiv tal-EES qabel l-integrazzjoni eventwali tagħha mas-CRRS.

## Tranżizzjoni fl-Operazzjoni

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA bdiet it-tweġġ għall-fażi ta' tranżizzjoni lejn l-operazzjoni billi wettqet diversi laqgħat tekniċi mal-Istati Membri u kkondividiet l-ewwel verżjoni tal-manwal tal-operat tal-EES.

### 1.2.2. Servizzi tal-web tal-EES/ETIAS

Fir-rigward tal-għoti tad-dħul fiż-żona Schengen, issir distinzjoni bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża u ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża (TCN). Filwaqt li l-EES se tivverifika jekk it-TCNs bi ħtieġa ta' viża għandhomx viża valida għal mill-inqas dħul awtorizzat wieħed, l-ETIAS hija meħtieġa biex tivverifika jekk it-TCNs eżentati mill-obbligu tal-viża għandhomx l-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar meħtieġa. Sabiex tiffaċilita l-ipproċessar integrat u **ssimplifika tal-vjaġġaturi TCN li jkunu deħlin** fil-fruntieri ta' Schengen, l-eu-LISA għandha l-kompitu li tiżviluppa s-servizzi web għall-EES u l-ETIAS, li se jinkludu l-**interfaċċa ċentrali tat-trasportaturi**<sup>46</sup> għal tfittix fiż-żewġ sistemi biex tivverifika jekk vjaġġatur TCN għandux viża valida jew awtorizzazzjoni tal-ivvjaġġar valida għad-dħul fiż-żona Schengen.

Dawn is-servizzi tal-web konġunti jinkludu diversi moduli li jfarsu lejn il-pubbliku, inklużi interfaċċi tal-web u applikazzjonijiet mobbli ddedikati għall-vjaġġaturi u għat-trasportaturi. Minbarra l-interfaċċa tat-trasportaturi, l-interfaċċa tal-web komplementari għall-vjaġġaturi se tippermetti lit-TCNs bi ħtieġa ta' viża biex jivverifikaw il-bqija tal-entrati validi tagħhom fiż-żona Schengen. Ladarba l-ETIAS issir operattiva, is-servizzi web se jinkludu wkoll pjattaforma online fejn it-TCNs eżentati mill-obbligu tal-viża jistgħu japplikaw għall-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar obbligatorja tal-ETIAS, li trid tiġi approvata qabel l-ivvjaġġar.

Minħabba komponenti kondiviżi, dawn is-servizzi konġunti tal-web se jiġu żviluppati fil-proġett EES, li jaqsam l-ambitu f'żewġ partijiet: waħda għall-interfaċċi tal-web (trasportaturi/TCNs) u oħra għall-għodod ta' onboarding u ta' appoġġ tat-trasportaturi. Dan l-approċċ intgħażel mill-eu-LISA sabiex jiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti u l-ekonomiji ta' skala.

Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet timplimenta s-software għas-servizzi tal-web tal-EES/ETIAS, iżda minħabba diffikultajiet fl-akkwist, dewmien tal-kuntratturi u l-komplessità teknika tal-infrastruttura, l-użu tal-ambjent tal-ittestjar għat-trasportaturi ġie ttardjat aktar fl-2023. Barra minn hekk, it-testijiet ta' aċċettazzjoni tal-fabbrika<sup>47</sup> żvelaw bosta difetti, li baqgħu ma ssolvewx fi tmiem l-2022.

<sup>45</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861 u (UE) 2019/817 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE għall-finijiet tal-ETIAS, ĠU L 249, 14.7.2021, p. 15.

<sup>46</sup>Preżentazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma tat-Trasportaturital-eu-LISA "EES/ETIAS Carrier Interface Overview" (Ħarsa Ġenerali lejn l-Interfaċċa tat-Trasportaturital-EES/ETIAS), Marzu 2023.

<sup>47</sup>It-test ta' aċċettazzjoni tal-fabbrika (FAT) juri li l-funzjonalitajiet tan-negożju żviluppati jiġu ttestjati fis-sit tal-fabbrika qabel il-konsenja tagħhom u jivverifika stabbiltà funzjonali suffiċjenti qabel ma s-software jiġi sottomess għall-ittestjar tas-soluzzjoni tas-sistema (SST).

L-Aġenzija ħadmet mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-Frontex biex tipprovdi s-servizzi web tal-EES/ETIAS u nediet il-proċess kuntrattwali għall-iżvilupp tagħhom. In-negożjati kuntrattwali għas-servizzi tal-web ġew iffinalizzati sa Awwissu 2022.<sup>48</sup> L-approvazzjoni tardiva affettwat il-finalizzazzjoni tar-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet sottostanti għas-servizzi tal-web, b'hekk ittardjat il-konklużjoni tal-kuntratt ta' implimentazzjoni.

### Appoġġ għall-Istati Membri

Biex tassisti lill-Istati Membri fit-tnejja tal-EES u tal-ETIAS, il-Kummissjoni ppubblikat verżjoni riveduta tal-“Manwal Prattiku għall-Gwardjani tal-Fruntieri (Manwal ta’ Schengen),<sup>49</sup> li għalih l-eu-LISA kkontribwiet ħarsa ġenerali lejn l-aġġornamenti tekniċi li ffukaw fuq il-konnessjonijiet ta’ sistema għal sistema, u l-interfaċċa tat-trasportaturi (inklużi xenarji ta’ mistoqsijiet u tweġibiet differenti). Barra minn hekk, l-eu-LISA kkollaborat mal-Frontex fuq żewġ settijiet ta’ dokumenti ta’ linji gwida: “Proċeduri Operattivi Standard” u “FAQs b’appoġġ għat-taqsimha pubblika tat-trasportaturi”.<sup>50</sup>

### Reġistrazzjoni tat-trasportaturi

Sa tmiem l-2022, b’kollox **947 trasportatur** (799 trasportatur bl-ajru, 51 tal-baħar u 97 trasportatur bl-art) kienu rreġistraw mal-eu-LISA biex jistabbilixxu konnessjonijiet ta’ sistema għal sistema għall-EES u l-ETIAS. Barra minn hekk, 54 fornitur ta’ software tat-trasportaturi kienu applikaw ukoll għar-reġistrazzjoni. Madwar 40 % huma trasportaturi tal-UE, u 60 % huma minn barra l-UE.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-għadd ta’ trasportaturi rreġistrati, b’mod partikolari fost it-trasportaturi fuq l-art, kien ħafna aktar baxx milli antiċipat. Sabiex jittaffa l-impatt possibbli fuq l-istat ta’ thejġija operazzjonali tal-EES, l-eu-LISA żiedet l-isforzi tagħha billi nġhaqdet mal-assoċjazzjonijiet tat-trasportaturi u organizzat attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni biex tindirizza din il-problema u tagħti spinta lir-reġistrazzjonijiet. Flimkien mal-Kummissjoni, il-Frontex, l-assoċjazzjonijiet tat-trasportaturi u l-fornituri tas-servizzi tal-IT tagħhom, dan is-suġġett inżamm ukoll fuq quddiem fl-aġenda tal-Grupp ta’ Ħidma għat-Trasportaturi matul l-2022.

Biex tappoġġa l-proċess tal-ittejtjar tat-trasportaturi, l-Aġenzija fetĥet **simulatur abbażi tal-cloud** li kien disponibbli sa Diċembru 2022. Minn mira ta’ 488 trasportatur, 380 biss talbu aċċess għas-simulatur, u fornitur tas-servizz wieħed biss irnexxielu jikkompleta s-sekwenza sħiħa tal-ittejtjar.



### 1.2.3. Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni u ta’ Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

L-ETIAS hija s-sistema online ta’ awtorizzazzjoni ta’ qabel l-ivvjaġġar għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi eżenti mill-obbligu tal-viża (TCNs), li se tintroduċi awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar bħala **kundizzjoni ġdida għad-dfuh fiż-żona Schengen** għal soġġorn qasir. Minbarra s-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri għat-TCNs, l-ETIAS se tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà interna tal-UE permezz ta’ identifikazzjoni minn qabel ta’ riskji potenzjali għas-sigurtà, il-migrazzjoni u s-saħħa pubblika. Din il-**valutazzjoni tar-riskju** ser tiġi ffaċilitata mill-interoperabbiltà futura tas-sistemi tal-ĠAI li ser tippermetti l-verifika ta’ informazzjoni ta’ sfond fis-sistemi kollha ġestiti mill-eu-LISA, kif ukoll il-bażijiet tad-*data* rilevanti tal-Europol u tal-Interpol.

<sup>48</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1409 tat-18 ta’ Awwissu 2022 li jikkonċerna r-regoli dettaljati dwar il-kundizzjonijiet għall-operat tas-servizz web u r-regoli tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data* applikabbli għas-servizz web kif ukoll miżuri għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni teknika tas-servizz web u li jħassar ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2021/1224, ĠU L 216, 19.8.2022, p. 3–19.

<sup>49</sup> Manwal Prattiku għall-Gwardji tal-Fruntieri (Manwal ta’ Schengen), 28 ta’ Ottubru 2022, C (2022) 7591 final.

<sup>50</sup> Frontex (2022) “Mistoqsijiet Frekwenti (FAQ) b’appoġġ għat-taqsimha pubblika tat-trasportaturi”, 9 ta’ Diċembru 2022.

L-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tal-ETIAS se jiġu vverifikati mit-trasportaturi tal-ajru, tal-baħar u tal-art qabel jitlegħu abbord kif ukoll fil-punti ta' qsim tal-fruntiera esterna mill-gwardji tal-fruntiera li se jkunu responsabbli għat-teħid tad-deċiżjoni finali dwar l-għoti jew ir-rifjut tad-dħul. Barra minn hekk, l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol se jkollhom ukoll aċċess għall-bażi tad-*data* tal-ETIAS sabiex jipprevjenu, jidentifikaw jew jinvestigaw theddid terroristiku jew reati kriminali serji.

L-ETIAS tinkludi:

- is-sistema ċentrali, żviluppata u ġestita mill-eu-LISA;
- l-unità ċentrali, stabbilita fi ħdan il-Frontex, għall-ipproċessar tal-applikazzjoni f'każ li jkun hemm hit kontra kwalunkwe waħda mill-bażijiet tad-*data* mfittxija, u li tiskatta l-ipproċessar manwali tal-applikazzjoni, jekk ikun meħtieġ;
- unitajiet nazzjonali f'kull Stat Membru, li se jkunu responsabbli biex jeżaminaw u jiddeċiedu dwar applikazzjonijiet mibgħuta għall-ipproċessar manwali.

L-ETIAS se tikkondividi diversi komponenti ta' hardware u software mal-EES, bħall-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI), l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, u s-servizzi web (ara hawn fuq taħt 1.1.2).

L-iżvilupp tal-ETIAS beda fi tmien l-2018. Madankollu, minħabba interdipendenzi sinifikanti mal-EES, l-iżvilupp u t-twassil tas-sistema jiddependu fuq il-finalizzazzjoni u d-dħul fis-seħħ b'suċċess tal-EES, jiġifieri, l-ETIAS tista' tidhul fis-seħħ sitt xhur wara l-EES.

Biex jappoġġaw il-kontroverifika tal-informazzjoni fis-sistemi kollha tal-ĠAI, **l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS** adottati f'Lulju 2021,<sup>51</sup> introduċew l-obbligu, oriġinarjament mhux previst fir-rilaxx inizjali tal-EES, li tiġi stabbilita konnessjoni tal-interoperabbiltà bejn l-EES u l-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) mad-dħul fis-seħħ tal-ETIAS.<sup>52</sup>

## Sfond regolatorju

Ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-iżvilupp tal-ETIAS qed jistennaw l-adozzjoni ta' **leġiżlazzjoni sekondarja** biex jiġu implimentati l-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS. Sa Jannar 2023, kienu ġew adottati 21 atti legali, u ħames atti kienu qed jiġu adottati b'mod formali (eż. verżjonijiet emendati tal-lista ta' sorveljanza u l-atti ta' ġestjoni tad-*data* jinsabu fl-istadji finali tal-adozzjoni). Il-ħidma fuq atti relatati mar-rapportar tal-kostijiet (biex tiġi vvalutata l-ħtieġa li tiġi aġġustata t-tariffa tal-ETIAS), kif ukoll fuq fuljetti u metodi ta' pagament għadha għaddejjja, sakemm issir il-konsultazzjoni interna bejn is-servizzi tal-Kummissjoni.

Żewġ atti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw mill-emendi konsegwenzjali tal-ETIAS jinsabu fl-istadju finali tal-adozzjoni: (1) Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-**ispeċifikazzjonijiet tekniċi għaż-żamma tad-*data*** u (2) Deċiżjoni delegata tal-Kummissjoni dwar l-ispeċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-**korrispondenza bejn id-*data*** preżenti f'rekord, twissija, jew fajl tas-sistemi ta' informazzjoni l-oħra tal-UE kkonsultati u fajl ta' applikazzjoni. Dawn iż-żewġ atti se jkollhom effett dirett fuq l-implimentazzjoni tal-ETIAS, kif ukoll fuq sistemi oħrajn tal-ĠAI u fuq il-programm ta' interoperabbiltà (inkluża l-integrazzjoni mal-bażi tad-*data* tal-Europol).

## Analiżi u Disinn

Il-finalizzazzjoni tad-disinn tas-sistema ċentrali tal-ETIAS ġiet affettwata mid-dipendenzi bil-komponenti kondiviżi mal-EES, kif ukoll bl-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà. B'riżultat ta' dan, l-għeluq tal-fażi tal-analiżi u tad-disinn ġie pospost sal-aħħar ta' Frar 2023.

Fil-bidu tal-2022, diversi utenti finali talbu funzjonalitajiet ġodda li għalihom l-eu-LISA ħejjiet valutazzjonijiet tal-impatt f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni. B'mod parallel, l-Aġenzija pproċediet bl-iżvilupp ta' elementi li d-disinn tagħhom kien matur u stabbli.

<sup>51</sup> **Ir-Regolament (UE) 2021/1152** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861 u (UE) 2019/817 fir-rigward tal-istabbiliment **tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE għall-finijiet tal-ETIAS**, ĠU L 249, 14.7.2021, p. 15.

<sup>52</sup> Peress li d-dħul fis-seħħ tal-EES ippjanat għal Mejju 2023 ma għadux meqjuss possibbli minħabba dewmien relatat mal-kuntratturi, l-eu-LISA bdiet ir-reviżjoni tal-iskeda ta' żmien tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, li se taffettwa wkoll l-iskeda ta' implimentazzjoni tal-ETIAS.

F'April, il-Kummissjoni adottat il-verżjoni inizjali tal-att ta' implimentazzjoni tal-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS, li ffinalizzat l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ħeġġet lill-eu-LISA taġġorna d-**Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa tal-ETIAS** (ICD), inkluż l-approċċ għall-kriptaġġ u l-ispeċifikazzjonijiet tal-ESP, li ġie kondiviż mal-Istati Membri fit-2 ta' Ġunju. Rilaxx korrettiv, li jirrifletti l-approċċ alternattiv għall-awtentikazzjoni tal-lista ta' sorveljanza u l-aħħar impatt tal-mudell ta' *data* tar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), ġie kondiviż mal-Istati Membri fit-22 ta' Diċembru.

Il-ħames u l-aħħar **iterazzjoni tal-mudell tas-software tal-ETIAS** ġiet ippreżentata lill-Istati Membri f'April. L-eu-LISA organizzat ukoll tliet workshops għall-Kummissjoni u l-Frontex biex jippreżentaw mudelli tas-sit web pubbliku għall-pjattaforma tal-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar tat-TCN, flimkien mal-applikazzjoni mobbli.

Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet taġġorna l-**Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data tal-ETIAS** biex tipprovdi rispons komprensiv għall-kummenti li waslu mill-EDPS f'Settembru 2021.

## Implimentazzjoni

It-tweġiq tal-funzjonalitajiet tal-ETIAS ġie ppjanat f'**approċċ iterattiv** (simili għal dak użat għall-elementi tad-disinn tagħha) biex jittaffa l-effett tad-dipendenzi mal-EES u l-komponenti tal-interoperabbiltà fuq il-kampanja tal-ittejtjar tal-konformità.<sup>53</sup>

L-attivitajiet inizjali ta' **ttestjar ta' soluzzjonijiet tas-sistema** ppjanati għal Diċembru ġew posposti minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tat-tagħmir tal-infrastruttura tal-ETIAS għall-ambjent tat-test u n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-Interfaċċa Nazzjonali Uniformi (NUI) għall-ETIAS, u b'hekk ġiet ipperikolata l-iskeda tal-ittejtjar tal-konformità għall-Istati Membri.

Skont ir-Regolament dwar l-ETIAS, l-eu-LISA ngħatat il-kompitu li tipprovdi "lista bajda" ta' **għodod awdjoviżivi xierqa** għat-tweġiq ta' intervisti ma' TCNs li japplikaw għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. L-Aġenzija lestiet l-istudju tas-suq fl-2021 u organizzat total ta' 15-il dimostrazzjoni għall-Istati Membri f'Novembru u Diċembru. Ir-rapport finali huwa mistenni li jiġi kondiviż mal-Istati Membri fl-2023.

Matul is-sena, l-Aġenzija kompliet bl-implimentazzjoni tal-**lista ta' sorveljanza tal-ETIAS**. L-eu-LISA ħadmet ukoll mal-Istati Membri fuq aspetti relatati mal-approċċi ta' kriptaġġ u awtentikazzjoni.

## Infrastruttura

Fi Frar 2022, l-eu LISA ordnat **it-tagħmir tan-network għall-ambjent tal-ittejtjar**. Dan ġie kkomplementat f'Lulju 2022 bl-ordni tal-bqija tat-**tagħmir tal-hardware għall-ambjent tal-ittejtjar**. Madankollu, it-twassil ta' tagħmir ikkuntrattat ġie ttardjat minħabba nuqqas ta' hardware, u l-Aġenzija għamlet sforzi serji biex tipprijoritizza l-installazzjoni u l-konfigurazzjoni tal-infrastruttura tal-ittejtjar biex timminimizza l-impatt fuq l-iskeda tal-ittejtjar tal-konformità. Għalkemm it-tagħmir tan-network għall-ambjent tal-ittejtjar ġie mwassal f'Mejju 2022 u l-biċċa l-kbira tat-tagħmir tal-hardware f'Settembru 2022, l-installazzjoni ma bdiex minħabba negozjati kuntrattwali mtawla li kienu għadhom għaddejjin fi tmiem l-2022, u dan dewwem il-proċess tal-ittejtjar tas-sistema.

F'Mejju u Ġunju, l-eu-LISA ffirmat il-kuntratti qafas għall-manutenzjoni futura tal-applikazzjonijiet u l-infrastruttura kollha (inkluża l-ETIAS) bħala parti mill-qafas ta' operazzjonijiet trażversali.

<sup>53</sup> L-Aġenzija kkondividiet il-verżjoni aġġornata tad-dokument ta' deskrizzjoni tat-test tal-konformità mal-Istati Membri f'Janjar 2023. Fl-aħħar ta' Marzu, l-ewwel verżjoni tas-**simulatur tas-sistema ċentrali tal-ETIAS** kienet lesta biex tibda tittestja l-implimentazzjonijiet nazzjonali, u t-taħriġ għall-Istati Membri ngħata fit-12 ta' Mejju 2023.



#### 1.2.4. Implimentazzjoni ta' Referenza għas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS RI)

Skont id-dritt tal-UE, il-qradi nazzjonali jridu jqisu l-kundanni preċedenti meta jagħtu s-sentenzi f'kawżi kriminali. Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), li ilha topera mill-2012, hija sistema deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni dwar rekords kriminali bejn l-Istati Membri tal-UE.

L-Implimentazzjoni ta' Referenza ECRIS (ECRIS RI) toffri interfaċċa ta' integrazzjoni li tippermetti l-konnessjoni mar-reġistri nazzjonali tal-fedini penali tal-Istati Membri. L-Aġenzija ilha responsabbli mill-manutenzjoni tal-ECRIS RI minn April 2020. Fl-ewwel nofs tal-2022, l-eu-LISA wettqet analiżi tas-sigurtà tal-kodiċi tas-sors tal-ECRIS RI, li żvelat diversi vulnerabbiltajiet tas-sigurtà. F'Ottubru 2022, l-eu-LISA organizzat workshop li ppreżenta soluzzjonijiet alternattivi għal din il-problema, li wassal għad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija f'Novembru li l-interfaċċa front-end tal-ECRIS RI għandha tiġi sostitwita. Fl-istess ħin, l-Istati Membri ġew imħeġġa ħafna biex jaġġornaw għall-aħħar verżjoni tal-ECRIS RI sabiex jimmitigaw kwalunkwe riskju ta' sigurtà residwu.

Fl-2022, l-eu-LISA ħejjiet ukoll għat-trasferiment tal-manutenzjoni tal-ECRIS RI għall-qafas operattiv trażversali (TOF) użat mill-Aġenzija għall-operat tas-sistemi kollha tal-ĠAI. It-trasferiment huwa mistenni fl-2023.



#### 1.2.5. Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN)

L-ECRIS-TCN hija sistema ċentralizzata hit/no-hit, li tissupplimenta l-ECRIS (Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali) b'informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) ikkundannati fl-UE. Flimkien, dawn iż-żewġ sistemi se jgħinu lill-imħallfin, lill-prosekuturi u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn jiksbu informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali tat-TCNs, irrISPettivament mill-Istat Membru fejn kienu nstabu ħatja qabel. B'riżultat ta' dan, l-ECRIS-TCN se tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji fl-ispace komuni ta' libertà, ġustizzja u sigurtà.

L-ECRIS-TCN tinkludi:

- is-sistema ċentrali li taħżen l-informazzjoni dwar l-identità fuq TCNs misjuba ħatja,
- punti ta' aċċess ċentrali nazzjonali f'kull Stat Membru,
- software tal-interfaċċa li jippermetti l-konnessjoni tal-awtoritajiet kompetenti mas-sistema ċentrali, u
- infrastruttura ta' komunikazzjoni li tgħaqqad is-sistema ċentrali mal-punti ta' aċċess ċentrali nazzjonali.

Bħala parti mill-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI, l-ECRIS-TCN ser tkun konnessa mal-komponenti tal-interoperabbiltà, li tippermetti ftitxijiet fis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI.

## Sfond Regulatorju

Id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni b'dispożizzjonijiet dwar *data* alfanumerika u bijometrika ġiet ippubblikata fis-16 ta' Diċembru 2022.<sup>54</sup>

## Analiżi u disinn

FI-2022, l-eu-LISA ffukat fuq it-tlestija tar-rekwiżiti tas-sistema u l-aġġornament tad-**dokument ta' kontroll tal-interfaċċa tal-ECRIS-TCN** (ICD), filwaqt li qieset l-allinjament mal-komponenti tal-interoperabbiltà żviluppati b'mod parallel. Minħabba d-dipendenzi mal-komponenti kondiviżi tal-EES u l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà, il-fażi tal-analiżi u tad-disinn tal-ECRIS-TCN ma tlestietx fl-2022 u kellha tiġi estiża.

Wara l-iskoperta ta' vulnerabbiltajiet tas-sigurtà fl-ECRIS RI, l-Aġenzija ppreżentat ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni lill-Grupp Konsultattiv tal-ECRIS-TCN. Tfassal pjan ta' kontinġenza f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, mal-Istati Membri u mal-kuntrattur sabiex tiġi pprevenuta kwalunkwe trażmissjoni u jiġi limitat l-impatt fuq l-iżvilupp tal-ECRIS-TCN.

## Implimentazzjoni

Komplet l-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN. F'Diċembru, l-Aġenzija nediet kuntratt speċifiku ġdid għall-iżvilupp ta' simulatur integrat ġdid.



### 1.2.6. e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online)

Is-sistema e-CODEX tipprovdi l-infrastruttura diġitali għal komunikazzjoni u skambju ta' *data* siguri u interoperabbli bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji Ewropej, u sservi bħala faċilitatur teknoloġiku ewlieni għall-modernizzazzjoni tal-kooperazzjoni fi proċedimenti ċivili u kriminali transfruntieri.<sup>55</sup> L-impenn tal-Aġenzija mal-e-CODEX huwa pass importanti lejn sforz madwar l-Ewropa kollha fid-**diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja**.

Il-pjattaforma ta' komunikazzjoni e-CODEX ilha topera mill-2016, oriġinarjament ġiet żviluppata biex tingħeleb il-varjetà wiesgħa ta' għodod tal-IT nazzjonali frammentati u inkompatibbli u biex tiġi żgurata trażmissjoni elettronika sigura tal-informazzjoni fi **proċedimenti ġudizzjarji transfruntieri**.

S'issa, l-e-CODEX għe implimentat fis-soluzzjonijiet tal-IT użati b'mod volontarju mill-awtoritajiet ġudizzjarji, kif ukoll minn professjonijiet legali oħrajn, ta' madwar 30 pajjiż u organizzazzjoni sieħba fi kwistjonijiet ċivili u kriminali, bħal ordnijiet ta' ħlas Ewropej<sup>56</sup> u mandati ta' arrest Ewropej.<sup>57</sup>

<sup>54</sup> **Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2470** tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tekniku u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN), ĠU L 322, 16.12.2022, p. 107–121.

<sup>55</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web uffiċjali ta' **e-CODEX**.

<sup>56</sup> **L-ordni ta' ħlas Ewropea** hija proċedura simplifikata għal talbiet monetarji transfruntieri li mhumiex ikkontestati mill-konvenut.

<sup>57</sup> **Il-mandat ta' arrest Ewropew (MAE)** huwa proċedura simplifikata ta' konsenja ġudizzjarja transfruntiera għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni.

Ir-Regolament e-CODEX għe adottat fit-30 ta' Mejju 2022, u jistabbilixxi formalment il-bażi ġuridika tas-sistema, jiddeskrivi l-komponenti, il-funzjonijiet u l-governanza tagħha, u jelenka r-responsabbiltajiet tal-eu-LISA.<sup>58</sup> L-Aġenzija mistennija **tiegħu f'idejha l-immaniġġjar operazzjonali tal-e-CODEX** fit-tieni nofs tal-2023. Barra minn hekk, l-eu-LISA għiet inkarigata wkoll biex ittejjeb id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-proċeduri ġudizzjarji li jistgħu jagħmlu użu mill-komunikazzjoni transfruntiera sigura u interoperabbli u l-iskambju tad-*data* pprovduti mill-e-CODEX.

Fl-2022, l-eu-LISA kkontribwiet għall-ħidma tal-Kummissjoni fit-tnejn tal-atti ta' implimentazzjoni li jkopru l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi minimi tas-sistema, ir-rekwiżiti tal-livell ta' servizz, u l-arranġamenti speċifiċi għall-proċess ta' akkwizzizzjoni. F'Diċembru, l-eu-LISA stabbiliet il-Bord tat-Tmexxija tal-Programm tal-e-CODEX biex jipprovi gwida lill-maniġment tal-Aġenzija u għamlet tnejniet għall-istabbiliment tal-Grupp Konsultattiv iddedikat biex jipprovi għarfien espert tekniċu.<sup>59</sup> Bi tnejniet għall-akkwizzizzjoni fl-2023, l-eu-LISA kienet qed taħdem mill-qrib mal-konsorzju li sa issa ssorvelja l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistema.



### 1.2.7. Interoperabbiltà

L-interoperabbiltà hija l-kapaċità ta' sistemi ta' informazzjoni li jiskambjaw *data* u informazzjoni. Il-ġestjoni effiċjenti tas-sigurtà interna u tal-fruntieri tal-Ewropa tiddependi fuq l-interoperabbiltà tad-diversi sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni u jikkontribwixxu għas-sigurtà interna.

Għal dak l-għan, l-UE fdat lill-eu-LISA bl-iżvilupp tal-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà għall-qasam tal-ĠAI. L-Aġenzija bdiet tiżviluppa l-programm ta' Interoperabbiltà f'nofs l-2019, wara l-adozzjoni tar-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà f'Mejju 2019.

Din l-arkitettura l-ġdida, kif murija fl-Illustrazzjoni **Illustrazzjoni 22**, se tiġi attivata mill-komponenti tal-interoperabbiltà li flimkien se jiffrim l-interoperabbiltà għas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE fil-qasam tal-ĠAI: Is-SIS, il-VIS, l-Eurodac, l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN.

L-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE tinkludi l-komponenti li ġejjin:


- **il-Portal Ewropew tat-Tiftix (ESP)**, li jippermetti lill-utenti awtorizzati jwettqu ftitxijiet singoli u jirċievu r-riżultati mis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI li huma awtorizzati jaċċessaw,
- **ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR)**, bażi tad-*data* ta' informazzjoni bijografika dwar nazzjonali ta' pajjiż terz (TCNs) biex tiġi żgurata identifikazzjoni affidabbli,
- **id-detettur ta' identitajiet multipli (MID)**, li jiffaċilita d-detezzjoni ta' identitajiet multipli bl-iskop doppju li tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta tal-vjaġġgaturi in *bona fide*, kif ukoll li tiġi miġġielda l-frodi tal-identità,
- **is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS)**, għat-tqabbil inkroċjat tad-*data* dwar l-identità ma' identifikaturi bijometriċi fis-sistemi kollha tal-ĠAI.

Barra minn hekk, l-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll **repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS)** biex tipprovi *data* statistika bejn is-sistemi u r-rapportar analitiku dwar is-sistemi kollha tal-ĠAI għal finijiet ta' politika, operazzjonali u tal-kwalità tad-*data*.

<sup>58</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1–19.

<sup>59</sup> L-ewwel laqgħa tal-Grupp Konsultattiv tal-e-CODEX saret fis-17 ta' Jannar 2023, u l-Bord tat-Tmexxija tal-Programm tal-e-CODEX iitlaqqa' għall-ewwel darba fit-18 ta' Jannar 2023.

## Illustrazzjoni 22. L-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI.



### L-iżvilupp tas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS)

Sal-aħħar ta' Jannar 2022, l-sBMS ġiet inkluża fl-**ittestjar tas-soluzzjoni tas-sistema komuni** tal-EES u tal-VIS aġġornata. Din il-fażi tal-ittestjar kienet ta' suċċess peress li ma għie identifikat l-ebda difett sinifikanti għall-sBMS. L-ittestjar tas-soluzzjoni tas-sistema ddedikata tal-sBMS beda f'Ġunju u ntemm b'suċċess f'Diċembru.

Fi Frar, l-eu-LISA ppreżentat il-**valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data** (DPIA) aġġornata tal-sBMS lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) għal opinjoni, li tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li saru f'Novembru 2021. L-EDPS ipprovdha opinjoni pożittiva f'Lulju 2022, b'talba għal aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar tal-immaginjiet tal-wiċċ.

Fl-2022, l-Aġenzija nediet il-proċess ta' akkwist għall-komponenti tal-infrastruttura tal-sBMS li għandhom jintużaw kemm mill-EES kif ukoll mill-VIS. Wara l-installazzjoni b'suċċess tal-elementi tal-hardware, is-soluzzjonijiet tas-software ġew installati fuq l-ambjenti differenti, tlestew għall-ambjent tal-ittestjar, u għandhom għaddejjin għall-ambjenti ta' qabel il-produzzjoni u tal-produzzjoni.

F'Jannar 2022, l-eu-LISA bdiet l-**integrazzjoni tal-ECRIS-TCN mal-sBMS** billi aġġornat ir-rekwiżiti u d-disinn tal-sBMS. Ir-rilaxx tal-ambitu sħiħ twettaq fl-aħħar ta' Awwissu. L-ittestjar huwa skedat għall-2023, flimkien mal-verżjoni 1.1 tal-sBMS.

F'Mejju 2022, l-Aġenzija bdiet l-implimentazzjoni tar-rilaxx tal-sBMS b'appoġġ għas-SIS, bit-twassil ipplanat f'Settembru 2023.

Verżjoni aġġornata tal-**kitt tas-software għall-utenti** (USK) tal-sBMS ġiet rilaxxata f'Marzu, b'funzjonalitajiet ġodda li jirriżultaw mir-rekwiżiti tal-ECRIS-TCN u tas-SIS. Barra minn hekk, l-eu-LISA ħejjiet ukoll l-approċċ għall-kejl tal-preċiżjoni kontinwa tal-prestazzjoni tas-sistema.

### L-iżvilupp ta' komponenti oħrajn tal-interoperabbiltà: l-ESP, is-CIR, l-MID, u s-CRRS

Matul l-2022, l-eu-LISA għamlet progress bl-implimentazzjoni tal-**komponenti tal-interoperabbiltà** li jifdal: Portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), detettur ta' identitajiet multipli (MID) u repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS).

L-attivitajiet ta' manutenzjoni għad-disinn ta' livell għoli, ir-repożitorju tar-rekwiżiti u r-riżultati tas-sigurtà bdew u qed jadvanzaw, b'enfasi fuq elementi kritiċi, bħad-dokument tal-arkitettura tas-software (SAD) u l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tad-disinn. L-attivitajiet ta' żvilupp komplew b'mod parallel.

L-aktar verżjonijiet ġodda tad-**dokumenti ta' kontroll tal-interfaċċa** tal-Interoperabbiltà (ICD) ġew ipprovduti lill-Istati Membri f'Novembru 2022. Il-proċess ta' manutenzjoni għall-ICDs esterni b'ċiklu ta' rilaxx ġdid ta' xahrejn u nofs diġà kien qed jintuża, kif maqbul mal-Istati Membri.

F'termini ta' infrastruttura, l-akkwist avanzat għat-tnejja ta' attivitajiet ta' ttestjar kien għadu għaddej fi tmiem l-2022. L-installazzjoni tal-infrastruttura kienet ipplanata wkoll. Barra minn hekk, l-Aġenzija nediet il-proċess għall-iffirmar tal-ewwel kuntratt għall-attivitajiet ta' ttestjar tal-interoperabbiltà.



## 1.2.8. Innovazzjoni, riċerka u żvilupp

L-eu-LISA timmonitorja b'mod proattiv l-attivitajiet ta' riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika fl-oqsma tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Jeħtieġ li l-Aġenzija tlaħħaq mal-aħħar żviluppi u tantiċipa l-evoluzzjonijiet li se jikkontribwixxu għat-twassil ta' servizzi tal-IT ta' kwalità għolja, filwaqt li tkun lesta wkoll li tittestja teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda bil-ħsieb li ttejjeb l-effiċjenza tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA.

### Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija

F'Diċembru 2022, l-eu-LISA ppubblikat ir-**rapport annwali ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija** tagħha intitolat **"Enabling Seamless Travel to the European Union"**.<sup>60</sup> Ir-rapport jiffoka fuq l-iżviluppi li għaddejjin fid-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-ġestjoni tal-fruntieri matul il-kontinwità tal-ivvjaġġar. B'mod aktar speċifiku, ir-rapport ipprova f'ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ta' politika reċenti fid-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri tal-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda li jippermettu vjaġġar internazzjonali bla xkiel.

Barra minn hekk, f'Lulju 2022, l-eu-LISA u l-Eurojust ippubblikaw rapport konġunt dwar l-użu ta' soluzzjonijiet tal-IA biex jappoġġaw il-kooperazzjoni transfruntiera fil-ġustizzja kriminali.<sup>61</sup> Ir-rapport jipprova f'ħarsa ġenerali ta' livell għoli lejn il-kuntest politiku u legali għall-użu tal-IA fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Jesplora wkoll it-teknoloġiji applikabbli u l-każijiet ta' użu possibbli għall-użu tal-IA fl-isfera ġudizzjarja.

### L-impenn tal-partijiet ikkonċernati

Fl-2022, l-eu-LISA kompliet tikkoordina r-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-**Pjan Direzzjonali għall-Istandardizzazzjoni għal Skopijiet ta' Kwalità tad-Data**, adottat mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM WP) f'Diċembru 2020 u bl-impenn ta' diversi atturi madwar l-Ewropa (il-Kummissjoni Ewropea, diversi aġenziji tal-UE, u awtoritajiet tal-Istati Membri). Il-Kunsill nieda l-inizjattiva biex jindirizza l-lakuni fil-kwalità tad-*data* u fl-aċċess għall-informazzjoni fl-UE billi jiġu żviluppati, approvati u implimentati standards komuni għad-*data* bijometrika, id-*data* alfanumerika, l-apparati u s-soluzzjonijiet għall-akkwist u l-aċċess għad-*data*, kif ukoll iċ-ċibersigurtà. L-Aġenzija ppreżentat żewġ rapporti ta' progress, approvati mill-IXIM, f'Ġunju u f'Diċembru 2022.

L-Aġenzija pparteċipat b'mod attiv fil-ħidma taċ-**Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna**, ospitat fl-Europol.<sup>62</sup> Iċ-Ċentru, li ġie stabbilit fl-2020, huwa network kollaborattiv ta' laboratorji tal-innovazzjoni li jiffoka fuq l-esplorazzjoni tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari, l-immappjar tal-proġetti rilevanti, il-lakuni fil-għarfien u fil-kapaċità fil-qasam tal-ĠAI. Sabiex tappoġġa lis-Segretarjat taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE, l-eu-LISA baġtet membru tal-persunal lill-Europol minn Mejju 2022 u kompliet tipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma taċ-Ċentru u tal-Grupp ta' Tmexxija taċ-Ċentru. Taħt l-umbrella taċ-Ċentru, l-Aġenzija nediet **studju dwar l-IA fis-CRRS biex ittejjeb l-analiżi u l-analitika tar-riskju għall-ETIAS u l-VIS Riveduta**. Barra minn hekk, l-eu-LISA appoġġat liċ-Ċentru fl-organizzazzjoni tal-avveniment annwali tagħha, "Shaping responsible solutions for internal security", li sar f'Settembru 2022 fi Brussell, b'enfasi fuq il-ħtieġa tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà effettivi filwaqt li fl-istess ħin jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini f'termini ta' privatezza, trasparenza u obbligu ta' rendikont.<sup>63</sup>

Abbażi tal-involvement tal-Aġenzija fil-**Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**, maqbul fl-2021, l-eu-LISA kompliet tappoġġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka fil-implimentazzjoni tal-Programm Qafas Orizzont Ewropa permezz ta' attivitajiet differenti. B'mod partikolari, l-eu-LISA pparteċipat fid-definizzjoni tal-prijoritajiet għall-programmi ta' ħidma tar-riċerka u l-innovazzjoni u kkontribwiet għall-evalwazzjoni tal-proposti sottomessi b'rispons għas-sejħiet b'rilevanza operazzjonali għall-Aġenzija.

<sup>60</sup> L-eu-LISA (2022) **"Enabling Seamless Travel to the European Union"** Rapport ta' Monitoraġġ tar-Riċerka tal-eu-LISA, Diċembru 2022.

<sup>61</sup> L-eu-LISA u l-Eurojust (2022) **"Artificial intelligence supporting cross-border cooperation in criminal justice"** Lulju 2022.

<sup>62</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web taċ-**Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna**.

<sup>63</sup> Iċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna **"Shaping responsible solutions for internal security"**, Settembru 2022.

Barra minn hekk, l-Aġenzija appoġġat lill-Kummissjoni Ewropea f'**diversi studji**, bħall-“Istudju dwar is-Suq tas-Sigurtà tal-UE”<sup>64</sup> u l-istudju dwar l-adozzjoni tar-riċerka dwar is-sigurtà.<sup>65</sup> L-Aġenzija appoġġat ukoll id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DG HOME) fl-evalwazzjoni tad-dipendenzi teknoloġiċi kritiċi fis-sigurtà interna u l-inizjattiva “Spazju tad-Data dwar is-Sigurtà tal-UE għall-Innovazzjoni”.

Fl-2022, l-Aġenzija pparteċipat ukoll fi proġett pilota mal-Aġenzija Żvediża għall-Migrazzjoni biex tanalizza l-**kwalità ta' data operazzjonali tal-marki tas-swaba'** fil-kuntest tal-VIS. Wieħed mill-eżiti ta' dan il-proġett huwa l-ewwel dokument xjentifiku miktub mill-eu-LISA li ġie ppreżentat u aċċettat fil-Workshop Internazzjonali dwar il-Bijometrika u l-Forensika (IWBF) tal-2023.<sup>66</sup> Id-dokument janalizza l-qbid tal-marki tas-swaba', li jenfasizza d-differenza fil-kwalità fost is-swaba' individwali, u jipprovi valutazzjoni tal-impatt potenzjali fuq l-iżvilupp ta' skeners tal-marki tas-swaba' u l-użu tagħhom f'sistemi tal-IT fuq skala kbira.

### Intelliġenza artifiċjali

F'Mejju 2022, l-eu-LISA lestiet il-parteeċipazzjoni tagħha fil-**proġett ta' prova tal-kunċett VisaChat**, imniedi f'Lulju 2021 mid-DG HOME biex jiddefinixxi r-rekwiżiti tekniċi għaċ-chatbot ipplanat għall-portal tal-viża diġitali futur tal-UE. L-ċ-chatbot tal-viża b'apprendiment awtomatiku ġie mħarreġ biex iwiegħeb għall-mistoqsijiet mill-applikanti għal viża bil-lingwa nattivha tagħhom. Ladarba jkunu operazzjonali, iċ-chatbots inaqqsu l-ammont ta' xogħol tal-awtoritajiet tal-viża inkarigati li jwieġbu għat-talbiet fl-Istati Membri, u jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-Kodiċi tal-UE dwar il-Viża. L-Aġenzija kkontribwiet għal dan il-proġett billi ddefiniet ir-rekwiżiti tekniċi u s-sostenibbiltà tas-soluzzjoni, u hija mistennija li tiġi inkarigata bl-iżvilupp tal-applikazzjoni taċ-chatbot għall-portal diġitali tal-UE dwar il-viża.

Matul is-sena, l-eu-LISA ospitat tliet laqgħat tal-**Grupp ta' Fiddma dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (WGAI)**, li ffaċilitaw id-diskussjonijiet u l-iskambju ta' għarfien bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. Il-laqgħat inkludew preżentazzjonijiet dwar soluzzjonijiet tal-IA, proġetti li għaddejjin u pjanijiet għal attivitajiet ġodda, kif ukoll diskussjonijiet dwar l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' każijiet rilevanti ta' użu tal-IA.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ffinalizzat il-**Pjan Direzzjonali intern għall-Intelliġenza Artifiċjali** tagħha biex tappoġġa l-koordinazzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA fi ħdan l-eu-LISA.

### Diskussjonijiet Madwar Mejda dwar l-Industrija

Fl-2022, l-eu-LISA ospitat **żewġ avvenimenti ta' diskussjoni madwar mejda dwar l-industrija**, li laqqgħu esperti mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-industrija biex jiskambjaw fehmiet dwar oqsma ta' prijorità magħżula u li juru preżentazzjonijiet dwar teknoloġiji, prodotti u servizzi ġodda, filwaqt li jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet u l-lakuni fil-kapaċità tal-Istati Membri.

L-ewwel avveniment ta' diskussjoni madwar mejda, li sar f'Ġunju, iffoka fuq it-**teknoloġiji bijometriċi fil-ġestjoni u l-verifika tal-identità**, ibbażati fuq il-kuntest tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri.<sup>67</sup> Il-parteeċipanti kkondividew esperjenzi, l-aħjar Prattiki u teknoloġiji għall-indirizzar ta' lakuni fil-kapaċità fil-verifika tal-identità f'punti ta' qsim tal-fruntieri esterni, kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi għall-ġestjoni tal-identità. Organizzat f'kollaborazzjoni mal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-UE, l-avveniment ġie organizzat f'format ibridu fi Strasburgu, Franza. Aktar minn 100 parteeċipant ingħaqad mal-avveniment personalment, u aktar minn 170 parteeċipant segwa online, li b'kollox jirrappreżentaw 34 pajjiż madwar id-dinja.

<sup>64</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2022) “**EU security market study**”, id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (DG HOME), 2022.

<sup>65</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2022) “**Innovation uptake of EU-funded security research outcomes**”, DG HOME, 2022.

<sup>66</sup> **Il-11-il Workshop Internazzjonali dwar il-Bijometrika u l-Forensika (IWBF 2023)**, 19/20 ta' April 2023 f'Barċellona, Spanja.

<sup>67</sup> Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija tal-eu-LISA “**Biometric Technologies in Identity Management and Verification**”, Ġunju 2022, Strasburgu, Franza.

It-tieni diskussjoni madwar mejda dwar l-industrija, li saret f'Ottubru, iffukat fuq soluzzjonijiet għall-isfidi ffaċċjati mit-trasportaturi b'antiċipazzjoni tad-dħul fis-seħħ tal-EES u tal-ETIAS, li jirrikjedu li t-trasportaturi kollha jikkonsultaw dawn is-sistemi tal-ĠAI l-ġodda biex jivverifikaw il-validità tal-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar ta' nazzjonali ta' pajjiż terz li jkunu qed ifittxu dħul fiż-żona Schengen. L-avveniment, bit-titolu **“EES, ETIAS and Carriers Getting Ready for the Entry into Operation”** laqqa' lill-partijiet ikkonċernati biex jiddiskutu u jikkondividu esperjenzi prattiċi, kif ukoll prattiki tajbin biex itejbu l-ipproċessar tal-vjaġġaturi filwaqt li jtejbu s-sigurtà ġenerali. Id-diskussjoni madwar mejda ġiet organizzata f'format ibridu f'Tallinn, l-Estonja, u laqgħet aktar minn 300 parteċipant online u 115-il parteċipant personalment, li flimkien irrappreżentaw aktar minn 50 pajjiż madwar id-dinja.<sup>68</sup>

**Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għar-rapporti tad-Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija għal Ġunju <https://bit.ly/405n57a> u għal Ottubru <https://bit.ly/3lpEGLb>**

---

<sup>68</sup> Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija tal-eu-LISA “EES, ETIAS and Carriers Getting Ready for the Entry into Operation”, Ottubru 2022, Tallinn, l-Estonja.

## 1.3. Infrastruttura u networks

Sabiex tappoġġa b' mod effettiv l-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI fuq skala kbira fdati lilha matul is-sena, l-Aġenzija pprovdiet infrastruttura sigura u affidabbli sabiex tospita s-sistemi kollha, żgurat trasferiment sigur u affidabbli tad-*data* bejniethom u pprovdiet appoġġ dirett u servizzi tekniċi meħtieġa sabiex tħaddem is-sistemi tal-IT kollha ġestiti mill-eu-LISA.

### 1.3.1. Networks

L-Aġenzija hija responsabbli mill-ġestjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni li tipprovdi trasferiment sigur u affidabbli tad-*data* bejn is-sistemi ċentrali operati mill-Aġenzija u l-utenti ta' dawn is-sistemi, l-Istati Membri u Aġenziji oħrajn tal-UE. Barra minn hekk, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tipprovdi wkoll konnessjoni minn punt għal ieħor bejn l-unità ċentrali (CU) fis-sit operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu, u l-unità ċentrali ta' backup (BCU) f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija.

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tuża n-network TESTA-ng (Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – Ġenerazzjoni Ġdida), li jipprovdi network ewlieni separat mill-internet pubbliku, u li jintuża wkoll minn diversi amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. Il-kuntratt ta' TESTA-ng huwa ssorveljat mill-Kummissjoni Ewropea, u n-network huwa operat minn fornitur privat tas-servizzi.

L-Aġenzija tuża tliet dominji fuq TESTA-ng għall-operat tas-sistemi fuq skala kbira (il-komponenti tal-interoperabbiltà se jintużaw fit-tliet oqsma kollha):

- Id-Dominju tas-SIS għal SIS II u SIRENE Mail,<sup>69</sup>
- Id-Dominju tal-VIS għall-VIS (inkluż VISMail<sup>70</sup>), I-EES, u I-ETIAS,
- EuroDomain għal Eurodac, DubliNET u ECRIS-TCN.

It-tliet dominji huma fiżikament separati fil-bini tal-utent. L-utenti finali jikkonnettjaw mad-dominji bl-użu ta' punti ta' aċċess turnkey (TAPs) separati, normalment tnejn, li jinsabu f'faċilitajiet ġeografikament imbiegħda biex ikunu jistgħu jergġu jibdeu l-operazzjonijiet malajr f'każ ta' diżastru jew manutenzjoni. Sabiex jiġu żgurati aktar id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tan-network, it-TAP innfishom jinkludu ridondanzi addizzjonali. Minbarra l-kriptaġġ tad-*data* ġestita mill-fornitur tas-servizz TESTA-ng, l-eu-LISA tiġġestixxi t-tieni saff ta' kriptaġġ għad-Dominju tas-SIS.

### Ġestjoni operazzjonali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

Fl-2022, il-kuntratt qafas li jkopri l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS (bl-użu tas-servizzi TESTA-ng) imwettaq f'konformità mar-rekwiżiti legali għas-sistemi rispettivi, b'disponibbiltà medja li taqbeż il-mira ta' 99.99 %, b'disponibbiltà ta' 99.9984 % għas-SIS, u 99.9984 % għall-VIS. Barra minn hekk, it-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II żgura s-sigurtà tad-*data* kummerċjali tas-SIS II u ta' SIRENE Mail b'disponibbiltà ta' 100 %.

### Evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni

L-Aġenzija bdiet tikkonnettja l-EES mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS biex tibda ttwettaq it-testijiet mal-Istati Membri. It-tnejniet għall-evoluzzjoni tal-kuntratt qafas ta' TESTA bdew fl-2018 taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni. Il-proċess, li inizjalment kien mistenni li jiġi konkluż fl-2020, ġie ttardjat. Il-Kummissjoni infurmat lill-Aġenzija li l-iffirmar tal-kuntratt qafas bħalissa huwa sospiż wara l-Ordni tal-Qorti tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, datata 22 ta' Lulju 2022.<sup>71</sup>

<sup>69</sup> **SIRENE Mail** huwa mekkaniżmu ta' komunikazzjoni użat mill-Uffiċċji SIRENE nazzjonali għal informazzjoni supplimentari relatata ma' twissijiet tas-SIS.

<sup>70</sup> **VISMail** huwa mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni użat mill-awtoritajiet nazzjonali tal-viża biex jikkonsultaw dwar l-applikazzjonijiet għal viża ta' Schengen.

<sup>71</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, **Order of the Vice-President of the Court of 14 March 2023** fil-kawża C-141/23 P(R)-R.

L-Aġenzija kompliet ukoll tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri billi kkoordinat u mmaniġġjat iċ-ċaqliq ta' TAPs eżistenti lejn postijiet ġodda ta' ċentri tad-*data*, l-installazzjoni ta' TAPs ġodda u d-dekummissjonar ta' dawk qodma. Barra minn hekk, hija żgurat il-ġestjoni tas-servizzi tan-network u l-bidliet differenti meħtieġa għall-komponenti tan-network sabiex tinżamm u tiġi żviluppata l-infrastruttura ta' TESTA-ng u tiġi ggarantita l-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sistema.

### 1.3.2. Ċentri tad-*data*

Iċ-ċentri tad-*data* tal-Aġenzija, l-unità ċentrali (CU) fi Strasburgu, Franza, u l-unità ċentrali ta' backup (BCU) f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija, huma l-infrastruttura li fiżikament tospita s-sistemi tal-IT kollha fuq skala kbira f'dati lill-eu-LISA, filwaqt li tospita wkoll sistemi operazzjonali u mhux operazzjonali oħrajn meħtieġa għall-iżvilupp u l-ittestjar. Bħala tali, dawn jikkostitwixxu l-assi ewlenin tal-eu-LISA, u huma ta' importanza kritika għall-eżekuzzjoni tal-mandat tagħha.

FI-2022, l-eu-LISA ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li ż-żewġ unitajiet jibqgħu kontinwament operazzjonali, u jikkontribwixxu għall-prestazzjoni tas-sistema ta' livell għoli, b'mod partikolari d-disponibbiltà tas-sistemi. Madankollu, l-operazzjoni taċ-ċentri tad-*data* kompli jkun kumpless b'mod partikolari fl-ewwel nofs tas-sena minħabba l-aċċess relatat mal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li llimitaw b'mod konsiderevoli d-disponibbiltà tal-persunal u tal-kuntratturi f'dawk il-faċilitajiet.

Sabiex tappoġġa l-operazzjonijiet u l-proġetti, l-Aġenzija kompliet bl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-approċċ "**data-centre-as-a-service**" (DCaaS) għall-finijiet taċ-ċentralizzazzjoni tal-immaniġġjar operazzjonali, il-monitoraġġ u l-ippjanar tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-IT sottostanti użata mis-sistemi tal-ĠAI. Għal dak l-għan, l-eu-LISA introduċiet għodda ddedikata għall-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentri tad-*data* (DCIM) li tinkludi diversi moduli, bħall-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura u l-ġestjoni tal-enerġija biex tiżdied l-effiċjenza operazzjonali tagħha.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet tottimizza u torganizza mill-ġdid iċ-ċentri tad-*data* tagħha biex takkomoda l-ħtiġijiet tal-kapaċità futuri billi implimentat kejbils strutturati u mmodifikat it-tqassim tal-ixkafef għall-ottimizzazzjoni tat-tkessiħ. Għaċ-ċentru tad-*data* fi Strasburgu, l-installazzjonijiet kollha tal-enerġija ġew evalwati għall-ottimizzazzjoni u biex jilliberaw ftit aktar spazju.

L-Aġenzija għamlet progress ukoll fit-tħejjijiet għaċ-**ċentru tad-*data* modulari futur** tagħha fi Strasburgu, li huwa maħsub biex jipprovdi kapaċità ta' buffer addizzjonali meħtieġa għal aġġornamenti futuri tat-tqassim ewleni taċ-ċentru tad-*data*. Iċ-ċentru tad-*data* modulari ser jipprovdi wkoll żieda fil-kapaċità ta' 50 % biex jospita sistemi ġodda tal-ĠAI.

FI-unità ċentrali ta' riżerva fl-Awstrija, l-eu-LISA pproċediet bit-tħejjijiet għall-iżgurar tal-konformità tal-ambjenti tal-preproduzzjoni u tal-produzzjoni mal-istandards komuni tal-pjattaforma kondiviża (CSP). Għal dak l-għan, il-kapaċità tat-tkessiħ disponibbli ġiet massimizzata billi ġew aġġustati l-idrawliċi u l-pompi, filwaqt li ġew implimentati wkoll aġġornamenti oħrajn tan-networking.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet tipprovdi servizzi ta' hosting għas-sistemi ta' backup tal-Frontex u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA).

### 1.3.3. Pjattaforma komuni kondiviża

Il-pjattaforma kondiviża komuni hija l-pjattaforma infrastrutturali skalabbli, aġli u standardizzata li tipprovdi s-servizzi tekniċi sottostanti meħtieġa biex jitħaddmu s-sistemi tal-IT kollha ġestiti mill-eu-LISA. Bl-applikazzjoni ta' teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, is-CSP toffri qafas effiċjenti fir-riżorsi, li jissimplifika l-kompiti ta' żvilupp u operazzjoni (pipeline ta' implimentazzjoni orjentat lejn id-DevOps) u li joffri grad għoli ta' awtomatizzazzjoni għall-ġestjoni tal-infrastruttura (Infrastruttura bħala Kodiċi). Is-sistemi tal-ĠAI eżistenti jużaw biss xi wħud mis-servizzi tas-CSP (eż., il-VIS tuża servizzi ta' ħżin u servizzi ta' bażi tad-*data*), filwaqt li sistemi iżgħar (eż., SIRENE Mail u VISMail) huma ospitati kompletament fuq is-CSP. Ladarba jkun operazzjonali, is-sistemi l-ġodda kollha li bħalissa qed jiġu żviluppanti se jkun ospitati kompletament fuq is-CSP ukoll.

FI-2022, l-eu-LISA wettqet l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-manutenzjoni tal-pjattaforma kondiviża komuni li tagħti servizz lis-sistemi tan-negozju ewlenin kollha. B'riżultat ta' dan, is-CSP baqgħet kompletament disponibbli, u l-kwistjonijiet kollha ġew solvuti fi ħdan il-miri speċifikati fl-FLS. Barra minn hekk, l-Aġenzija introduċiet proċess għall-manutenzjoni adattiva fir-rilaxxi ċikliċi, li jiżgura li s-sistemi kollha jinżammu aġġornati, u li s-sostituzzjonijiet meħtieġa jkunu previsti u ppjanati b'mod preċiż. Biex taġġorna s-servizzi ta' ħżin tagħha, l-eu-LISA wettqet stħarriġ tas-suq u bdiet timplimenta soluzzjoni ta' sistema ta' ħżin bi prestazzjoni għolja.

Intlaħaq stadju importanti fl-2022 bil-migrazzjoni tal-kuntratt qafas li jirregola s-servizzi tal-infrastruttura. Il-kuntratt qafas preċedenti, intitolat "Infrastruttura Kondiviża Komuni (CSI)", ġie sostitwit b'kuntratt ġdid taħt il-kuntratt "**Qafas operattiv trażversali (TOF)**".<sup>72</sup> Il-kuntratt il-ġdid daħal fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru 2022, li jippermetti aċċess għal servizzi mtejba għall-operat tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE.

## 1.4. Sigurtà u kontinwità tal-operat

L-Aġenzija timplimenta kontinwament proċess ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni biex tiżgura li kull sistema ta' informazzjoni, inklużi sistemi korporattivi esposti għall-internet, iżżomm approċċ ibbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju **4**, li skontu l-Aġenzija timplimenta saffi ta' miżuri ta' sigurtà biex tipprovdi reżiljenza għal inċidenti u attakki ċibernetiċi. Sabiex tiżgura l-identifikazzjoni u r-rispons f'waqthom għat-theddid ċibernetiku, l-eu-LISA tistabbilixxi għodod ta' monitoraġġ, proċeduri ta' inċidenti ta' sigurtà, u arranġamenti ta' riżerva tad-dmirijiet 24/7. L-Aġenzija topera Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà u l-Ġestjoni tal-Avvenimenti (SIEM) flimkien mas-CERT-UE (L-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej) sabiex tidentifika u twieġeb għat-theddid ċibernetiku għas-sistemi tal-IT korporattivi tagħha.

B'mod partikolari, fiċ-**ċibersigurtà**, l-enfasi primarja kienet li jissaħħa l-**istat ta' tħejija difensiva** tal-Aġenzija fid-dawl ta' attivitajiet dejjem akbar ta' gwerra ċibernetika minn ċerti atturi tal-istat nazzjon. B'mod partikolari, bl-appoġġ ta' gwida mis-CERT-UE, l-Aġenzija qed ittejjeb il-pożizzjoni tagħha fiċ-**ċibersigurtà**, issaħħa id-difiżi ċibernetiċi tagħha, u żżid il-kapaċitajiet tagħha biex tidentifika u tirreaġixxi malajr għal operazzjonijiet ċibernetiċi.

Bħala parti mill-**immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira**, l-Aġenzija wettqet monitoraġġ u ġestjoni kontinwi tar-riskji għas-sigurtà, l-ittestjar u t-titjib tal-kontrolli tas-sigurtà biex tiżgura l-qagħda effettiva tas-sigurtà. B'mod partikolari, dan żgura monitoraġġ kontinwu tax-xenarju tat-theddid għas-sigurtà wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, speċjalment fil-kuntest ta' theddid ibridu. Minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni ġeopolitika l-ġdida kienet taħt kunsiderazzjoni partikolari wkoll minħabba d-distribuzzjoni ġeografika tal-Aġenzija f'erba' Stati Membri tal-UE (l-Estonja, Franza, l-Awstrija u l-Belġju), fejn il-livell ta' theddid (l-aktar fiżiku u ċibernetiku) iwarja b'mod sostanzjali.

Is-sigurtà tas-sistemi l-ġodda hija element ewleni tal-iżvilupp tagħhom. Għall-implimentazzjoni li għaddejja ta' **sistemi tal-ĠAI ġodda**, l-eu-LISA ffukat l-isforzi tagħha relatati mas-sigurtà fuq il-lif fuq ta' rekwiżiti ta' sigurtà li ser jixprunaw l-iżvilupp tal-**arkitettura ġenerali tas-sigurtà**. F'dan il-kuntest, wara l-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju, l-eu-LISA ffinalizzat l-arkitettura tas-sigurtà taż-**Żona tal-Internet tal-EES**. L-Aġenzija ħadmet ukoll fuq **mudell ta' referenza tal-Arkitektura tas-Sigurtà tal-Intrapriżi** għas-sistemi tal-IT tal-ĠAI. Barra minn hekk, l-eu-LISA kienet involuta f'attivitajiet ta' ttestjar tas-sigurtà (relatati mal-EES, il-VIS, u l-sBMS) filwaqt li integrat il-kapaċità kollha meħtieġa tal-ittestjar tas-sigurtà, f'termini ta' għodod u kapaċità, fil-pipeline tal-eu-LISA DevSecOps (żvilupp, sigurtà u operazzjonijiet).

FI-2022, l-Aġenzija għamlet progress bl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet relatati mas-sigurtà li jirriżultaw minn diversi awditi u valutazzjonijiet (eż., l-awditu tas-Servizzi tal-Awditjar Intern tal-2020 dwar is-Sigurtà tal-IT, l-ispezzjoni tal-EDPS dwar l-Eurodac) kif ukoll l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzji preċedenti ta' sigurtà u kontinwità tal-operat immexxija flimkien mal-Istati Membri tal-UE. Matul l-ewwel kwart tal-2022, l-Aġenzija lestiet **valutazzjoni tas-sigurtà interna** li tiffoka fuq aspetti tekniċi u organizzattivi filwaqt li nediet ukoll l-awditi tas-sigurtà ta' sitt fomituri ta' servizzi tekniċi biex jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tas-sigurtà kuntrattwali.

Sabiex ittejjeb is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Infomazzjoni tagħha, l-eu-LISA **adottat diversi standards u linji gwida dwar is-sigurtà tal-informazzjoni**. Fil-kuntest tal-ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà, l-Aġenzija lestiet il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-pjanijiet tas-sigurtà u l-**pjanijiet tal-kontinwità tal-operat** għas-sistemi sBMS, EES u Eurodac. Minbarra l-esperti interni, l-esperti tas-sigurtà mill-Istati Membri,

<sup>72</sup> Il-kuntratt tat-TOF ikopri l-manutenzjoni tal-bejjieġh, il-manutenzjoni korrettiva u adattiva, kif ukoll il-monitoraġġ tekniku tal-infrastruttura.

il-Kummissjoni Ewropea u l-Frontex irrieżaminaw dawn il-pjanijiet fil-qafas tan-Network ta' Uffiċjali tas-Sigurtà (SON). Il-pjanijiet irċevew opinjoni pożittiva mill-Gruppi Konsultattivi, u l-Bord tat-Tmexxija adotta d-dokumenti f'Novembru 2022.

Rigward il-koordinazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà, il-kooperazzjoni mal-aġenziji u l-istituzzjonijiet tal-UE ffaċilitat l-iskambju ta' għarfien u tal-aħjar prattiki dwar kwistjonijiet relatati mal-kontinwità tal-operat, speċjalment fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. In-network ta' Uffiċjali tal-Kontinwità tal-Operat skambja b'mod kostanti l-informazzjoni, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-prattiki tajbin dwar il-ġestjoni tas-sikurezza tal-persunal u r-reżiljenza tal-organizzazzjonijiet differenti b'apport għall-mandat tagħhom. L-Aġenzija tipparteċipa wkoll fl-inizjattivi tal-Grupp Interistituzzjonali ta' Taħriġ u Sensibilizzazzjoni dwar is-Sigurtà biex iżżomm lill-Aġenzija aġġomata mal-aħjar kwistjonijiet ta' sigurtà. Barra minn hekk, biex kontinwament tiskambja l-aħjar prattiki fl-oqsma kollha tas-sigurtà u tal-kontinwità tal-operat, l-Aġenzija tikkollabora b'mod attiv ma' SON. L-eu-LISA organizzat il-15 u s-16-il laqgħa ta' SON fl-2022 biex tiddiskuti x-xenarju ta' theddid ġenerali tal-UE u l-aħjar sfidi taċ-ċibersigurtà. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regoli ta' Sigurtà tal-eu-LISA dwar il-protezzjoni tas-Sistemi ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni (NIS), il-Grupp ta' Fidma dwar is-Sigurtà tal-IT tal-Aġenzija ltaqa' kull xahrejn biex jiddiskuti u jiskambja informazzjoni aġġomata dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà.

Bi tnejn għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' kooperazzjoni f'każ ta' inċident ta' sigurtà<sup>73</sup> u biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha għall-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà, l-Aġenzija stabbiliet **Skwadra ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRT)**. L-eu-LISA kienet qed tikkonsulta wkoll b'mod attiv mal-Grupp Konsultattiv dwar l-Interoperabbiltà u l-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar l-istabbiliment tal-proċessi ta' kooperazzjoni tagħha f'inċidenti ta' sigurtà. Barra minn hekk, l-eu-LISA kienet qed tikkontribwixxi b'mod attiv għall-iżvilupp ta' żewġ proposti ġodda: waħda għal Regolament tal-UE dwar is-sigurtà tal-informazzjoni fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, u oħra għal Regolament dwar il-miżuri għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni.

Fil-kuntest tas-sigurtà **protettiva u fiżika**, l-Aġenzija lestiet diversi titjib biex ittejjeb is-sigurtà u s-sikurezza fil-bini kollu tal-Aġenzija u fil-persunal li jopera s-sistemi fuq bażi 24/7. L-Aġenzija wettqet ukoll taħriġ speċjalizzat għall-persunal biex iżżid it-tnejn għar-rispons għal sitwazzjonijiet urġenti. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħejjiet ir-rekwiżiti tas-sigurtà għat-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali, iċ-ċentri tad-*data* modulari, u l-bini temporanju fi Strasburgu u l-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell.

## 1.5. Ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Sabiex iżżomm u ssaħħaħ il-viżibbiltà u l-immagħni tal-eu-LISA bħala sieħba fdata u affidabbli fl-oqsma ta' kompetenza tagħha, l-Aġenzija taħdem kontinwament fuq it-titjib u l-iżvilupp ta' skambju ta' informazzjoni effiċjenti u relazzjonijiet ta' fidma mal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA, b'mod partikolari mal-istituzzjonijiet ewlenin kollha fil-qasam tal-ĠAI tal-UE, kif ukoll partijiet ikkonċernati oħrajn ibbażati fi Brussell. Barra minn hekk, din il-kooperazzjoni tippermetti lill-eu-LISA tippovdi informazzjoni u għarfien espert politiku dwar inizjattivi leġiżlattivi fil-qasam tal-ĠAI tal-UE u tiġbor informazzjoni biex tnejn u tippromwovi l-pożizzjonijiet tal-eu-LISA.

### 1.5.1. Sħubiji mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet u mal-korpi tal-UE

Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet trawwem is-sħubiji b'saħħithom tagħha mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet u mal-korpi tal-UE, u kienet involuta b'mod attiv f'diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi fil-kumitati u l-gruppi ta' fidma rilevanti tal-Kunsill tal-UE u fil-qafas tal-laqgħat tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni.

Fl-2022, l-Aġenzija kkontribwiet għad-diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi fi ħdan il-korpi rilevanti tal-Kunsill tal-UE, inkluż il-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI), il-Grupp ta' Fidma dwar l-iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM), il-Grupp ta' Fidma dwar il-Fruntieri, il-Grupp ta' Fidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN), u l-Grupp ta' Fidma dwar il-Viża.

<sup>73</sup> Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni [C(2021)6663 u C(2021)6664 tas-16 ta' Settembru 2021] li jstabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tal-**proċedura ta' kooperazzjoni fir-rigward ta' inċidenti tas-sigurtà** li għandhom jew li jista' jkollhom impatt fuq l-operazzjoni tal-komponenti tal-**interoperabbiltà** jew fuq id-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-*data*, skont l-Artikolu 43(5) tar-Regolament (UE) 2019/817, u l-Artikolu 43(5) tar-Regolament (UE) 2019/818.

Fl-2022, l-eu-LISA kompliet issegwi mill-qrib l-attivitajiet ta' diversi Kumitati tal-Parlament Ewropew, speċjalment il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), il-Kumitat għall-Baġits (BUDG), il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT), il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), u l-Kumitat Speċjali għall-Intelliġenza Artifiċjali f'Era Diġitali (AIDA) sakemm ikkonkludiet il-mandat tagħha f'Mejju 2022.

L-Aġenzija rċeviet erba' żjarat ta' livell għoli:

- fl-14 ta' Frar, Didier Reynders, il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, żar is-sit operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu;
- fil-21 ta' Marzu, Ylva Johansson, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, żaret il-kwartieri ġenerali tal-eu-LISA f'Tallinn;
- fl-24 ta' Mejju, l-eu-LISA laqgħet lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) tal-Parlament Ewropew fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn,
- fit-3 ta' Ottubru, delegazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew żaret is-sit operazzjonali tal-eu-LISA fi Strasburgu.

Barra minn hekk, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija kellu laqgħa bilaterali mal-Ambaxxatur tal-Presidenza Ċeka li jmiss tal-Kunsill tal-UE biex jiddiskuti l-prijoritajiet tagħhom u l-appoġġ tal-Aġenzija biex tiksibhom.

L-Aġenzija kompliet ukoll torganizza laqgħat annwali biex tippreżenta l-prijoritajiet annwali tal-eu-LISA lill-partijiet ikkonċernati tagħha u biex tiskambja fehmiet dwar l-attivitajiet attwali u futuri. F'April, l-eu-LISA tat il-briefing annwali tagħha lill-Kunsillieri tal-ĠAI, lill-kapijiet tal-missjonijiet diplomatiċi fl-Estonja, u lill-uffiċjali għolja tal-Estonja.

## Konferenza Annwali tal-eu-LISA

Fl-2022, b'kooperazzjoni mal-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-eu-LISA organizzat l-edizzjoni tal-annversarju tal-konferenza annwali tagħha, **"10 Snin bħala l-Qalba Diġitali ta' Schengen"**.<sup>74</sup> Il-Konferenza ospitat 20 kelliem u 388 parteċipant, b'130 persuna jattendu f'Tallinn. L-avveniment kien jinkludi rappreżentanti ta' livell għoli mill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA, l-Istati Membri tal-UE, u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, inkluż Margaritis Schinas, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, u Ylva Johansson, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni.

Matul il-konferenza, l-eu-LISA qieset il-kisbiet, l-istadji importanti u l-avvenimenti ewlenin kollha tagħha matul l-aħħar 10 snin fil-vjaġġ tagħha minn aġenzija teknika żgħira sal-Qalba Diġitali ta' Schengen u r-rwol li kellha f'żewġ oqsma ewlenin fis-sigurtà interna tal-Ewropa, jiġifieri l-affarijiet interni u d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Il-konferenza ħadet ukoll l-oportunità biex tfares 'il quddiem lejn l-istadju li jmiss fl-evoluzzjoni tal-eu-LISA u tal-oqsma fejn l-Aġenzija tista' tikkontribwixxi aktar biex tappoġġa l-isforzi tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri biex jagħmlu l-Ewropa aktar sikura u aktar b'saħħitha.

## Evalwazzjonijiet ta' Schengen

Il-funzjonament effettiv taż-żona Schengen jiddependi minn qafas regolatorju u ta' politika kumpless li jinkludi l-politika komuni dwar il-viża u l-kooperazzjoni fis-SIS/SIRENE. Din tal-aħħar ġiet stabbilita bħala miżura ta' kumpens għall-abolizzjoni tal-fruntieri interni biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu fiż-żona Schengen. Biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-*acquis* ta' Schengen mill-Istati Membri, l-UE stabbiliet mekkaniżmu ddedikat għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-**mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen** (SEMM)<sup>75</sup> hija kondiżi b'mod konġunt bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, li għaliha l-eu-LISA tikkontribwixxi billi tiegħu sehem fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen u fl-abbozzar tar-rapporti sussegwenti.

<sup>74</sup> L-10 konferenza annwali tal-eu-LISA **"10 Snin bħala l-Qalba Diġitali ta' Schengen"**, li saret fit-13 ta' Ottubru 2022 f'Tallinn, l-Estonja.

<sup>75</sup> **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022** dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' **evalwazzjoni u monitoraġġ** biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1–27.



FI-2022, l-eu-LISA ħadet sehem f':

- sitt **evalwazzjonijiet tas-SIS/SIRENE** fuq il-post : fi Spanja (Marzu), fl-Iżvezja (April), fin-Norveġja (Mejju), fl-Iżlanda (Ġunju), fid-Danimarka (Ottubru), u fil-Portugall (Diċembru);
- evalwazzjoni konġunta waħda tal-**politika komuni dwar il-viżi** (inkluża l-VIS). L-evalwazzjoni konġunta tal-Italja u Franza twettqet f'Ottubru f'uffiċċji konsulari rispettivi fis-Senegal.<sup>76</sup>

Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet għal żewġ korsijiet ta' taħriġ għall-evalwaturi ta' Schengen, organizzati mill-Kummissjoni u l-aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), wieħed dwar il-politika dwar il-viżi li sar f'Ankara, it-Turkija, u l-ieħor dwar il-kooperazzjoni tas-SIS/SIRENE li ġie organizzat fl-Estonja.

## 1.5.2. Sħubiji ma' Aġenziji oħrajn tal-UE

Matul l-2022, il-kooperazzjoni tal-eu-LISA ma' aġenziji oħrajn tal-UE, primarjament fil-qasam tal-ĠAI, kompliet kemm fil-livell bilaterali kif ukoll permezz ta' diversi networks, b'mod partikolari n-**Network tal-Aġenziji tal-ĠAI** (JHAAN) u n-**Network tal-Aġenziji tal-UE** (EUAN).

### FRONTEX

- Arranġament tax-xogħol mill-2014

- Pjan ta' Kooperazzjoni għall-2021–2023

Il-kooperazzjoni mal-**Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta** (Frontex) tiffoka fuq l-iskambju tal-istatistika, is-sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, kif ukoll ir-riċerka u l-iżvilupp tas-sistemi tal-ĠAI ġestiti minn eu-LISA. L-eu-LISA u l-Frontex jikkooperaw ukoll fil-kuntest tal-JHAAN.

FI-2022, l-eu-LISA u l-Frontex irrevedew l-arranġament ta' ħidma tagħhom biex iqisu l-mandati riveduti tagħhom. Għaż-żewġ aġenziji, l-enfasi ewlenija kienet fuq l-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar l-EES, l-ETIAS, u l-Interoperabbiltà. Matul is-sena, saru laqgħat regolari ta' koordinazzjoni bejn l-aġenziji dwar l-iżvilupp tal-ETIAS, u ż-żewġ aġenziji attendew il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija ta' xulxin. Barra minn hekk, il-Frontex ipparteċipat fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Bijometrika tal-eu-LISA u fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (WGAI). B'żieda ma' dan, l-eu-LISA kompliet tospita s-sit ta' rkupru minn diżastri tal-Frontex.

### Europol

- MtQ mill-2016

L-oqsma ta' kooperazzjoni ewlenin mal-**Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi** (Europol) ikopru l-aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, it-taħriġ u l-kooperazzjoni amministrattiva. L-eu-LISA u l-Europol jikkooperaw ukoll fil-kuntest tal-JHAAN.

FI-2022, l-enfasi ewlenija kienet fuq l-implimentazzjoni tar-Riformulazzjoni tas-SIS, l-EES, l-ETIAS, u r-regolamenti dwar l-Interoperabbiltà. L-Europol hija utent finali tas-SIS u stabbiliet il-konnessjoni tagħha man-network SIRENE għall-iskambju ta' twissijiet tas-SIS. Barra minn hekk, l-aġenziji kkollaboraw fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma tal-Europol dwar il-Ġestjoni tal-Infomazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar il-Bijometrika, u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-IA. B'żieda ma' dan, l-Europol kien qed jattendi wkoll regolarment il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA. Iż-żewġ aġenziji kienu involuti b'mod attiv ukoll fl-implimentazzjoni taċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna ospitat fl-Europol, u f'Mejju, l-eu-LISA baġtet wieħed mill-membri tal-persunal tagħha liċ-Ċentru.

<sup>76</sup>Barra minn hekk, l-eu-LISA ġiet mistiedna tikkontribwixxi għal żewġ evalwazzjonijiet konġunti oħrajn ta' Schengen fl-uffiċċji konsulari: l-evalwazzjoni konġunta tal-Awstrija u n-Netherlands, u l-evalwazzjoni konġunta ta' Malta, l-Iżlanda u l-Lussemburgu. Madankollu, minħabba ammont kbir ta' xogħol u riżorsi limitati, l-Aġenzija fl-aħħar mill-aħħar setgħet tikkontribwixxi biss għall-evalwazzjoni konġunta tal-Italja u ta' Franza.

<p><b>EUROJUST</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ MtQ mill-2017</li> <li>■ Pjan ta' Kooperazzjoni għall-2021–2023</li> </ul>	<p>Il-kooperazzjoni mal-<b>Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali</b> (Eurojust) tiffoka fuq il-kooperazzjoni amministrattiva u l-aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI (Eurojust għandha aċċess għas-SIS). L-eu-LISA u l-Eurojust jikkooperaw ukoll fil-kuntest ta' JHAAN.</p> <p>FI-2022, il-kooperazzjoni ffokat fuq l-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN l-e-CODEX, ir-Regolamenti dwar l-Interoperabbiltà, kif ukoll fuq il-koordinazzjoni ta' attivitajiet relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, l-Eurojust attendiet il-Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar l-IA, u l-aġenziji ħejjew <b>rapport konġunt, "Artificial intelligence supporting cross-border cooperation in criminal justice"</b>,<sup>77</sup> ippubblikat fl-2022.</p>
<p><b>EUAA</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ Arranġament tax-xogħol mill-2014</li> <li>■ Pjan ta' Kooperazzjoni għall-2021–2023</li> </ul>	<p>L-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni <b>mal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil</b> (EUAA) ikopru oqsma ta' prijorità bħall-iskambju tal-istatistika, kwistjonijiet relatati mal-ażil u DubliNet, kif ukoll kwistjonijiet tal-ICT u amministrattivi. L-eu-LISA u l-EUAA jikkollaboraw ukoll fil-kuntest tal-JHAAN.</p> <p>FI-2022, il-kooperazzjoni ffukat fuq l-implimentazzjoni tar-regolament tal-Kummissjoni dwar in-network tal-komunikazzjonijiet elettroniċi "DubliNet". L-EUAA u l-eu-LISA qasmu l-għarfien espert tagħhom u appoġġaw lin-Network Dublin billi ppjanaw it-tiŝiħ taċ-ċertifikati ta' sigurtà ta' DubliNet. Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet tospita s-sit ta' rkupru minn diżastri tal-EUAA. F'Settembru, id-delegazzjoni ta' eu-LISA, immexxija mid-Direttur Eżekuttiv is-Sur Krum Garkov, żar l-EUAA sabiex jiltaqa' mal-kontroparti tiegħu, is-Sa Nina Gregori, u l-maniġment superjuri sabiex jiddiskutu l-mandat rivedut tal-EUAA, il-progress fl-implimentazzjoni tal-pakkett ta' Interoperabbiltà, kif ukoll il-possibbiltajiet li tissaħħaħ il-kooperazzjoni reċiproka, b'mod partikolari fi ħdan il-JHAAN bħala parti mill-kunċett ta' koordinazzjoni tat-Triju ta' Presidenzi tan-network.</p>
<p><b>CEPOL</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ Arranġament ta' ħidma mill-2013</li> <li>■ Pjan ta' Kooperazzjoni għall-2022–2024</li> <li>■ Pjan ta' Ħidma Konġunt Annwali</li> </ul>	<p>Il-kooperazzjoni mal-<b>Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi</b> (CEPOL) tiffoka prinċipalment fuq it-taħriġ tal-utenti finali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA.</p> <p>Iż-żewġ aġenziji jikkooperaw ukoll fil-kuntest tal-JHAAN.</p> <p>FI-2022, l-aġenziji ffukaw fuq l-organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ konġunti dwar l-użu tas-sistemi tal-ĠAI, li jkopru kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk ġodda, flimkien mal-arkitettura tal-interoperabbiltà ġenerali. Barra minn hekk, is-CEPOL u eu-LISA organizzaw korsijiet ta' taħriġ għall-evalwaturi ta' Schengen.</p> <p>F'Ġunju 2022, is-CEPOL u l-eu-LISA ffirmaw pjan ta' kooperazzjoni ta' tliet snin għall-2022-2024 biex isaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom fil-forniment ta' korsijiet ta' taħriġ konġunti u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert f'oqsma ta' interess reċiproku. Barra minn hekk, l-aġenziji ffirmaw il-pjan ta' ħidma konġunt annwali dwar il-kooperazzjoni relatata ma' attivitajiet ta' taħriġ organizzati b'mod konġunt. Barra minn hekk, is-CEPOL ħadet sehem fil- Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar l-IA.</p>
<p><b>FRA</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ Arranġament ta' ħidma mill-2016</li> <li>■ Pjan ta' Kooperazzjoni għall-2020–2022</li> </ul>	<p>L-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni mal-<b>Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali</b> (FRA) ikopru r-riċerka dwar il-bijometrika u l-kooperazzjoni amministrattiva. L-eu-LISA u l-FRA jikkooperaw ukoll fil-kuntest tal-JHAAN.</p> <p>FI-2022, iż-żewġ aġenziji organizzaw taħriġ konġunt li enfasizza aspetti relatati mad-drittijiet fundamentali fit-tmexxija ta' sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI. Barra minn hekk, il-FRA attendiet il-Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar l-IA. Iż-żewġ aġenziji kkooperaw ukoll fit-tnejn ta' rapporti dwar suġġetti ta' rilevanza reċiproka, bl-eu-LISA tipprovdi kontribut għar-<b>"Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2022"</b> tal-FRA.</p>

<sup>77</sup> L-eu-LISA u l-Eurojust (2022) **"Artificial intelligence supporting cross-border cooperation in criminal justice"**, Lulju 2022.

<b>ENISA</b>	L-oqsma ta' prijorità għall-kollaborazzjoni mal- <b>Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà</b> (ENISA) ikopru s-sigurtà tal-IT, il-kontinwità tal-operat u l-kooperazzjoni amministrattiva.
<ul style="list-style-type: none"> <li>■ MtQ mill-2018</li> <li>■ Pjan Kooperazzjoni ta' għall-2021–2023</li> </ul>	FI-2022, l-aġenziji kkollaboraw fuq l-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, u fil-qafas tan- <b>Network ta' Uffiċjali tas-Sigurtà (SON)</b> tal-UE. Iż-żewġ aġenziji kkooperaw ukoll mas- <b>CERT-UE</b> fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Barra minn hekk, l-ENISA appoġġat l-eżerċizzju annwali taċ-ċibersigurtà tal-eu-LISA u attendiet il-Grupp ta' <b>Ħidma tal-eu-LISA</b> dwar l-IA.
<b>EASA</b>	Il-kooperazzjoni prospettiva mal- <b>Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-UE</b> (EASA) tista' tkopri l-iskambju ta' informazzjoni mat-trasportaturi tal-ajru kif stipulat fir-regolamenti tal-EES u tal-ETIAS. Sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-EES u tal-ETIAS, iż-żewġ aġenziji pproponew abbozz ta' arranġamenti ta' <b>ħidma lill-Kummissjoni</b> u ssottomettew l-abbozz lid-DĠ HOME għal konsultazzjoni bejn is-servizzi.
<b>EIGE</b>	L-eu-LISA tikkoopera mal- <b>Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi</b> (EIGE) dwar kwistjonijiet ta' ċibersigurtà, reżiljenza, u kontinwità tal-operat, kif ukoll fil-kuntest ta' <b>JHAAN</b> .

## Kooperazzjoni interaġenzjali

<b>JHAAN</b>	In- <b>Network tal-Aġenziji tal-ĠAI</b> (JHAAN) huwa organizzazzjoni umbrella għad-disa' aġenziji tal-UE li joperaw fl-ispazju Ewropew ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
Membru mill-2012	<p>FI-2022, il-JHAAN ġie ppresedut mis-CEPOL u ffoka fuq tliet prijoritajiet tematiċi: id-diġitalizzazzjoni, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Is-sena d-dieħla, il-JHAAN se jkun ippresedut mill-EUAA, segwit mill-eu-LISA fl-2024. Flimkien, dawn it-tliet aġenziji jikkostitwixxu l-ewwel Triju ta' Presidenzi tal-JHAAN biex jiżguraw il-kontinwità tal-prijoritajiet ġenerali u t-transizzjoni bla xkiel bejn il-Presidenzi. Bħala parti mit-Triju ta' Presidenzi, l-eu-LISA pparteċipat f'żewġ laqgħat organizzati mal-Presidenza Ċeka u dik Svediża li jmiss tal-Kunsill tal-UE. S'issa, l-eu-LISA kkontribwiet b'mod sostanzjali għat-tiswir tal-prijoritajiet tan-network, l-istabbiliment ta' aġendi tal-laqgħat u inizjattivi konġunti.</p> <p>Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, JHAAN ħejja dokument konġunt li jiddeskrivi l-kontribut tal-aġenziji tal-ĠAI għas-solidarjetà tal-UE mal-Ukrajna.<sup>78</sup> Barra minn hekk, in-network kompli jimmappa l-attivitajiet tad-disa' aġenziji membri tiegħu b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, u ħareġ verżjoni aġġornata tad-dokument konġunt tiegħu dwar ir-rispons għall-COVID-19 f'Settembru.<sup>79</sup></p>
<b>EUAN</b>	In- <b>Network tal-Aġenziji tal-UE</b> (EUAN) jikkondividi informazzjoni u għarfien espert, u joffri servizzi tekniċi flimkien ma' pariri bbażati fuq l-evidenza lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi fil-livelli tal-UE u nazzjonali.
Membru mill-2013	<p>FI-2022, il-kontribut tal-eu-LISA ffoka fuq kwistjonijiet amministrattivi bħall-baġit u l-finanzi, ir-riżorsi umani, u l-effetti tal-COVID-19, filwaqt li kkontribwixxa għall-proċess annwali ta' kwittanza u l-istħarriġ bejn l-aġenziji, filwaqt li kkondivida wkoll informazzjoni dwar l-aħjar prattiki tagħha f'oqsma amministrattivi differenti.</p> <p>Barra minn hekk, l-Aġenzija pparteċipat f'subnetworks differenti tal-EUAN bħall-Kapijiet tan-<b>Network tal-Komunikazzjoni</b> u l-<b>Informazzjoni (HCIN)</b>, in-<b>Network tal-Ekoloġizzazzjoni (GN)</b>, il-Kumitat Konsultattiv dwar it-Teknoloġija tal-<b>Informazzjoni</b> u l-<b>Komunikazzjoni (ICTAC)</b>, in-<b>Network għall-Iżvilupp tal-Prestazzjoni (PDN)</b>, in-<b>Network Legali Interaġenzjali (IALN)</b>, in-<b>Network tal-Uffiċjali tal-Aġenziji għall-Akkwist (NAPO)</b>, u n-<b>Network tal-Kontabilità Interaġenzjali (IAAN)</b>. FI-2022, l-eu-LISA saret ukoll osservatur tan-<b>Network tal-Aġenziji għall-Pariri Xjentifiċi (EU-ANSA)</b> bħala pass preliminari lejn is-sottomissjoni ta' talba uffiċjali biex tissieħeb mas-subnetwork fil-futur.</p>

<sup>78</sup> JHAAN (2023) "**JHA Agencies' Contribution to EU Solidarity with Ukraine**" Dokument Kongunt ta' JHAAN, Marzu 2023.

<sup>79</sup> JHAAN (2022) "**COVID-19 Response of EU Justice and Home Affairs agencies**", it-tieni aġġornament, Settembru 2022.


### 1.5.3. Il-bini tal-kapaċitajiet

#### Taħriġ għall-Istati Membri

Il-pjan ta' taħriġ annwali ġie ppreżentat lill-Istati Membri fil-bidu tal-2022 u ġie aġġornat matul is-sena biex jirrifletti l-iskedi ta' żmien riveduti tas-sistemi li qed jiġu żviluppati.

FI-2022, l-eu-LISA wettqet b'kollox **48 attività ta' taħriġ** (inkluż taħriġ wiċċ imbwiċċ, webinar, klassijiet virtwali, korsijiet u moduli online) – għadd rekord għall-Aġenzija. L-attivitajiet ta' taħriġ laħqu kważi 2 800 parteċipant, u b'kunsiderazzjoni tal-materjali online preeżistenti, it-total finali kien ta' 3 800. B'90 % tal-parteċipanti jirrapportaw sodisfazzjon bil-kwalità tat-taħriġ, ir-rata ta' sodisfazzjon laħqet il-quċċata ta' 5.4 minn 6, u qabżet il-mira (4) b'mod sinifikanti.<sup>80</sup>

Illustrazzjoni 23. Parteċipazzjoni fit-taħriġ tal-eu-LISA għall-Istati Membri.



#### TRADUZZJONI

<i>No of participants in eu-LISA trainings for Member States</i>	<i>Nru ta' parteċipanti fit-taħriġ tal-eu-LISA għall-Istati Membri</i>
<i>virtual classroom</i>	<i>klassi virtwali</i>
<i>module</i>	<i>modulu</i>
<i>online training program</i>	<i>programm ta' taħriġ online</i>
<i>online course</i>	<i>kors online</i>
<i>webinar</i>	<i>webinar</i>
<i>F2F (face-to-face) training</i>	<i>Taħriġ F2F (wiċċ imbwiċċ)</i>
<i>SUM of training</i>	<i>TOTAL tat-taħriġ</i>

<sup>80</sup> Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għall-iskeda informattiva "Attivitajiet ta' Taħriġ tal-eu-LISA għall-Istati Membri 2022".

Matul l-ewwel nofs tal-2022, l-eu-LISA organizzat żewġ laqgħat online għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għan-Network ta' Taħriġ tal-Istati Membri (Network NCP), inkluż waħda f'Ġunju biex tnedi l-eżerċizzju ta' Valutazzjoni tal-Ftiġijiet ta' Taħriġ li jiffirma l-bażi għat-tnejn tal-**Pjan ta' Taħriġ** għas-sena ta' wara. Il-laqgħa annwali tan-network tal-NCP saret f'Novembru biex tippreżenta r-riżultati tal-eżerċizzju tal-Valutazzjoni tal-Ftiġijiet ta' Taħriġ, abbozz tal-Pjan ta' Taħriġ tal-2023 u l-iżvilupp tal-pjattaforma tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Apprendiment (LMS) użata għat-tweġġ ta' attivitajiet ta' taħriġ. Din kienet l-ewwel laqgħa wiċċ imbwiċċ tan-network NCP organizzata wara t-tneħħija tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19.

L-Aġenzija kompliet ukoll issaħħaħ u tiżviluppa aktar il-**pjattaforma tal-e-apprendiment** tagħha, u aġġomat b'suċċess is-sistema ta' ġestjoni tal-apprendiment (LMS) f'Mejju — pass importanti lejn it-titjib tal-użu u l-prestazzjoni tagħha. Sabiex tiffaċilita l-aċċess tal-utenti għar-riżorsi tal-apprendiment, l-Aġenzija ffokat fuq iż-żieda tal-funzjonalitajiet ta' rapportar tas-sistema u l-kwalità tad-*data*.

F'Jannar, l-eu-LISA ffinalizzat il-**Pjan Direzzjonali ta' Taħriġ tal-Istati Membri** tagħha u l-Pjan ta' Azzjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' titjib ipplanat, b'29 azzjoni li għandhom jiġu implimentati sa tmiem l-2023. L-azzjonijiet li tlestew fl-2022 iffukaw fuq is-simplifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċessi interni, iż-żieda fil-kwalità u r-regolarità tal-komunikazzjoni mmirata lejn il-partijiet ikkonċernati interni u esterni u l-bidu tal-aġġornament tal-LMS.

## Rapportar u statistika

Matul l-2022, l-eu-LISA ħejjiet rapporti statutorji tekniċi u statistiċi dwar is-sistemi tal-ĠAI, f'konformità mal-obbligi statutorji tagħha, u ppubblikat ir-rapporti li ġejjin fuq is-sit web tal-Aġenzija:

### Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)

- **Ir-Rapport annwali tal-istatistika tas-SIS II għall-2021** jippreżenta ħarsa ġenerali lejn id-*data* li waslet mingħand l-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati ta' Schengen, u jgħaqqadha ma' *data* mis-sistema ċentrali tas-SIS,<sup>81</sup>
- **Rapport dwar il-funzjonament tekniċu tas-SIS II 2019–2020** jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni operattiva tas-sistema ċentrali (inkluża s-sigurtà), flimkien mal-istatistika annwali.<sup>82</sup>

### Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)

- **Rapport dwar il-funzjonament tekniċu tal-VIS 2019–2021** jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-immaniġġjar operazzjonali tas-sistema ċentrali, inkluża d-*data* pprovduta mill-Istati Membri.<sup>83</sup>

### Eurodac

- **Il-lista tal-Eurodac tal-awtoritajiet maħtura 2022** tipprovdi lista ta' awtoritajiet tal-ażil b'aċċess għas-sistema ċentrali tal-Eurodac,<sup>84</sup>
- **Ir-Rapport tal-istatistika annwali tal-Eurodac għall-2021** jipprovdi informazzjoni dwar *data* maħżuna fis-sistema, kif ukoll tranżazzjonijiet minn awtoritajiet tal-ażil u tal-infurzar tal-liġi awtorizzati,<sup>85</sup>
- **Ir-Rapport annwali tal-Eurodac 2021** jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-immaniġġjar operazzjonali tal-Eurodac, l-aħħar aġġornamenti u żviluppi tal-manutenzjoni, u *data* statistika dwar l-użu tas-sistema.<sup>86</sup>

<sup>81</sup> eu-LISA (2022) "Rapport dwar l-istatistika annwali tas-SIS II 2021" u "Skeda informattiva dwar l-istatistika annwali tas-SIS II", Marzu 2022.

<sup>82</sup> eu-LISA (2022) "Rapport dwar il-funzjonament tekniċu tas-SIS II 2019–2020" u "Skeda informattiva tar-rapport tekniċu tas-SIS II 2019–2020", Mejju 2022.

<sup>83</sup> eu-LISA (2022) "Rapport dwar il-funzjonament tekniċu tal-VIS 2019–2021" u "Skeda informattiva dwar ir-rapport tekniċu tal-VIS 2019–2021", Awwissu 2022.

<sup>84</sup> eu-LISA (2022) "Lista tal-Eurodac tal-awtoritajiet maħtura għall-2022", April 2022.

<sup>85</sup> eu-LISA (2022) "Rapport annwali tal-istatistika tal-Eurodac għall-2021" u "Skeda informattiva tar-rapport dwar l-istatistika tal-Eurodac għall-2021", Ġunju 2022.

<sup>86</sup> eu-LISA (2022) "Rapport annwali tal-Eurodac għall-2021" u "Skeda informattiva dwar ir-rapport annwali tal-Eurodac għall-2021", Diċembru 2022.

Barra minn hekk, bi tnejn għad-dħul fis-seħħ tas-**SIS imġedda**, l-eu-LISA ħadmet mill-qrib mal-Kummissjoni fuq id-definizzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda tal-istatistika u mudell ġdid għall-ġbir tad-*data* għar-rapportar. Barra minn hekk, l-eu-LISA kkompilat **lista ġdida ta' awtoritajiet kompetenti** li huma awtorizzati jfittxu fis-SIS direttament, flimkien mal-lista ta' uffiċċji Nazzjonali tas-SIS u tal-Uffiċċji SIRENE, li ġew ippubblikati meta s-SIS imġedda daħlet fis-seħħ f'Marzu 2023.<sup>87</sup>

## 1.6. Il-governanza u l-konformità

Fl-attivitajiet kollha tagħha, l-oġettiv primarju tal-Aġenzija huwa li tiżgura l-ġestjoni u l-governanza effiċjenti u kosteffettivi tal-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni ta' kuljum u l-appoġġ ġenerali, filwaqt li tiddefinixxi u ssaħħaħ ukoll il-kapaċità tal-eu-LISA li tindirizza l-bidliet fil-prijoritajiet politiċi tal-qasam tal-ĠAI tal-UE, u t-talbiet dejjem akbar tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Sabiex tiżgura operazzjonijiet effiċjenti u kosteffettivi u teħid ta' deċiżjonijiet xprunati mid-*data*, l-Aġenzija hija impenjata li timplimenta u ttejjeb kontinwament il-governanza korporattiva soda, trasparenti u responsabbli tagħha. Dawn l-attivitajiet ta' governanza u konformità jinkludu l-ippjanar strateġiku u operazzjonali, il-protezzjoni tad-*data*, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni, u r-rapportar, kif ukoll il-kondiviżjoni ta' informazzjoni trasparenti u f'waqtha dwar il-kwistjonijiet operazzjonali u organizzazzjonali tal-eu-LISA.

### 1.6.1. Governanza

#### Korpi ta' governanza

Matul l-2022, l-eu-LISA kompliet tipprovdi appoġġ amministrattiv u loġistiku ta' kwalità għolja għall-funzjonament b'suċċess tal-Bord tat-Tmexxija, il-Bordijiet ta' Ġestjoni tal-Programm u l-Gruppi Konsultattivi.

F'Diċembru 2022, l-eu-LISA kejjlet ir-rata ta' sodisfazzjon ġenerali bl-appoġġ ipprovdut lill-korpi ta' governanza tagħha. Ir-rispons wera livell għoli ħafna ta' sodisfazzjon (98.6 %) bl-organizzazzjoni tal-laqqhat, li kien ferm oġhla mill-mira.

Fl-2022, l-eu-LISA organizzat 117-il laqqha għad-diversi korpi ta' governanza tagħha, kif ġej:

- seba' laqqhat tal-Bord tat-Tmexxija, inklużi żewġ laqqhat straordinarji,
- seba' laqqhat tal-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tal-Bord, u ħames laqqhat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni,
- 53 laqqha tal-Grupp Konsultattiv, inklużi seba' laqqhat straordinarji tal-Grupp Konsultattiv tas-SIS,
- 45 laqqha tal-Bord tat-Tmexxija tal-Programm (PMB), inklużi tliet laqqhat straordinarji tal-PMB tal-EES u 12-il laqqha konġunta tal-PMBs tal-Interoperabbiltà, l-EES u l-ETIAS.

Matul l-2022, l-eu-LISA organizzat ukoll laqqhat għal diversi sottogrupperi oħrajn. Ġew organizzati laqqhat regolari għall-grupperi li ġejjin stabbiliti taħt il-mandat tal-Gruppi Konsultattivi (AG) rispettivi: Il-grupp ta' Ħidma għat-Trasportaturi u l-Grupp ta' Ħidma Bijometriku (taħt il-mandat tal-EES-ETIAS AG), il-Gruppi ta' Esperti dwar l-Ittestjar informali għall-VIS u l-EES (taħt il-mandat tal-VIS u tal-EES-ETIAS AG), kif ukoll il-Forum tal-Ġestjoni tal-Programm tal-VIS u tas-SIS (taħt il-mandat tal-VIS u tas-SIS AG, rispettivament). Barra minn hekk, is-Segretarjat tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA appoġġa l-organizzazzjoni ta' 15-il workshop tekniku, mitluba mill-presidenti tal-AG. L-Aġenzija tissorvelja wkoll il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (WGAI), u l-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti Orizzontali tekniku tal-Bord tat-Tmexxija mlaqqa' fuq bażi *ad hoc*, kif mitlub. Fl-2022, l-eu-LISA introduċiet żewġ formati ġodda ta' laqqhat: il-Grupp ta' Kooperazzjoni għall-Inċidenti tas-Sigurtà tal-Interoperabbiltà u l-Grupp ta' Esperti tal-Ittestjar tal-ETIAS (TEG), li kellu l-ewwel laqqha tiegħu f'Ġunju 2022. Barra minn hekk, l-Aġenzija għamlet ukoll tnejniet biex tnedi żewġ korpi ta' governanza ġodda fl-2023: il-Grupp Konsultattiv u l-Bord ta' Ġestjoni tal-Programm għall-e-CODEX.

<sup>87</sup> Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti li huma awtorizzati jwettqu tfittxijiet diretti fis-SIS, flimkien mal-lista tal-Uffiċċji Nazzjonali tas-SIS u tal-Uffiċċji SIRENE nazzjonali, ġew ippubblikati f'**Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, Vol 66, C 85, 7 ta' Marzu 2023**.

## Il-governanza u l-kontrolli interni

Il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija adotta d-dokumenti statutorji ta' programmazzjoni korporattiva u r-rapporti korporattivi obbligatori kollha f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u fi ħdan l-iskadenzi legali: l-abbozz tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni (SPD) 2023–2025 fil-25 ta' Jannar 2022, u l-verżjoni finali, b'dewmien żgħir, fl-20 ta' Diċembru 2022. L-Aġenzija ħejjiet ukoll l-abbozz tal-SPD 2024-2024, li l-Bord adotta fil-31 ta' Jannar 2023.

Fit-22 ta' Ġunju, il-Bord adotta r-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2021 tal-eu-LISA, u r-Rapport *Interim2022* fil-31 ta' Awwissu 2022. FI-2022, ġie adottat il-**pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-istrateġija** tal-Aġenzija biex jallinja l-oġettivi strateġiċi u operazzjonali tagħha, u biex jimmonitorja aħjar l-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA għall-2021-2027. Barra minn hekk, fl-2022, l-Aġenzija ddeċidiet li tintroduċi għodda ta' ppjanar (Anaplan) ġdida għall-proċess tal-ippjanar pluriennali u annwali li jmiss biex ittejjeb il-proċess tal-ippjanar ġenerali, inkluża l-allokazzjoni tar-riżorsi.

Fi tmiem l-2022, l-eu-LISA nediet **proġett ta' parametraġġ referenzjarju** biex tappoġġa t-tnejn tal-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija fl-2023. L-eżerċizzju ta' parametraġġ referenzjarju ffoka fuq il-mudell operazzjonali tal-Aġenzija u l-allokazzjoni tar-riżorsi umani. Il-proġett jinkludi wkoll **rieżami tal-KPIs korporattivi** biex jittejjeb il-kejl tal-impatt tal-eu-LISA fuq l-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-UE. L-Aġenzija bdiet ukoll l-immappjar komprensiv tal-**istrutturi ta' governanza** interni u esterni tagħha.

Fl-2022, l-attivitàjiet ta' ġestjoni tal-kwalità tal-eu-LISA ffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-**Qafas ta' Valutazzjoni Komuni (CAF)**, sistema totali ta' ġestjoni tal-kwalità mfassla speċifikament għall-organizzazzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika. Il-proġett CAF tnieda f'Settembru 2021 b'analiżi fil-fond tal-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tal-Aġenzija mill-Grupp ta' Awtovallutazzjoni (SAG) tas-CAF, magħmul minn persunal minn madwar l-organizzazzjoni. Is-SAG ippreżenta r-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq kunsens tiegħu għal titjib organizzazzjonali fir-**Rapport ta' Awtovallutazzjoni** li twettaq f'April 2022. Dan ir-rapport ifforma l-bażi għall-**Pjan ta' Titjib** tas-CAF li jiddeskrivi 10 pakketti ta' azzjoni biex iservu bħala l-pjan direzzjonali li jagħti dettalji dwar il-prijoritajiet tal-eu-LISA għall-iżvilupp organizzazzjonali. Dan il-pjan ġie approvat mill-Kumitat ta' Tmexxija f'Ottubru, u matul is-sentejn li ġejjin, l-implimentazzjoni tiegħu se tiġi ssorveljata mill-Bord ta' Kwalità tal-Aġenzija. F'Novembru, l-eu-LISA applikat għat-**tikketta ta' "Utent tas-CAF Effettiv"**, u l-proċess ta' rieżami esteri huwa skedat għal Mejju 2023.

Minn Jannar sa Marzu, l-eu-LISA wettqet valutazzjoni tal-effettività tal-**Qafas ta' Kontroll Intern (QKI)** tagħha li matulu l-Maniġer inkarigat mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern ġabar u analizza *data* minn diversi sorsi (eż. stħarriġ tal-persunal, reġistru ta' eċċezzjonijiet u avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, u rapporti tal-awditjar interni u esteri) abbażi ta' kriterji ta' monitoraġġ definiti minn qabel. Ir-rapport ta' valutazzjoni, li ġie ffinalizzat fl-aħħar ta' Marzu, ikkonferma li s-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija hija preżenti, tiffunzjona u effettiva, għalkemm hemm bżonn ta' xi titjib. F'April, l-eu-LISA ppreżentat ir-riżultati lill-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) u lill-Bord tat-Tmexxija fit-22 ta' Ġunju. Ir-riżultati nġabru fil-qosor fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2021.<sup>88</sup>

L-Aġenzija wettqet żewġ analiżijiet tar-**reġistru ċentrali tagħha tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità**, li rriżultaw f'miżuri ta' segwitu u ta' titjib rilevanti. L-Aġenzija pprovdi ukoll sessjonijiet ta' taħriġ imfassla apposta biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-eċċezzjonijiet u r-rapportar tan-nuqqas ta' konformità biex tittejjeb il-kwalità ta' dawn ir-rapporti u tiġi minimizzata l-okkorrenza ta' każijiet simili fil-futur.

## Programm ta' intrapriża u l-ġestjoni tal-proġetti (EPMO)

Ir-Regolament Fundatur jagħti mandat lill-Aġenzija biex tuża struttura adegwata ta' ġestjoni tal-proġetti għall-ġestjoni effiċjenti tal-proġetti kollha. Għal dak l-għan, l-eu-LISA timmonitorja mill-qrib il-programmi u l-proġetti tagħha bl-użu tal-metodoloġija PRINCE2 (Proġetti f'Ambjenti Kontrollati).<sup>89</sup>

Matul is-sena, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ il-**kapaċitajiet tagħha ta' ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti (PPM)** b'enfasi partikolari fuq l-iffaċilitar tat-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati dwar l-oportunitajiet u r-riskji relatati mal-ġestjoni tal-portafoll, abbażi tad-*data* miġbura permezz tal-għodod tal-PPM (Planview EnterpriseOne u ProjectPlace). Din l-attività se tikkontribwixxi wkoll biex jinkiseb fehim aħjar tal-isforz li jintefaq fuq attivitajiet differenti fl-organizzazzjoni kollha.

<sup>88</sup> eu-LISA (2022) **Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2021**.

<sup>89</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web uffiċjali dwar il-metodoloġija PRINCE2.

F'Marzu, l-eu-LISA wettqet il-kontroll tal-konformità annwali tagħha tal-**metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti** u ppreżentat ir-riżultati lill-Kumitat ta' Tmexxija f'Mejju. Barra minn hekk, l-Aġenzija nediet aġġornament importanti tal-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tagħha, li jinkorpora l-feedback riċevut dwar il-verżjoni attwali u jiċċara d-dipendenzi mal-proċessi interni.

L-Aġenzija introduċiet ukoll funzjonalitajiet ġodda, bħall-implimentazzjoni tar-**reġistri korporattivi u tar-reġistri tal-unitajiet/tar-riskji tal-kwistjonijiet** fi Planview Enterprise. Fi tmiehem l-2022, ġiet implimentata pjattaforma ġdida ta' apprendiment biex tkompli tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-proġetti.

Sabiex ittejjeb il-proċessi taħt il-kapaċità tal-PPM, l-Aġenzija analizzat ukoll l-użu tas-soluzzjoni kollaborattiva, ProjectPlace. L-analiżi tat-tweġibiet indikat li 75 % tal-utenti ta' ProjectPlace kienu sodisfatti bl-appoġġ tal-EPMO għall-ġodda, u 51 % kienu sodisfatti bit-taħriġ ipprovdut. Madankollu, 49 % tal-utenti biss kienu sodisfatti bir-riżorsi tal-apprendiment. L-Aġenzija żviluppat pjan ta' azzjoni biex tindirizza l-kummenti u ttejjeb is-sodisfazzjoni ġenerali bi ProjectPlace.

Bħala parti minn inizzjattiva akbar biex jitejbu l-proċessi taħt il-kapaċità tal-PPM, l-eu-LISA ddeċidiet li ttwettaq valutazzjoni tal-Integrazzjoni tal-**Mudell ta' Maturità tal-Kapaċità (CMMI)**. Il-valutazzjoni kellha l-għan li tipprovi lill-maniġment superjuri tal-Aġenzija b'evalwazzjoni bir-reqqa tal-proċessi eżistenti u li tidentifika opportunitajiet għal titjib. Bl-introduzzjoni tal-metodoloġija tas-CMMI, l-eu-LISA se żżid il-kontroll tal-konformità tagħha mal-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti. L-Aġenzija ffomalizzat ir-riżultati tal-evalwazzjoni tas-CMMI fi pjan ta' azzjoni. Madankollu, peress li bħalissa qed titqies l-adozzjoni ta' approċċ formali Agile, l-Aġenzija nediet analiżi biex tesplora s-sostituzzjoni tal-evalwazzjoni tas-CMMI b'valutazzjoni tal-Agile Readiness.

Fit-tieni kwart tal-2022, l-eu-LISA ffinalizzat ir-rieżami tar-Regoli ta' Proċedura tal-**Bordijiet tal-Programmi**, u estendiet il-mandat tagħhom biex jinkludi s-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-allokkazzjoni u l-konsum tar-riżorsi fi f'dan il-programm. Barra minn hekk, il-kompożizzjoni tal-Bordijiet tal-Programmi ġiet aġġornata biex tinkludi partijiet ikkonċernati interni addizzjonali. F'konformità mar-rekwiżiti legali, l-Aġenzija ppreżentat rapporti regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress bl-iżvilupp ta' sistemi ġodda (jiġifieri rapporti ta' progress kull 6 xhur), kif ukoll rapporti ta' kull xahar lill-Bord tat-Tmexxija tal-Programm rispettiv.

Skont ir-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, il-programmi u l-attivitajiet kollha li jeħtieġu nefqa sinifikanti huma soġġetti għal **evalwazzjonijiet ex ante** qabel l-approvazzjoni u l-inklużjoni tagħhom fil-programmi ta' f'idma annwali tal-Aġenzija. Dawn l-evalwazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-approċċ f'żewġ fażijiet approvat fl-2019, li jinkludi valutazzjoni tal-opportunità (sentejn qabel il-bidu tal-proġett) u valutazzjoni tal-fattibbiltà (sena wara).

Fl-2022, l-ebda proġett fuq skala kbira ma kien eliġibbli għal valutazzjoni tal-fattibbiltà.<sup>90</sup>

F'Marzu 2022, l-Aġenzija waqqfet **Kumitat ta' Ġestjoni tal-Kuntratti (CMC)** biex timmaniġġja aħjar l-elementi trażversali tal-kuntratti qafas għas-servizzi ta' konsulenza esterna, b'mod partikolari biex ittejjeb il-koordinazzjoni tat-tiftix ta' sorsi ta' provvista. Barra minn hekk, l-eu-LISA żviluppat ġodda għas-segwitu tal-istatus u l-progress tat-talbiet għal tiftix ta' sorsi ta' provvista esterni.

## Qafas tas-servizz u tal-proċess

Matul is-sena, l-eu-LISA żammet il-Katalogu tal-Prodotti u tas-Servizzi tagħha u l-mudell ta' proċess integrat, li jipprovi elenkar aġġornat tal-prodotti u tas-servizzi kollha li l-Aġenzija tipprovi lill-partijiet ikkonċernati interni u estemi u jiżgura ċarezza fl-aspetti kollha tal-eżekuzzjoni tal-proċess. Fl-2022, l-enfasi kienet fuq **l-identifikazzjoni tal-aġġornamenti u tal-bidliet meħtieġa** fis-servizzi eżistenti u ġodda relatati mal-operazzjoni futura ta' sistemi u inizzjattivi ġodda (jiġifieri l-ETIAS, l-ECRIS-TCN, Interoperabbiltà). Barra minn hekk, l-eu LISA bdiet timmappja u tiddokumenta l-proċessi korporattivi kollha tagħha, billi pprovdiet dokumentazzjoni aġġornata minn tarf sa tarf biex iżżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet tagħha u tiggarrantixxi l-forniment effettiv u effiċjenti ta' servizzi lill-partijiet ikkonċernati tagħha, flimkien ma' kejl tal-prestazzjoni effettiv.

Bħala parti mill-mudell ta' proċess integrat tal-eu-LISA, f'Lulju 2022, l-Aġenzija bdiet proġett biex issaħħaħ il-**ġestjoni tal-għarfien** tagħha permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ġodda personalizzata, li se tiffaċilita b'mod sinifikanti l-aċċess tal-partijiet ikkonċernati għad-dokumenti rilevanti.

<sup>90</sup> Madankollu, fil-bidu tal-2023, il-Bord tat-Tmexxija ġie ppreżentat b'rapport dwar 23 proġett skedat li se jitnieda fl-2024, li kkwalfikaw għal valutazzjoni tal-opportunità *ex ante*.



## Il-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa

FI-2022, l-eu-LISA kompliet it-tranżizzjoni strateġika tagħha minn tiftix ta' sorsi ta' provvista vertikali għal trażversali ta' servizzi u provvisti għall-operazzjonijiet tagħha, inkluż bl-istabbiliment ta' kontrolli ġodda biex issaħħaħ il-proċess tagħha tal-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa. L-unitajiet operazzjonali ġew appoġġati minn tim iddedikat fl-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tal-kuntratti, kif ukoll fil-ġestjoni tar-riskju kuntrattwali, li jsaħħaħ l-użu ta' Prattiki effiċjenti, effettivi u konformi.

FI-2022, l-eu-LISA adottat **Politika ta' Ġestjoni tal-Kuntratti** ġdida biex tipprovdi qafas ġenerali għall-ġestjoni tal-vetturi kuntrattwali użati għat-tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-provvisti, tas-servizzi u tax-xogħlijiet, inkluż id-definizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet, flimkien ma' qafas ta' kontroll. Barra minn hekk, l-Aġenzija stabbiliet Kumitat ta' Ġestjoni tal-Kuntratti (CMC) iddedikat biex jipprovdi sorveljanza fuq il-kuntratti qafas għar-riżorsi umani esternalizzati.

Bħala prova, l-Aġenzija nediet tabella ta' **valutazzjoni tal-prestazzjoni bbilanċjata** għal xi kuntratti ewlenin biex tikseb tagħlimiet għall-futur u ħadmet fuq il-formalizzazzjoni ta' dannu likwidat u proċedura ta' pagament imnaqqsa li tlestiet sa tmiem l-2022. L-Aġenzija indirizzat ukoll is-sejbiet tal-awditu rilevanti u xerrdet it-tagħlimiet meħuda biex ittejjeb l-aderenza mar-regoli f'ekosistema bejn diversi bejjiegħa jew kuntrattwali li dejjem tinbidel.

## L-arkitettura tal-intrapriża

FI-2022, l-eu-LISA kompliet l-implimentazzjoni tal-Arkitektura tal-Intrapriża tagħha, li tnediet fl-2019 wara t-tnedija tal-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA 2.0. Il-proċess tal-Arkitektura tal-Intrapriża ġie adottat f'Diċembru. Wara li stabbiliet il-proċessi u l-qafas ta' governanza għall-Arkitektura tal-Intrapriża u stabbiliet il-Bord ta' Rieżami tal-Arkitektura, l-Aġenzija issa hija ffokata fuq iż-żamma tal-allinjament ottimali tal-inizjattivi ta' arkitettura, ta' disinn u ta' żvilupp mal-għanijiet ġenerali tal-eu-LISA, kif ukoll l-istrateġija korporattiva u teknoloġika tagħha.

## 1.6.2. Konformità

### Awditu intern

L-Artikolu 80 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA<sup>91</sup> jirrikjedi li l-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tirrapporta lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur Eżekuttiv dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha. Dan jirrikjedi wkoll li l-atturi tal-awditu intern jikkooperaw b'mod effiċjenti. F'Novembru 2021, il-Bord adotta<sup>92</sup> l-Pjan ta' Awditu Intern għas-sena 2022,<sup>93</sup> li ġie emendat f'Novembru 2022.<sup>94</sup> F'Marzu 2022, il-Bord adotta r-Rapport ta' Attività tal-IAC, u f'Novembru 2022, il-Pjan tal-Awditu Intern għas-sena 2023.

L-IAC kompliet isservi bħala l-punt ta' kuntatt għall-awditi mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS) u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA). Dan ir-rwol kien importanti biex jimminimizza t-tfixkil tal-attivitajiet regolari tal-Aġenzija u biex jevita d-duplikazzjoni tal-isforzi. Bħala l-punt ta' kuntatt ewleni, l-IAC ma assumiet l-ebda responsabbiltà ta' ġestjoni biex tippreżerva l-indipendenza u l-oġġettività tagħha.

Ma kien hemm l-ebda tfixkil għall-oġġettività individwali, bħal kunflitt ta' interess jew limitazzjonijiet tal-ambitu. Madankollu, peress li l-IAC hija *de facto* responsabbli għat-tnejja, il-manutenzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija kontra l-Frodi tal-eu-LISA, hemm riskju ta' indeboliment perċepit. L-IAC mhux se tipprovdi (ri)assigurazzjoni fuq il-ftit elementi tal-istrateġija li tfaßlu mill-IAC biex tissalvagwardja l-oġġettività u l-indipendenza tagħha stess. Minflok, l-IAS se jiġi mistieden jipprovdi (ri)assigurazzjoni ta' dawk l-elementi, kif xieraq.

Ir-riżultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-IAC għall-2022<sup>95</sup> huma ppreżentati fit-Tabella 4 ta' hawn taft.

<sup>91</sup> Ir-regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, Deċiżjoni Nru 2019–198 tal-Bord tat-Tmexxija, dħul fis-seħħ: 1 ta' Settembru 2019.

<sup>92</sup> Ref. Dokument MB 2021-350 Deċiżjonijiet MB, punt A.25.

<sup>93</sup> Ref. Dokument MB 2021-358, il-Pjan tal-Awditu Intern għas-sena 2022, Ares(2021)7075595 – 17/11/2021.

<sup>94</sup> Ref. Dokument MB 2022-382 Deċiżjonijiet MB, punt B15.

<sup>95</sup> Ref. Dokument MB 2023–046 REV1, Rapport ta' Attività tal-IAC 2022, Ares (2023) 1905996–16/03/2023.

**Tabella 4. Indikaturi tal-prestazzjoni tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-eu-LISA.**

Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira	2020	2021	2022
It-tweġiq tal-Pjan Annwali tal-Awditjar:	> 80 %	80 %	80 %	82 %
Rieżamijiet tal-awditjar kompluti fi ħdan il-baġit u fil-ħin:	> 80 %	60 %	60 %	55 %
Sigħat ta' taħriġ tal-persunal tal-IAC	> 80 %	70 %	77 %	72 %
Sodisfazzjon tal-partijiet ikkonċernati	Mira	2020	2021	2022
<i>esterna</i>	> 80 %	87.5 %	90 %	87.5 %
<i>interna</i>	> 80 %	80.4 %	80.4 %	89.7 %

Bħala parti mill-programm ta' assigurazzjoni u titjib tal-kwalità tagħha, l-IAC wettqet **it-tieni awtovalutazzjoni b'validazzjoni esterna indipendenti**. Il-proġett tnieda fi tmiem l-2022, u ġie konkluż fi Frar 2023.<sup>96</sup> L-assessur estern indipendenti ċċertifika li l-IAC tal-eu-LISA hija ġeneralment konformi mal-Istandards Internazzjonali għall-Prattika Professionali tal-Awditu Intern u l-Kodiċi ta' Etika.<sup>97</sup>

### Protezzjoni tad-data

Matul is-sena, l-Aġenzija żgurat kontinwament l-ogħla livell ta' protezzjoni tad-data f'konformità mad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi għal kull sistema ta' informazzjoni tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha. Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA ħatar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) biex jissorvelja l-konformità mar-regoli għall-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u biex jaħdem mill-qrib mal-kontrolluri tad-data, mal-proċessuri tad-data u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) biex jinstabu soluzzjonijiet effettivi li jiżguraw il-konformità mar-regolamenti rilevanti dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali.

Sabiex titqajjem sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, l-Aġenzija wettqet diversi attivitajiet matul is-sena, inklużi sessjonijiet ta' taħriġ ġenerali u ta' sensibilizzazzjoni, sessjonijiet ta' onboarding għall-impjegati ġodda, sessjonijiet ta' taħriġ personali, bullettini ta' kull ġimgħa, u paġna tal-intranet iddedikata. F'Jannar 2022, biex jiġi ċċelebrat il-Jum Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, ġiet ippreżentata logħba tal-mejda innovattiva biex wieħed jitgħallem b'mod interattiv dwar l-avviżi tal-privatezza, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data, u l-ksur ta' data. F'Ottubru, l-Aġenzija organizzat webinar dwar il-protezzjoni tad-data fl-akkwist u fil-ġestjoni tal-kuntratti (imwettaq mill-EDPS), li pprovdha opportunità għall-iskambju ta' esperjenzi dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data relatati ma' kuntratti ma' fornituri tas-servizzi esterni li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali.

Matul is-sena, l-Aġenzija żammet **rekord tal-kategoriji kollha tal-attivitajiet ta' pproċessar** imwettqa f'isem il-kontrolluri. Barra minn hekk, peress li l-eu-LISA hija meħtieġa żżomm rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar kollha mwettqa f'isem kontrollur wieħed jew aktar, l-eu-LISA organizzat sessjonijiet ta' coaching u workshops mas-sidien tal-prodotti u tas-servizzi tas-SIS, tal-VIS, tal-Eurodac, u tal-EES biex tipprovidi appoġġ adegwat. Barra minn hekk, l-Aġenzija **stabbiliet ir-reġistru tal-attivitajiet tal-ipproċessar** kif meħtieġ mir-regolament.

Barra minn hekk, l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data appoġġa l-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistemi tal-IT billi pparteċipa fil-proċess tal-ġestjoni tat-tibdil, prinċipalment billi appoġġa l-abbozzar tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (DPIAs). L-Aġenzija għamlet sforzi biex tindirizza l-akbar sfidi tagħha tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-użu ta' teknoloġiji ta' tqabbil bijometriku u miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju identifikat. F'Settembru 2022, l-eu-LISA bdiet tirrevedi l-metodoloġija tad-DPIA tagħha biex tappoġġa lill-persunal responsabbli.

F'Marzu, ir-**Rapport ta' Ħidma Annwali tal-UPD tal-2021** ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA u ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija.<sup>98</sup> Ir-rapport ippreżenta l-istatus tal-attivitajiet ta' protezzjoni tad-data tal-eu-LISA u s-sitwazzjoni attwali rigward l-attivitajiet u l-konformità tal-protezzjoni tad-data tal-Aġenzija.

<sup>96</sup> F'konformità mal-Istandard 1312 Valutazzjonijiet esterni, l-IAC trid tiżgura li l-funzjoni tal-awditu intern tgħaddi minn valutazzjoni esterna mill-inqas darba kull 5 snin minn assessur indipendenti kwalifikat.

<sup>97</sup> Il-**Qafas tal-Prattiki Professionali Internazzjonali (IPPF)** huwa l-qafas kunċettwali li jorganizza gwida awtorevoli promulgata mill-Istitut tal-Awdituri Interni.

<sup>98</sup> Għal aktar, ara r-**Rapport ta' Ħidma Annwali 2021 tal-UPD tal-eu-LISA**. Ir-**Rapport ta' Ħidma Annwali għall-2022** ġie adottat fi Frar 2023.

Matul is-sena, l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-eu-LISA pparteċipa fil-Gruppi ta' Koordinazzjoni tas-Superviżjoni għas-SIS, il-VIS u l-Eurodac, u ppreżenta l-aħħar żviluppi u prestazzjoni tas-sistemi lill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* u lill-EDPS, filwaqt li ffoka fuq l-iżviluppi u l-kwistjonijiet li jistgħu jħallu impatt fuq l-ipproċessar tad-*data* personali. Fil-laqgħat tan-Network tad-DPOs, l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-eu-LISA pparteċipa f'diskussjonijiet dwar trasferimenti internazzjonali, it-trattament ta' notifiċi ta' ksur ta' *data*, il-media soċjali, l-impatt tas-sentenza Schrems II,<sup>99</sup> filwaqt li l-laqgħat tan-Network tad-DPO tal-ĠAI indirizzaw ir-regoli ta' implimentazzjoni, it-trasferimenti internazzjonali tad-*data* u l-kooperazzjoni mal-EDPS.

F'Ottubru 2022, l-Europol u l-eu-LISA organizzaw laqgħa bilaterali f'Tallinn biex jikkondividu l-esperjenzi rigward konsultazzjonijiet preċedenti mal-EDPS, id-DPIAs, u skambju ta' fehmiet dwar l-ispezzjonijiet tal-EDPS biex ikomplu jsaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom.

## 1.7. Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali

L-Aġenzija għandha l-għan kontinwu li tikber bħala organizzazzjoni biex tiżgura l-eċċellenza operazzjonali, twestaq il-missjoni tagħha u tilħaq b'suċċess l-oġettivi annwali tagħha filwaqt li tiżgura prestazzjoni effiċjenti u aġli f'konformità sħiħa mal-qafas regolatorju tal-UE. Dawn il-funzjonijiet ta' appoġġ jinkludu ż-żamma tas-servizzi legali, il-ġestjoni proattiva tar-riżorsi umani u finanzjarji, u l-iżgurar ta' appoġġ effettiv fi ħdan l-Aġenzija lill-partijiet ikkonċernati eżistenti u ġodda.

### 1.7.1. Trasformazzjoni organizzazzjonali

L-eu-LISA bdiet il-vjaġġ ta' **trasformazzjoni kulturali** tagħha biex tistabbilixxi organizzazzjoni flessibbli u reżiljenti li tista' tadatta u tagħti riżultati fi kwalunkwe ċirkostanza.

Fl-2022, l-eu-LISA wettqet valutazzjoni kulturali biex tiddefinixxi sett ta' mġiba aspirazzjonali għall-persunal tal-Aġenzija li tkun tinkludi l-pedament tal-kultura tagħha. Il-valutazzjoni komprensiva ġiet segwita minn diversi workshops, u rriżultat f'Mappa ta' Ambizzjoni Kulturali, li se tikkontribwixxi għall-evoluzzjoni kontinwa tal-eu-LISA u tista' tintuża wkoll fil-proċess ta' reklutaġġ biex jiġu identifikati l-konkordanzi kulturali.

Barra minn hekk, l-Aġenzija bdiet l-iżvilupp tal-**Istrateġija ta' Ġestjoni tar-Riżorsi Umani bbażata fuq il-Kompetenza** tagħha, bil-ħsieb li ttejjeb ir-reklutaġġ, l-ippjanar tal-forza tax-xogħol, il-ġestjoni tal-prestazzjoni u l-offerta ta' apprendiment tal-eu-LISA. Dan jinkludi r-reviżjoni tal-Qafas ta' Kompetenza tagħha biex tipprovdi linji gwida, għodod u proċeduri komprensivi. Il-qafas jintroduċi l-kompetenza bħala element ċentrali, li jiffoka fuq l-individwi. Ir-rapport finali u l-pjan direzzjonali tat-tnedija, issa fl-istadju finali, ġew ippilotati b'suċċess fit-tnejn ta' avviżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti u l-valutazzjoni tal-kandidati.

### 1.7.2. Riżorsi umani

#### Eżerċizzju dijanjostiku tar-riżorsi umani

Fl-ewwel kwart tal-2022, l-eu-LISA wettqet eżerċizzju dijanjostiku tar-riżorsi umani biex tivvaluta l-funzjoni u l-prestazzjoni tar-riżorsi umani tagħha, u ġġenerat informazzjoni siewja dwar il-profilu li għandhom jiġu rekrutati. Se tgħin ukoll biex tistabbilixxi l-pedamenti għall-**Istrateġija tar-Riżorsi Umani** u jiġi identifikat it-titjib fl-effiċjenza potenzjali sabiex jiġu offruti l-aħjar servizzi tar-riżorsi umani.

Fl-2022, ġie stabbilit **Settur ta' Ġestjoni tat-Talenti** ġdid biex jindirizza ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-impjegji mill-attrazzjoni tal-kandidati, ir-reklutaġġ, l-onboarding, iż-żamma, l-iżvilupp tal-karriera, is-separazzjoni, u biex jiżgura li jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jiġi sfruttat il-potenzjal tan-nies u jiġu kkultivati timijiet li jikkontribwixxu għal Ewropa aktar sikura.

<sup>99</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (Awla Manja) tas-16 ta' Lulju 2020, Data Protection Commissioner vs Facebook Ireland Limited, Maximilian Schrems (**Schrems II**), C-311/18, ECLI:EU:C:2020:559.

## Akkwist ta' talent

L-isforzi biex jiġi attirat **grupp ta' kandidati divers** u biex l-eu-LISA tiġi ppożizzjonata bħala impjegatur ta' għażla komplew matul l-2022. L-eu-LISA rrappreżentat in-Network tal-Aġenziji tal-UE fil-**fiera virtwali tal-karrieri** għall-organizzazzjonijiet internazzjonali f'Berlin, li laqqgħet aktar minn 60 organizzazzjoni internazzjonali u aktar minn 4 000 parteċipant. Barra minn hekk, l-Aġenzija intensifikat l-attivitajiet ta' markar tal-impjegaturi tagħha permezz ta' kampanji ddedikati, bħal testimonjanzi tal-membri tal-persunal fuq il-media soċjali, u bl-użu tal-media soċjali bħala għodda ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista għas-sensibilizzazzjoni tat-talent. Din is-sensibilizzazzjoni estiża tal-propożizzjoni tal-valur tal-impjegati tal-eu-LISA u l-viżibbiltà mtejbja tal-opportunitajiet ta' karriera tagħha laħqu udjenzi ġodda b'għarfien limitat dwar l-UE u l-aġenziji tagħha.

Fl-2022, l-eu-LISA **rreklutat 36 membru tal-persunal ġdid**, li jeskludi bidliet interni fil-kuntratt jew offerti ta' opportunitajiet ta' tkabbir tal-karriera lill-membri tal-persunal eżistenti. Peress li l-isforzi tagħha ta' akkwizzizzjoni ta' talenti kienu kontrobalanċjati mid-dawran tal-impjegati, l-Aġenzija wettqet valutazzjoni komprensiva biex tifhem ir-raġunijiet u ssib modi kif tikseb talent ġdid aktar malajr.

Barra minn hekk, l-eu-LISA nediet proġett pilota tal-**Programm ta' Mobilità Interna** biex tikkapitalizza fuq il-kompetenzi tal-persunal eżistenti u trawwem tkabbir professjonali kontinwu fi ħdan l-Aġenzija. Is-sejħa kellha fil-mira erba' profili differenti fil-qasam tat-tweqqiq tal-programmi u tal-proġetti, li rriżultaw fl-istabbiliment ta' riżerva ta' talent u fit-trasferiment ta' żewġ membri tal-persunal. Diġitalizzazzjoni tal-proċessi tar-riżorsi umani

L-Aġenzija kompliet tiffoka fuq id-diġitalizzazzjoni tar-riżorsi umani u l-proċessi ta' reklu ta' għażla tagħha biex ittejjeb l-effiċjenza. Il-migrazzjoni tal-iLearn (il-pjattaforma ta' ġestjoni tat-talenti tal-eu-LISA) lejn il-cloud tlestiet b'suċċess, u dan ippemmetta l-aċċess għal informazzjoni u għal karatteristiċi minn kullimkien, u b'hekk titjeb l-esperjenza ġenerali tal-utent.

F'Novembru 2023, tlesta l-ewwel ċiklu ta' ttestjar tal-modulu Sysper għall-ippjanar u r-rapportar tax-xogħol standby. Barra minn hekk, l-eu-LISA ddiġitalizzat is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet obligatorji jew tat-talbiet għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

## Apprendiment u żvilupp

Il-**pjan ta' apprendiment annwali** ġie definit u saru diversi sessjonijiet ta' informazzjoni għall-persunal kollu. Matul is-sena, ġew organizzati diversi attivitajiet ta' taħriġ, li b'kollox attiraw 1 366 parteċipant u pproċessaw 89 talba għal servizz.

L-ewwel kontenut ġdid li sar disponibbli fl-iLearn kien il-**programm ta' onboarding irreġistrat minn qabel** li kellu l-għan li jiżgura esperjenza ta' apprendiment aktar bla xkiel għall-persunal u għall-impjegati ġodda, kif ukoll li jiffranka l-ħin għall-persunal operazzjonali li ma jkunx għad għandu bżonn jipprovdi s-sessjonijiet personalment.

L-**eżerċizzju annwali ta' evalwazzjoni u riklassifikazzjoni** tlesta, b'25 membru tal-persunal riklassifikati fl-2022. Barra minn hekk, l-Aġenzija aġġornat il-proċess u l-għodod għall-istabbiliment ta' objettivi individwali, filwaqt li ħolqot rabta aħjar bejn l-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA u l-objettivi annwali individwali ta' kull membru tal-persunal.

## Esperjenza u benesseri tal-impjegati

L-Aġenzija tkompli tkejjel l-impenn tal-impjegati fuq bażi annwali. Fl-2022, il-punteġġ ta' impenn tal-persunal baqa' stabbli. Abbażi ta' stħarriġ dwar l-involvement, l-eu-LISA tkompli tipprijoritizza l-benesseri tal-persunal, inkluż bit-tnedija ta' **programm tas-saħħa mentali** għall-persunal u l-familji tagħhom, mibni madwar tliet pilastri: sensibilizzazzjoni, prevenzjoni, u appoġġ. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal ġew offruti servizz ta' kura personali fil-forma ta' abbonament f'applikazzjoni mobbli, webinaris dwar is-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll sessjonijiet ta' konsulenza individwali ma' psikoterapista kkwalfikat biex jappoġġa lill-persunal u lill-familji tagħhom biex ilaħħqu ma' żminijiet diffiċli.

Biex tippromwovi aktar ir-rispett u d-dinjità fuq il-post tax-xogħol, l-Aġenzija lestiet l-għażla tal-konsulenti kunfidenzjali l-ġodda. Intgħażlu u ġew imħarrġa ħames membri tal-persunal ġodda biex jappoġġaw lill-persunal li jkun qed ifittex assistenza f'sitwazzjonijiet perċepiti bħala fastidju psikoloġiku jew sesswali.

Wara li kisbet esperjenza siewja u feedback mill-arranġamenti ta' ħidma speċjali matul il-pandemija, l-eu-LISA żiedet l-ambitu tal-possibbiltajiet ta' **telexogħol** offruti lill-persunal billi introduċiet arranġamenti ta' ħidma ibridi, filwaqt li stenniet l-adozzjoni formali tar-regoli tal-Aġenzija dwar din il-kwistjoni. Dan il-mod ta' ħidma kkontribwixxa għal tnaqqis fir-rata ta' assenteiżmu.

## Politiki tar-riżorsi umani

Biex tallinja l-qafas legali tagħha ma' regoli ġodda għall-aġenziji tal-UE, l-eu-LISA adottat **regoli ta' implimentazzjoni ġodda għar-Regolamenti tal-Persunal dwar domandi amministrattivi u rrevediet il-linji gwida tagħha dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta**. Wara l-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija, l-Aġenzija kisbet deroga mir-regoli tal-Kummissjoni dwar il-ħin tax-xogħol u **x-xogħol ibridu** sakemm tiġi żviluppata deċiżjoni mudell ġdida, jew deċiżjoni speċifika.

### 1.7.3. Finanzi u akkwist

FI-2022, l-eu-LISA kompliet tiżviluppa u ssaħħaħ il-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha biex tiżgura l-ġestjoni trasparenti u effettiva tar-riżorsi finanzjarji disponibbli tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA għamlet sforz imġedded biex tippjana għall-futur, speċjalment fid-diġitalizzazzjoni tal-baġit u tal-akkwist. Barra minn hekk, l-eu-LISA stabbiliet l-elementi meħtieġa għall-implimentazzjoni futura tal-ibbaġitjar ibbażata fuq l-attività, flimkien ma' monitoraġġ u żvilupp kontinwi tal-proċeduri finanzjarji u ta' akkwist tagħha.

### 1.7.4. Programm ta' Żieda tal-Kapaċità

Wara l-espansjoni tal-mandat tal-eu-LISA fl-2018, l-Aġenzija kellha bżonn testendi l-kapaċità tas-sit tagħha fi Strasburgu biex takkomoda l-ħtiġijiet operazzjonali ta' sistemi ġodda, primarjament f'termini ta' żieda fil-kapaċità taċ-ċentri tad-*data* u l-provvista ta' spazju addizzjonali fl-uffiċċji għall-persunal. Fi Frar 2020, l-eu-LISA nediet il-proġett għat-**tieni estensjoni tas-sit ta' Strasburgu**, li hija skedata li titwettaq fl-2028. F'Ġunju 2021, id-deċiżjoni ġiet emendata biex tinkludi żewġ proġetti oħrajn biex jindirizzaw il-ħtiġijiet kummerċjali urġenti qabel ma titlesta t-tieni estensjoni: **ċentru tad-*data* modulari (MDC)** u **titjib tal-kapaċitajiet tal-enerġija u tat-tkessiħ**.

Sabiex jiġu żgurati l-ġestjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-proġetti, dawn it-tliet proġetti ta' infrastruttura interrelatati huma rregolati taħt il-**"Programm għaż-Żieda tal-Kapaċità"** ġenerali:

- **it-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali.** Il-proġett jiffoka fuq il-bini ta' spazji tal-uffiċċji ġodda fis-sit ta' Strasburgu. FI-2022, il-programm tal-bini ġie aġġornat, inkluża d-dokumentazzjoni rilevanti kollha u pakkett finanzjarju sstatat ġdid. Minħabba l-limitazzjonijiet tal-baġit, is-sejħa għall-offerti għall-kuntratt qafas tas-servizzi tad-disinn tal-bini ma ġietx immedija, u l-proġett bħalissa huwa pospost għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss.
- **ċentru tad-*data* modulari 2.** Il-proġett jipprevedi l-installazzjoni ta' ċentru tad-*data* modulari f'kontejners, jiġifieri, soluzzjoni flessibbli u skalabbli li ma tirrikjedi l-ebda attività ta' kostruzzjoni. FI-2022, l-eu-LISA ħadmet biex tiffinalizza l-kunċett għal ċentru tad-*data* modulari 2, filwaqt li qieset il-ħtiġijiet futuri tal-hosting tas-sistema. Barra minn hekk, l-Aġenzija nediet s'fharriġ biex tippovdi ħarsa ġenerali lejn is-soluzzjonijiet tekniċi possibbli għaċ-ċentri tad-*data* modulari.
- **aġġornament tal-infrastruttura tal-enerġija u tat-tkessiħ.** L-għan huwa li jiġu koperti l-ħtiġijiet tal-enerġija u tat-tkessiħ fuq terminu qasir u twil tas-sit operazzjonali fi Strasburgu. L-istudju tal-prefattibilità tal-kapaċità tal-enerġija tlesta f'Mejju 2022, u pprovda xenarji alternattivi għat-terminu qasir, medju u twil. L-eżiti se jintużaw ukoll għaċ-ċentru tad-*data* modulari 2. Barra minn hekk, l-istudju dwar it-tkessiħ jinvestiga kif jistgħu jiġu ottimizzati l-kapaċitajiet tat-tkessiħ tat-tagħmir installat fiċ-ċentru tad-*data* biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u biex jiġu pprovdu soluzzjonijiet għall-aġġornament tas-sistema eżistenti.

## 1.7.5. Servizzi Korporattivi

### Programm għall-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi (ECM)

FI-2020, l-Aġenzija bdiet timplimenta l-**Programm għall-Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi (ECM)** biex tippovdi lill-persunal tal-eu-LISA b'qafas integrat, li jinkludi l-istrategġiji (inklużi l-politiki u l-proċeduri), il-metodi u l-għodod kollha użati għall-ġestjoni, l-ipproċessar, u l-ħżin u tal-informazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-Aġenzija. L-implimentazzjoni tal-Programm tal-ECM hija gradwali u hija mistennija li ddum sal-aħħar tal-2025.

FI-2022, l-Aġenzija kompliet taħdem fuq żewġ proġetti taħt dan il-programm. L-ewwel nett, il-proġett tas-**sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti (DMS) il-ġdida** ipproċeda bil-ħolqien ta' pjan ta' proġett u riżorsi, li jiddeskrivi l-oġġettivi, il-miżuri ta' prestazzjoni u r-rwoli u r-responsabbiltajiet. It-tieni, il-proġett tas-**sit web il-ġdid tal-eu-LISA** ffoka fuq it-tnejn kuntrattwali.

### Programm ta' adozzjoni tal-cloud

Il-cloud hija faċilitatur strateġiku għat-trasformazzjoni diġitali. L-organizzazzjonijiet moderni huma interessati fil-bini u fit-twassil ta' soluzzjonijiet skalabbli u siguri mingħajr ma jkollhom għalfejn jinvestu u jiżviluppaw infrastrutturi ta' appoġġ fiżiċi. Fid-dinja diġitali, l-organizzazzjonijiet iridu jużaw ukoll is-software tagħhom u jaċċessaw il-kontenut tagħhom minn kullimkien, fuq talba. Il-motivazzjonijiet kummerċjali tal-eu-LISA għal bidla lejn il-cloud huma dawn li ġejjin: il-ġestjoni tat-teknoloġija fi tmiem l-appoġġ; l-introduzzjoni ta' kapaċitajiet tekniċi ġodda u l-issodisfar ta' domandi kummerċjali futuri; it-titjib fis-sigurtà u l-konformità regolatorja; il-forniment ta' eċċellenza operazzjonali f'termini ta' twassil, kosteffiċjenza, u żmien ta' kummerċjalizzazzjoni aktar rapidu; it-titjib tal-istabbiltà teknoloġika; it-titjib tal-effiċjenza, il-produttività u l-interazzjonijiet bejn l-impjegati, l-utenti, u l-kuntratturi għal esperjenza tal-utenti aħjar.

FI-2022, ġie approvat l-approċċ strateġiku għall-Adozzjoni tal-Cloud fl-ICT, u l-argument għall-vijabbiltà tal-programm (inklużi l-baġit, l-iskeda ta' żmien u l-ambitu tiegħu) ġie konsolidat.

Din il-modernizzazzjoni tas-sistemi korporattivi tal-ICT tal-Aġenzija se titwettaq b'mod inkrementali matul il-perjodu 2023-2024 permezz tal-inizjattivi li ġejjin: **komunikazzjoni unifikata** (inkluż il-kapaċitajiet taċ-chat u tal-laqqgħat f'intrapriża ffokata fuq il-produttività, fornituri tal-cloud, bl-użu tal-ibridu fuq il-post, arkitettura multicloud); applikazzjonijiet u kapaċitajiet tan-negozju migratorji għal **fornitur ta' cloud ta' intrapriża ffukat fuq il-produttività** (inkluż il-kapaċitajiet tal-posta u tal-kalendarju, għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti, applikazzjoni ta' approvazzjoni tas-sigurtà, eċċ.); **backup unifikat** (li junifika l-proċeduri ta' backup u rkupru minn diżastri fis-sistemi kollha bl-użu tal-ibridu fuq il-post / arkitettura multicloud).

### Servizzi ġenerali

Matul l-2022, l-eu-LISA wettqet u ottimizat il-manutenzjoni tas-siti u tal-faċilitajiet kollha tagħha, sabiex tiżgura infrastruttura tal-bini sigura, effiċjenti u funzjonali li hija allinjata bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tan-negozju tal-Aġenzija. Sabiex jiġi promoss iċ-ċikliżmu lejn ix-xogħol, tnedja proġett ta' kenn għar-roti biex jospita aktar roti fil-bini.

Biex tiġi akkomodata l-espansjoni tal-Aġenzija f'termini ta' persunal, ġew implimentati diversi proġetti biex jiżguraw spazju distribwit tajjeb b'aktar postijiet tax-xogħol. Ġiet introdotta politika ġdida ta' użu flessibbli tal-uffiċċju flimkien ma' għodda online għall-prenotazzjoni tal-ispazju tax-xogħol. Barra minn hekk, tnedja studju fuq il-post tax-xogħol ibbażat fuq l-attività biex isir użu saħansitra aktar effiċjenti tal-ispazju għall-uffiċċji, ambjent tax-xogħol aktar komdu u biex jittejjeb il-benesseri fuq il-post tax-xogħol b'mod ġenerali.

FI-2022, ġiet adottata l-**Politika Ambjentali** tal-eu-LISA, bil-ħsieb li tiżgura r-reġistrazzjoni tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE sal-2024. Barra minn hekk, il-Politika dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali ġiet ikkonsolidata wkoll.

## Servizzi tal-ICT korporattivi

Fl-2022, l-Aġenzija biddlet l-approċċ tagħha għall-forniment ta' servizzi tal-ICT korporattivi billi ffukat fuq l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizz. Wieħed mill-fatturi ta' suċċess ta' din it-tranżizzjoni kien il-proġett ta' implimentazzjoni tal-ITIL li għaddej bħalissa fis-Servizzi tal-ICT, li ffaċilita l-adattament meħtieġ. L-Aġenzija implimentat linji ġodda tal-internet u tan-network fuq żona wiesgħa (WAN) fi Brussell u fl-intersiti (Tallinn-Strasbourg), li tejbet ukoll il-pożizzjoni tas-sigurtà. Barra minn hekk, l-eu-LISA tejbet l-infrastruttura ta' backup u ħżin biex tappoġġa aħjar l-oġġettivi ta' rkupru u introduċiet ġestjoni tal-identità ibrida għall-appoġġ tal-awtentikazzjoni b'diversi fatturi.

### 1.7.6. Komunikazzjoni

Il-komunikazzjoni esterna tal-Aġenzija ffukat fuq l-għoti ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li tintfiehmed faċilment biex jiżiedu s-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà ġenerali. B'mod partikolari, fl-2022 l-eu-LISA ngħatat il-Premju Soċjali Forbes għall-inizjattivi innovattivi u ta' ispirazzjoni tagħha fil-komunikazzjoni pubblika, u ġiet imfaħħra għall-vokazzjoni etika b'saħħitha tagħha u għall-użu ta' strateġiji, tekniki u għodod ta' komunikazzjoni innovattivi.

#### Komunikazzjoni esterna

Fl-2022, l-enfasi kienet fuq l-iżgurar tal-viżibbiltà tal-kisbiet tal-eu-LISA u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni pubblika dwar ir-rwol tal-Aġenzija biex taqdi l-interessi taċ-ċittadini tal-UE u tipprovdi servizzi tal-IT lill-partijiet ikkonċernati tagħha. Bl-użu ta' diversi formati multimedjali, l-Aġenzija ppromwoviet ir-rwol u l-kisbiet tagħha fil-ġestjoni u l-promozzjoni tal-IT bħala fattur ewleni għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. B'mod partikolari:

- l-eu-LISA ppubblikat ktejjeb speċjali biex tikkommemora l-**10 anniversarju** tagħha. 100 Il-pubblikazzjoni ġiet disseminata permezz tal-media soċjali biex tkompli tiżdied il-viżibbiltà tal-Aġenzija online, u lafquet udjenza ta' aktar minn 14 500 fuq LinkedIn;
- L-eu-LISA nediet portal online ġdid "Discover eu-LISA 2.0" biex tipprovdi ħarsa ġenerali aġġornata tal-kompiti ewlenin u tal-linji ta' azzjoni tal-Aġenzija;<sup>101</sup>
- L-Aġenzija attendiet laqgħat dwar il-kampanja ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-EES u l-ETIAS, u kkontribwiet għall-isforz billi ppromwoviet is-sit web korporattiv tar-reġistrazzjoni u tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni tat-trasportaturi u tul il-kanali kollha tal-media soċjali tagħha u biex iżżid is-sensibilizzazzjoni u tagħti spinta lir-reġistrazzjoni.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet għall-bullettin Trimestrali tal-ETIAS, ippubblikat mill-Frontex, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi l-aktar reċenti relatati mal-implimentazzjoni tal-ETIAS. L-Aġenzija appoġġat ukoll il-**kampanja ta' Riformulazzjoni tas-SIS** tal-Kummissjoni Ewropea.

Matul l-2022, l-Aġenzija ffukat ukoll l-isforzi ta' komunikazzjoni esterna tagħha fuq it-tiżi tar-relazzjonijiet tal-media u t-tkabbir ulterjuri tal-preżenza online tagħha fis-siti web u fil-kanali tal-media soċjali tagħha. Dan kien jinkludi l-pubblikazzjoni ta' ħarsiet ġenerali komprensivi tar-rwol u tal-kompiti tagħha f'diversi mezzi tal-media nazzjonali (inkluż fil-media Ġermaniża, Taljana, Franċiża u Estonjana). Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet għan-networks tal-aġenziji tal-UE billi enfasizzat pożizzjonijiet kondiviżi b'mod komuni (inkluż il-kampanji Stand with Ukraine, il-Patt Ekoloġiku tal-UE, u Women in IT) u żiedet is-sensibilizzazzjoni ta' informazzjoni u messaġġi relatati mal-udjenzi esterni tagħha.

Fl-aħħar, l-eu-LISA kkomunikat fuq l-avvenimenti ewlenin tagħha stess — Konferenza Annwali u żewġ Diskussjonijiet Madwar Mejda dwar l-Industrija — biex iżżid il-viżibbiltà u l-impenn tagħha mal-udjenzi fil-mira tagħha, filwaqt li tagħti spinta sinifikanti lill-media soċjali tagħha kif ġej: +42 % fuq LinkedIn, +21 % fuq Twitter, u +15 % fuq Facebook.

<sup>100</sup> eu-LISA (2022) **L-10 anniversarju tal-eu-LISA**. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur **is-sit web tal-10 anniversarju tal-eu-LISA**.

<sup>101</sup> **Skopri l-eu-LISA — l-attivitajiet ewlenin tagħna għal Ewropa aktar sikura**. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur **discover.eulisa.europa.eu**.

## Komunikazzjoni interna

Matul l-2022, il-komunikazzjoni reċiproka bejn il-maniġment u l-impjegati, kif ukoll bejn is-subdiviżjonijiet tal-Aġenzija, ġiet iffaċilitata b'mod effiċjenti mill-funzjoni ta' komunikazzjoni interna tal-eu-LISA. Skont ir-riżultati tal-istħarriġ tal-persunal, is-sodisfazzjon ġenerali tal-komunikazzjoni interna kien ta' 91 %.

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-10 anniversarju tagħha, l-eu-LISA organizzat diversi attivitajiet, inkluż wirja speċjali ta' ritratti online "Then and Now", Flashback Newsletter iddedikata, u sensiela ta' intervisti personali mal-membri tal-persunal. Fl-2022, parti konsiderevoli tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni interna ffukaw fuq il-komunikazzjoni dwar il-kriżi relatata mal-pandemija tal-COVID-19, u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Sabiex tqajjem sensibilizzazzjoni fost il-persunal tagħha u tistieden lill-kollegi biex jikkontribwixxu għal suġġetti importanti tal-UE, l-Aġenzija ppromwoviet ukoll diversi kampanji soċjali madwar l-UE, eż., il-World Clean-up Day f'Settembru, it-3 Billion Trees Pledge 2030, ix-xahar dwar iċ-Ċibersigurtà f'Ottubru, il-Jiem Internazzjonali tan-Nisa u tal-Irġiel.





2

# MANAGEMENT

The main elements of eu-LISA's management, such as budget and human resources.

## 2.1. Bord tat-Tmexxija

FI-2022, l-eu-LISA kompliet bil-kollaborazzjoni mill-qrib ħafna, trasparenti u kostruttiva tagħha mal-Bord tat-Tmexxija tagħha. Flimkien mal-obbligi statutorji tagħha, l-Aġenzija aġġornat lill-Bord b'mod regolari dwar ir-riskji u l-kwistjonijiet sinifikanti kollha identifikati, inklużi l-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati għall-iżvilupp ta' sistemi ġodda tal-IT fuq skala kbira fdati lill-eu-LISA.

L-Aġenzija pprovdiet aġġornamenti u rapporti regolari lill-Bord dwar l-istatus ta' implimentazzjoni tal-EES, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN u l-programm ta' Interoperabbiltà, inklużi l-opinjoni meħuda fi ħdan il-Gruppi Konsultattivi rispettivi u l-Bordijiet ta' Ġestjoni tal-Programmi, ir-rapporti dwar riskji u kwistjonijiet relatati, il-miżuri ta' mitigazzjoni proposti u l-evoluzzjoni tal-programmi ġenerali. Il-Bord enfasizza ripetutament l-impenn sod tiegħu li jimplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà bħala l-prijorità ewlenija tiegħu. Barra minn hekk, il-Gruppi Konsultattivi tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac irrapporaw lill-Bord dwar l-istatus tal-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi rispettivi, inklużi r-riskji u l-kwistjonijiet assoċjati, flimkien ma' miżuri ta' mitigazzjoni. Il-Bord irċieva rapporti regolari wkoll mingħand l-Uffiċjal tas-Sigurtà, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA.

Matul l-2022, il-Bord tat-Tmexxija adotta diversi deċiżjonijiet sinifikanti biex jiżgura l-kontinwità tal-operat tal-Aġenzija, inklużi:

- il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv *interim*,
- l-awtorizzazzjoni ta' arranġament ta' ħidma mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għas-servizzi ta' Uffiċjal tal-Kontabilità u l-ħatra ta' Uffiċjal tal-Kontabilità *ad interim*,
- proposti biex jinbidlu d-dati tad-dħul fis-seħħ ta' sistemi ġodda,
- l-adozzjoni ta' dokumenti statutorji ta' pjanar u rapportar (jiġifieri, SPD (inkluża dikjarazzjoni finanzjarja), rapporti ta' attività annwali u *interim*, kontijiet annwali),
- l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' sigurtà u ta' kontinwità tal-operat għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni u l-Eurodac, kif ukoll pjanijiet ta' sigurtà, pjanijiet ta' kontinwità tal-operat u ta' rkupru minn diżastri għall-EES u l-sBMS,
- l-adozzjoni ta' linji gwida dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Il-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tal-Bord issorvelja r-riskji ġestiti mill-Aġenzija u t-twaqqif tal-arranġament ta' kontroll intern. Minbarra tliet laqgħat regolari tal-ACFC, ġew organizzati wkoll erba' laqgħat straordinarji. Il-Bord u l-ACFC ġew ipprovduti aġġornamenti regolari dwar l-istatus tal-proċedura baġitarja u n-negozjati dwar il-ġestjoni finanzjarja, kif ukoll dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu. Barra minn hekk, il-Bord segwa mill-qrib l-aġġornamenti dwar is-sitwazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija u l-Programm ta' Żieda tal-Kapaċità tagħha.

FI-2022, il-Bord tat-Tmexxija ltaqa' għal żewġ laqgħat straordinarji: waħda dwar ir-rapport tal-ACFC u oħra dwar l-istatus ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tas-SIS Riformulati u d-dħul fis-seħħ ta' SIS imġedda. Fi tliet okkażjonijiet, il-Bord iltqa' online, filwaqt li l-laqgħat l-oħrajn ġew organizzati f'format ibridu. Il-laqgħa tal-Bord ta' Ġunju saret fi Strasburgu, taħt l-awspiċi tal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-UE, u l-laqgħa tiegħu ta' Novembru saret fi Praga, taħt l-awspiċi tal-Presidenza Ċeka.

Sabiex tkompli ttejjeb it-trasparenza u tikkontribwixxi biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika tal-attivitajiet tagħha, l-Aġenzija kompliet tippubblika s-sommarji tal-laqgħat regolari tal-Bord tat-Tmexxija fuq is-sit web tagħha.

## 2.2. Żviluppi ewlenin

### 2.2.1. Regolamenti adottati

F'Ġunju 2022, ir-**Regolament e-CODEX** daħal fis-seħħ, li jafda lil eu-LISA bl-immaniġġjar operazzjonali u l-evoluzzjoni futura tas-sistema e-CODEX, filwaqt li jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għat-trasferiment tagħha mill-konsorzju tal-Istati Membri li kienu qed jimmaniġġjaw is-sistema s'issa.<sup>102</sup> It-tnejn għall-akkwiżizzjoni bdew f'Diċembru u l-eu-LISA stabbiliet Grupp Konsultattiv iddedikat.

Fil-15 ta' Ġunju, il-Kunsill adotta r-regolament li jirrevedi l-**mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen** (SEMM), li jibdel l-intervall taċ-ċikli ta' evalwazzjoni u jsaħħaħ ir-rwol tal-aġenziji tal-UE fil-proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.<sup>103</sup> B'riżultat ta' dan, se jiġu introdotti bidliet fiċ-ċiklu ta' evalwazzjoni li jmiss.

Fi tmien l-2022, l-UE adottat id-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (**id-Direttiva NIS 2**).<sup>104</sup> Filwaqt li ma għandhiex impatt dirett fuq l-attivitajiet ewlenin tal-eu-LISA, id-Direttiva NIS 2 se ttejjeb iċ-ċibersigurtà fl-UE billi tirrikjedi ċertu livell ta' thejġja mill-Istati Membri f'oqsma strateġiċi.

Rigward l-intelliġenza artifiċjali (IA), il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali tiegħu għall-**Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali** fis-6 ta' Diċembru 2022.<sup>105</sup> Dan l-Att huwa parti mill-pakkett leġislattiv tal-Kummissjoni ppubblikat fl-2021, li jinkludi rieżami tal-Pjan Ikkordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. Ir-regolament propost jintroduċi sett ta' regoli armonizzati applikabbli għad-disinn, l-iżvilupp u l-użu ta' ċerti sistemi tal-IA ta' riskju għoli, kif ukoll restrizzjonijiet fuq ċertu użu ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika mill-bogħod.<sup>106</sup> Il-proposta leġislattiva tipprevedi dispożizzjoni li teżenta l-komponenti tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ssorveljati mill-eu-LISA u mqiegħda fis-suq jew fis-servizz sena qabel id-data tal-applikazzjoni tagħha. Madankollu, fejn applikabbli, l-Aġenzija se tqis ir-rekwiżiti regolatorji meta tevalwa kull sistema tal-IT fuq skala kbira taħt il-mandat tagħha. Barra minn hekk, kwalunkwe bidla sinifikanti fid-disinn jew fl-iskop maħsub tas-sistema jew tal-komponent tal-IA kkonċernati se tiskatta l-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament.

### 2.2.2. Regolamenti Riveduti / Emendatorji

Fl-2022, il-Kunsill u l-Parlament stabbilew il-mandati ta' negozjar tagħhom għar-Regolament Eurodac Riformulat biex ilestu r-**riforma tas-sistema tal-Eurodac**.<sup>107</sup> Ladarba jiġi adottat, dan se jkun l-aħħar element kostitwenti ewleni li għandu jiġi integrat fil-qafas tal-interoperabbiltà tal-ĠAI. Il-proposta testendi l-ambitu tar-Regolament Eurodac billi tintroduċi kategoriji ġodda biex tappoġġa r-rekwiżit tal-ġbir u l-ħżin tad-*data* dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li jkun nstabu li qed jgħixu b'mod irregolari fit-territorju tal-UE. Dan se jipprovi aktar funzjonalitajiet u mekkaniżmi ta' tiftix għall-monitoraġġ ta' sitwazzjonijiet individwali tal-applikanti għall-ażil u tal-migranti irregolari, minflok l-applikazzjonijiet. In-negozjati interistituzzjonali huma skedati li jibdew fl-2023, fejn kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Presidenzi tal-Kunsill li jmiss impenjaw ruħhom li jiffinalizzaw ir-riforma leġislattiva sa April 2024, li ser isservi bħala l-bażi għall-aġġornament tal-Eurodac li għandu jiġi implimentat mill-Aġenzija.

<sup>102</sup> Ir-**Regolament (UE) 2022/850** tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (**is-sistema e-CODEX**), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726, ĠU L 150, 1.6.2022.

<sup>103</sup> **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922** tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1–27.

<sup>104</sup> **Direttiva (UE) 2022/2555** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar **miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha**, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2), ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80–152.

<sup>105</sup> Il-Kunsill tal-ĠAI (2022) "**Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali: Council calls for promoting safe AI that respects fundamental rights**", stqarrija għall-istampa, 6 ta' Diċembru 2022.

<sup>106</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli **armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)** u li jemenda ċerti atti leġislattivi tal-Unjoni, COM/2021/206 final.

<sup>107</sup> "**Eurodac: MEPs updated their position in view of upcoming negotiations with the Council**", il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE), stqarrija għall-istampa, 13 ta' Diċembru 2022.

F'Ġunju 2022, **ir-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA** ġie emendat biex l-e-CODEX (Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' *Data Online*) jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija.

Fl-aħħar, f'Lulju 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-**Regolament emendat dwar is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)** biex jinkludi d-dħul ta' twissijiet ta' informazzjoni fis-SIS dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-interess tal-Unjoni.<sup>108</sup> Din l-emenda tistabbilixxi l-proċeduri u s-salvagwardji applikabbli, li jippermettu lill-Europol tipproponi ż-żieda ta' twissijiet ġodda mas-SIS. Il-Kumitat SIS SIRENE tal-Kummissjoni kompli d-diskussjonijiet dwar l-emendi meħtieġa għall-atti ta' implimentazzjoni, inkluża referenza għall-kategoriji l-ġodda ta' twissijiet. Ladarba l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati, l-eu-LISA se timplimenta t-twissija ta' informazzjoni l-ġodda proposta mill-Europol.

### 2.2.3. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna

Mill-invażjoni mir-Russja tal-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, l-Aġenzija kienet qed tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri, u tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE.

Minn Marzu 2022, l-eu-LISA kienet qed tattendi u tikkontribwixxi għal-laqgħat tan-**Network tal-UE għat-Tħejija għall-Migrazzjoni u għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni**.<sup>109</sup> Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja,<sup>110</sup> l-Aġenzija pprovdiet appoġġ espert lill-Kummissjoni fl-iżvilupp tal-**Pjattaforma ta' Protezzjoni Temporanja** għar-reġistrazzjoni ta' persuni li jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Fl-ewwel semestru, l-eu-LISA kkontribwiet għall-grupp ta' ħidma **Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi** (IPCR)<sup>111</sup>, primarjament billi appoġġat lill-Kunsill dwar kwistjonijiet relatati ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-ĠAI u pprovdiet rapporti regolari biex tinforma lill-Kummissjoni dwar l-użu tas-sistemi tal-ĠAI u l-livelli ta' theddid ċibernetiku.

Barra minn hekk, l-eu-LISA stabbiliet kuntatt regolari ma' aġenziji oħrajn tal-UE fil-pajjiżi ospitanti li jikkondividu l-fruntieri mal-Ukrajna u r-Russja (jiġifieri, l-Uffiċċju BEREC, l-EIGE, il-Frontex, is-CEPOL, u l-ECHA) biex tanalizza l-livelli ta' theddid f'termini taċ-ċibersigurtà u l-kontinwità tal-operat. Barra minn hekk, l-eu-LISA żiedet ukoll il-monitoraġġ tar-riskji u t-theddid possibbli għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u għall-infrastruttura korporattiva taħt il-mandat tagħha u qed tikkomunika informazzjoni pertinenti lill-partijiet rilevanti. Fil-livell tal-persunal, tnedew diversi inizjattivi fi ħdan l-eu-LISA sabiex jappoġġaw lir-refuġjati permezz ta' kampanji ta' karità.

### 2.2.4. Bidla tad-Direttur Eżekuttiv

Fil-31 ta' Ottubru 2022, il-Bord tat-Tmexxija ħatar lill-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA, lis-Sur Luca Tagliaretti biex iservi bħala Direttur Eżekuttiv *ad interim* biex jiżgura l-kontinwità operazzjonali u jissorvelja l-ġestjoni ta' kuljum, wara t-tluq tas-Sur Krum Garkov, li serva bħala Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA sa mill-bidu tal-Aġenzija.

<sup>108</sup> **Regolament (UE) 2022/1190** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 fir-rigward tad-dħul ta' allerti ta' informazzjoni fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-interess tal-Unjoni, ĠU L 185, 12.7.2022, p. 1–9.

<sup>109</sup> **Blueprint dwar it-Tħejija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni ta' Kriżijiet tal-Migrazzjoni**, mekkaniżmu tal-UE għat-tħejija u l-ġestjoni tal-kriżijiet relatati mal-migrazzjoni, stabbilit bir-**Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1366 tat-23 ta' Settembru 2020**.

<sup>110</sup> **Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE** tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jipromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn, ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12–23, u d-**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382** tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja, ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1–6.

<sup>111</sup> Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata dwar kif il-Kunsill jikkoordina r-rispons tal-UE għall-kriżijiet, jekk jogħġbok żur il-paġna ddedikata dwar **arranġamenti integrati għal rispons politiku f'sitwazzjonijiet ta' kriżi (IPCR)**.

F'din il-kapaċità, is-Sur Tagliaretti assuma wkoll il-kompiti tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kontrolli interni tal-eu-LISA. Sabiex jiġi pprevenut il-kunflitt ta' interess mar-rwol assenjat preċedentement tiegħu ta' Maniġer tal-Ġestjoni tar-Riskju u tal-Kontroll Intern (MRMIC) għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kontroll Intern, ir-rwol tal-MRMIC ġie ddelegat b'mod temporanju lill-Kap tal-Unità tal-Governanza u tal-Kapaċitajiet sal-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid.<sup>112</sup>

## 2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

### 2.3.1. Ġestjoni finanzjarja

Il-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja ġie ffinanzjat permezz ta' sorsi ta' finanzjament differenti,<sup>113</sup> bid-dħul ewlieni li ġej mill-kontribuzzjoni annwali mill-baġit tal-UE, jiġifieri t-Taqsima III, it-Titolu 11, il-Kapitolu 10 "Ġestjoni tal-Fruntieri – Aġenziji Deċentralizzati" — kif adottat mill-awtorità baġitarja.<sup>114</sup> Barra minn hekk, l-eu-LISA tirċievi kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati.

### 2.3.2. Implimentazzjoni tal-baġit

Id-dikjarazzjoni finali tad-dħul u l-infiq għall-2022 ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA.<sup>115</sup> Fi tmiem l-2022, ir-rati ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-eu-LISA kienu kif ġej:

99.0 % għall-approprijazzjonijiet ta' impenn, filwaqt li jitqies ir-riport mhux awtomatiku ta' approprijazzjonijiet ta' impenn awtorizzati mill-Bord tat-Tmexxija fi Frar 2023,<sup>116</sup> ara t-tabella hawn taħt; 91.6 % għall-approprijazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2023.

#### Approprijazzjonijiet ta' impenn (f' miljuni ta' euro)

Implimentazzjoni tal-baġit tal-2022 fil-31/12/2022			Implimentazzjoni tal-baġit b'riport permezz ta' deċiżjoni	
2022 baġit finali adottat	impenji eżegwiti	% implimentati	riport mhux awtomatiku	% implimentat, filwaqt li jitqies ir-riport mhux awtomatiku
319.64	291.29	91.1 %	25.15	99.0 %

#### Eżekuzzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' impenn

Il-krediti ta' impenn (C1)<sup>117</sup> finalment aċċettati għall-2022 kienu diviżi fost it-titoli differenti kif ġej:

8 % (EUR 25.49 miljun) għall-infrastruttura u n-nefqa operazzjonali (Titlu 2),  
 13 % (EUR 41.22 miljun) għan-nefqa għall-persunal (Titlu 1),  
 79 % (EUR 252.93 miljun) għall-baġit operazzjonali (Titlu 3).

Fir-rigward tat-Titolu 3, minħabba n-natura pluriennali tal-kuntratti użati biex jappoġġaw l-operazzjonijiet fundamentali, l-ammont ta' EUR 195.88 miljun ta' approprijazzjonijiet ta' impenn maħsuba għall-2022 ġew awtomatikament riportati biex jintużaw fl-2023 u fis-snin li ġejjin ukoll. Għal diżaggregazzjoni dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness II.

<sup>112</sup> Fit-12 ta' Jannar 2023, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA ħatar lis-Sa Agnès Diallo bħala d-Direttur Eżekuttiv il-ġdid, u bdiet il-mandat tagħha fis-16 ta' Marzu 2023.

<sup>113</sup> F'konformità mal-Artikolu 46(3) tar-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA.

<sup>114</sup> Ara l-Artikoli 45(5) u 46(3) tar-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA. Il-kontribut tal-UE jirrelata mal-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament C1 (kreditu vvutati tas-sena finanzjarja attwali).

<sup>115</sup> F'konformità mal-Artikolu 45(7) tar-Regolament li jstabbilixxi l-eu-LISA.

<sup>116</sup> Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA 2023-040 tad-9 ta' Frar 2023; Artikolu 12 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

<sup>117</sup> Approprijazzjonijiet għas-sena (jiġifieri, baġit inizjali + baġit emendatorju ± trasferimenti). Dawn huma approprijazzjonijiet "ġodda", imdaħħla fil-baġit fil-bidu tas-sena finanzjarja. Dawn l-approprijazzjonijiet jistgħu jiġu trasferiti jew supplimentati b'approprijazzjonijiet minn baġit emendatorju.

L-Aġenzija implimentat 100 % tal-baġit operazzjonali tagħha fl-ammont ta' EUR 252.93 miljun (filwaqt li qieset ir-riport mhux awtomatiku tal-appropriazzjonijiet ta' impenn approvati mill-Bord tat-Tmexxija) kif muri bil-kapitolu fl-Illustrazzjoni 24 fil-paġna 80.

Fl-2022, l-Aġenzija kkanċellat EUR 1.11-il miljun mill-appropriazzjonijiet ta' impenn riportati mis-snin preċedenti, li jirrappreżentaw 0.3 % tat-total tal-appropriazzjonijiet riportati skont it-Titolu 3 – nefqa operazzjonali. Id-diżimpenji huma miġbura fil-qosor hawn taħt, fit-(2)Tabella 5., skont is-sena tal-orijini tal-impenn legali sottostanti.

**Tabella 5. Diżimpenji tal-impnjenji baġitarji fl-2022 skont is-sena tal-orijini (f'miljuni ta' EUR).**

Kapitolu tal-Baġit	Artikolu tal-Baġit	2018	2019	2020	2021	Total
Infrastruttura	<i>infrastruttura ta' sistema kondiviża</i>			-0.13		-0.13
	<i>networks</i>			-0.01	-0.01	-0.02
Applikazzjonijiet	<i>SIS II</i>	-0.08		-0.13		-0.21
	<i>VIS/BMS</i>	-0.38				-0.38
Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali	<i>appoġġ operazzjonali</i>			-0.01	-0.36	-0.37
<b>TOTAL</b>		<b>-0.46</b>		<b>-0.28</b>	<b>-0.38</b>	<b>-1.11</b>

Taħt appoġġ operazzjonali, EUR 0.37 miljun jirreferu għal kanċellazzjonijiet ta' appropriazzjonijiet ta' impenn baġitarju li għalihom id-data tat-tmiem tal-kuntratt tkun intlaħqet, u ma kinux meħtieġa dispożizzjonijiet previsti kuntrattwalment (eż. diżimpenji relatati ma' kuntratti ta' appoġġ estern, (li jinkludu kostijiet żejda għas-sahra), il-bqija tal-laqqgħat tal-gruppi konsultattivi u attivitajiet ta' taħriġ relatati mas-sistemi u l-Istati Membri; kif ukoll danni likwidati applikati).

### Eżekuzzjoni ta' appropriazzjonijiet ta' pagament

Il-baġit totali vvutat għall-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-Aġenzija kien jammonta għal EUR 296.51 miljun. Fi tmiem l-2022, l-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet il-91.6 %, inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2023. L-illustrazzjonijiet fil-paġni li jmiss juru d-diżaggregazzjoni tal-baġit totali skont it-titolu u l-konsum ġenerali tal-fondi u l-appropriazzjonijiet ta' pagament matul l-2022.

Fin-nefqa amministrattiva, 89.4 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2021 għall-2022 ġew eżegwiti.

L-appropriazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 1 (nefqa fuq il-persunal)<sup>118</sup> li jammontaw għal EUR 0.67 miljun u fit-Titolu 2 (nefqa għall-infrastruttura u nefqa operazzjonali) li jammontaw għal EUR 13.71 miljun, li kienu għadhom ma ġewx imħallsa fl-2022 u li għalihom jeżisti impenn legali validu, ġew riportati għall-2023 flimkien mal-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.<sup>119</sup> Fi hndan it-Titolu 3, l-akbar sehem ta' appropriazzjonijiet ta' pagament intefaq fuq l-infrastruttura tas-sistema kondiviża. Id-diżaggregazzjoni tal-krediti ta' pagament eżegwiti għall-baġit operazzjonali hija pprovduta fl-**Illustrazzjoni 27** fil-paġna 80.

### Indikatur tal-prestazzjoni: Żmien għall-ħlas

Fl-2022, l-eu-LISA wettqet b'kollox 2 892 tranżazzjoni ta' pagament b'limitu ta' żmien għall-pagament, żieda ta' 36.16 % meta mqabbel mal-2021, inklużi:

- 2 808 tranżazzjoni kellhom żmien ta' pagament massimu ta' 30 jum,
- 50 kellhom żmien ta' pagament massimu ta' 45 jum.
- 32 kellhom żmien ta' pagament massimu ta' 60 jum.
- 2 kellhom żmien ta' pagament massimu ta' 90 jum.

Iż-żmien medju għall-ħlas għat-tipi kollha ta' pagamenti baqa' ferm taħt il-limiti ta' żmien stipulati: 18.4-il jum

<sup>118</sup> L-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mar-remunerazzjonijiet mhumiex riportati.

<sup>119</sup> F'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

għal pagamenti ta' 30 jum, u 30.4 jum għal pagamenti ta' 60 jum.

B'mod ġenerali, 90.08 % tat-tranżazzjonijiet kollha saru fi ħdan it-terminu kuntrattwali. Total ta' 287 pagament ġew imdewma, li erbgħa minnhom ġarrbu imgħax ta' inadempjenza, li jammonta għal EUR 9 048.07 pagabbli lill-kredituri.


## Implimentazzjoni tal-baġit fl-2022

Bħala parti mill-qafas ta' rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha.


**Illustrazzjoni 24. Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' impenn C1 (f' miljuni ta' EUR)**




**Illustrazzjoni 25. Xejriet fil-konsum tal-fondi impenjati u bbaġitjati matul is-sena (f' miljuni ta' EUR)**




**Illustrazzjoni 26. Eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn taħt it-Titolu 3 (f' miljuni ta' EUR)**



**Illustrazzjoni 27. Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' pagament C1 (f' miljuni ta' EUR)**




**Illustrazzjoni 28. Xejriet fil-konsum ta' fondi mħallsa u bbaġitjati matul is-sena (f' miljuni ta' EUR)**







**Illustrazzjoni 29. Approprijazzjonijiet ta' pagament eżegwiti taħt it-Titolu 3 (f' miljuni ta' EUR)**




**Illustrazzjoni 30. L-evoluzzjoni ta' kull xahar taż-Żmien għall-Flas globali**



**Illustrazzjoni 31. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 30 jum**




**Illustrazzjoni 32. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 60 jum**



### 2.3.3. Proċeduri ta' akkwist

L-illustrazzjoni 33 hawn taħt turi r-riżultati ta' analiżi sinottika tal-volum imwettqa billi ġie eżaminat l-għadd ta' tranżazzjonijiet (jiġifieri kuntratti) matul il-perjodu mill-2014 sal-2022. L-illustrazzjoni turi l-qasma bejn it-tipi differenti ta' kuntratti, u tenfasizza għadd dejjem jikber ta' kuntratti speċifiċi u formoli tal-ordnijiet skont il-kuntratti qafas. Ir-riżultati tal-analiżi tal-volum tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-funzjonijiet tal-akkwist fl-Aġenzija.

Illustrazzjoni 33. Attività ta' akkwist 2014-2022.



### TRADUZZJONI

<i>Direct contracts</i>	<i>Kuntratti diretti</i>
<i>Framework contracts eu-LISA non-systems</i>	<i>Kuntratti qafas tal-eu-LISA mhux relatati mas-sistemi</i>
<i>Framework contracts eu-LISA systems</i>	<i>Kuntratti qafas tal-eu-LISA (relatati mas-sistemi)</i>
<i>Purchase orders</i>	<i>Ordnijiet ta' xiri</i>
<i>Specific contracts/order forms under framework contracts</i>	<i>Kuntratti speċifiċi/formoli tal-ordni skont il-kuntratti qafas</i>
<i>2014</i>	<i>2014</i>
<i>2015</i>	<i>2015</i>
<i>2016</i>	<i>2016</i>
<i>2017</i>	<i>2017</i>
<i>2018</i>	<i>2018</i>
<i>2019</i>	<i>2019</i>
<i>2020</i>	<i>2020</i>
<i>2021</i>	<i>2021</i>
<i>2022</i>	<i>2022</i>
<i>Total</i>	<i>Total</i>

## 2.4. Id-delega u s-subdelega tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-persunal

Skont ir-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, b'mod partikolari l-Artikoli 41 u 46, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni jiddelega s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni maħtura. L-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni maħtur jeżerċita d-delega tas-setgħat skont il-Karta għall-Uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni b'Delega, li tistabbilixxi l-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħhom. Dawn id-delegazzjonijiet jiġu applikati abbażi ta' matriċi tas-sjeda tal-baġit li tissottolinja l-allokkazzjoni tal-awtorità u r-responsabbiltà lill-persunal maħtur abbażi tal-funzjoni maniġerjali tiegħu fuq l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżorsi baġitarji fiċ-ċirkwiti finanzjarji kollha. Id-delega tas-setgħa tinsab fil-livell ta' linja baġitarja għas-sorsi kollha tal-fondi. Din titwettag minn persunal maħtur formalment għal dak ir-rwol minn deċiżjoni tal-ED għal ammont speċifikat (jiġifieri, limitu massimu finanzjarju).

## 2.5. Ġestjoni tar-riżorsi umani

### 2.5.1. Reklutaġġ

Fl-2022, l-eu-LISA nediet 17-il proċedura tal-għażla ġdida. Għal 12 minn dawn il-proċeduri tal-għażla, l-Aġenzija rċeviet total ta' 1 657 applikazzjoni.<sup>120</sup> L-għadd medju ta' applikazzjonijiet għal kull proċedura kien ta' 141, li jikkostitwixxi żieda meta mqabbla ma' 108 applikazzjonijiet fl-2021. L-ogħla għadd ta' applikanti għal proċedura tal-għażla magħluqa kien ta' 247, u dak l-aktar baxx kien ta' 39.

Sabiex jintlaħqu l-miri tal-akkwiżizzjoni tat-talenti stabbiliti għall-2022, fil-kuntest ta' għadd kbir ta' karigi mhux rinnovabbli għal żmien qasir li għandhom jiġu rreklutati flimkien mad-dawran relattivament għoli, l-Aġenzija ppubblikat għadd akbar ta' avviżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti, filwaqt li saħħet ukoll b'mod sinifikanti l-marka tal-impjegaturi tagħha u tejbet l-istandards ta' kwalità tagħha sabiex tattira t-tip ta' talent xieraq.

L-inizjattivi kwalitattivi li ġejjin wasslu għal esperjenza aħjar tal-kandidati, b'għadd akbar ta' persunal fl-2022:

- il-ħolqien ta' suddiviżjoni ġdida, is-Settur tal-Ġestjoni tat-Talenti, li jinkorpora Servizz għall-Akkwist tat-Talenti ddedikat (għal aktar, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimha 1.7.2 *dwar l-Akkwist ta' Talent*);
- proċess aktar faċli li jippermetti titjib fl-effiċjenza u sinerġiji addizzjonali għar-rekluti u għall-membri tal-Kumitat tal-Għażla (inklużi għodod ġodda biex jitnaqqas il-piż amministrattiv), li jirriżulta f'esperjenza tal-kandidati mtejba;
- użu aktar strateġiku tal-media soċjali u għodod oħrajn biex jiġu reklamati pożizzjonijiet miftuħa u biex l-eu-LISA tiġi mmarkata bħala l-impjegatur tal-għażla, b'mod partikolari għal karigi speċjalizzati ħafna, eż., avviżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti attiraw aktar minn 74 000 viżwalizzazzjoni unika fuq LinkedIn;
- parteċipazzjoni fil-fiera globali tal-karrieri online "Women in Tech".<sup>121</sup> Dan l-avveniment, immirat lejn professjonisti tat-teknoloġija esperjenzati, għen biex jattira grupp ta' kandidati divers u ta spinta lill-immaġni tal-eu-LISA bħala impjegatur attraenti, filwaqt li ħeġġeġ lill-kandidati nisa biex japplikaw għal pożizzjonijiet relatati mal-IT; u
- l-użu massimu ta' listi ta' riżerva billi jiġu raggruppati profili simili fi proċeduri tal-għażla, u użu aħjar tal-listi ta' riżerva eżistenti billi l-ħiliet trasferibbli jitqabblu ma' karigi miftuħa, inkluża kollaborazzjoni man-Network tal-Aġenziji tal-UE (EUAN) biex isir użu tal-listi ta' riżerva minn Aġenziji tal-UE oħrajn.

<sup>120</sup> Jinkludi l-proċeduri tal-għażla fejn għet stabbilita lista ta' riżerva matul l-2022.

<sup>121</sup> **Online career event for Women in Tech**, organizzat minn Global Careers f'Ġunju 2022.

## 2.5.2. Apprendiment u żvilupp

Bħala parti mill-**Pjan ta' Apprendiment Annwali**, l-Aġenzija:

- organizzat 56 avveniment ta' taħriġ, b'1 366 parteċipant u b'durata totali ta' 125 jum,
- organizzat 35 avveniment ta' taħriġ estern b'total ta' 94 parteċipant,
- laħqet rata ta' sodisfazzjon ġenerali ta' 82 % għat-taħriġ intern tagħha,
- ipproċessat total ta' 216-il talba ta' taħriġ individwali,
- irreġistrat total ta' 49 membru tal-persunal li pparteċipaw fil-korsijiet tal-lingwa.

## 2.5.3. Esperjenza u benesseri tal-impjegati

Fl-2022, l-eu-LISA ffaċilitat l-onboarding ta' 36 parteċipant ġdid. L-Aġenzija organizzat 8 webinar li jiffukaw fuq is-saħħa u l-benesseri mentali li għalihom attendew total ta' 485 parteċipant. Barra minn hekk, 10 persuni għamlu użu minn 24 sessjoni ta' konsulenza individwali, filwaqt li 127 persuna ngħataw aċċess għal applikazzjoni mobbli tal-benesseri.

L-Aġenzija ħatret u ħarrġet grupp ġdid ta' konsulenti kunfidenzjali. Matul is-sena, ġew riferuti total ta' 9 każijiet lill-konsulenti u ġew organizzati sessjonijiet ta' superviżjoni regolari. B'reazzjoni għal ksur possibbli, l-eu-LISA wettqet 4 valutazzjonijiet preliminari biex tiddetermina miżuri ta' segwitu xierqa.

## 2.5.4. Tabella tal-Persunal u għadd ta' ħaddiema

Fit-tabella tal-persunal tal-eu-LISA għall-2022, il-karigi awtorizzati kienu jinkludu 215-il aġent temporanju (AT), 167 aġent kuntrattwali (AK), u 11-il espert nazzjonali sekondat (SNE), għal total ta' 393 kariga awtorizzata. Din kienet żieda ta' 37 kariga meta mqabbla mal-2021. L-għadd ta' aġenti kuntrattwali żdied b'35, minn 132 għal 167, minħabba l-awtorizzazzjoni tal-baġit għall-kompiti l-ġodda allokat li lill-Aġenzija (Riformulazzjoni tal-VIS, l-ETIAS u l-Interoperabbiltà). L-għadd ta' karigi tal-ENS ma nbidilx matul dan il-perjodu.

**Tabella 6. L-istatus tal-pożizzjonijiet okkupati fil-31 ta' Diċembru 2022.**

Pożizzjonijiet ta' AT fit Tabella tal-Persunal tal-2022	Pożizzjonijiet ta' AT mimlija		Pożizzjonijiet ta' AT okkupati + offerti ta' impjeg maħruġa	Awtorizzati fl-2022 (AT, AK, SNE)	Karigi mimlija (total)	Karigi okkupati + offerti ta' impjeg maħruġa (total)
215	192		198	393	324	341

Fl-2022, ir-rata ta' okkupanza kienet ta' 89.3 % tat-tabella tal-persunal u 92.1 % jekk jiġu inklużi offerti ta' impjeg maħruġa - tnaqqis żgħir meta mqabbel mal-2021 (-1 %). Ir-rata ta' okkupanza ġenerali għat-tipi kollha ta' karigi kienet ta' 82.4 % u 85.5 %, inklużi l-offerti ta' impjeg maħruġa. Għall-karigi awtorizzati fit-tabella tal-persunal tal-2022, u fejn ġew adottati d-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġislattivi (LFS) rispettivi, l-Aġenzija laħqet 89 % għall-karigi AT, u rata ta' okkupanza ta' 87 % għall-karigi kollha, inkluż l-istadju tal-"offerta ta' impjeg maħruġa".

Sa tmiem is-sena, 61 membru tal-persunal kien lesta b'suċċess il-perjodu ta' prova tiegħu (inkluż wieħed maniġerjali), filwaqt li tlieta spiċċaw b'eżiti negattivi tal-probaton.

Sa tmiem l-2022, l-għadd ta' persunal totali kien ta' 324, żieda minn 310 fi tmiem l-2021. Matul l-2022, kellhom jimtlew 89 kariga f'konformità mal-għadd ta' karigi awtorizzati. Madankollu, ir-reklutaġġ ta' 4 karigi ma kien possibbli minħabba nuqqas ta' approvazzjoni, l-adozzjoni ttardjata tar-Regolament tal-Eurodac Riformulat, u ċ-ċaqliq tal-allokkazzjonijiet ta' karigi mill-2022 għall-2023 għar-Riformulazzjoni tas-SIS (Pulizija). B'mod ġenerali, l-eu-LISA għalqet 12-il proċedura tal-għażla. Fil-31 ta' Diċembru 2022, 18-il kariga kienet laħqet l-istadju ta' "offerta ta' impjeg maħruġa", inkluż waħda diġà aċċettata.

**Tabella 7. Għadd ta' persunal attwali u awtorizzat fil-31 ta' Diċembru 2022.**

Popolazzjoni tal-persunal	Okkupati fil-31.12.2021	Awtorizzati għall-2022 (AT, AK, SNE) skont il-baġit tal-UE <sup>122</sup>	Okkupati fil-31.12.2022	Rata ta' okkupanza fil-31.12.2022
Persunal Temporanju (TA)	193	215	192	89.3 %
Aġenti kuntrattwali (CA)	107	167 <sup>123</sup>	121	72.5 %
Esperti nazzjonali sekondati (SNE)	10	11	11	100 %
<b>TOTAL</b>	<b>310</b>	<b>393</b>	<b>324</b>	<b>82.4 %</b>

Sa tmiem Diċembru 2022, l-eu-LISA kellha 324 membru tal-persunal full-time: 192 AT, 121 AK, u 11-il SNE. Barra minn hekk, seba' apprendisti ġew mistiedna jgħaddu minn internship professjonali fl-Aġenzija.

**Tabella 8. Distribuzzjoni tal-persunal tal-eu-LISA skont is-siti u t-tipi ta' kuntratti**

31 ta' Diċembru 2022	AT	AK	SNE	Total
Tallinn	50	29	4	83
Strasburgu	140	89	6	235
Brussell	1	3	1	5
The Hague	1	0	0	1
<b>TOTAL</b>	<b>192</b>	<b>121</b>	<b>11</b>	<b>324</b>

Meta mqabbel mal-2021, ma kien hemm l-ebda bidla sinifikanti fid-distribuzzjoni tal-persunal bejn it-tliet siti tal-eu-LISA – il-kwartieri ġenerali f'Tallinn, l-Estonja, is-sit operazzjonali fi Strasburgu, Franza, u l-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell, il-Belġju. Kważi terz tal-persunal (26 %) kienu impjegati fil-kwartieri ġenerali tal-eu-LISA f'Tallinn, u 73 % fis-sit operazzjonali tagħha fi Strasburgu, bl-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell jirrappreżenta 1 % tal-persunal tal-eu-LISA. L-Aġenzija ma għandhiex persunal impjegat b'mod permanenti fis-sit tekniku ta' backup f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija. Fl-2022, membru tal-persunal wieħed ġie assenjat temporanjament liċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna kkoordinat mill-Europol f'The Hague.

Il-persunal tal-Aġenzija jinkludi persuni li jirrappreżentaw 23 nazzjonalità (22 Stat Membru tal-UE u r-Renju Unit). Meta mqabbel mal-2021, kien hemm titjib żgħir fil-bilanċ bejn il-ġeneri (+0.9 %), bin-nisa jikkostitwixxu 31.5 % tal-persunal (102 persuni), filwaqt li l-irġiel kienu jikkostitwixxu 68.5 % (222 persuna). Dan it-titjib ġie osservat kemm fil-livell tal-persunal kif ukoll f'dak tal-maniġment.

### 2.5.5. Indikaturi tal-prestazzjoni fil-qasam tar-riżorsi umani

Ir-rata ta' assenteiżmu tkejjlet minn tliet indikaturi:

- l-għadd medju ta' jiem ta' liv minħabba mard għal kull impjegat kien ta' 4.1 jum (mira: < 15-il jum għal kull impjegat),
- il-perċentwal ta' persunal fuq liv tal-mard fit-tul kien ta' 3.2 % (mira: <10 %),
- Il-perċentwal tal-persunal li ma ħa l-ebda liv minħabba mard. >15 % tal-persunal kollu).

Id-dawran tat-tluq tal-persunal kien ta' 7.1 %, oġġla mill-mira ta' 5 %, peress li 23 impjegati telqu mill-organizzazzjoni fl-2022. Fil-kwartieri ġenerali ta' Tallinn, id-dawran tal-impjegati kien ta' 7.95 %, filwaqt li fis-sit operazzjonali fi Strasburgu kien 6.78 %.

<sup>122</sup> Dawn iċ-ċifri jinkludu wkoll żewġ karigi AT, li għalihom ma ġietx adottata dispożizzjoni legali fl-2022, u żewġ karigi AK li, minħabba d-durata qasira tagħhom u d-dewmien fl-adozzjoni ta' dispożizzjoni legali ma kinux disponibbli għar-reklutaġġ, u baqgħu vakanti.

<sup>123</sup> L-għadd totali ta' AK għandu jkun ta' 169 kariga f'konformità mal-LFS adottata. Madankollu, 167 kariga AK huma n-numru rifuż fl-ippjanar u r-rapportar tal-persunal minħabba l-aġġustament tal-allokazzjoni tal-persunal għall-VIS Riveduta (l-għadd kollu tal-persunal ġew imċaqilqa b'sena).

Il-perċentwal ta' membri tal-persunal li sottomettew id-dikjarazzjonijiet ta' interess tagħhom fil-ħin kien ta' 90 % (mira: > 80 %), titjib ċar meta mqabbel mal-2021, meta dan l-indikatur kien ta' 89 %.

L-indiċi taż-żamma tat-talent, li jivvaluta l-prestazzjoni medja tan-nies li jtitlqu mill-Aġenzija meta mqabbla mal-prestazzjoni medja tal-persunal, laħaq 0.3 (mira: > 0), meta mqabbel ma' 0.2 fl-2021.<sup>124</sup>

## 2.5.6. Skemi ta' liv kumpensatorju

Skont ir-Rapport ta' Kwittanza tal-Parlament Ewropew tal-2011,<sup>125</sup> l-aġenziji kollha tal-UE huma meħtieġa jirrapportaw dwar l-għadd ta' jiem ta' liv awtorizzati għal kull grad taħt l-iskemi ta' ħin flessibbli u ta' liv kumpensatorju.

L-Aġenzija tapplika l-ħin flessibbli bħala skema tax-xogħol b'analoġija mar-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar il-ħin tax-Xogħol.<sup>126</sup> Il-mandat tal-Aġenzija huwa li toffri s-servizzi tagħha lill-Istati Membri fuq bażi kontinwa (24/7); dan jimplika li xi wħud mill-persunal jaħdmu xiftijiet jew stand-by. Interventi fuq is-sistemi tal-IT ġestiti minn eu-LISA minn żmien għall-ieħor jeħtieġu li x-xogħol jitwettaq barra mill-ħinijiet regolari tal-uffiċċju, inkluż billejl jew fi btajjel pubbliċi. Għalhekk, il-kumpens għas-sahra maħdum fil-ħin flessibbli, jew matul interventi ta' xogħol stand-by, huwa karatteristika integrali fl-operat ta' kuljum tal-Aġenzija.

**It-Tabella 9**, fil-paġna li jmiss, turi l-ammont ta' liv (in-numru ta' ġranet) mogħtija bħala kumpens għas-sahra, maqsum skont il-grupp ta' funzjonijiet, il-grad tal-membru tal-persunal, u l-għadd medju ta' ġranet ikkumpensati. Meta mqabbel mal-2021, kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' ħin flessibbli u sahra kkumpensati, li wassal għal tnaqqis ta' 1.6 jum (minn 7.4 għal 5.8) fl-għadd medju ġenerali ta' jiem ta' liv kumpensatorju. L-x-xogħol ta' riżerva jiġi kkumpensat finanzjarjament lill-persunal u, għalhekk, ma jkunx inkluż fil-ħarsa ġenerali, filwaqt li jiġi kkumpensat fil-ħin lill-Esperti Nazzjonali Sekondati (SNE) taħt ħin flessibbli jew sahra skont l-għadd ta' sigħat jew jiem li għandhom jiġu kkumpensati għas-servizz ta' xogħol.

<sup>124</sup> Il-valur jindika jekk it-talent ikunx qed jitlaq mill-Aġenzija (jekk negattiv) jew jibqa' fl-Aġenzija (jekk pożittiv).

<sup>125</sup> **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2013** dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011: il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll (2012/2214(DEC)).

<sup>126</sup> **Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħin ta' Xogħol** tal-15 ta' April 2014, C (2014) 2502 adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fil-15 ta' April 2015.

**Tabella 9. Diżaggregazzjoni tal-liv kumpensatorju skont it-tip ta' liv u l-grad tal-persunal (fi ġranet).**

Grupp funzjonali u grad	Ikkumpensat	Grupp funzjonali u grad	Ikkumpensat
AD 05	5	0	313.5
AD 06	2	0	131.5
AD 07	0	0	230.5
AD 08	16	0	244
AD 09	2	0	83
AD 10	1	0	49
AD 11	0.5	0	8
AD 12	2	0	0
AD 13	0	0	0
AD 14	1	0	0
AD 15	0	0	0
AD 16	0	0	0
AST 01	0	0	0
AST 02	0	0	0
AST 03	0	0	80.5
AST 04	0	0	4
AST 05	0	0	11
AST 06	0	0	34.5
AST 07	3	0	29.5
AST 08	11	0	27.5
AST 09	0	0	2.5
AST 10	0	0	0
AST 11	0	0	0
<b>L-ġhadd totali ta' ġranet (AT)</b>	<b>43.5</b>	<b>0</b>	<b>1 249</b>
<b>L-ġhadd ta' persuni (AT)</b>	<b>16</b>	<b>0</b>	<b>181</b>
FG III 09	0	0	66
FG III 10	1	0	67
FG IV 13	0	0	42
FG IV 14	0	0	162.5
FG IV 15	0	0	38.75
FG IV 16	0	0	48
FG IV 17	0	0	28
FG IV 18	0	0	3
<b>L-ġhadd totali ta' ġranet (AK)</b>	<b>1</b>	<b>0</b>	<b>455.25</b>
<b>L-ġhadd ta' persuni (AK)</b>	<b>1</b>	<b>0</b>	<b>106</b>
SNE	15	0	66
<b>L-ġhadd totali ta' ġranet (SNE)</b>	<b>15</b>	<b>0</b>	<b>66</b>
<b>L-ġhadd ta' persuni (SNE)</b>	<b>1</b>	<b>0</b>	<b>11</b>
<b>L-ġhadd TOTALI ta' ġranet</b>	<b>59.5</b>	<b>0</b>	<b>1 770.25</b>
<b>L-ġhadd TOTALI ta' persuni:</b>	<b>18</b>	<b>0</b>	<b>298</b>
<b>L-ġhadd medju ta' ġranet skont it-tip ta' liv</b>	<b>3.3</b>	<b>0</b>	<b>5.9</b>
<b>L-ġhadd medju globali ta' jiem ta' liv kumpensatorju</b>	<b>5.8</b>		

## 2.5.7. Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-persunal

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju Qafas, u l-metodoloġija adottata mill-Kapijiet ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija Ewropej, l-eu-LISA wettqet l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva annwali tagħha biex tidentifika l-proporzjon ta' persunal amministrattiv għal persunal operazzjonali. Ġeneralment jitqies li distribuzzjoni ottimali tal-karigi u tal-persunal għandha tkun ta' madwar 70 % għal attivitajiet operazzjonali, 20 % għal kompiti ta' appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni, u 10 % għal attivitajiet (finanzjarji) newtrali. Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-2022 indikaw li d-distribuzzjoni tal-persunal tal-eu-LISA hija kif ġej:

- **74.7 %** f'kompiti operazzjonali,
- **16.3 %** f'kompiti amministrattivi u ta' koordinazzjoni,
- **9 %** f'karigi newtrali.

Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva ta' eu-LISA tal-2022, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness IV.

## 2.6. Strateġija għal titjib fl-effiċjenza

Sabiex tilħaq l-oġġettivi ta' politika tagħha stabbiliti għall-2022, l-eu-LISA kellha tikkunsidra r-restrizzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani disponibbli għall-kompiti awtorizzati. Għal dak il-għan, l-Aġenzija impenjat ruħha f'diskussjonijiet regolari u ħadmet fuq miżuri ta' mitigazzjoni biex tindirizza n-nuqqas ta' persunal.

Fi Frar 2022, biex tottimazza l-użu tar-riżorsi, l-eu-LISA adottat **Strateġija ta' Tiftix ta' Sorsi ta' Provvista** biex tiċċara u tarmonizza l-ippjanar tar-riżorsi umani tagħha u tiggwida d-deċiżjonijiet ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-Aġenzija fil-livelli operazzjonali u strateġiċi biex tottimazza u tibbilanċja l-kompożizzjoni ġenerali tar-riżorsi umani tal-eu-LISA (jiġifieri, is-sehem tal-persunal intern lill-fornituri tas-servizzi esterni). Dan isir billi ssir distinzjoni bejn il-funzjonijiet u s-servizzi li jridu jinżammu u jiġu żviluppatti internament meta mqabbla ma' dawk li l-Aġenzija tista' tikseb minn fornituri tas-servizzi esterni. Fl-istess ħin, l-użu kontinwu ta' **kuntratti qafas għal servizzi ta' appoġġ esterni** wera wkoll li huwa effettiv fl-indirizzar tal-kompiti rilevanti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija fuq bażi ta' terminu qasir.

Fir-reklutaġġ tal-persunal, l-eu-LISA kisbet titjib fl-effiċjenza **bl-użu ta' listi ta' riżerva eżistenti** maħluqa matul proċeduri tal-għażla preċedenti. L-Aġenzija ġabret ukoll profili u listi ta' riżerva itwal biex tkopri diversi karigi fi ħdan proċedura ta' reklutaġġ waħda, li ġġeneraw titjib fl-effiċjenza sinifikanti peress li ppermettiet, fost affarijiet oħra, lill-Aġenzija timla aktar karigi disponibbli bil-pubblikazzjoni ta' inqas avviżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti.

Fil-perspettiva fit-tul, huwa mistenni li jinkiseb aktar titjib fl-effiċjenza bid-**diġitalizzazzjoni tal-proċessi** li jirrikjedu ammonti sinifikanti ta' burokrazija. Sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn amministrazzjoni mingħajr l-użu ta' karti u tiffaċilita flussi tax-xogħol aktar effiċjenti, l-eu-LISA kompliet timxi 'l quddiem bl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod tal-IT fil-qasam tar-riżorsi umani, eż. iLearn u żewġ moduli SYSPER2. Rapportar tar-Riżorsi Umani u Moduli tar-tal-ATS.

Barra minn hekk, l-Aġenzija bdiet ttejjgi l-**Istrateġija għat-Titjib fl-Effiċjenza** tagħha, b'enfasi fuq it-titjib tal-ġestjoni tal-proċessi u l-użu tar-riżorsi umani, kif ukoll fuq l-ottimizzazzjoni tal-istruttura organizzazzjonali u l-governanza tagħha.

## 2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditu u tal-evalwazzjoni ex post

Din it-taqsimha tippreżenta ħarsa ġenerali lejn l-awditu mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS) u l-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-eu-LISA, kif ukoll awditu li twettqu mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) u l-opinjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-affidabbiltà u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, inklużi s-sejbiet rilevanti tagħhom.



## 2.7.1. Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS) u I-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA (IAC)

Fil-laqgħa tiegħu f'Novembru 2021,<sup>127</sup> il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta l-Pjan ta' Awditu Intern għall-2022,<sup>128</sup> li ġie emendat f'Novembru 2022.<sup>129</sup> Fl-2022, l-IAC kompliet iservi bħala l-punt ta' kuntatt għall-IAS u l-QEA, biex tiżgura tfixkil minimu fl-operazzjoni regolari tal-Aġenzija u tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi.

**Tabella 10. Sommarju tal-2022 tas-suġġetti tal-awditu intern.**

Awditur	Is-suġġett tal-awditu twettaq fl-2022	Tematika u riżultati
<b>IAS</b>	<b>Il-valutazzjoni tar-riskju tal-awditu strateġiku u l-pjan tal-awditu għall-eu-LISA (assigurazzjoni)</b>	<p>L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u r-rapportar dwar ir-riskji għall-oġġettivi tal-eu-LISA, sabiex tissaħħaħ il-probabbiltà tal-ilfuq tagħhom. It-tnejn tal-pjan strateġiku tal-awditu għat-3 snin li ġejjin. Il-pjan ta' awditu intern strateġiku 2023-2025<sup>130</sup> jiddeskrivi l-pjan ta' awditjar strateġiku stabbilit mill-IAS<sup>131</sup> għall-2023–2025, inkluża l-lista qasira ta' suġġetti tal-awditu biex tappoġġa l-ippjanar tal-awditu tal-IAS. Il-pjan ta' awditu huwa bbażat fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni tar-riskju fil-fond imwettqa mill-IAS f'Lulju 2022. Il-valutazzjoni enfazzzja l-oqsma ta' riskju għoli li ġejjin relatati mal-oġġettivi tal-eu-LISA:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ aġilità organizzattiva u rispons,</li> <li>■ użu ta' riżorsi umani u finanzjarji skarsi,</li> <li>■ akkwist u ġestjoni tal-kuntratti,</li> <li>■ sigurtà tas-sistemi tal-IT,</li> <li>■ governanza,</li> <li>■ ġestjoni tal-proġetti,</li> <li>■ komunikazzjoni u koordinazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni.</li> </ul>
<b>IAS</b>	<b>Awditu ta' diversi entitajiet dwar il-koordinazzjoni bejn id-DĠ HOME u l-aġenziji deċentralizzati tal-UE eu-LISA, EUAA, Europol, CEPOL u EMCDDA</b>	<p>L-għoti ta' (ri)assigurazzjoni dwar l-adekwatezza tat-tfassil u l-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-arranġamenti ta' koordinazzjoni bejn id-DĠ HOME u l-aġenziji deċentralizzati awditjati, inkluża l-eu-LISA.</p> <p>L-ambitu tal-awditu kopra l-proċessi u l-kontrolli interni għall-koordinazzjoni bejn id-DĠ HOME u l-eu-LISA, l-EUAA, il-Europol, is-CEPOL u l-EMCDDA fir-rigward tal-ippjanar, il-monitoraġġ / is-superviżjoni tal-operazzjonijiet u l-prestazzjoni u r-rapportar. Ix-xogħol tal-awditu twettaq matul l-2022, b'data ta' skadenza għas-16 ta' Novembru 2022. L-awditu rriżulta f'konklużjoni tal-awditu u żewġ rakkomandazzjonijiet tal-awditu.<sup>132</sup> B'reazzjoni għal dan, il-maniġment tal-Aġenzija se jstabbilixxi pjan ta' azzjoni.</p>
<b>IAC</b>	<b>Awditu dwar il-proġett tas-sistema ċentrali tal-EES: Żvilupp ta' soluzzjoni tal-IT (assigurazzjoni)</b>	<p>L-għoti ta' (ri)assigurazzjoni dwar l-effettività u l-effiċjenza tal-kontrolli interni stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-proġett.</p> <p>L-awditu ffoka fuq il-governanza tal-proġett, il-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tar-rapportar, il-ġestjoni tal-kwalità u tat-tibdil, il-ġestjoni tat-testijiet, il-ġestjoni tal-kuntratti u tal-bejjiegħa. L-awditu rriżulta f'konklużjoni tal-awditu u f'diversi rakkomandazzjonijiet tal-awditu.<sup>133</sup> B'rispons għall-awditu, il-ġestjoni tal-Aġenzija stabbiliet pjan ta' azzjoni.</p>

<sup>127</sup> Ref. Dokument tal-Bord tat-Tmexxija (MB) 2021-350 Deċiżjoni MB, punt A.25.

<sup>128</sup> Ref. Dokument MB 2021-358, il-Pjan tal-Awditu Intern għas-sena 2022, Ares(2021)7075595 – 17/11/2021.

<sup>129</sup> Ref. Dokument MB 2022-382 Deċiżjonijiet MB, punt B15.e.

<sup>130</sup> Silta mir-Rapport tal-IAS, ref. Ares(2022)8285043 – 30/11/2022.

<sup>131</sup> Skont l-Artikolu 70(5) tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2018/1046, l-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess setgħat fuq il-korpi stabbiliti skont l-Artikoli 70 u 71 bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni.

<sup>132</sup> Rapport Finali tal-Awditu tal-IAS dwar il-koordinazzjoni bejn id-DĠ HOME u l-aġenziji deċentralizzati tal-UE, eu-LISA, EUAA, Europol, CEPOL u EMCDDA, ref. Ares (2023)3266879 – 10/05/2023.

<sup>133</sup> Rapport tal-IAC, ref. Ares (2022)6160738 – 06/09/2022.

Awditur	Is-suġġett tal-awditu twettaq fl-2022	Tematika u riżultati
IAC	Rieżami tal-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess tal-ABAC <sup>134</sup> (assicurazzjoni)	L-għoti ta' (ri)assicurazzjoni dwar il-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-ABAC <sup>134</sup> fl-eu-LISA. L-awditu ffoka fuq it-tweġġ / l-aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju dwar id-drittijiet ta' aċċess mogħtija; it-tweġġ tal-validazzjoni perijodika tad-drittijiet ta' aċċess tal-ABAC (jiġifieri, il-fluss tax-xogħol, il-kontabilità u r-rapportar) fl-isfond tar-responsabbiltajiet f'dati lill-utenti skont il-proċedura standard. L-awditu rriżulta f'konklużjoni tal-awditu u rakkomandazzjoni tal-awditu waħda. <sup>135</sup> B'rispons għall-awditu, il-maniġment stabbilixxa pjan ta' azzjoni.
IAC	Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-eu-LISA Kontra l-Frodi (koordinazzjoni/assicurazzjoni)	Il-ġieda kontra l-frodi bi tnaqqis ta' opportunitajiet għall-awturi ta' reat li jwettju frodi. Skont l-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi 2022–2024 tal-eu-LISA, hemm tliet objettivi: <ul style="list-style-type: none"> <li>■ tinkiseb konformità sħiħa mal-prinċipji ta' kontra l-frodi,</li> <li>■ jiġi stabbilit u miżmum livell għoli ta' etika fl-attivitajiet kollha tal-eu-LISA,</li> <li>■ l-iżvilupp u l-użu tal-ġbir u l-analiżi tad-<i>data</i>.</li> </ul> Skont ir-rapport ta' monitoraġġ annwali tal-IAC, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-Istrateġija kontra l-Frodi kienet ta' 70 %. <sup>136</sup>
IAC	Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu maħruġa mill-IAS, l-IAC, il-QEA u l-OLAF (koordinazzjoni)	Biex jiġi żgurat li l-kwistjonijiet identifikati jiġu solvuti u jiġi implimentat titjib. Fl-2022, l-IAC ippreżentat erba' rapporti ta' monitoraġġ.
IAC IAS	Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu (assicurazzjoni)	Li jipprovi konferma indipendenti li l-kwistjonijiet huma solvuti, u li jiġi implimentat titjib. Kemm l-IAC kif ukoll l-IAS segwew ir-rakkomandazzjonijiet irrapportati bħala "implimentati" (lesti għal rieżami) mill-maniġment tal-eu-LISA u għalqu 12-il rakkomandazzjoni.
IAC	Valutazzjoni tar-riskju tal-awditu annwali (assicurazzjoni)	L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u r-rapportar dwar ir-riskji għall-objettivi tal-eu-LISA stabbiliti fl-SPD biex tissaħħaħ il-probabbiltà tal-ilħuq tagħhom. It-tnejn tal-pjan tal-awditu għas-sena d-dieħla. Il-valutazzjoni <sup>137</sup> enfasizzat 10 riskji ewlenin għall-ilħuq tal-objettivi tal-SPD tal-eu-LISA u appoġġat it-tnejn tal-pjan ta' awditu intern għas-sena 2023.

Ir-riżultati tal-Pjan tal-Awditu Intern tal-2022 tal-eu-LISA ġew iffomalizzati f'rapport ta' attività dettaljat li ġie analizzat u diskuss mad-Direttur Eżekuttiv u mal-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tal-Bord tat-Tmexxija fil-laqgħa li saret fit-22 ta' Frar 2023). Ir-rapport ġie adottat mill-Bord fil-15 ta' Marzu 2023.<sup>138</sup>

## 2.7.2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)

L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* huwa wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Aġenzija. L-awditi esterni dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-*data* jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw dan l-għan u huma parti mill-pjan ta' titjib kontinwu tal-eu-LISA għall-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI.

Fl-2022, l-eu-LISA segwiet kontinwament l-**implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu** identifikati fl-awditi mwettqa mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) dwar is-SIS, il-VIS u l-Eurodac:

- **L-awditu tas-SIS u tal-VIS**, imwettaq f'Novembru 2018, irriżulta f'rapport finali riċevut f'April 2020, u kien jinkludi 43 rakkomandazzjoni (b'feedback addizzjonali pprovdut f'Novembru 2022);
- **L-awditu tal-Eurodac** twettaq f'Diċembru 2019 u laħaq il-qofol tiegħu f'rapport finali riċevut f'Marzu 2021, li fih 29 rakkomandazzjoni, inkluż feedback addizzjonali pprovdut f'Novembru 2022.

<sup>134</sup> **L-ABAC** (sistema tal-kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti) hija sistema ta' informazzjoni korporattiva li tippermetti l-eżekuzzjoni u l-monitoraġġ ta' kuljum tal-operazzjonijiet baġitarji u kontabilistiċi kollha mid-direttorati ġenerali, mill-aġenziji u mill-istituzzjonijiet tal-Kummissjoni. Is-sistema ġiet żviluppata mill-Kummissjoni u tinkludi sett komplut ta' karatteristiċi biex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament Finanzjarju u mar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

<sup>135</sup> Rapport tal-IAC, ref. Ares (2022)3945170 – 25/05/2022.

<sup>136</sup> Rapport ta' Monitoraġġ tal-IAC dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija kontra l-Frodi għall-2022, ref. Ares (2023)523216 - 24/01/2023.

<sup>137</sup> Rapport ta' valutazzjoni tar-riskju tal-awditu tal-IAC għall-2022, ref. Ares (2022)8692434 – 14/12/2022.

<sup>138</sup> **It-42 laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA**, il-punt 17.b., ref. doc 2023-065, il-15 ta' Marzu 2023.

Fil-każijiet kollha, l-Aġenzija abbozzat pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti, li jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet impressqa mill-EDPS. Rapporti trimestrali tħejjew u ġew kondiviżi mal-EDPS, il-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat tal-Awditu, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tiegħu. FI-2022, saru laqgħat ta' segwitu interni fi Frar, f'April, f'Ġunju u f'Settembru. Barra minn hekk, l-UPD aġġorna b'mod proattiv lill-EDPS fuq bażi trimestrali dwar il-progress u l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

FI-2022, l-eu-LISA ddedikat l-isforzi tagħha biex tiżgura l-koordinazzjoni bla xkiel tal-ispezzjoni l-ġdida tal-EPDS imwettqa f'Ottubru dwar l-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II). L-awditu ffoka fuq il-governanza ġenerali tas-sigurtà tal-IT, l-inċidenti tas-sigurtà u l-ksur tad-*data* u l-metodoloġija u l-prattiki għall-iżvilupp u l-ittestjar siguri tas-sistemi, b'enfasi fuq il-ġestjoni tal-kontroll tal-aċċess fl-ambjenti differenti. Inkluda wkoll is-segwitu tal-ispezzjonijiet preċedenti tas-SIS, tal-VIS u tal-Eurodac tal-EDPS. L-Aġenzija rċeviet l-abbozz tal-minuti tal-awditu fl-aħħar ta' Novembru 2022.

### 2.7.3. Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA)

FI-2022, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) iffinalizzat l-awditu tas-soltu tal-Kontijiet Annwali tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021.<sup>139</sup> Il-Qorti awditjat il-kontijiet tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji<sup>140</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit,<sup>141</sup> flimkien mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Skont l-opinjoni tal-QEA, il-kontijiet annwali tal-eu-LISA għall-2021 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi, adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, abbażi ta' standards kontabilistiċi internazzjonali għas-settur pubbliku.

Barra minn hekk, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet huwa konformi mar-rekwiżiti ta' legalità u regolarità fl-aspetti materjali kollha. Fir-rigward tal-pagamenti, il-QEA identifikat pagamenti fl-ammont totali ta' EUR 18.11-il miljun affettwati minn nuqqas ta' konformità, li jirrappreżentaw 6.2 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2021, u b'hekk qabżu l-livell limitu ta' materjalità stabbilit għall-awditu u rriżultatw f'opinjonijiet kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

Fl-aħħar, il-QEA għamlet ukoll osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-Aġenzija, is-sistemi ta' kontroll u l-ġestjoni baġitarja li ma biddlux l-opinjoni ta' hawn fuq, u li rriżultatw fi pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati dawn l-osservazzjonijiet.

## 2.8. Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u l-pjanijiet ta' azzjoni relatati

Skont id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA,<sup>142</sup> il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-Aġenzija hija responsabbli mill-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu. Għal dak il-għan, l-IAC tiġbor aġġornamenti mis-sidien ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u tħejji rapporti ta' monitoraġġ li jiġu ppreżentati lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija.

<sup>139</sup> Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (2022) "**Rapport Annwali dwar l-Aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2021**", 27 ta' Ottubru 2022, pp. 234-240.

<sup>140</sup> Dawn jinkludu l-karta bilanċjali u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-fluss ta' flus, id-dikjarazzjoni tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti ta' spjegazzjoni oħrajn.

<sup>141</sup> Dawn ir-rapporti jaggregaw in-noti ta' spjegazzjoni dwar l-operazzjonijiet baġitarji kollha.

<sup>142</sup> Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA dwar l-adozzjoni ta' sistema ta' rapportar obbligatorju (lill-ED u lill-Kap tal-IAC) dwar il-progress li sar fil-qasam tar-rakkomandazzjonijiet u/jew is-sejbiet tal-awditu, ref. Ares (2018) 6152498, 30 ta' Novembru 2018.

Fl-2022, ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu<sup>143</sup> kienet ta' 63 %, jiġifieri 20 minn 32. L-istatus tal-progress tal-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu huwa miġbur fil-qosor fit-**Tabella 11** fuq il-paġna li jmiss.

**Tabella 11. Rakkomandazzjonijiet tal-awditu: progress fl-implimentazzjoni (fil-31 ta' Diċembru 2022).**

Rakkomandazzjonijiet tal-IAS, IAC u QEA u l-OLAF skont il-klassifikazzjoni	Total miftuħ għall-2022	Fil-proċess	Implimentat	Ilu dovut	Magħluq fl-2022	Total miftuħ fi tmiem l-2022
<i>kritiċi</i>	3	3	0	0	0	3
<i>importanti ħafna</i>	31	12	12	7	11	20
<i>importanti</i>	15	2	8	5	5	10
<b>TOTAL</b>	<b>49</b>	<b>17</b>	<b>20</b>	<b>12</b>	<b>16</b>	<b>33</b>

Kjavi għat-termini:

- **għaddejn bħalissa:** l-implimentazzjoni qed tipproċedi skont il-pjan jew l-iskadenza ġdida / il-pjan ta' azzjoni miftiehma mal-awditur.
- **importanti:** dgħufija sinifikanti fil-proċess sħiħ awditjat jew dgħufija fundamentali għal parti sinifikanti tal-proċess tal-awditu.
- **implimentati:** ikkonfermati mis-sid tar-rakkomandazzjoni, u lesti għas-segwitu tal-awditur.
- **skaduti:** l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni għadha għaddejja iżda ma ntlaħqitx sal-iskadenza maqbula.
- **magħluqa:** l-awditur għalaq formalment il-kwistjoni.

- **kritiċi:** dgħufija fundamentali fil-proċess awditjat li hi ta' detriment fil-livell ta' entità.
- **importanti ħafna:** dgħufija fundamentali li hija ta' detriment għall-proċess kollu (ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-QEA jinkludu din id-deżinjazzjoni).
- **importanti:** dgħufija sinifikanti fil-proċess sħiħ awditjat jew dgħufija fundamentali għal parti sinifikanti tal-proċess tal-awditu.

**Tabella 12. Lista ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditu miftuħa maħruġa minn awdituri interni (IAS u IAC), inklużi dawk b'dewmien sinifikanti (> 6 xhur, fil-31 ta' Jannar 2023).**

#	Awditur/ Titolu tal-Awditu / sena	Nru tar-Rakkomandazzjoni / Titolu	Klassifikazzjoni	Skadenza tal-implimentazzjoni oriġinali	Dewmien ta' > 6 xhur
1	Awditu tal-IAS dwar l-Operazzjonijiet tal-IT / 2016	<b>1. Ġestjoni tal-konfigurazzjoni</b>	Importanti	31/12/2017	5 snin u xahar
2	Rapport tal-IAC dwar il-Ġestjoni tal-Assi tal-IT tal-eu-LISA	<b>1.2.1 Governanza tal-ġestjoni tal-assi tal-IT</b>	Importanti ħafna	31/10/2018	4 snin u 3 xhur
3	Rapport tal-IAS dwar il-kontrolli fuq il-proċess tal-Akkwist / 2017	<b>3. Kontrolli qabel ma jiġu stabbiliti kuntratti speċifiċi</b>	Importanti	31/12/2018	4 snin u xahar
4	Rapport tal-IAC dwar il-Ġestjoni tal-Proġetti tas-Sistema Ċentrali tal-EES / 2020	<b>1.a. Baġit</b>	Importanti ħafna	24/03/2020	sentejn u 9 xhur
5	Rapport tal-IAS dwar ir-reklutaġġ tal-persunal u l-impenn tal-fornituri tas-servizzi strutturali u l-etika organizzazzjonali fl-eu-LISA / 2020	<b>1. It-tiftix ta' sorsi ta' provvista tar-riżorsi umani jeħtieġ li jkun ibbażat fuq valutazzjoni ddokumentata u aġġornata</b>	Importanti ħafna	30/09/2020	xahrejn u 4 xhur
6	Rapport tal-IAC dwar il-Ġestjoni tal-Proġetti tas-Sistema Ċentrali tal-EES / 2020	<b>1.e Ġestjoni tar-riżorsi</b>	Importanti ħafna	31/12/2020	sentejn u xahar
7	Rapport tal-IAC dwar il-Ġestjoni tal-Proġetti tas-Sistema Ċentrali tal-EES / 2020	<b>2.b Tħejija għall-ittestjar</b>	Importanti	30/03/2021	sena u 9 xhur
8	Rapport tal-IAC dwar il-Ġestjoni tal-Proġetti tas-Sistema Ċentrali tal-EES / 2020	<b>2.1 Rapportar u komunikazzjoni</b>	Importanti	30/06/2021	sena u 6 xhur

<sup>143</sup> Rapport ta' Monitoraġġ tal-IAC dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu fil-31 ta' Diċembru 2022, Ares (2023) 1158875, 17 ta' Frar 2023.

9	Rapport tal-IAS dwar ir-reklutaġġ tal-persunal u l-impenn tal-fornituri tas-servizzi strutturali u l-etika organizzazzjonali fl-eu-LISA / 2020	<b>2. Assigurazzjonijiet legali dwar l-użu ta' fornituri ta' servizzi strutturali</b>	Importanti	31/12/2021	sena u xahar
10	Rapport tal-IAC dwar il-Ġestjoni tal-Proġetti tas-Sistema Ċentrali tal-EES / 2020	<b>2.c Disinn tas-Sistema Ċentrali tal-EES</b>	Importanti	31/12/2021	sena u xahar
11	Rapport tal-IAS dwar il-Ġestjoni tas-Sigurtà tal-IT fl-eu-LISA / 2021	<b>4. Ġestjoni tal-bini u tas-soluzzjonijiet</b>	Importanti ħafna	31/03/2022	mhux applikabbli
12	Rapport tal-IAS dwar il-Ġestjoni tas-Sigurtà tal-IT fl-eu-LISA / 2021	<b>1. Ġestjoni tas-servizzi tas-sigurtà tal-IT</b>	Importanti ħafna	31/12/2022	mhux applikabbli
13	Rapport tal-IAS dwar il-Ġestjoni tas-Sigurtà tal-IT fl-eu-LISA / 2021	<b>3. Ġestjoni tal-konfigurazzjoni</b>	Importanti ħafna	31/12/2022	mhux applikabbli
14	Rapport tal-IAS dwar il-Ġestjoni tas-Sigurtà tal-IT fl-eu-LISA / 2021	<b>6. Ġestjoni tat-tibdil</b>	Importanti	31/12/2022	mhux applikabbli
15	Rapport tal-IAS dwar il-Ġestjoni tas-Sigurtà tal-IT fl-eu-LISA / 2021	<b>7. Sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni</b>	Importanti	31/12/2022	mhux applikabbli
16	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>5. Ambjent tal-ittestjar</b>	Importanti ħafna	01/01/2023	mhux applikabbli
17	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>6. Riżorsi, hili u ħin allokatu għall-fażi tal-ittestjar</b>	Importanti ħafna	01/01/2023	mhux applikabbli
18	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>4. Ġestjoni tal-baġit u tal-pagamenti</b>	Importanti ħafna	31/01/2023	mhux applikabbli
19	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>7. Ġestjoni tal-anomaliji/difetti</b>	Importanti ħafna	01/03/2023	mhux applikabbli
20	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>9. Traċċabbiltà bejn ir-rekwiżiti u dokumentazzjoni oħra ta' livell għoli/baxx</b>	Importanti	01/03/2023	mhux applikabbli
21	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>1. Governanza u organizzazzjoni tal-proġett</b>	Kritika	31/03/2023	mhux applikabbli
22	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>8. Ġestjoni tal-bidla u tal-eċċezzjonijiet</b>	Importanti	01/04/2023	mhux applikabbli
23	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>2. Ġestjoni tar-riżorsi</b>	Kritika	01/06/2023	mhux applikabbli
24	Rapport tal-IAC dwar il-Proġett tas-Sistema Ċentrali tal-EES - Żvilupp ta' Soluzzjoni tal-IT / 2022	<b>3. Riżultati tal-kuntratt tanġibbli</b>	Kritika	01/06/2023	mhux applikabbli

L-Aġenzija hija impenjata li tiegħu azzjoni fil-pront u deċiżiva biex tindirizza d-dewmien fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti, inkluż billi tirrevedi d-dati fil-mira. Għall-ġejjieni, l-eu-LISA se żżomm lill-awdituri infurmati dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti.

Sabiex jikkonfermaw l-għeluq tar-rakkomandazzjonijiet li ġew irrapportati mill-eu-LISA bħala “*implimentati*”, kemm l-IAS<sup>144</sup> kif ukoll l-IAC<sup>145</sup> wettqu segwitu annwali dwar il-pjanijiet ta’ azzjoni li kienu ġew iddikjarati mill-eu-LISA bħala “*implimentati*”, u għalqu 16-il rakkomandazzjoni tal-awditu (ara l-kolonna “*Magħluqa fl-2022*” fit-**Tabella 11** fil-paġna preċedenti).

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) segwiet ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu tagħha mis-snin preċedenti, <sup>146</sup>u għalqet erbgħa minnhom. Ix-xogħol residwu huwa deskritt fit-**Tabella 13** ta’ hawn taħt.

**Tabella 13. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu tal-QEA mis-snin preċedenti.**

Sena	Osservazzjonijiet tal-QEA	Status	Azzjonijiet tal-Aġenzija
2017	Attwalment, l-eu-LISA timmaniġġja tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira li huma separati u mhux integrati (SIS II, VIS u Eurodac), li kollha jitrattaw <i>data</i> fil-qasam tal-ĠAI tal-UE. Approċċ ta’ dan it-tip jista’ jipprevjeni lill-eu-LISA milli tikseb ekonomiji ta’ skala u sinerġiji bejn is-sistemi differenti.	<b>Għadu għaddej</b>	Fl-2023, l-eu-LISA se tlesti l-pjanijiet ta’ tranżizzjoni għal kull waħda mis-sistemi tan-negozju ewlenin (SIS II, VIS u Eurodac) mill-istruttura l-antika tal-manutenzjoni f’kundizzjoni ta’ tħaddim (MWO) għall-oqfsa l-ġodda tat-TEF u t-TOF.
2018 2019 2020	L-implimentazzjoni tal-baġit kienet inqas milli ppjanat. L-Aġenzija, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, għandha ttejjeb l-allinjament tal-ippjanar baġitarju mat-twaqqit tal-atti legali relatati.	<b>Għadu għaddej</b>	F’kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-eu-LISA se tiddefinixxi s-sett minimu ta’ dokumentazzjoni meħtieġa għall-konsultazzjonijiet dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi (LFS), li jstabbilixxu l-bażi għall-ippjanar intern korrispondenti.

## 2.9. Azzjonijiet ta’ segwitu relatati mal-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF<sup>147</sup>

Fl-2022, l-Aġenzija indirizzat ir-rakkomandazzjonijiet mill-investigazzjonijiet tal-OLAF relatati mal-kawżi OC/2020/0441-A2 u OC/2017/1121/A2.

## 2.10. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza

Fl-2022, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (il-Kumitat CONT) tal-Parlament Ewropew nieda l-proċess tat-tweġġ tal-attivitajiet tal-aġenziji tal-UE u tal-impriżi konġunti mwettqa fis-sena finanzjarja 2021. Dan il-proċess jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-qafas legali u regolatorju rilevanti u l-applikazzjoni ta’ prinċipji ta’ ġestjoni finanzjarja tajba, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.

F’Novembru 2022, fuq talba tal-Kumitat CONT, l-eu-LISA wieġbet għal sett ta’ mistoqsijiet bil-miktub maqsuma f’mistoqsijiet individwali (indirizzati lill-eu-LISA biss) u orizzontali (identiċi għall-aġenziji u l-impriżi konġunti tal-UE kollha). Sussegwentement, sar djalogu mal-Kumitat CONT, u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħejjiet is-“Segwitu għall-awditu tal-QEA dwar il-Kontijiet tal-2021 tal-eu-LISA – Pjan ta’ Azzjoni”, li ġie ppreżentat lill-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tal-eu-LISA f’Mejju 2023.

Fl-aħħar ta’ Mejju 2023, il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija fl-2021, filwaqt li approva l-għeluq tal-kontijiet tal-eu-LISA għall-2021 u kkondivida l-osservazzjonijiet tagħha f’riżoluzzjoni.

Biex tenfasizza oqsma identifikati għat-tiġib u tindirizza oqsma ta’ interess kritiku, l-Aġenzija, b’mod partikolari:

- ħadet il-passi meħtieġa biex issaħħaħ il-kontrolli interni u taġġoma l-proċessi interni għall-proċeduri ta’ akkwist sabiex jittaffew id-dgħufijiet identifikati mill-awdituri,

<sup>144</sup> Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet pendenti mill-awdituri preċedenti – Nota tal-IAS dwar il-konklużjonijiet tal-awditu, ref. Ares (2022)810155 (03 ta’ Frar 2022), u ref. Ares(2022)7132265 (14 ta’ Ottubru 2022).

<sup>145</sup> Riżultati ta’ segwitu tal-IAC għall-2021, ref. Ares (2022)1548233, 02 ta’ Marzu 2022.

<sup>146</sup> Ir-Rapport Annwali tal-QEA dwar l-Aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2021, pp.234-240.

<sup>147</sup> L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE/Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar **investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)**.

- komplet bit-tranżizzjoni minn tiftix ta' sorsi ta' provvista vertikali għal trażversali għall-iżvilupp, l-evoluzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi ewlenin,
- iddefinjiet mill-ġdid l-istrateġija ta' reklutaġġ tagħha sabiex tindirizza aħjar it-tfassib relatat mar-reklutaġġ u l-bilanċ bejn il-ġeneri,
- saħħet diversi elementi tal-komponent tal-valutazzjoni tar-riskju u komplet timmonitorja l-pjan direzzjonali strateġiku biex tallinja aħjar l-oġġettivi strateġiċi u operazzjonali, filwaqt li tejbet ukoll l-implimentazzjoni ġenerali tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija.

B'rispons għall-osservazzjonijiet tal-QEA dwar il-kontijiet tal-2021 tal-eu-LISA, l-Aġenzija ħejjiet pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-awditu tal-QEA. Il-Bord tat-Tmexxija ħa nota tal-pjan ta' azzjoni fil-15 ta' Marzu 2023, u l-verżjoni riveduta ġiet ippreżentata lill-Bord fil-15 ta' Ġunju 2023.

Osservazzjoni mill-awtorità tal-kwittanza	Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija
<b>Ġestjoni baġitarja u finanzjarja</b>	
1. Tinnota b'apprezzament li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul l-2021 irriżultaw frata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 % li tirrappreżenta żieda ta' 24.39 % meta mqabbla mal-2020; tinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 94.65 %, li tirrappreżenta żieda ta' 0.24 % meta mqabbla mal-2020.	L-eu-LISA tieġu nota tal-osservazzjoni.
2. Tilqa' l-fatt li, fl-2021, ma twettaq l-ebda riport mhux awtomatiku; tinnota, madankollu, ammont għoli ta' riporti awtomatiċi (EUR 11.1-il miljun) ta' appropriazzjonijiet ta' pagament mhux differenzjati għat-Titolu II (infrastruttura u nefqa operattiva), li jirrappreżentaw 56 % tat-total ta' EUR 19.8-il miljun għal dak it-titolu u 93.55 % tal-ammont totali (EUR 11.8-il miljun) ta' riporti awtomatiċi mill-2021 għall-2022; ittenni l-opinjoni tal-Qorti li rati għoljin ta' riporti jikkontradixxu l-prinċipju baġitarju tal-annwalità u huma indikattivi ta' kwistjonijiet strutturali fl-implimentazzjoni tal-baġit; tinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li r-riporti tan-nefqa tat-Titolu II kienu relatati prinċipalment ma' fornituri esterni ta' servizzi ta' appoġġ, ikkuntrattati mill-Aġenzija biex tindirizza n-nuqqas sistematiku ta' persunal wara l-assenjazzjoni ta' kompiti ġodda lill-Aġenzija li ma kinux akkumpanjati minn allokazzjoni adegwata ta' riżorsi umani; tinnota wkoll li l-puntwalità tal-kuntratti ma' tali fornituri esterni tas-servizzi ma kinitx allinjata mas-sena kalendarja, iżda mad-durata tas-servizzi meħtieġa pprovduti; jistieden, madankollu, lill-Aġenzija tindirizza dawk il-kwistjonijiet u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dak ir-rigward; tistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-koordinazzjoni bejn l-allokazzjoni ta' kompiti ġodda u r-riżorsi meħtieġa sabiex titnaqqas il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għal fornituri esterni tas-servizzi.	<p>Il-pjan ta' azzjoni tal-eu-LISA "Segwitu għall-awditu tal-QEA dwar il-Kontijiet tal-2021 tal-Aġenzija" (irreġistrat mill-Bord tat-Tmexxija fil-15 ta' Marzu 2023, verżjoni riveduta li għandha tiġi ppreżentata fil-15 ta' Ġunju 2023) jinkludi l-azzjonijiet li ġejjin li jindirizzaw parti minn din l-osservazzjoni:</p> <p>"L-iskadenza għas-sottomissjoni ta' talbiet ġodda għal impenn baġitarju hija t-30 ta' Settembru 2023, li tiżgura li l-perjodi tal-kuntratti jkunu allinjati aħjar mas-sena finanzjarja. Il-maniġment superjuri għandu jiżgura li l-eċċezzjonijiet jinżammu għall-inqas possibbli, peress li l-impatt fuq ir-riporti huwa sinifikanti.</p> <p>Nefqiet rikorrenti u kurrenti li għandhom jiġu impenjati kull meta jkun possibbli fil-baġit antiċipat fi tmem ir-raba' trimestru biex ikopru n-nefqiet tas-sena ta' wara f-konformità mar-regoli finanzjarji.</p> <p>Filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-iffirmar tal-kuntratt qafas il-ġdid għall-forniment ta' servizzi ta' appoġġ estern mistenni fi Q4 2023, huwa previst allinjament tal-iskeda ta' żmien tal-kuntratti ta' servizz annwali mal-kalendarju annwali biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tar-riporti finanzjarji.</p>
3. Tqis li l-Aġenzija għandha tkompli d-djalogu tagħha mal-Kummissjoni sabiex tippromovi bidliet fl-ippjanar tal-baġit pluriennali tagħha, sabiex tirċievi biss fondi għall-iżvilupp ta' sistemi ladarba tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.	<p>Hekk kif ir-Regolamenti għall-kompiti l-ġodda jstabilixxu skadenzi qosra biex is-sistemi jsiru operattivi, l-eu-LISA jeħtieġ li tibda tipprepara ferm qabel l-adozzjoni tagħhom. Madankollu, peress li l-adozzjoni spiss tiġi ttardjata, xi baġits saru disponibbli saħansitra qabel il-finalizzazzjoni tal-bażi ġuridika korrispondenti. Dan jirriżulta fi sfidi ta' akkwist ikkumplikati ħafna, speċjalment meta jitqies li l-adozzjoni tar-Regolament ma hijiex biżżejjed, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, biex jittejjew speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tal-offerta. Dan jista' jseħħ biss meta jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni. Dan ipoġġi wkoll pressjoni sinifikanti fuq l-ippjanar baġitarju, li jirriżulta friporti kbar tal-baġit li huma meħtieġa sabiex jiġu ppreżervati l-baġits li inkella jintilfu.</p> <p>Konsultazzjoni aktar f'waqtha u sistematika mal-eu-LISA dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi li jakkumpanjaw il-leġiżlazzjoni proposta, flimkien ma' approċċ aktar flessibbli mill-Kummissjoni dwar l-inklużjoni effettiva tal-baġit fil-baġit ġenerali tal-UE, inaqqsu dawn ir-riskji.</p> <p>Dawn il-miżuri huma rakkomandazzjoni rikorrenti mill-QEA, li fuqha l-eu-LISA għandha aġenzija limitata.</p> <p>Id-disponibbiltà tal-atti ta' implimentazzjoni, li hija daqstant importanti, hija prekundizzjoni għal akkwist effettiv. It-tqassir tat-tnejn tal-atti ta' implimentazzjoni jkollu impatt dirett fuq il-kapaċità tal-eu-LISA li tippjana aħjar l-akkwist tagħha u tillimita l-bidliet kuntrattwali.</p>

Filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-iffirmar tal-kuntratt qafas il-ġdid għall-forniment ta' servizzi ta' appoġġ estern mistenni fi Q4 2023, huwa previst allinjament tal-iskeda ta' żmien tal-kuntratti ta' servizz annwali mal-kalendarju annwali sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-użu tar-riporti finanzjarji.

### Prestazzjoni

4. Tilqa' l-fatt li l-Aġenzija tuża ċerti għodod, bħal indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, biex tivvaluta l-valur miżjud ipprovdut mill-attivitajiet tagħha u biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha; tinnota li, skont id-dikjarazzjoni tal-Aġenzija, hija laħqet l-oġettivi tagħha għall-2021 kif stabbiliti fir-regolament ta' stabbiliment tagħha, ir-Regolament (UE) 2018/1726<sup>(2)</sup>, u wasslet ir-riżultati definiti fil-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-2021, kemm f'termini ta' eżiti kif ukoll ta' prestazzjoni; tilqa' l-isforzi kontinwi li saru fl-2021 mill-Aġenzija biex tadatta għall-mandat aġġornat tagħha kif stabbilit f'dak ir-Regolament, li daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018, u tinnota l-adozzjoni ta' strateġija fit-tul għall-perijodu 2021–2027, li tiggwida l-iżvilupp u l-attivitajiet fit-tul tal-Aġenzija u l-programmazzjoni pluriennali u annwali futura tagħha.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.

5. Tinnota li l-prestazzjoni u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-IT m'ħaddma minn eu-LISA kienu f'konformità mal-ftehimiet rilevanti dwar il-livell ta' servizz; tinnota l-iżvilupp kontinwu ta' sistemi ġodda għall-EES, l-ETIAS, u l-ECRIS-TCN u tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi l-ġodda u dawk eżistenti; tinnota wkoll li d-dħul fis-seħħ ta' dawk is-sistemi l-ġodda ġie pospost b'diversi xhur, filwaqt li l-iskeda ġenerali għat-tlestija tal-arkitettura tal-interoperabbiltà sa tmiem l-2023 ġiet ippreżervata; tfaħħar lill-eu-LISA talli lestiet diversi proġetti, bħall-installazzjoni tal-Interfaċċi Nazzjonali Uniformi, l-aġġornament tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS, u r-rilaxx tal-sBMS; tilqa' l-fatt li l-eu-LISA żiedet l-isforzi tagħha fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' proġetti fl-oqsma ta' IA, teknoloġiji għal qsim tal-fruntieri bla xkiel u mingħajr kuntatt, u s-sigurtà interna; tinnota li l-Aġenzija tinsab fit-triq it-tajba bil-proġett għat-tieni estensjoni tas-sit operazzjonali tagħha fi Strasburgu; tinnota wkoll li l-eu-LISA rrieżaminat dak il-proġett sabiex tagħmel disponibbli kapaċitajiet addizzjonali qabel it-twassil mistenni fl-2028 permezz ta' ċentru tad-*data* modulari, tnaqqis tal-ispazju għall-uffiċċji u approċċ ta' kostruzzjoni gradwali għall-estensjoni tas-sit.

Fir-rigward tal-EES u l-iskedi ta' żmien ġenerali tal-Interoperabbiltà, l-EES, l-ETIAS, il-PMB tal-Interoperabbiltà tal-25 ta' Mejju 2023 approvaw kemm l-istrateġija l-ġdida għall-implimentazzjoni tal-EES, l-approċċ tal-prodott minimu vijabbli (MVP) kif ukoll ir-reviżjoni sħiħa tal-iskeda ta' żmien tal-Interoperabbiltà li ġiet ippreżentata. Din l-iskeda ta' żmien tinkludi diversi mewġiet, li għandhom l-għan li jwasslu l-komponenti tal-Interoperabbiltà b'rilaxxi intermittenti kull 6-9 xhur li jestendu sal-2026. Barra minn hekk, dan l-ippjanar mill-ġdid iġib miegħu għadd ta' kundizzjonijiet li l-PMB irrakkomanda li l-partijiet ikkonċernati kollha jagħmlu hilitom biex jirrispettaw. L-istrateġija l-ġdida tal-EES u l-pjan direzzjonali għall-Interoperabbiltà se jiġu diskussi mill-Bord fil-31 ta' Mejju għall-approvazzjoni.

6. Tilqa' l-fatt li l-Aġenzija, flimkien mal-EUAA u l-Frontex, tipprovd i appoġġ attiv lill-Istati Membri li huma l-punti ta' dħul ewlenin għall-migranti u l-persuni li jfittxu l-ażil fl-Unjoni; tinnota li l-Aġenzija topera l-komponent ċentrali ta' serje ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li huma marbuta mas-sistemi nazzjonali.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.

7. Tilqa' l-fatt li l-Aġenzija tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fl-oqsma tal-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija, il-viża komuni għall-ivvjaġġar, il-kontroll tal-fruntieri, l-immigrazzjoni u l-ażil, kif ukoll fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, inkluża l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin u t-traffikar ta' bnedmin, u t-terroriżmu.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.

### Politika tal-persunal

8. Tinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2020, it-tabella tal-persunal kienet implimentata 90.61 %, b'193 aġent temporanju maħtura mill-212-il aġent temporanju awtorizzati taħt il-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 202 karigi awtorizzati fl-2020); tinnota li, barra minn hekk, 107 aġenti kuntrattwali u 10 esperti nazzjonali sekondati ħadmu għall-Aġenzija fl-2021, mill-132 aġent kuntrattwali u 11-il espert nazzjonali sekondati awtorizzati.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.



## Osservazzjoni mill-awtorità tal-kwittanza

9. Tenfasizza li, fl-2021, seba' membri tal-persunal telqu mill-Aġenzija, li jirrappreżentaw dawran ta' 5.5 %, oġhla mill-mira ta' 5 % u oġhla mil-linja bażi ta' 3.7 % tal-2020; tilqa' l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-raġunijiet fir-rigward ta' dak l-indikatur mill-maniġment tal-Aġenzija; tinnota mit-tweġibiet tal-Aġenzija li fost il-kawżi identifikati, il-kuntratti b'durata limitata, il-kuntratti bi gradi baxxi u l-ammont kbir ta' xogħol ġew irrapporati matul l-intervisti tal-ħruġ organizzati mill-Aġenzija; tenfasizza l-ħtieġa għal aktar flessibbiltà f'termini tad-disponibbiltà tar-riżorsi umani biex l-Aġenzija tkun tista' tadatta għall-fluttwazzjonijiet fl-ammont ta' xogħol u d-dewmien possibbli fl-adozzjoni ta' atti leġislattivi rilevanti; tistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha fi djalogu konstruttiv mal-Aġenzija u tindirizza dawk il-kwistjonijiet meta tiddetermina d-disponibbiltà ta' tabelli tal-persunal futuri.

10. Tinnota bi tħassib il-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri tal-eu-LISA fir-rigward tal-ġeneru, b'żewġt irġiel (100 %) u mingħajr nisa, tal-Bord tat-Tmexxija tagħha b'49 raġel (81.7 %) u 11-il mara (18.3 %), u tal-persunal tagħha b'mod ġenerali b'215-il raġel (69.4 %) u 95 mara (30.6 %); tirrikonoxxi li r-responsabbiltà tal-ħatra ta' persuni fil-bord tat-tmexxija hija tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti f'kull Stat Membru; tistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw b'mod attiv il-bilanċ bejn il-ġeneri bħala fattur meta jinnominaw u jaħtru membri tal-bord tat-tmexxija tal-eu-LISA; tieħu nota tal-isforzi tal-eu-LISA biex ittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri u tilqa' t-titjib żgħir irreġistrat fl-2021; tistieden, madankollu, lill-eu-LISA taħdem b'mod attiv lejn il-bilanċ bejn il-ġeneri u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar pjan ta' azzjoni f'dan ir-rigward; tfakkar ukoll fl-importanza li tiġi żgurata rappreżentazzjoni ġeografika bilanċjata fi ħdan il-ġestjoni u l-persunal tagħha.

11. Tinnota li fl-2021 l-eu-LISA nediet 15-il proċedura tal-għażla u rċeviet 1944 applikazzjoni għal total ta' 18-il proċedura ta' reklutaġġ; tfaħħar lill-Aġenzija għall-kisbiet fl-effiċjenza rrapportati u għat-titjib tal-proċess ta' reklutaġġ tal-Aġenzija u tal-immagħni tagħha bħala impjegatur attraenti; tinnota f'dak is-sens id-diversi azzjonijiet tal-Aġenzija bħall-proġett pilota "reklutaġġ aġli", il-parteċipazzjoni tagħha fil-fiera tal-karrieri globali online "Women in Tech", il-pubblikazzjoni tal-avviżi ta' postijiet tax-xogħol vakanti lil hinn mis-sit web tal-Aġenzija u r-raggruppament ta' profili jew l-użu ta' listi ta' riżerva eżistenti għal gradi u gruppi ta' funzjoni ekwivalenti; tinnota wkoll li ttwettqet analiżi tal-qafas ta' kompetenza tal-Aġenzija u ttejjeg lill-Aġenzija tiżviluppa l-istrateġija tagħha ta' ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenza.

12. Tfaħħar lill-Aġenzija għall-politika tagħha għal tolleranza żero dwar il-fastidju; tinnota li fl-2021, 14-il każ relatat ma' fastidju psikoloġiku jew sesswali ġie ttrattat mill-Aġenzija; tinnota wkoll f'dan il-kuntest li l-Aġenzija wettqet żewġ valutazzjonijiet preliminari li wasslu għat-tnedija ta' tliet inkjesti amministrattivi u t-tkeċċija ta' membru tal-persunal wieħed; tilqa' l-organizzazzjoni mill-Aġenzija ta' webinars u sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-fastidju u r-rwol tal-konsulenti kunfidenzjali tagħha, kif ukoll il-miżuri tagħha biex ittejjeb il-benesseri fuq il-post tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' webinars dwar is-saħħa mentali u sessjonijiet ta' konsulenza individwali.

## Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

Sabiex tifhem aħjar ir-raġunijiet ta' dawran għoli, l-eu-LISA kienet qed ttwettaq intervisti ta' ħruġ konsistenti. Fl-2021, abbażi tal-analiżi li wettaqna tal-intervisti ta' ħruġ, il-maġġoranza tal-persuni intervistati ddikjaraw ix-xewqa għal opportunitajiet ta' karriera aħjar bħala r-raġuni prinċipali li għallha fit-tkemm impjeg alternattiv. Opportunitajiet aħjar ta' karriera ġew deskritti bħala li għandhom gradi oġhla, durata tal-kuntratt itwal u kuntratti rinnovabbli. It-tieni raġuni l-aktar sinifikanti għat-tfittxija ta' opportunitajiet oħrajn kienet għal raġunijiet familjari u/jew personali, segwita mill-ħtieġa għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Proporzjon kbir ta' dawk intervistati rrapportaw li l-ammont kbir ta' xogħol kellu effett negattiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tagħhom.

L-eu-LISA qed tirrekluta prinċipalment profili tal-IT li hemm domanda għolja għalihom fis-suq tax-xogħol u għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Il-biċċa l-kbira tal-postijiet huma ta' grad baxx, għal terminu qasir jew mhux rinnovabbli u għalhekk la huma attraenti u lanqas perċepiti bħala offerta kompetittiva fis-suq. Mill-offerti kollha maħruġa, 40 % ma ġewx aċċettati. Fost ir-raġunijiet ewlenin kien hemm nuqqas ta' interess f'kuntratti għal żmien qasir u/jew mhux rinnovabbli; opportunitajiet ta' karriera aħjar misjuba jew gradi oġhla offruti minn istituzzjonijiet tal-UE oħrajn.

Minn nofs Marzu 2023, id-Direttur Eżekuttiv il-ġdid, is-Sa Agnès Diallo, bdiet il-mandat tagħha, b'effett fuq il-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri tal-Aġenzija mill-perspettiva tal-bilanċ bejn il-ġeneri.

L-eu-LISA tieħu nota tal-osservazzjoni.

Fl-2021, ġiet organizzata sessjoni ddedikata dwar il-prevenzjoni tal-fastidju għall-maniġment kif ukoll għall-persunal kollu.

13. Tilqa' l-fatt li l-Aġenzija qed tuża l-moduli bażiċi kollha tal-għodda ta' ġestjoni tar-riżorsi umani tas-SYSPER u diversi moduli fakultattivi; thegħeġ lill-Aġenzija tkompli bid-diġitalizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tar-riżorsi umani tagħha.

L-eu-LISA offriet ukoll "Programm għas-saħħa u l-benesseri mentali", li jinkludi sensiela ta' 10 webinar ippreżentati minn psikologi kliniċi ċertifikati. Barra minn hekk, webinar addizzjonali kien iddedikat għall-manigiers biex jappoġġawhom fir-rwol tagħhom. Il-programm offra wkoll l-opportunità li jiġu organizzati workshops għal timijiet (Unità/Settur) biex jindirizzaw xi qasam speċifiku meġus kritiku mill-manigiers. B'kollox, intalbu u ġew organizzati 5 workshops. Bħala parti mill-programm, ġew offruti wkoll sessjonijiet ta' kkwocjar individwali lill-membri tal-persunal li talbuhom. Barra minn hekk, l-eu-LISA offriet abbonamenti għal applikazzjoni ta' mindfulness b'interfaċċa faċli biex tintuża.

FI-2021, ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' burnout fl-eu-LISA. L-Aġenzija ppruvat tipprevjeni dan milli jseħħ billi organizzat sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni ddedikati għall-benesseri tal-persunal, il-ġestjoni tal-kunflitti u tal-istress, l-appoġġ psikoloġiku u l-implimentazzjoni kontinwa tal-hekk imsejjaħ programm FIT.

L-eu-LISA tuża l-moduli bażiċi kollha tas-SYSPER u diversi moduli fakultattivi. L-Aġenzija implimentat il-moduli kollha f'konformità mal-iskeda ta' żmien miftiehma mal-Kummissjoni (maniġer tal-proġett responsabbli għall-eu-LISA għall-implimentazzjoni). Ir-rilevanza tal-użu ta' SYSPER żdiedet b'mod sinifikanti wara t-transkodiċi SYSPER-NAP. L-eu-LISA mhijiex se timplimenta l-moduli eżistenti kollha minħabba differenza fir-regoli ta' proċedura.

#### Akkwist

14. Tinnota li l-Aġenzija tirrapporta li l-Qafas tal-Inġinerija Trażversali (TEF), l-akbar offerta li qatt ġiet iffirmata mill-Aġenzija, wera li huwa vijabbli għal diversi mill-attivitàjiet operazzjonali ewlenin tagħha, filwaqt li l-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tal-akkwist trażversali permezz tal-koordinazzjoni tal-inputs ta' kuntratturi differenti f'diversi proġetti tibqa' mira; tosserva li fl-2021 tħejjew diversi offerti importanti u ġew iffirmati kuntratti, jiġifieri fir-rigward tas-sistema ċentrali tal-ECRIS-TCN, il-verżjoni aġġornata tal-ambjent tal-ittestjar il-ġdid tal-VIS/BMS, u l-valutazzjoni tat-teknoloġija għas-soluzzjoni futura tas-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti.

Mill-2020, l-Aġenzija bdiet it-tranżizzjoni fit-tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-iżvilupp, l-evoluzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema ewlenija, mit-tiftix ta' sorsi ta' provvista vertikali għal dak trażversali. Dan kien ifisser li l-mudell ta' akkwist li ntiret mill-Kummissjoni, li kienet organizzata permezz ta' kuntratti qafas vertikali u minn tarf sa tarf b'sistema (dak iż-żmien, is-SIS II, il-VIS u l-Eurodac biss), ma kienet għadu vijabbli meta l-mandat tal-Aġenzija żdied b'mod sostanzjali.

Din it-tranżizzjoni tlestiet fl-2022, meta minbarra l-Qafas tal-Inġinerija Trażversali (TEF), żdied it-tieni pilastru tal-akkwist trażversali, bl-għoti tal-Qafas Operattiv Trażversali (TOF).

It-tranżizzjoni mill-mudell ta' akkwist vertikali qed tipprovi l-benefiċċji mistennija, prinċipalment:

- tnaqqis ta' intrappolament tal-klijentela,
- ekonomiji ta' skala (speċjalment għall-infrastruttura),
- vetturi kuntrattwali għall-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà, bis-sinerġiji korrispondenti bejn is-sistemi,
- tnaqqis fil-kostijiet għall-kuntratti li huma ppreċeduti minn ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni,
- espansjoni sostanzjali tal-grupp ta' bejjiegħa, bit-tnaqqis korrispondenti tar-riskji ta' dipendenza żejda.

15. Jenfasizza l-opinjoni kwalifikata tal-QEA dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti minħabba l-irregolarità ta' sitt pagamenti li saru fl-2021 għal total ta' EUR 18.11-il miljun b'rabta ma' diversi kuntratti qafas, li jirrappreżentaw 6.20 % tal-approprijazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2021; jinnota bi tħassib li l-2021 hija t-tieni sena konsekuttiva li għaliha l-QEA ħarġet opinjoni kwalifikata simili fir-rigward tal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti ta' eu-LISA; jinnota li, skont eu-LISA, il-konformità f'dan il-qasam hija affettwata minn diversi fatturi marbuta mal-ippjanar operazzjonali u baġitarju, il-mudell ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista, il-ġestjoni tal-evoluzzjonijiet kuntrattwali u l-persunal insuffiċjenti li jirrestrinġu l-possibbiltà li jiġu limitati l-ambitu, id-durata u l-valur tal-kuntratti; jenfasizza li minħabba ż-żidiet u l-aġġornamenti fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti, l-Aġenzija kienet għamlet tranżizzjoni minn tiftix ta' sorsi ta' provvista vertikali għal trażversali, li jagħmel il-mudell ta' akkwist vertikali inizjali tal-Kummissjoni mhux vijabbli aktar; jinnota li r-raġunijiet ewlenin wara din it-tranżizzjoni relatata mat-tnaqqis tal-intrappolament tal-klijentela u l-ilhūq tal-ekonomiji ta' skala jew it-tnaqqis tal-kostijiet.

il-pjan ta' azzjoni tal-eu-LISA "Segwitu għall-awditu tal-QEA dwar il-Kontinuità tal-Aġenzija għall-2021" jinkludi l-azzjonijiet li ġejjin li jindirizzaw parti minn din l-osservazzjoni:

1. L-inklużjoni ta' kontrolli addizzjonali fil-linji gwida dwar l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti biex taqbad kwalunkwe devjazzjoni potenzjali mill-kuntratt qafas sottostanti, u l-proċedura tal-offerti hija ddokumentata u soġġetta għal proċedura ta' eċċezzjoni, u/jew tirrikjedi emenda minn qabel tal-kuntratt qafas.

2. L-inklużjoni ta' kontroll fil-politika tal-ġestjoni tal-assi fuq il-linja bażi tal-manutenzjoni korretta u l-kuntratti tal-assigurazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proċeduri u l-kontrolli korrispondenti. Il-kontroll għandu jkun marbut mal-proċess ta' rendikont tal-inventarju użat għall-offerti finanzjarji li ġew definiti fil-kuntest tat-TOF.

3. It-tweġġ ta' eżaminazzjoni *ex post* tal-każ fejn id-dati tal-konsenja ġew emendati b'mod informali sabiex tiġi stabbilita n-natura tal-iżball u jittieħdu l-miżuri xierqa.

16. Jenfasizza l-osservazzjonijiet tal-QEA dwar kuntratt speċifiku ta' EUR 40 miljun għall-implimentazzjoni ta' kuntratt qafas relatat ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira li l-Aġenzija ffirmat mingħajr ma speċifikat id-dettalji tas-servizzi miksuba; jinnota mill-ispjegazzjonijiet tal-Aġenzija li l-pass rapidu tal-evoluzzjoni fit-teknoloġija jeħtieġ flessibilità msaħħa fil-qasam tal-akkwist tal-IT; jirrimarka li l-kuntratti qafas abbozzati mill-Aġenzija jeħtieġu grad għoli ta' flessibilità sabiex jiġu adattati mhux biss għall-evoluzzjonijiet teknoloġiċi, iżda wkoll għall-bidliet leġislattivi bħall-istabbiliment ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira ġodda jew l-adattament eżistenti ġestiti mill-Aġenzija; jissottolinja li d-dewmien ripetut fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-atti legali rilevanti, aspetti kompletament barra mill-kontroll tal-Aġenzija, huma fatturi ewlenin fid-determinazzjoni tal-livell ta' dettall u preċiżjoni li l-Aġenzija tista' toffri meta inizjalment tistabbilixxi kuntratti qafas; jinnota wkoll l-informazzjoni mill-Aġenzija li l-politiki u l-prattiki tal-akkwist tagħha tjebe matul dawn l-aħħar snin, iżda li ftit li xejn għandha impatt fuq kuntratti eqdem li għadhom għaddejjin; jistieden lill-Aġenzija tqis l-esperjenza miksuba u l-għarfien iprovdut mill-Qorti sabiex tiggarranti xi titjib dejjem f'dan il-qasam; jappoġġa lill-Aġenzija fl-isforz tagħha biex tadotta sett komprensiv ta' linji gwida dwar l-akkwist u l-ewwel politika tagħha dwar il-ġestjoni tal-kuntratti u jappella lill-Aġenzija biex tipprovi lill-awtorità tal-kwittanza b'tali dokumenti ladarba jiġu approvati; jistieden lill-Aġenzija, lill-QEA u lill-Kummissjoni jesploraw soluzzjonijiet possibbli għat-titjib tal-flessibilità u l-adattabilità tal-akkwist għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-mandat tal-Aġenzija.

Biex jindirizza din il-parti tal-osservazzjoni, il-pjan ta' azzjoni tal-eu-LISA jinkludi dan li ġej:

- Li tindirizza l-kwistjonijiet ta' ppjanar baġitarju identifikati mill-QEA:
  - li tiddefinixxi sett minimu ta' dokumentazzjoni meħtieġa għall-konsultazzjonijiet dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġislattivi (LFS) u tistabbilixxi l-bażi għall-ippjanar intern korrispondenti,
  - li taġġorna l-MtQ finanzjarju mal-Kummissjoni biex tinkludi konsultazzjonijiet preliminari sistematiċi obbligatorji dwar l-LFS.
- Tirreżamina l-linji gwida dwar l-akkwist u kontrolli korrispondenti għal:
  - limitazzjoni għal modalità tal-kuntratt minima ġenerika ta' Żmien u Mezzi Kwotati (QTM) (mod ta' implimentazzjoni ta' SC19) fil-ħin u preċiżjoni tal-ambitu u tar-riżultati tanġibbli,
  - kull meta jkun fattibbli u ma jkunx meħtieġ persunal addizzjonali biex iwettaq il-kontrolli, tirreżamina l-mod kif jiġu ddokumentati l-kontrolli, billi tintroduċi pereżempju listi ta' kontroll flimkien ma' dawk diġà eżistenti.
  - 3. Twettaq valutazzjoni tar-riskju u analiżi kost-benefiċċji biex tiddetermina liema struttura organizzazzjonali, il-livelli tal-persunal, u l-intensità tal-kontrolli jimminimizzaw ir-riskju fil-qasam tal-konformità.
- Temenda l-kuntratt iffirmat (SC) 19 VIS sabiex tinħoloq bażi ġuridika ċara għall-RAO sabiex tapprova l-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 73(3) tal-AFR, bl-inklużjoni tat-talbiet għas-servizz li għadhom attivi.
- Tirrevedi l-proċessi tal-ġestjoni tad-domanda biex tiżgura l-istat ta' tnejn tal-eu-LISA għar-rekwiżiti tekniċi, finanzjarji u r-riżorsi umani meta tiġi fdata b'kompiti ġodda.

17. Tinnota l-pożizzjoni tal-eu-LISA li l-irregolaritajiet formali identifikati mill-QEA ma rriżultaw f'ebda preġudizzju finanzjarju għall-baġit tal-UE.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.

18. Tenfasizza li fl-2021, ġew iffirmati 759 impenn legali mill-eu-LISA; tinnota li l-eu-LISA timpjega 14-il membru tal-persunal tal-akkwist (11-il uffiċjal u 3 assistenti); tenfasizza li l-Aġenzija ma għandhiex kariga kklassifikata fil-livell xieraq sabiex torganizza unità tal-akkwist kompletament operattiva; tistieden lill-Kummissjoni tqis dawn il-ħtiġijiet meta tiddetermina d-disponibilità tar-riżorsi fit-tabelli tal-persunal futuri.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.

### Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitti ta' interess, etika, u trasparenza

19. Tirrikonoxxi l-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi biex jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, u l-protezzjoni tal-informaturi; tilqa' l-fatt li fl-2021 l-Aġenzija rrevediet u adottat il-linji gwida tagħha dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta biex tintroduċi l-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA għar-rwol li tipprovi gwida kunfidenzjali u imparzjali dwar ir-regoli dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta.

F'Ġunju 2018, l-eu-LISA adottat id-deċiżjoni mudell tal-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu linji gwida dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta, riveduta f'Marzu 2022. Skont dawn il-linji gwida, membru tal-persunal jista' juża kwalunkwe wieħed mill-kanali sikuri li ġejjin:

- maniġer dirett tal-membri tal-persunal jew l-ED (l-ewwel għażla),
- il-President tal-Bord jew direttament lill-OLAF (it-tieni għażla),
- il-President tal-Kummissjoni, tal-Kunsill, tal-Parlament jew tal-QEA, jew l-Ombudsman (bħala l-aħħar istanza).

Barra minn hekk, għal konsultazzjoni u gwida kunfidenzjali u imparzjali inizjali dwar il-proċedura ta' żvelar ta' informazzjoni protetta, membru tal-persunal għandu l-għażla li jindirizza jew il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) jew inkella li jaċċessa s-sistema ta' notifika ta' frodi bbażata fuq il-web tal-OLAF b'mod anonimu. Fl-2021, ġiet organizzata sessjoni ta' sensibilizzazzjoni tal-persunal waħda dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fi ħdan it-taħriġ annwali regolari dwar l-etika, l-integrità u l-kunflitti ta' interess.

20. Tinnota b'apprezzament li l-Aġenzija tippubblika kull sena d-dikjarazzjonijiet ta' interess u s-CVs tal-membri tal-bord

Skont ir-regoli tal-eu-LISA dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess, il-membri tal-Bord tat-Tmexxija huma

## Osservazzjoni mill-awtorità tal-kwittanza

maniġerjali tagħha u tal-maniġment superjuri tagħha fuq is-sit web tagħha; tilqa' l-fatt li l-Aġenzija stabbiliet reġistru ta' trasparenza fejn il-laqgħat bejn il-maniġment superjuri u l-operaturi ekonomiċi tagħha jiġu ppubblikati fuq is-sit web tagħha.

## Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

meħtieġa li jimlew dikjarazzjoni ta' interess u dikjarazzjoni pubblika annwali ta' impenn kull sena.

Il-maniġment superjuri huwa meħtieġ jissottometti d-dikjarazzjoni ta' interess kull sena (jew fi kwalunkwe fin meta s-sitwazzjoni tinbidel), f'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess tal-persunal tal-eu-LISA (deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija Nru 2020–405 tat-23.12.2020). Ir-regoli ta' implimentazzjoni jipprevedu dispożizzjonijiet speċifiċi għad-Direttur Eżekuttiv u għall-Viċi Direttur Eżekuttiv. Id-dikjarazzjonijiet huma disponibbli fuq is-sit web tal-eu-LISA.

## Kontroll intern

21. Tinnota li, fl-2018, l-EDPS wettaq awditu tal-protezzjoni tad-*data* tas-SIS II u l-VIS, u fl-2019 spezzjoni tal-Eurodac, kollha operati u ġestiti mill-eu-LISA, u ħareġ total ta' 72 rakkomandazzjoni; tinnota li l-eu-LISA kienet qed timplimenta dawk ir-rakkomandazzjonijiet u li torganizza segwitu trimestrali biex timmonitorja l-progress tal-implimentazzjoni tagħhom; tneġġeġ lill-Aġenzija żżomm l-attivitajiet tagħha rigward il-protezzjoni tad-*data* fuq quddiem fl-aġenda tagħha; tistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.

22. Tilqa' l-valutazzjoni annwali tal-eu-LISA tal-QKI tagħha li kkonkludiet li s-sistema ta' kontroll intern tagħha hija preżenti, tiffunzjona u effettiva, għalkemm huwa meħtieġ xi titjib; tilqa' wkoll il-progress li sar fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-QEA u r-riżoluzzjonijiet ta' kwittanza tal-Parlament mis-snin preċedenti u l-fatt li l-eu-LISA implimentat ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA mill-2018 u l-2019 dwar in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku; tfakkar li l-ħidma fir-rigward taż-żewġ osservazzjonijiet li fadal għadha għaddeja; tistieden lill-eu-LISA żżid l-isforzi tagħha biex timplimenta miżuri korrettivi rigward l-osservazzjonijiet pendenti tal-QEA.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni. FI-2022, il-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tal-Bord saħħaħ il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-osservazzjonijiet pendenti tal-QEA. Reċentement, l-Aġenzija stabbiliet pjan ta' azzjoni speċifiku biex tindirizza l-osservazzjonijiet tal-QEA. L-ACFC issorvelja mill-qrib il-progress fl-implimentazzjoni tiegħu biex jiżgura implimentazzjoni rapida u kompluta.

23. Tinnota li fi tmiem l-2021, ir-rata ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kienet ta' 77 % (24 rakkomandazzjoni implimentati u 37 mistennija); tinnota li b'kollox 32 rakkomandazzjoni kienu miftuħa fi tmiem l-2021, li minnhom l-ebda waħda ma kienet "kritika"; tinnota bi tħassib li seba' rakkomandazzjonijiet kienu għaddejjin wara d-data ta' skadenza, li jfisser li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni kienet għadha għaddeja għalkemm l-iskadenza għall-implimentazzjoni kienet skadiet; tistieden lill-Aġenzija timplimenta r-rakkomandazzjonijiet pendenti mingħajr aktar dewmien u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar; tqis li s-sejbiet tar-rapport tal-OLAF OC-2020-0441-A2 għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza; tistieden ukoll lill-Aġenzija tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza b'rapport dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-OLAF.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni. FI-2022, l-ACFC tal-Bord tat-Tmexxija saħħaħ il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-awditu biex jiżgura l-implimentazzjoni rapida u kompluta tagħhom.

## Diġitalizzazzjoni u tranżizzjoni ekoloġika

24. Tfaħħar lill-eu-LISA għad-diversi miżuri tagħha biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika, mill-użu tal-elettriku ekoloġiku u tal-karta riċiklata biss sat-tiżnin tal-bini f'Tallinn permezz tal-użu mill-ġdid tas-sħana mill-kamra tas-server; tistieden lill-Aġenzija taċċellera l-proċeduri għaċ-ċertifikazzjoni skont l-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) tal-Unjoni; tistieden ukoll lill-Aġenzija tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza bl-aħħar rapporti dwar id-dikjarazzjoni ambjentali tal-Aġenzija.

L-eu-LISA tiegħu nota tal-osservazzjoni.

25. Tinnota l-miżuri addizzjonali tal-eu-LISA meħuda fl-2021 fil-qasam taċ-ċibersigurtà, bħall-adozzjoni ta' sitt standards dwar il-kwisjoni u l-bidu tal-istabbiliment ta' tim ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters, kif ukoll il-kooperazzjoni kontinwa tagħha mal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej (CERT-UE) u l-implimentazzjoni ta' qafas strutturat għall-ġestjoni u l-kontroll tar-riskju għas-sigurtà tal-IT; tinnota li fl-2021 l-eu-LISA kkollaborat mal-ENISA (l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà) dwar l-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u l-eżerċizzju annwali tagħha dwar iċ-ċibersigurtà; tistieden lill-eu-LISA tadotta għodod ġodda fl-oqsma

Fir-rigward tas-sistemi tan-negozju ewlenin, l-Aġenzija ma esperjenzatx attacchi ċibernetiċi fuq is-sistemi ċentrali f'dawn l-aħħar snin. Madankollu, l-eu-LISA kompliet tinforza miżuri derivati minn strumenti legali flimkien ma' proċessi kkonsolidati ta' ġestjoni tar-riskju biex tiżgura l-effettività tal-mekkaniżmi ta' rispons għall-ġlieda kontra l-attakki ċibernetiċi. Dan jirrikjedi d-disponibbiltà tal-kapaċità taċ-ċibersigurtà periferika minkejja l-isfidi li jirriżultaw mill-COVID-19 u t-tħeddid ibridu ġġenerat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, kollha f'xenarju ta' tħeddid għas-sigurtà li qed jevolvi. L-Aġenzija twettaq b'mod regolari eżerċizzji ta' sigurtà kif ipplanat,

## Osservazzjoni mill-awtorità tal-kwittanza

tad-diġitalizzazzjoni tal-baġit u tal-akkwist, eż. il-firma elettronika, il-kuntratti elettroniċi u l-fatturazzjoni elettronika.

## Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

bl-involviment tal-Istati Membri, biex tittestja elementi ewlenin ta' reżiljenza minn perspettiva minn tarf sa tarf.

### Kontinwità tal-operat matul il-kriżi tal-COVID-19

26. Tfaħħar lill-Aġenzija għall-kapaċità tagħha li tiżgura d-disponibbiltà u r-reżiljenza mingħajr interruzzjoni tas-sistemi taħt il-ġestjoni tagħha u l-funzjonament normali taż-żona Schengen, minkejja l-isfidi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 li kompliet fl-2021; tinnota f'dan il-kuntest, madankollu, li l-iskedi ta' implimentazzjoni rigward l-iżvilupp tas-sistemi l-ġodda ġew riveduti minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-hardware, id-dewmien fit-twassil u l-installazzjoni tat-tagħmir, u l-preżenza fuq il-post inqas frekwenti tal-persunal u tal-kuntratturi.

Bħala rekwiżit legali, il-prijorità ewlenija tal-Aġenzija hija li tiżgura d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistemi għall-utenti kollha. Dan intlaħaq minkejja l-pandemija tal-COVID-19 u l-bidliet fil-kuntest ġeopolitiku, fejn il-katina tal-provvista kienet waħda mill-elementi ewlenin affettwati b'disponibbiltà limitata ta' komponenti tekniċi meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' kuljum tal-eu-LISA. Minkejja dawn id-diffikultajiet magħrufa, l-Aġenzija u l-persunal tagħha estendew l-isforz massimu biex jiggarrantixxu li s-sistemi kollha f'dati lill-eu-LISA jibqgħu disponibbli għall-utenti f'kull ħin – kisba ta' min ifaħħarha, ikkonfermata mir-riżultati eċċellenti tal-KPIs: id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali u l-ħinijiet ta' rispons.

27. Tfaħħar lill-Aġenzija għall-kooperazzjoni tagħha ma' istituzzjonijiet, korpi, ufficijji u aġenziji oħrajn tal-Unjoni fl-iskambju ta' għarfien u tal-aħjar prattiki fi kwistjonijiet relatati mal-kontinwità tal-operat; tfaħħar ukoll lill-Aġenzija għall-parteċipazzjoni tagħha fl-inizjattivi tal-Grupp Interistituzzjonali ta' Taħriġ u Sensibilizzazzjoni dwar is-Sigurtà u n-Network ta' Uffiċjali tas-Sigurtà tal-ĠAI (SON) biex tindirizza kwistjonijiet ta' sigurtà komuni.

L-eu-LISA kompliet tmexxi żewġ laqgħat SON fis-sena bħala indikatur ta' interess u impenn għoli mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-funzjonijiet ta' sigurtà tagħhom, kollha mmirati biex jiżguraw protezzjoni xierqa tas-sistemi tan-negozju ewlenin. Bl-istess mod, l-Aġenzija qed tiżviluppa l-kapaċità ta' rispons għal inċidenti ta' sigurtà fil-qafas tal-interoperabbiltà (Grupp ta' Kooperazzjoni), li ser isaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell operazzjonali b'rispons internazzjonali li huwa kapaċi fuq bażi ta' 24/7.

### Oħrajn

28. Tilqa' l-preżenza attiva online tal-Aġenzija fl-2021 u tinnota t-titjib tal-metriċi tal-media soċjali tagħha; tfaħħar lill-Aġenzija għall-kontribut tagħha għal kampanji esterni online (eż. "Digital EU" u "Women in Tech") u għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti b'sensibilizzazzjoni tajba, eż. konferenzi annwali u diskussjonijiet madwar mejda dwar l-industrija.

L-eu-LISA tieħu nota tal-osservazzjoni.

29. Tirreferi, għal osservazzjonijiet oħrajn ta' natura trażversali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tagħha dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tagħha tal-10 ta' Mejju 2023<sup>(3)</sup> dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenzija.

L-eu-LISA tieħu nota tal-osservazzjoni.

## 2.11. Ġestjoni ambjentali

Wara l-approvazzjoni tal-Politika Ambjentali fl-2022, l-Aġenzija hija impenjata li tistabbilixxi sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) interna, f'konformità mal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE, u qed taħdem biex tikseb iċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS sal-2024. Dan se jiżgura li l-attivitajiet tal-eu-LISA jkunu allinjati mal-inizjattiva tal-Patt Ekoloġiku Ewropew biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> fil-linji ta' azzjoni kollha.<sup>148</sup>

Fl-2022, l-Aġenzija ħejjiet rapport tad-dikjarazzjoni ambjentali għall-2021, li jagħti dettalji dwar l-oġġettivi, il-monitoraġġ u l-progress. Ir-rapport jinkludi wkoll tabella ta' sommarju li tiddekrivi s-sorsi tal-impatti ambjentali, il-pjanijiet ta' azzjoni, u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-aspetti kollha relatati mal-ambjent. Ir-rapport ta' dikjarazzjoni ambjentali għall-2022 qiegħed jitħejja.

## 2.12. Valutazzjoni mill-Maniġment

Il-maniġment tal-Aġenzija għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontrolli interni eżistenti huma xierqa u jiffunzjonaw kif maħsub. Fl-2022, ġew identifikati u ġestiti riskji kbar, kif ikkonfermat aktar mir-riżultati tal-awditi kemm interni kif ukoll esterni mwettqa matul is-sena.

<sup>148</sup> Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna ddedikata tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

## 2.13. Evalwazzjoni esterna

Skont l-Artikolu 39 tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA, l-Aġenzija trid tgħaddi minn **evalwazzjoni tal-prestazzjoni kull 5 snin**, u l-evalwazzjoni li jmiss hija skedata għall-2023. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni se tikkunsidra l-prestazzjoni tal-eu-LISA fl-isfond tal-mandat, l-oġġettivi, il-postijiet u l-kompiti tagħha. L-evalwazzjoni se tivvaluta wkoll kemm l-Aġenzija tikkontribwixxi b'suċċess u żżid il-valur għall-immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE u kif in-nexxielha tistabbilixxi ambjent tal-IT ikkoordinat, kosteffettiv u koerenti għas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI.

Biex tneġġi għall-evalwazzjoni esterna li jmiss tal-Aġenzija, l-eu-LISA wettqet **eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva indipendenti** fl-2022 biex tevalwa l-ġestjoni operazzjonali tas-sistemi tan-negożju ewlenin tagħha. Sabiex tikseb ħarsa ġenerali komprensiva tal-prestazzjoni operazzjonali tagħha, l-Aġenzija vvalutat ukoll il-prattiki ta' żvilupp tagħha, l-istrateġija ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista u r-riżorsi umani disponibbli, kif ukoll il-kontribut tal-eu-LISA għall-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti tal-UE. Minħabba l-ambitu estensiv tal-eżerċizzju, ir-rapport ta' evalwazzjoni finali huwa mistenni li jiġi ffinalizzat sa nofs l-2023.



3

# ASSESSMENT OF THE EFFECTIVENESS OF THE ICF

The effectiveness of the internal control framework (ICF) and major corporate risks for the reporting period.

# Valutazzjoni tal-effettività tal-QKI

## 3.1. L-Effettività tal-Qafas ta' Kontroll Intern

### 3.1.1. Metodoloġija

Is-sistemi ta' kontroll intern jgħinu lill-organizzazzjonijiet jilhq u l-objettivi tagħhom, filwaqt li jsostnu l-prestazzjoni operazzjonali u finanzjarja f'konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti. Sistema ta' kontroll intern li tiffunzjona tajjeb tappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod għaqli u tgħin biex ir-riskji jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli permezz ta' kontrolli kosteffettivi. FI-2019, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA inkariga lid-Direttur Eżekuttiv bl-implimentazzjoni ta' Qafas ta' Kontroll Intern (QKI) f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi adottati mill-Bord.<sup>149</sup>

Il-QKI tal-Aġenzija jinkludi l-ħames komponenti li ġejjin: (1) ambjent ta' kontroll, (2) valutazzjoni tar-riskju, (3) attivitajiet ta' kontroll, (4) informazzjoni u komunikazzjoni, u (5) attivitajiet ta' monitoraġġ. Għal kontroll intern effettiv fuq l-operazzjonijiet, dawn il-ħames komponenti interrelatati jridu jkunu preżenti u jiffunzjonaw tajjeb fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni. Il-QKI jispeċifika wkoll il-prinċipji sottostanti għal kull komponent u l-karatteristiċi relatati ta' kull prinċipju li huma definiti għall-arranġamenti speċifiċi ta' governanza stabbiliti fl-Aġenzija. Dawn il-prinċipji u l-karatteristiċi tal-kontroll intern jikkostitwixxu l-istandards minimi msemmija fl-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti Finanzjarji tal-eu-LISA.<sup>150</sup>

Sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern, id-Direttur Eżekuttiv għandu l-mandat li jwettaq valutazzjoni annwali tal-effettività tal-QKI. Il-Viċi Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija nħatar bħala l-maniġer tal-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern (MRMIC) biex jappoġġa l-istabbiliment, il-monitoraġġ, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u r-rapportar tal-QKI tal-eu-LISA. FI-2022, ir-rwol tal-MRMIC ġie ddelegat temporanjament lill-Kap tal-Unità ta' Governanza u Kapaċitajiet mill-1 ta' Novembru 2022 sas-16 ta' Marzu 2023 minħabba li l-MRMIC maħtur, il-Viċi Direttur Eżekuttiv, inħatar biex iservi bħala Direttur Eżekuttiv *interimsal-ħatra* tad-Direttur Eżekuttiv il-ġdid (għal aktar, ara **t-taqsim** 2.2.4).

Il-valutazzjoni annwali tal-QKI tinkludi l-istabbiliment tal-kriterji ta' monitoraġġ għal kull prinċipju ta' kontroll intern, l-identifikazzjoni tas-saħħiet u tal-oqsma ta' titjib, il-valutazzjonijiet fil-livelli tal-prinċipju u tal-komponenti, u valutazzjoni ġenerali. L-indikaturi ta' kull prinċipju tal-QKI, il-linji bażi u l-miri tagħhom ġew definiti fl-Anness 2 tad-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar l-Adozzjoni tal-Kriterji tal-Monitoraġġ tal-Kontroll Intern u l-ħatra temporanja tal-MRMIC. Sabiex titwettaq il-valutazzjoni, l-MRMIC tiġbor u tanalizza *data* bbażata fuq kriterji ta' monitoraġġ definiti minn qabel minn diversi sorsi ta' *data* fl-Aġenzija, inkluż l-istħarriġ tal-persunal, ir-reġistru tal-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nonkonformità, ir-rapporti tal-awditu intern u estern u dokumentazzjoni oħra tal-proċessi tan-negozju tal-Aġenzija.

### 3.1.2. Riżultati tal-Valutazzjoni

#### Kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern

L-awtovalutazzjoni rriżultat f'81 % tal-kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern milħuqa jew parzjalment milħuqa fl-2023, kif kien il-każ fl-2022.

<sup>149</sup> Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2019-042 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-adozzjoni tal-qafas ta' kontroll intern rivedut.

<sup>150</sup> **Ir-regoli Finanzjarji tal-eu-LISA**, Deċiżjoni Nru 2019-198 tal-Bord tat-Tmexxija, dħul fis-seħħ: 1 ta' Settembru 2019.



Kriterji tal-monitoraġġ tal-kontroll intern	2022	2023
<b>L-għadd totali ta' ġranet</b>	<b>79</b>	<b>79</b>
<i>milħuqa</i>	55 (70 %)	56 (71 %)
<i>milħuqa parzjalment</i>	9 (11 %)	8 (10 %)
<i>mhux milħuqa</i>	15 (19 %)	15 (19 %)
<i>mhux disponibbli</i>	0 (0 %)	0 (0 %)

### Is-saħħiet u n-nuqqasijiet tal-kontroll intern


FI-2022, ġew identifikati 21 nuqqas ta' kontroll intern matul il-valutazzjoni annwali: Nuqqas kbir (1), 16-il nuqqas moderat, u erba' nuqqasijiet minuri.

Matul I-2022, l-Aġenzija wettqet diversi attivitajiet biex timplimenta pjanijiet ta' rimedju u tneħħi n-nuqqasijiet ta' kontroll intern. Ir-riskji relatati ma' xi nuqqasijiet interni żdiedu fl-2022, u għalhekk wasslu għal żieda fis-severità ta' żewġ nuqqasijiet, b'mod partikolari:

- żewġ nuqqasijiet moderati ġew magħluqa,
- nuqqas minuri wieħed ġie magħluq,
- nuqqas kbir wieħed tnaqqas għal moderat,
- nuqqas moderat wieħed tnaqqas għal minuri,
- nuqqas moderat wieħed ġie aġġornat għal maġġuri,
- nuqqas minuri wieħed ġie aġġornat għal moderat.


Fil-valutazzjoni tal-2023, ġie identifikat nuqqas kritiku ġdid wieħed, li wassal għal total ta' 19-il nuqqas ta' kontroll intern: nuqqas kritiku wieħed, żewġ nuqqasijiet maġġuri, 14-il nuqqas moderat, u żewġ nuqqasijiet minuri.

Deficiencies' status in 2022



■ Maġġuri ■ Moderat ■ Minuri

Deficiencies' status in 2023



■ Kritiku ■ Maġġuri ■ Moderat ■ Minuri

Komponenti tal-QKI	Punti ta' saħħa	Nuqqasijiet
<b>I Ambjent ta' kontroll</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Sorveljanza tal-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat tiegħu tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) dwar il-kontrolli interni</li> <li>■ Komunikazzjoni u taħriġ imtejba dwar l-etika u l-integrità</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Jiżdied l-infurzar tar-responsabbiltà</li> </ul>
<b>II Valutazzjoni tar-riskju</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Tħejjija tal-Pjan Direzzjonali għall-Għanijiet Strateġiċi u l-Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija</li> <li>■ Titjib fil-ġestjoni tar-riskju, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni tar-riskju fil-livell tal-unità</li> <li>■ Implimentazzjoni ta' regjistru tat-trasparenza</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Jiżdiedu l-kontrolli <i>ex ante</i> sabiex l-ippjanar u l-implimentazzjoni jiġu allinjati aħjar</li> <li>■ Nuqqas ta' approċċ standardizzat għall-ġestjoni tar-riskju fil-Bordijiet tal-Programmi</li> </ul>

<b>III Attivitajiet ta' kontroll</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Awtomatizzazzjoni tal-kontrolli fil-konformità tal-ġestjoni tal-proġetti</li> <li>■ Status tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar</li> <li>■ Adozzjoni tal-politika ta' ġestjoni tal-kuntratti</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Nuqqasijiet fil-kontroll intern fil-proġett tas-sistema ċentrali tal-EES</li> <li>■ Thejġija tal-istrateġija ta' Kontroll, Riskju u Konformità</li> <li>■ Implimentazzjoni ta' linji gwida speċifiċi għall-ġestjoni tal-kuntratti</li> </ul>
<b>IV Informazzjoni u komunikazzjoni</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Reviżjoni tal-politika ta' preżervazzjoni fit-tul</li> <li>■ Adozzjoni tal-linji gwida dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti</li> <li>■ Informazzjoni mtejba dwar linji ta' komunikazzjoni separati</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ L-ebda nuqqas</li> </ul>
<b>V Attivitajiet ta' monitoraġġ</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Parteċipazzjoni fil-grupp ta' ħidma tan-network għall-iżvilupp tal-prestazzjoni dwar il-kontroll intern</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>■ Jissaħħaħ il-proċess tad-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni u l-valutazzjoni tar-riżervi</li> </ul>

## Valutazzjoni tal-komponenti tal-QKI

### I Ambjent ta' kontroll

Il-komponent tal-ambjent ta' kontroll huwa sett ta' standards ta' kondotta, proċessi u strutturi li jipprovdu l-bażi għat-tweġġ ta' kontroll intern ġewwa organizzazzjoni. Fil-livell tal-maniġment, it-ton ġenerali rigward l-importanza tal-kontrolli interni, inklużi l-istandards ta' kondotta mistennija, huma stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija, mid-Direttur Eżekuttiv, u mill-bqija tal-maniġment superjuri.

Il-komponent tal-ambjent tal-kontroll tal-QKI huwa preżenti u jiffunzjona iżda hemm bżonn ta' xi titjib (Kategorija 2).

L-Aġenzija kompliet issaħħaħ l-impenn tagħha lejn l-integrità u l-valuri etiċi, b'mod partikolari billi nediet paġna ddedikata ġdida dwar l-etika fuq l-intranet tagħha, billi xandret messaġġ iddedikat bil-vidjo mid-Direttur Eżekuttiv *Interim*, u billi rrevediet ir-regoli interni dwar l-inkjesti amministrattivi. FI-2022, il-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) komplew jeżerċitaw is-sorveljanza tagħhom fuq is-suġġett tal-kontroll intern. L-Aġenzija żgurat li l-istruttura, il-linji ta' rapportar, l-awtoritajiet u r-responsabbiltajiet tagħha kienu stabbiliti sew u rieżaminati meta u fejn meħtieġ. Minkejja l-isforzi tal-Aġenzija, id-dawran tal-impjegati żdied, u r-rata ta' okkupanza naqset, b'mod partikolari, minħabba l-għadd ta' karigi ta' terminu qasir u ta' grad aktar baxx li għandha toffri l-eu-LISA. L-Aġenzija identifikat ukoll il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-responsabbiltà individwali għar-responsabbiltajiet ta' kontroll intern.

Prinċipju	Valutazzjoni
1. Il-wiri ta' impenn favur l-integrità u l-valuri etiċi	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
2. L-eżerċitar tar-responsabbiltà ta' sorveljanza	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
3. L-istabbiliment ta' struttura, ta' awtorità u ta' responsabbiltà	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
4. Il-wiri tal-impenn favur il-kompetenza	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
5. It-tiżiħ tal-obbligu ta' rendikont	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).

### II Valutazzjoni tar-riskju

Il-valutazzjoni tar-riskju hija proċess dinamiku u iterattiv għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji li jistgħu jaffettwaw l-ilħuq tal-oġġettivi u għad-determinazzjoni ta' kif tali riskji għandhom jiġu ġestiti.

Il-komponent tal-valutazzjoni tar-riskju tal-QKI huwa preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (Kategorija 2).

Wara l-adozzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA għall-2021-2027, f'Novembru 2021, l-Aġenzija hejġiet Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija, li jimmappa l-għanijiet strateġiċi u l-oġġettivi strateġiċi mal-oqsma ta' attività u r-riżultati ewlenin għall-perjodu 2021–2027. Ir-rapportar lill-partijiet ikkonċernati differenti kompli jsir f'konformità mar-rekwiżiti statutorji. Fi Q3 2023, l-eu-LISA wettqet il-monitoraġġ tat-tweġġ tal-pjan direzzjonali tagħha għall-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-2021 u l-2022, u dan juri li 73 %

tar-riżultati ġew implimentati fil-ħin, 25 % ġew posposti għas-sena ta' wara, u 2 % ġew ikkanċellati.

L-Aġenzija kompliet ittejjeb l-approċċ tagħha għat-tolleranza tar-riskju u l-materjalità tal-programmi, b'mod partikolari billi rrevediet ir-regoli ta' proċedura tal-Bordijiet tal-Programm. Il-progress kompli jiġi rreġistrat fl-identifikazzjoni tar-riskji fil-livell ta' unità, bl-użu tal-għodda Planview. Sa tmiem l-2021, l-eu-LISA kisbet rata ta' implimentazzjoni ta' 92 % għall-Istrateġija tagħha Kontra l-Frodi, li tkopri l-perjodu minn Marzu 2019 sa Diċembru 2021. Wara eżerċizzju ddedikat ta' valutazzjoni tar-riskju tal-frodi, l-Istrateġija l-ġdida Kontra l-Frodi 2022-2024 tnejniet u ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija, flimkien ma' pjan ta' azzjoni ta' implimentazzjoni li jidentifika 12-il azzjoni. Fl-2022, l-Aġenzija għaddiet minn bidliet importanti relatati ma' pożizzjonijiet ta' tmexxija, b'mod partikolari, bidla fid-Direttur Eżekuttiv u l-Uffiċjal tal-Kontabilità. Il-bidliet ġew identifikati minn qabel, u ġew stabbiliti soluzzjonijiet *interim* biex tiġi żgurata l-kontinwità taż-żewġ funzjonijiet.

Prinċipju	Valutazzjoni
6. L-ispeċifikazzjoni ta' objettivi xierqa	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).
7. L-identifikazzjoni u l-analiżi tar-riskju	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
8. Il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
9. L-identifikazzjoni u l-analiżi ta' tibdil sinifikanti	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).

### III Attivitajiet ta' kontroll

L-attivitajiet ta' kontroll jiżguraw il-mitigazzjoni tar-riskji relatati mal-ilfuq tal-politiki, l-objettivi operazzjonali u ta' kontroll intern. Dawn jitwettqu fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni, f'diversi stadji tal-proċessi tan-negozju, u fl-ambjent tat-teknoloġija. Dawn jistgħu jkunu preventivi jew dettettivi u jinkludu firxa ta' attivitajiet manwali u awtomatizzati kif ukoll segregazzjoni tad-dmirijiet.

Il-komponent tal-attivitajiet ta' kontroll tal-QKI huwa parzjalment preżenti u funzjonali, madankollu, hemm bżonn ta' titjib kbir (Kategorija 3).

Il-valutazzjoni tal-2023 tal-komponent tal-attivitajiet ta' kontroll ikkonkludiet li l-komponent huwa parzjalment preżenti u jiffunzjona, u b'riżultat ta' dan, ġie **mnaqqas mill-Kategorija 2 fl-2022 għall-Kategorija 3**. Dan sar l-aktar minħabba nuqqas kritiku li ġie identifikat minn awditu tal-proġett tas-sistema ċentrali tal-EES. Ir-riskji residwi minn nuqqasijiet fl-attivitajiet ta' kontroll għadhom għoljin, minkejja l-isforzi tal-eu-LISA biex tirrimedja s-sitwazzjoni.

L-attivitajiet ta' kontroll twettqu f'livelli differenti bħala parti minn proċessi, proċeduri u mekkaniżmi ta' governanza eżistenti fid-dipartimenti u l-unitajiet differenti. L-integrazzjoni tal-kontrolli fi strateġija hija mistennija li tiffaċilita l-valutazzjoni tal-effettività tagħhom, kif ukoll il-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom, kif meħtieġ mir-Regoli Finanzjarji. L-Aġenzija bdiet taħdem fuq l-istrateġija ta' kontroll intern, li se tinkludi lista tal-attivitajiet u l-proċessi ta' kontroll ewlenin, kif ukoll is-sidien tagħhom, li għandha tiġi ffinalizzata sas-sajf tal-2023. L-Aġenzija kompliet taħdem fuq it-tisħiħ tal-kontrolli madwar il-konformità mal-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti, iżda dan jibqa' qasam b'riskju għoli, kif muri mir-riżultati tal-awditu tal-IAC dwar il-proġett tas-sistema ċentrali tal-EES. L-Aġenzija investiet sforzi sinifikanti f'kontrolli ġodda tad-direttivi f'oqsma bħall-ġestjoni tal-kuntratti, l-akkwist u t-tiftix ta' sorsi ta' provvista, kif ukoll għat-tranżizzjoni lejn il-mudell operattiv orizzontali. L-Aġenzija kompliet iżżid il-kontroll tagħha fuq it-teknoloġija u l-kontrolli tagħha għas-sigurtà tal-IT, li wrew riżultati tajbin. Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ il-proċess ta' rapportar tal-eċċezzjonijiet tagħha billi organizzat rieżami biannwali tar-reġistru u fformalizzat is-segwitu dwar azzjonijiet ta' rimedju.

Prinċipju	Valutazzjoni
10. L-għażla u l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kontroll	Il-prinċipju huwa parzjalment preżenti u jiffunzjona, hemm bżonn ta' titjib kbir (kategorija 3)
11. L-għażla u l-iżvilupp ta' kontroll ġenerali fuq it-teknoloġija	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
12. It-tnedija permezz ta' politiki u ta' proċeduri	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).

## IV Informazzjoni u komunikazzjoni

L-informazzjoni mogħtija permezz ta' komunikazzjoni interna u esterna hija meħtieġa biex l-organizzazzjoni twettaq attivitajiet ta' kontroll intern u tappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi. Il-komunikazzjoni interna tipprovdi lill-persunal bl-informazzjoni li jeħtieġ biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu u jwettaq il-kontrolli ta' kuljum, filwaqt li l-komunikazzjoni esterna tipprovdi lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati b'informazzjoni dwar l-oġġettivi u l-azzjonijiet ta' politika tal-Aġenzija.

Il-komponent tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (Kategorija 1).

L-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Aġenzija qed isegwu proċeduri u proċessi stabbiliti sew li jappoġġaw l-ilħuq ta' oġġettivi organizzattivi usa'. FI-2022, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ il-kontrolli tagħha fuq il-ġestjoni tal-informazzjoni bir-reviżjoni tal-proċeduri ta' preservazzjoni tad-dokumenti u l-politika ta' preżervazzjoni fit-tul tagħha, filwaqt li adottat ukoll il-linji gwida dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Il-komunikazzjoni interna tal-Aġenzija ġiet ġestita b'suċċess ukoll, u indirizzat ukoll il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-eu-LISA żiedet iċ-ċarezza u l-viżibbiltà tad-diversi kanali ta' komunikazzjoni tagħha disponibbli għall-persunal, inklużi konsulenti kunfidenzjali jew l-iżvelar ta' informazzjoni protetta. Il-komunikazzjoni esterna twettqet ukoll f'konformità mal-pjan, u ffokat fuq il-komunikazzjoni relatata mal-kontrolli interni.

Prinċipju	Valutazzjoni
13. L-użu ta' informazzjoni rilevanti	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
14. Komunikazzjoni interna	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
15. Komunikazzjoni esterna	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).

## V Attivitajiet ta' monitoraġġ

Sabiex taċċerta jekk kull wieħed mill-ħames komponenti tal-QKI huwiex preżenti u funzjonanti, l-Aġenzija tinvolvi ruħha f'valutazzjonijiet kontinwi u speċifiċi. Valutazzjonijiet kontinwi, mibnija fi proċessi f'livelli differenti tal-organizzazzjoni, jipprovdu informazzjoni f'waqtha dwar kwalunkwe nuqqas. B'riżultat ta' dan, is-sejbiet jiġu vvalutati b'mod regolari, u n-nuqqasijiet jiġu kkomunikati u kkoreġuti fil-ħin.

Il-komponent tal-attivitajiet ta' monitoraġġ huwa preżenti u funzjonanti, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (Kategorija 2).

L-Aġenzija kompliet issaħħaħ il-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tal-kontrolli interni tagħha. Dawn huma bbażati fuq awtovalutazzjonijiet minn persunal fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom, dwar attivitajiet ta' rapportar, dwar l-analiżi tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nonkonformità, dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-frodi, dwar l-awditi, kemm interni kif ukoll esterni, u fuq ir-reġistru tar-riskji korporattivi.

Prinċipju	Valutazzjoni
16. It-tweġiq ta' valutazzjonijiet kontinwi u/jew separati	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona tajjeb (kategorija 1).
17. Il-valutazzjoni u l-komunikazzjoni tan-nuqqasijiet	Il-prinċipju huwa preżenti u jiffunzjona, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (kategorija 2).

### 3.1.3. Riskji korporattivi kbar

Fl-ewwel trimestru tal-2022, il-proċess tal-Ġestjoni tar-Riskji / tal-Kwistjonijiet Korporattivi evolva minn eżerċizzju annwali f'**approċċ kontinwu** għall-ġbir u għall-monitoraġġ ta' elementi korporattivi. Għal dak il-għan, l-Aġenzija oċċarat il-kriterji tal-impatt u tal-probabbiltà. Il-manigġers responsabbli mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern ivvalidaw kriterji mtejba sabiex jistandardizzaw u awtomatikament jikkwalifikaw l-elementi potenzjali fil-livell korporattiv. Barra minn hekk, biex jiġu indirizzati s-sejbiet tal-valutazzjoni tal-QKI tal-2021, inħolqu **reġistri tar-riskji u tal-kwistjonijiet** fil-livell tal-Unità.

L-Aġenzija tippreżenta l-istatus tar-**riskji korporattivi u l-kwistjonijiet** tagħha lill-Kumitat ta' Tmexxija fuq bażi trimestrali. FI-2022, ir-rapporti dwar l-istatus ġew sottomessi f'April, f'Lulju u f'Ottubru.

Matul is-sena, l-eu-LISA għalqet żewġ riskji, naqqset ħamsa u identifikat sitt riskji ġodda fil-livell korporattiv. L-Aġenzija pproponiet ukoll tliet elementi għall-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju tar-rieżami bejn il-pari mwettaq min-Network tal-Aġenzija tal-UE (ara r-riskji 2017-01, 2020-06 u 2020-07 fit-Tabella 14 ta' hawn taħt).

**Tabella 14. Riskji korporattivi f'Diċembru 2022.**

ID tar-riskju	Titolu tar-Riskji Korporattivi	Probabbiltà	Impatt	Sid u kontributuri oħrajn
2017-01	Attakk ċibernetiku estern immirat u mwettaq b'suċċess lejn l-infrastruttura tal-eu-LISA.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Kap tal-Unità tas-Sigurtà
2018-01	Il-miżuri li diġà ttejdu jaf ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw li d-daqs tal-kapaċità taċ-ċentru tad- <i>data</i> jippermetti lill-Aġenzija tospita sistemi ġodda.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Il-Kap tal-Unità tal-Ġestjoni tal-Infrastruttura u l-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
2018-06	Ksur tal-kunfidenzjalità: esponiment aċċidentali tal-pubbliku ta' <i>data</i> sensittiva b'risposta għal talbiet għal informazzjoni pubblika.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Kap tal-Unità tas-Sigurtà
2019-05	Nuqqas ta' spazju fiżiku disponibbli fil-ħin biex jakkomoda l-ħtiġijiet kritiċi tal-Aġenzija.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u Kap tal-Unità tas-Servizzi Korporattivi, Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani
2019-08	Mudell ta' appoġġ tekniku u kapaċità: iż-żieda sinifikanti f'talbiet indirizzati lill-funzjonijiet ta' appoġġ tekniku tal-Aġenzija wara d-dħul fis-seħħ ta' sistemi ġodda tista' twassal għal degradazzjoni severa tal-appoġġ tekniku għas-sistemi ġodda u eżistenti.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Il-Kap tal-Unità tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi u l-Kap tal-Unità tas-Sigurtà, il-Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani
2020-01	Kontrolli legali insuffiċjenti.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Il-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u l-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
2020-04	Ftehimiet fil-livell operazzjonali – koordinazzjoni tal-isforzi fl-istess proġett/għall-istess sistema bejn kuntratturi multipli fl-ekosistema tal-kuntratti trażversali.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Kap tal-Unità tat-Twassil tal-Programmi u l-Proġetti / Settur tal-Ġestjoni tal-Bejjiegħa u tal-Kuntratti u l-Unità tal-Finanzi
2020-06	Sfida għall-kiri ta' riżorsi allinjati mal-ħtiġijiet tal-Aġenzija - riskju li ma tinstabx "l-idoneità t-tajba" għall-eu-LISA.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani
2020-07	Trasformazzjoni kulturali bil-mod, bidla fit-tmexxija.	4 – għoli ħafna	3 – għoli	Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani / Settur tal-Ġestjoni tat-Talenti
2020-08	Il-manutenzjoni f'kuntratti ta' ordni tax-xogħol mhijiex effiċjenti biżżejjed għal hardware u software ta' tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Il-Kap tal-Unità tas-Sigurtà u l-Kap tal-Unità tal-Ġestjoni tal-Infrastruttura
2020-09	Infurzar insuffiċjenti tas-Sistema ta' Mmaniġġjar tal-Kwalità eżistenti jista' jipprevjeni li, kif mistenni, ikun fattur abilitanti ewlieni għall-Aġenzija biex tilħaq l-oġettivi strateġiċi tagħha.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Is-Settur tal-EPMO u l-Governanza u l-Unità tal-Kapaċitajiet
2020-10	Integrazzjoni insuffiċjenti tal-partijiet ikkonċernati fi ħdan il-mudell ta' kollaborazzjoni meħtieġ mill-approċċ tal-Akkwist Trażversali.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Kap tal-Unità tat-Twettiq ta' Programmi / Settur tal-Bejjiegħa u tal-Ġestjoni tal-Kuntratti u Unità tat-Testijiet u t-Tranżizzjoni
2021-02	Id-dokumentazzjoni tas-Sistema preċiża, kompluta u aġġornata ma tinżammx f'repożitorju ċentrali amministrat mill-eu-LISA.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Unità tal-Ippjanar u l-Istandards u Unità tat-Twassil ta' Programmi u Proġetti
2022-01	Il-kuntratt qafas ta' TESTA-ng III jista' jiskadi qabel it-tlestija tal-migrazzjoni lejn in-Network Pan-Ewropew Futur (FPEN).	4 – għoli ħafna	4 – għoli ħafna	Il-Kap tal-Unità ta' Ġestjoni tal-Infrastruttura

2022-02	Il-persuni (il-persunal u l-kuntratturi tal-eu-LISA) jistgħu jkunu esposti għal kampi elettromanjetiċi ta' livell għoli fis-sotterran taċ-ċentru tad- <i>data</i> .	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Il-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u l-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
2022-04	Riżorsi insuffiċjenti għall-ġestjoni ta' kuntratti ta' appoġġ estern.	3 – għoli	4 – għoli ħafna	Kap tat-Taqsima tas-Servizzi Korporattivi
2022-05	Nuqqas ta' previżjoni tal-baġit għall-manutenzjoni tas-CSI.	4 – għoli ħafna	4 – għoli ħafna	Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi u Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet
2022-06	Minkejja żieda ta' 50 % fil-limitu massimu, l-appoġġ estern Lott 4 "Appoġġ Amministrattiv għall-kwartieri ġenerali tal-eu-LISA f'Tallinn" jista' ma jkunx biżżejjed qabel l-iskadenza tiegħu f'Novembru 2023 (abbażi tax-xejriet tal-konsum attwali).	4 – għoli ħafna	4 - għoli ħafna	Kap tat-Taqsima tas-Servizzi Korporattivi
2022-07	Minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni ġeopolitika fl-Ewropa żiedet ir-riskji għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Għall-eu-LISA, ir-riskji ewlenin huma relatati ma' attacchi kibernetiċi possibbli u s-sigurtà fiżika tas-siti.	3 – għoli	4 - għoli ħafna	Kap tal-Unità tas-Sigurtà u Direttur Eżekuttiv

### 3.1.4. Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Frodi għall-2022<sup>151</sup>

L-Istrateġija kontra l-Frodi tal-eu-LISA għall-perjodu 2022–2024 għandha tliet objettivi strateġiċi biex:

- tikseb konformità sħiħa mal-prinċipji ta' kontra l-frodi,
- tistabbilixxi u żżomm livell għoli ta' etika f'konformità mal-attivitajiet tal-eu-LISA,
- tiżviluppa u tuża l-ġbir u l-analiżi tad-*data*.

Il-monitoraġġ regolari tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Frodi 2022-2024 indika li l-ebda wieħed mir-riskji ta' frodi ma mmaterjalizza fl-2022. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi 13-il azzjoni, kull waħda minnhom immirata biex jitnaqqas wieħed jew ħafna mir-riskji ta' frodi. F'Diċembru 2022, ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ urew li l-Aġenzija implimentat seba' minn 10 azzjonijiet dovuti (tliet azzjonijiet għadhom "għaddejjin" sal-iskadenza), u b'hekk ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 70 %.

L-implimentazzjoni kwantitattiva ġenerali tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija kontra l-Frodi tal-eu-LISA fl-2022 tidher li kienet suffiċjenti għas-sena 2022. Madankollu, is-sidien tal-azzjonijiet se jintensifikaw l-isforzi meħtieġa biex tintlaħaq implimentazzjoni sħiħa fis-snin li ġejjin.

## 3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI

Ir-riżultati tal-valutazzjoni ġenerali juru li **s-sistema ta' kontroll intern tal-eu-LISA hija preżenti, funzjonanti u effettiva, iżda hemm bżonn ta' xi titjib (Kategorija 2).**

Ir-riżultati tal-valutazzjoni juru li l-eu-LISA għandha ambjent ta' kontroll stabbilit sew, magħmul minn sett ta' standards ta' kondotta, proċessi u strutturi, li jipprovdu l-bażi għat-tweqqif ta' kontrolli interni. L-Aġenzija kontinwament tirreżamina u taqgħorna l-ambjent ta' kontroll tagħha biex iżżid l-effettività u l-effiċjenza tagħha. L-Aġenzija żgurat li l-istruttura, il-linji ta' rapportar, l-awtoritajiet u r-responsabbiltajiet tagħha jkunu stabbiliti sew u rieżaminati meta u fejn meħtieġ. Minkejja l-isforzi tal-eu-LISA, id-dawran tal-impjegati żdied u r-rata ta' okkupanza naqset, prinċipalment minħabba l-għadd ta' karigi fuq terminu qasir u ta' grad aktar baxx li toffri l-eu-LISA. Ġiet identifikata wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-responsabbiltà individwali għar-responsabbiltajiet ta' kontroll intern.

<sup>151</sup> Ir-Rapport ta' Monitoraġġ tal-IAC dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Frodi għall-2022, ref. Ares (2023)523216, 24 ta' Jannar 2023.

B'mod ġenerali, l-eu-LISA tista' tiddependi fuq l-istrategġija tagħha u fuq il-proċessi ta' valutazzjoni tar-riskji biex tispeċifika b'mod effettiv l-oġġettivi tagħha, kif ukoll tidentifika u tanalizza r-riskji. Wara l-adozzjoni tal-istrategġija fit-tul tal-eu-LISA għall-2021-2027 f'Novembru 2021, l-Aġenzija ħejjiet il-Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Istrategġija, billi fasslet l-għanijiet strateġiċi u l-oġġettivi strateġiċi bl-oqsma ta' attivitajiet u r-riżultati tanġibbli ewlenin mistennija għall-perjodu. L-Aġenzija kompliet ittejjeb l-approċċ tagħha dwar it-tolleranza tar-riskju u l-materjalità tal-programmi, inkluż bir-reviżjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Bordijiet tal-Programmi. Il-progress kompli jiġi rreġistrat fl-identifikazzjoni tar-riskji fil-livell ta' unità, bl-użu tal-għodda Planview. Il-Bord tat-Tmexxija adotta l-istrategġija l-ġdida Kontra l-Frodi għall- 2022-2024, flimkien ma' pjan ta' azzjoni li jidentifika 12-il azzjoni. Fl-2022, l-eu-LISA esperjenzat bidliet importanti fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija, b'mod partikolari, bidla fid-Direttur Eżekuttiv u fl-Uffiċjal tal-Kontabilità. Il-bidliet tħejjew minn qabel, u ġew stabbiliti soluzzjonijiet *interim* biex tiġi żgurata l-kontinwità taż-żewġ funzjonijiet.

Il-valutazzjoni tal-2023 tal-komponent tal-attivitajiet ta' kontroll ikkonkludiet li l-komponent huwa parzjalment preżenti u funzjonanti, u, b'riżultat ta' dan, tnaqqas mill-Kategorija 2 fl-2022 għall-Kategorija 3. Dan huwa dovut l-aktar minħabba nuqqas kritiku li ġie identifikat minn riżultat kritiku tal-proġett tas-sistema ċentrali tal-EES. Ir-riskji residwi minn nuqqasijiet fl-attivitajiet ta' kontroll għadhom għoljin, minkejja l-isforzi tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni ta' azzjoni ta' rimedju. L-attivitajiet ta' kontroll twettqu fl-livelli differenti bħala parti minn proċessi, proċeduri u mekkaniżmi ta' governanza eżistenti fid-dipartimenti u l-unitajiet differenti. L-Aġenzija investiet sforzi sinifikanti f'kontrolli ġodda tad-direttivi f'oqsma bħall-ġestjoni tal-kuntratti, l-akkwist u t-tiftix ta' sorsi ta' provvista, kif ukoll għat-tranżizzjoni lejn il-mudell operattiv orizzontali. L-Aġenzija kompliet iżżid il-kontroll tagħha fuq it-teknoloġija u l-kontrolli tagħha fuq is-sigurtà tal-IT, b'riżultati tajbin. Barra minn hekk, l-eu-LISA saħħet aktar il-proċess ta' rapportar għall-eċċezzjonijiet billi organizzat rieżami biannwali tar-reġistru, u ffomalizzat is-segwitu tal-azzjonijiet ta' rimedju.

L-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Aġenzija qed isegwu proċeduri u proċessi stabbiliti sew li jappoġġaw l-ilhug ta' oġġettivi organizzattivi usa'. Fl-2022, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ il-kontrolli tagħha fuq il-ġestjoni tal-informazzjoni u rrevediet il-proċeduri ta' preżervazzjoni tad-dokumenti u l-politika ta' preservazzjoni fit-tul tagħha, filwaqt li adottat ukoll il-linji gwida dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti. L-eu-LISA kompliet timmaniġġja l-komunikazzjoni interna tagħha b'suċċess, filwaqt li indirizzat ukoll il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-eu-LISA żiedet iċ-ċarezza u l-viżibbiltà tal-kanali ta' komunikazzjoni separati disponibbli għall-persunal, eż., konsulenti kunfidenzjali u żvelar ta' informazzjoni protetta. Il-komunikazzjoni esterna twettqet ukoll f'konformità mal-pjan, u l-Aġenzija għamlet progress fil-komunikazzjoni relatata mal-kontrolli interni.

L-Aġenzija kompliet issaħħaħ il-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tal-kontrolli interni tagħha. Dawn huma bbażati fuq awtovalutazzjonijiet minn persunal fil-qasam tar-responsabbiltà tagħhom, dwar attivitajiet ta' rapportar, dwar l-analiżi tal-eċċezzjonijiet u tal-avvenimenti ta' nonkonformità, dwar l-implimentazzjoni tal-istrategġija kontra l-frodi, dwar l-awditi, kemm interni kif ukoll esterni, u fuq ir-reġistru tar-riskji korporattivi.

### 3.3. Dikjarazzjoni mill-Maniġer responsabbli mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern

Jien, is-sottoskritt,

il-Maniġer responsabbli mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

fil-kapaċità tiegħi bħala l-Maniġer responsabbli mill-Ġestjoni tar-Riskji u l-Kontroll Intern, jien niddikjara li, f'konformità mal-Qafas ta' Kontroll Intern tal-eu-LISA, jiena rrapportajt il-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tiegħi dwar l-istat ġenerali tal-kontroll intern fl-Aġenzija lid-Direttur Eżekuttiv.

Jien hawnhekk niċċertifika li l-informazzjoni pprovduta f'dan ir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività preżenti u l-annessi tiegħu hija, sa fejn naf jien, preċiża, affidabbli u kompleta.

Luca Tagliaretti



4

# MANAGEMENT ASSURANCE

Declarations of assurance.



# Assigurazzjoni tal-maniġment

## 4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni

Din it-taqsimha tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-elementi kostitwenti li fuqhom hija bbażata l-assigurazzjoni raġonevoli mogħtija mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni permezz tad-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni tiegħu fir-rapport annwali tal-attività. L-elementi kostitwenti tal-assigurazzjoni tal-Aġenzija huma miġbura fil-qosor kif ġej:

### ➤ Element kostitwenti 1: **Valutazzjoni mill-Maniġment**

**Valutazzjoni mill-Maniġment.** Il-maniġment tal-Aġenzija huwa raġonevolment fiduċjuż li, b'mod ġenerali, hemm fis-seħħ kontrolli xierqa u li dawn qed jiffunzjonaw kif maħsub. Barra minn hekk, ir-riskji qed jiġu mmonitorjati u mitigati kif xieraq, u qed jiġu implimentati diversi titjib u rinfurzar kif meħtieġ.

Barra minn hekk, il-maniġment tal-eu-LISA jirrikonoxxi l-ħtieġa li tinżamm l-effettività tal-qafas ta' kontroll intern tagħha, u li jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tiegħu għall-finijiet tal-ilħuq tal-oġġettivi tal-Aġenzija kif stabbiliti fir-Regolament li jstabbilixxi u fl-istrateġija fit-tul.

**Reġistru ta' eċċezzjonijiet u avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità.** Il-proċedura formali ġiet stabbilita fl-2013 u l-inji gwida rispettivi ġew żviluppati fl-2021. Il-proċedura tistabbilixxi miżuri xierqa sabiex ikun żgurat li kwalunkwe każ eċċezjonali ta' qbiż tal-kontrolli jew devjazzjonijiet mill-qafas regolatorju stabbilit tiġi spjegata bir-reqqa, irreġistrata u rrapportata f'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza. L-eċċezzjonijiet u l-avvenimenti ta' nonkonformità kollha jridu jiġu ddokumentati u rreġistrati, u l-eċċezzjonijiet kollha jridu jiġu approvati fil-livell xieraq qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni. Skont il-linj gwida tal-eu-LISA, il-maniġment għandu l-kompitu li jseġwi l-każijiet kollha rrapportati darbtejn fis-sena, permezz ta' rapport analitiku ddedikat.

Fl-2022, b'kollox ġew irreġistrati 21 eċċezzjoni u 10 avvenimenti ta' nonkonformità mill-eu-LISA. Il-każijiet irreġistrati kollha, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi u ta' mitigazzjoni, ġew analizzati u rieżaminati mill-maniġment tal-Aġenzija fi Q3 2022 u Q1 2023, li rriżultaw f'azzjonijiet ta' titjib biex titnaqqas l-okkorrenza tagħhom. Dawn l-analiżijiet intużaw ukoll biex jidentifikaw nuqqasijiet għall-valutazzjoni tal-effettività tal-QKI.

### ➤ Element kostitwenti 2: **Riżultati tal-awditi esterni**

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ħarġet id-dikjarazzjoni ta' assurazzjoni li ġejja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

**Opinjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet:** Fl-opinjoni tal-QEA, il-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fil-31 ta' Diċembru 2021, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabilità għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet:** Fl-opinjoni tal-QEA, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet:** Fir-rigward tal-pagamenti, il-QEA identifikat ammont totali ta' pagamenti ta' EUR 18.11-il miljun affettwat minn nuqqas ta' konformità, li jirrappreżenta 6.2 % tal-approprijazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2021, u b'hekk qabeż il-livell limitu ta' materjalità stabbilit għall-awditu u rriżulta f'opinijoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

### ➤ Element kostitwenti 3: **Segwitu ta' riżervi minn perjodi ta' rapportar preċedenti**

Id-dikjarazzjoni ta' assurazzjoni pprovduta mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2021 ma kien fiha l-ebda riżerva.

### 4.1.1. Konklużjoni

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-rapport, jista' jiġi konkluż li ma hemm l-ebda nuqqas sinifikanti fil-kontrolli interni li jista' jkollu impatt fuq id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

## 4.2. Riżervi

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta hawn fuq, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni ħareġ ir-riżervi li ġejjin fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-management għall-2022:

- id-dħul fis-seħħ tas-SIS imġedda ġie pospost minn Novembru 2022 għal Marzu 2023,
- il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA kkonkluda f'Jannar 2023 li d-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ f'Mejju 2023 ma kienx għadu fattibbli. Dan id-dewmien ippospona wkoll id-dħul fis-seħħ tal-sBMS,
- b'kunsiderazzjoni tal-osservazzjonijiet li jirriżultaw minn awditi interni u esterni, jeżistu dgħufijiet fil-kontroll fil-kuntest tal-programmi operazzjonali u tal-proġetti li jaffettwaw ir-regolarità tal-attivitajiet ta' akkwist u ta' ġestjoni tal-kuntratti mwettqa fis-sena finanzjarja 2022,
- il-proċess ta' litigazzjoni mal-kuntrattur tal-bini (relatat mal-ewwel estensjoni tas-sit tekniku tal-eu-LISA fi Strasburgu) li kompli quddiem il-Qorti tat-tieni istanza fi Strasburgu, ġie ffinalizzat fil-bidu tal-2023 permezz ta' medjazzjoni barra mill-qorti u l-iffirmar ta' ftehim bilaterali huwa imminenti).



5

**DECLARATION  
OF ASSURANCE**

# Dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni

Jien, is-sottoskritt,

id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA),

Fil-kapaċità tiegħi bħala Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni,

Niddikjara li l-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport tagħti ħarsa vera u ġusta.

Jien niddikjara wkoll li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop maħsub tagħhom u f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji neċessarji rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hi bbażata fuq il-ġudizzju proprju tiegħi u fuq l-informazzjoni disponibbli għalija, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni, il-kontrolli *ex post* (jiġifieri l-awditi tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea, l-awditi tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA u l-awditi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri) għas-snin ta' qabel is-sena ta' din id-dikjarazzjoni.

Jien nikkonferma li m'iniex konxju tal-ebda ħaġa li mhijiex irrapportata hawnhekk li tista' tkun ta' dannu għall-interessi tal-Aġenzija jew tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Madankollu, għandhom jiġu nnotati r-riżervi li ġejjin:

- Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA kkonkluda f'Jannar 2023 li d-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ f'Mejju 2023 ma kienx għadu fattibbli. Id-dewmien tal-programm tal-EES ippospona wkoll id-dħul fis-seħħ tal-sBMS. Bħalissa qed tiġi diskussa skeda ta' żmien ġdida u aktar realistika mal-partijiet ikkonċernati tal-Aġenzija, inklużi l-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill. L-iskeda ta' żmien estiża għad-dħul fis-seħħ x'aktarx li jkollha impatt fuq ir-riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji, meħtieġa biex jitlestha l-iżvilupp.
- Xprunata mit-trajettorja tat-tkabbir rapida tagħha, l-Aġenzija qed tiżviluppa sett ta' sistemi kumplessi u dettaljati. Hija qed tevolvi f'ambjent dinamiku li jeħtieġ aġilità, filwaqt li fl-istess ħin titlob ukoll konformità sħiħa mar-regoli tal-UE. Dan joħloq kuntest diffiċli b'mod partikolari.
- B'appoġġ għal din l-evoluzzjoni dinamika, l-eu-LISA għamlet dejjem aktar sforz biex tkompli ssaħħa is-sistemi u l-kapaċitajiet ta' kontroll intern tagħha u se tkompli tagħmel dan. FI-2023, l-Aġenzija se tkompli ssegwi dawn l-isforzi bħala inizjattivi ta' prijorità biex tikseb progress materjali fl-oqsma fejn huwa meħtieġ titjib, jiġifieri, kif huwa enfasizzat fir-rapport ta' valutazzjoni annwali tal-Qafas ta' Kontroll Intern u fl-awditi tal-2023, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġestjoni tal-kuntratti għall-programmi u l-proġetti operazzjonali.

Għandi nenfasizza wkoll li ħadt ir-rwol ta' Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA fis-16 ta' Marzu 2023.

[*Firma elettronika kwalifikata*]



# 6

## ANNEXES

Annexes provide a more detailed overview of utilising resources while ensuring additional transparency regarding the Agency's work and operations.

# Anness I. Statistiċi ewlenin tan-negozju

## Immaniġġjar operazzjonali tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI

### Disponibbiltà tas-sistema

Le	KPI Korporattiv	Mira	2020	2021	2022	Status
3	Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > ambra ≥ 99.50 % aħmar < 99.50 %		99.80 %	99.88 %	Milfuqa
6	Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS	aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > ambra ≥ 99.50 % aħmar < 99.50 %		99.98 %	99.94 %	Milfuqa
8	Disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS	aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > ambra ≥ 99.50 % aħmar < 99.50 %		99.98 %	99.69 %	Milfuqa

### Ħin tar-rispons

Le	KPI Korporattiv	Mira	2020	2021	2022	Status
4	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac	aħdar ≥ 99.45 % 99.45 % > ambra ≥ 90 % aħmar < 90 %		100.00 %	99.99 %	Milfuqa
7	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS	aħdar ≥ 99.5 % 99.5 % > ambra ≥ 99 % aħmar < 99 %		99.85 %	98.98 %	Mhux milfuqa
9	Ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS	aħdar = 100 % 100 % > ambra ≥ 90 % aħmar < 90 %		99.90 %	99.70 %	Milfuqa

### Disponibbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni

Le	KPI Korporattiv	Mira	2020	2021	2022	Status
5	Disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (WAN) (għas-SIS u għall-VIS)	aħdar ≥ 99.99 % 99.99 % > ambra ≥ 99.50 % aħmar < 99.50 %		99.9988 %	99.9984 %	Milfuqa

## Appoġġ operattiv u taħriġ

Le	KPI Korporattiv	Mira	2020	2021	2022	Status
16	<b>Taħriġ għall-Istati Membri dwar is-sistemi tal-ĠAI</b>					
	rata ta' sodisfazzjon (skala 1-6)	medja > 4	4.5	5.4	5.4	Milfuqa
19	<b>Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' utenti finali sodisfatti jew sodisfatti ħafna bl-operazzjoni ġenerali tas-sistemi tal-ĠAI</b>					
		≥ 80 %		95 %	97 %	Milfuqa
20	<b>Il-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA</b>					
		≥ 75 %		95.00 %	82.37 %	Milfuqa

## Sigurtà

Le	KPI Korporattiv	Mira	2020	2021	2022	Status
1	<b>Perċentwal tal-obiettivi tas-sigurtà implimentati (kif definit fil-leġiżlazzjoni)</b>					
		100 %	100 %	100 %	100 %	Milfuqa
2	<b>Għadd ta' eżerċizzji ta' emerġenza, ta' sigurtà u eżerċizzji relatati mal-kontinwità tal-operat imwettqa kull sena</b>					
		2	2	2	3	Milfuqa (wieħed f'kull sit)

## Il-governanza u l-konformità

Le	KPI Korporattiv	Mira	2020	2021	2022	Status
21	<b>Valutazzjoni tal-proġett: it-tlestija evalwata skont il-linja bażi tal-parametri definiti ta' kwalità / kost / ħin, filwaqt li jitqiesu t-tolleranzi tal-proġett</b>					
		< 10 %	9.19 %	15.75 %	16.59 %	Mhux milfuqa
22	<b>Ġestjoni tal-proġetti: il-valutazzjoni tal-konformità tal-proġetti kompluti skont il-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proġetti tal-eu-LISA matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett</b>					
	proġetti żgħar	> 75 %	mhux applikabbli	20 %	mhux applikabbli	L-ebda proġett żgħir fl-ambitu
	proġetti medji	> 80 %	71 %	76.2 %	66 %	Mhux milfuqa
	proġetti kbar	> 85 %	73.5 %	mhux applikabbli	74 %	Mhux milfuqa
23	<b>Awditu: (A) Perċentwal ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditu implimentati sal-iskadenzi stipulati</b>					
	kritiċi	100 %	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Mhux milfuqa
	importanti ħafna	≥ 90 %	67 %	72 %	63 %	Mhux milfuqa
	importanti	≥ 80 %	60 %	85 %	62 %	Mhux milfuqa
23	<b>Awditu: (B) L-għadd u l-età tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu pendenti</b>					
	rakkomandazzjonijiet pendenti għal inqas minn 6 xhur	≤ 4	2	3	4	Milfuqa parzjalment
	rakkomandazzjonijiet pendenti bejn 6 xhur u sena	≤ 2	1	0	0	Milfuqa
	rakkomandazzjonijiet pendenti għal aktar minn sena (1)	≤ 1	10	6	8	Mhux milfuqa

## Amministrazzjoni u appoġġ ġenerali

Le	KPI Korporattiv	Mira	2020	2021	2022	Status
15	<b>Indikatur ambjentali: marka tal-karbonju</b>					
	linja bażi:		341.04 tunnellata	401 tunnellata	570 tunnellata <sup>152</sup>	ambitu modifikat
10	<b>Rata ta' kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti</b>					
	< 5 %		13.60 %	7.00 %	10.6 %	<b>mhux milħuqa</b>
11	<b>Rata tal-implimentazzjoni tal-impenji baġitarji (%)</b>					
	95-99 %		99.10 %	100.00 %	99.0 % (inkluż riport mhux awtomatiku)	<b>milħuqa</b>
12	<b>Rata ta' implimentazzjoni tal-pagamenti (%)</b>					
	> 95 %		99.00 %	99.00 %	91.6 %	<b>mhux milħuqa</b>
13	<b>Il-proporzjon tar-riżorsi amministrattivi vs ir-riżorsi operazzjonali mqabbla mar-riżorsi umani kollha (persunal u SNEs) (%)</b>					
	amministrattiv	20 %	16.50 %	16.90 %	16.3 %	<b>milħuqa</b>
	operazzjonali	70 %	72.50 %	73.20 %	74.7 %	<b>milħuqa</b>
14	<b>Il-proporzjon ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji (%)</b>					
	> 87.5 %		95.90 %	99.00 %	90.1 %	<b>milħuqa</b>
17	<b>Effiċjenza tal-proċess tal-akkwist</b>					
	< 25 %		11 %	21.40 %	9.5	<b>milħuqa</b>
18	<b>Ġestjoni tal-akkwiżizzjoni: proġetti ta' akkwist skont l-iskeda</b>					
	> 60 %		163.6 %	80.10 %	140	<b>milħuqa</b>
24	<b>Rata annwali ta' assenteiżmu:</b>					
	a) l-għadd medju ta' jiem ta' mard	< 15-il jum għal kull impjegat		4.1 jiem	7.5 jiem	<b>milħuqa</b>
	b) % ta' persunal fuq liv minħabba mard,	< 10 %		3.2 %	4.6 %	<b>milħuqa</b>
	c) % tal-persunal li ma jiħux liv minħabba mard	> 15 %		51.6 %	42 %	<b>milħuqa</b>
25	<b>Dawran annwali tal-impjegati (%)</b>					
	≤ 5 %			5.48 %	7.1 %	<b>mhux milħuqa</b>
26	<b>Rata ta' okkupanza annwali (%)</b>					
	> 94 %			94.2 %	82 %	<b>mhux milħuqa</b>
27	<b>Indiċi taż-żamma tat-talenti</b>					
	> 0			0.2	0.3	<b>milħuqa</b>
28	<b>Livell ta' impenn tal-persunal</b>					
	≥ 63 %			7.3 (indiċi) <sup>153</sup>	7.3	<b>milħuqa</b>
29	<b>Impatt tal-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA</b>					
	a) media soċjali	+200 segwaċi fuq kull pjattaforma kull sena	LinkedIn: +1888 Twitter: +477 Facebook: +332	YouTube: +37 % Twitter: +35 % Facebook: +20 %	LinkedIn: +42 % YouTube: +25 % Twitter: +21 % Facebook: +15 %	<b>milħuqa</b>
	b) sodisfazzjon bl-avvenimenti ta' involviment	> 90 %	84 %	80 %	86.3 %	<b>milħuqa parzjalment</b> (minħabba impenji online)
	c) rata ta' parteċipazzjoni	> 95 %	105 % <sup>154</sup>	95 %	95.3 %	<b>milħuqa</b>

<sup>152</sup> Tinkludi l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-bini tal-uffiċċju temporanju f'Ilkirkch, fi Strasburgu, Franza.

<sup>153</sup> Il-metodu tal-ġbir tad-*data* nbidel. Dan l-indiċi huwa 73 %.

<sup>154</sup> Dan huwa minħabba l-format miċċidul tal-parteċipazzjoni. Il-linja bażi ġiet stabbilita għall-parteċipazzjoni personali iżda minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19, l-avveniment kellu jsir online biss, u dan ippermetta żieda konsiderevoli fl-għadd ta' parteċipanti.



30 L-impatt tal-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA (stħarriġ dwar is-sodisfazzjon)						
a) rata ta' parteċipazzjoni	> 51 %	52 %	55 %	59 %		milfuqa
b) rata ta' sodisfazzjon (kanali interni u attivitajiet għall-persunal)	> 70 %	93 %	93 %	91 %		milfuqa

# Anness II. Statistiki dwar il-ġestjoni finanzjarja

## Baġit inizjali, trasferimenti u baġits emendatorji

It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor it-trasferimenti baġitarji interni operati mill-Aġenzija għall-fondi C1 fl-2022.

Kapitolu tal-Baġit	Approprjazzjonijiet ta' impenn (f'miljuni ta' EUR)			Approprjazzjonijiet ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)				
	Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali	Baġit inizjali	Trasferimenti	Baġit emendatorju	Baġit finali
A-11 Salarji u benefiċċji	41.25	-4.58		36.67	41.25	-4.58		36.67
A-12 Nefqa relatata mar-reklutaġġ	1.06			1.06	1.06			1.06
A-13 Spejjeż ta' Missjonijiet	0.66			0.66	0.66			0.66
A-14 Infrastruttura Soċjo-Medika	2.23	-0.11		2.13	2.23	-0.11		2.13
A-15 Taħriġ għall-Persunal	0.60	0.11		0.71			0.11	0.71
<b>TITOLU 1 - NEFQA FUQ IL-PERSUNAL</b>	<b>45.80</b>	<b>-4.58</b>		<b>41.22</b>	<b>45.80</b>	<b>-4.58</b>		<b>41.22</b>
A-20 Nefqa fuq il-bini	3.92	0.57		4.49	3.92	0.57		4.49
A-21 IT Korporattiv u Telekomm	4.10	0.00		4.10	4.10	0.00		4.10
A-22 Proprietà Mobbli u Spejjeż Assoċjati	0.29	-0.11		0.18	0.29	-0.11		0.18
A-23 Nefqa Amministrattiva Kurrenti	1.86	-0.55		1.30	1.86	-0.55		1.30
A-24 Posta	0.04	-0.02		0.02	0.04	-0.02		0.02
A-25 Bord tat-Tmexxija	0.71	-0.20		0.51	0.71	-0.20		0.51
A-26 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet	0.55	0.85		1.40	0.55	0.85		1.40
A-27 Servizzi ta' Appoġġ Estern	8.35	1.49		9.84	8.35	1.49		9.84
A-28 Sigurtà	4.26	-0.61		3.65	4.26	-0.61		3.65
<b>TITOLU 2 - NEFQA INFRASTRUTTURALI u OPERAZZJONALI</b>	<b>24.07</b>	<b>1.42</b>		<b>25.49</b>	<b>24.07</b>	<b>1.42</b>		<b>25.49</b>
B3-0 Infrastruttura	101.98	22.99		124.97	90.63	-11.18		79.45
B3-1 Applikazzjonijiet	136.74	-18.06		118.68	127.39	15.34		142.73
B3-8 Attivitajiet ta' appoġġ operazzjonali	11.05	-1.77		9.27	8.61	-0.99		7.62
<b>TITOLU 3 - NEFQA OPERAZZJONALI</b>	<b>249.77</b>	<b>3.16</b>		<b>252.93</b>	<b>226.64</b>	<b>3.16</b>		<b>229.80</b>
<b>TOTAL</b>	<b>319.64</b>	<b>0.00</b>		<b>319.64</b>	<b>296.51</b>	<b>0.00</b>		<b>296.51</b>

## Implimentazzjoni tal-baġit tal-eu-LISA għas-sena 2022 (sors ta' finanzjament C1)

Biss fir-rigward tal-appropriazzjonijiet tal-2022 — sors ta' finanzjament C1.

Titlu tal-baġit	Impenji (C1, f'miljuni ta' EUR)			Pagamenti (C1, f'miljuni ta' EUR)		
	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%	Ibbaġitjat	Ikkunsmat	%
<b>Titlu 1 – Nefqa fuq il-persunal</b>	<b>41.22</b>	<b>38.03</b>	<b>92.3 %</b>	<b>41.22</b>	<b>38.03</b>	<b>92.2 %</b>
<i>li minnu, implimentat</i>		38.03	92.3 %		37.36	90.6 %
<i>li minnu b'riport awtomatiku</i>					0.67	1.6 %
<b>Titlu 2 – Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali</b>	<b>25.49</b>	<b>25.49</b>	<b>100.0 %</b>	<b>25.49</b>	<b>25.49</b>	<b>100.0 %</b>
<i>li minnu, implimentat</i>		25.49	100 %		11.78	46.2 %
<i>li minnu b'riport awtomatiku</i>					13.71	53.8 %
<b>Titlu 3 – Nefqa operazzjonali</b>	<b>252.93</b>	<b>252.93</b>	<b>100.0 %</b>	<b>229.80</b>	<b>207.95</b>	<b>90.5 %</b>
<i>li minnu, implimentat</i>		227.78	90.1 %		207.95	90.5 %
<i>li minnu riport mhux awtomatiku</i>		25.15	9.9 %		-	-
<b>TOTAL</b>	<b>319.64</b>	<b>316.45</b>	<b>99.0 %</b>	<b>296.51</b>	<b>271.47</b>	<b>91.6 %</b>

<i>li minnu, implimentat</i>	291.29	91.1 %	257.09	86.7 %
<i>li minnu riport mhux awtomatiku u riport awtomatiku</i>	25.15	7.9 %	14.368	4.8 %

## Implimentazzjoni tal-baġit minn sorsi ta' finanzjament oħrajn

Minbarra l-baġit għas-sena (sors ta' finanzjament C1), l-Aġenzija implimentat approprjazzjonijiet minn:

- dħul assenjat intern (sors ta' finanzjament C4),<sup>155</sup>
- ir-riport ta' impenji differenzjati fit-Titolu 3 u mhux differenzjati fit-Titoli 1 u 2 u l-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti (mhux differenzjati biss) mis-snin preċedenti (sors ta' finanzjament C8),<sup>156</sup>
- id-dħul assenjat estern, bħala kontribuzzjoni mill-pajjiżi assoċjati skont l-Artikolu 46(3)(b) tar-Regolament li jstabilixxi l-eu-LISA (sors ta' finanzjament R0,<sup>157</sup> Titolu 3 biss).

Titolu tal-Baġit	Sors ta' Finanzjament	Impenn			Pagament		
		Ibbaġitjat (f'miljuni ta' EUR)	Ikkunsmat (f'miljuni ta' EUR)	%	Ibbaġitjat (f'miljuni ta' EUR)	Ikkunsmat* (f'miljuni ta' EUR)	%
A-1 Nefqa fuq il-persunal	C1	41.22	38.03	92.3 %	41.22	37.36	90.6 %
	C4	0.00	0.00	100 %	0.00	0.00	100 %
	C8	0.70	0.48	69.0 %	0.70	0.48	69.0 %
	<b>Subtotal</b>	<b>41.92</b>	<b>38.51</b>	<b>91.9 %</b>	<b>41.92</b>	<b>37.85</b>	<b>90.3 %</b>
A-2 Nefqa Infrastrutturali u Operazzjonali	C1	25.49	25.49	100.0 %	25.49	11.78	46.2 %
	C4	0.02	0.02	100 %	0.02	0.00	20.6 %
	C8	11.10	10.08	90.7 %	11.10	10.08	90.7 %
	<b>Subtotal</b>	<b>36.61</b>	<b>35.58</b>	<b>97.2 %</b>	<b>36.61</b>	<b>21.86</b>	<b>59.7 %</b>
B0-3 Nefqa Operazzjonali	C1**	252.93	252.93	100 %	229.80	207.95	90.5 %
	C8	349.36	348.25	99.7 %			
	R0	58.67	0.00	0.0 %	58.67	0.00	0.0 %
	<b>Subtotal</b>	<b>660.96</b>	<b>601.18</b>	<b>91.0 %</b>	<b>288.47</b>	<b>207.95</b>	<b>72.1 %</b>
<b>TOTAL</b>		<b>739.49</b>	<b>675.28</b>	<b>91.3 %</b>	<b>367.00</b>	<b>267.66</b>	<b>72.9 %</b>

▪ \* Għal Titolu 3 C1, EUR 57.06 miljun jirreferu għall-pagamenti ta' impenji tas-sena. Il-bqija, li jammontaw għal EUR 150.90 miljun intużaw biex ikopru impenji minn snin preċedenti.

▪ \*\* L-impenn ikkunsmat jinkludi riport mhux awtomatiku ta' EUR 25.15 miljun.

<sup>155</sup> Appropriazzjonijiet mid-dħul intern assenjat tas-sena.

<sup>156</sup> Ir-riport ta' impenji (differenzjati u mhux differenzjati) u appropriazzjonijiet ta' pagament (mhux differenzjati). Meta jsiru impenji fir-rigward ta' appropriazzjonijiet mhux differenzjati u l-ammonti korrispondenti ma jkunux tħallsu kompletament, l-appropriazzjonijiet ta' pagament li jikkorrispondu għall-ammont ta' impenn pendenti jiġu riportati awtomatikament għas-sena finanzjarja li jmiss biss. F'dan il-każ, is-sors tal-fond imbagħad jinbidel minn C1 għal C8. Għalhekk, l-appropriazzjonijiet jiġu riportati għas-sena ta' wara u l-impenji korrispondenti jiġu riportati. Fil-każ ta' appropriazzjonijiet differenzjati li l-ammonti impenjati għalihom ikunu għadhom ma tħallsux, l-impenji jiġu riportati awtomatikament, bħalma huma l-appropriazzjonijiet ta' impenn korrispondenti (jiġifieri sors ta' finanzjament C8). L-appropriazzjonijiet ta' pagament, min-naħa l-oħra, mhumiex riportati, u se jkollhom jinstabu sorsi oħrajn ta' finanzjament għas-sena ta' wara (jiġifieri, sors ta' finanzjament C1).

<sup>157</sup> Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern (tas-sena u riportati).

## Trasferimenti baġitarji mwettqa fl-2022

Matul l-2022, l-operazzjonijiet ta' trasferiment intern li ġejjin twettqu skont l-Artikolu 26 tar-Regolamenti Finanzjarji tal-Aġenzija. Il-ħsieb għat-trasferimenti kien li tiġi żgurata l-allokazzjoni ottimali tal-baġit tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. L-Aġenzija wettqet tliet trasferimenti f'konformità mal-Artikolu 26(1) tar-Regolamenti Finanzjarji tal-eu-LISA. Ma seħħ l-ebda trasferiment skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolamenti Finanzjarji tal-Aġenzija.

Trasferiment baġitarju <sup>158</sup>	Titolu tal-Baġit	Titolu 1 Infiq fuq il-persunal		Titolu 2 Infrastruttura u nfiq operazzjonali		Titolu 3 Nefqa operazzjonali	
	Referenza	Appropriazzjoni ta' Impenn	Appropriazzjoni ta' Pagament	Appropriazzjoni ta' Impenn	Appropriazzjoni ta' Pagament	Appropriazzjoni ta' Impenn	Appropriazzjoni ta' Pagament
1	LIS.4351					Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
2	LIS.4367	-984,000	-984,000	984,000	984,000	Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
	LIS.4368					Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
3	LIS.4371					Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
4	LIS.4376	-1,000,000	-1,000,000	1,000,000	1,000,000	Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
5	LIS.4386	Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju		Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju		Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
6	LIS.4395	Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju		Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju		Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
	LIS.4396			Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju			
7	LIS.4408			Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju		Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
8	LIS.4424					Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
	LIS.4425	-2,595,500	-2,595,500	-567,988	-567,988	3,163,488	3,163,488
9	LIS.4428					Trasferiment fi ħdan it-titolu baġitarju	
<b>TOTAL</b>		<b>-4,579,500</b>	<b>-4,579,500</b>	<b>1,416,012</b>	<b>1,416,012</b>	<b>3,163,488</b>	<b>3,163,488</b>

## Lista dettaljata tat-trasferimenti baġitarji (is-sorsi kollha tal-fondi)

Nru. tat-trasferiment baġitarju	Referenza	Data	Linja Baġitarja	Appropriazzjoni ta' Impenn	Appropriazzjoni ta' Pagament
1	LIS.4351	10/03/2022	B03100 Proġetti tas-SIS II	-1,500,000.00	-1,500,000.00
			B03101 Manutenzjoni operazzjonali tas-SIS II	-6,000.00	0.00
			B03102 Riformulazzjoni tas-SIS II	1,506,000.00	1,500,000.00
			B03110 Proġetti tal-VIS/BMS	-3,808,608.02	0.00
			B03120 Proġetti tal-Eurodac	3,808,608.02	0.00
			B03010 Proġetti tal-EES	6,000,000.00	0.00
			B03131 Manutenzjoni operazzjonali tal-EES	-6,000,000.00	0.00
			B03810 Appoġġ Estern	0.00	-146,955.00

<sup>158</sup>It-trasferimenti baġitarji bejn it-titoli huma indikati f'valur sħiħ feuro.

Nru. tat-trasferiment baġitarju	Referenza	Data	Linja Baġitarja	Approprjazzjoni ta' Impenn	Approprjazzjoni ta' Pagament
			B03811 Konsulenti u studji	0.00	146,955.00
			B03822 Evalwazzjonijiet ta' Schengen	49,500.00	49,500.00
			B03831 Taħriġ għall-Istati Membri	-49,500.00	-49,500.00
2	LIS.4367	21/04/2022	A01110 Salarji u benefiċċji tas-CA	-984,000.00	-984,000.00
			A01400 Eżamijiet mediċi annwali	31,000.00	31,000.00
			A01403 Attivitajiet soċjali	-31,000.00	-31,000.00
			A02600 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet	984,000.00	984,000.00
			B03000 Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża	19,000,000.00	19,000,000.00
			B03002 Sit ta' backup – kostijiet operazzjonali	0.00	250,000.00
			B03003 Interoperabbiltà	-8,000,000.00	-8,000,000.00
			B03010 Networks fuq żona wiesgħa	0.00	-4,000,000.00
			B03102 Riformulazzjoni tas-SIS II	0.00	2,400,000.00
			B03110 Proġetti tal-VIS/BMS	0.00	-1,200,000.00
			B03120 Proġetti tal-Eurodac	0.00	340,000.00
			B03010 Proġetti tal-EES	0.00	3,500,000.00
			B03131 Manutenzjoni operazzjonali tal-EES	-3,000,000.00	-6,500,000.00
			B03140 Proġetti tal-ETIAS	-4,000,000.00	0.00
			B03150 Proġetti tal-ECRIS	-4,000,000.00	-5,790,000.00
	LIS.4368		B03000 Infrastruttura tas-Sistema Kondiviża	6,900,000.00	6,900,000.00
			B03101 Manutenzjoni operazzjonali tas-SIS II	-2,300,000.00	-2,300,000.00
			B03111 Manutenzjoni operazzjonali tal-VIS/BMS	-2300000.00	-2300000.00
			B03121 Manutenzjoni operazzjonali tal-Eurodac	-2300000.00	-2300000.00
3	LIS.4371	28/06/2022	B03002 Sit ta' backup – kostijiet operazzjonali	300,000.00	0.00
			B03003 Interoperabbiltà	0.00	-4000000.00
			B03100 Proġetti tas-SIS II	0.00	3,000,000.00
			B03102 Riformulazzjoni tas-SIS II	0.00	1,000,000.00
			B03110 Proġetti tal-VIS/BMS	-1,461,606.00	-2,000,000.00
			B03120 Proġetti tal-Eurodac	1,161,606.00	0.00
			B03010 Proġetti tal-EES	0.00	2,000,000.00
			B03140 Proġetti tal-ETIAS	0.00	2,000,000.00
			B03150 Proġetti tal-ECRIS	0.00	-2,000,000.00
			B03810 Appoġġ Estern	500,000.00	500,000.00
			B03831 Taħriġ għall-Istati Membri	-500,000.00	-500,000.00
4	LIS.4376	08/08/2022	A01100 Salarji u benefiċċji tat-TA	-1,000,000.00	-1,000,000.00
			A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ	1,000,000.00	1,000,000.00
			B03003 Interoperabbiltà	0.00	-7,000,000.00
			B03010 Networks fuq żona wiesgħa	0.00	-7,400,000.00
			B03100 Proġetti tas-SIS II	0.00	3,500,000.00
			B03110 Proġetti tal-VIS/BMS	-3,814,123.22	-6,300,000.00
			B03111 Manutenzjoni operazzjonali tal-VIS/BMS	0.00	1,800,000.00
			B03120 Proġetti tal-Eurodac	0.00	1,000,000.00
			B03010 Proġetti tal-EES	1,814,123.22	7,400,000.00
			B03140 Proġetti tal-ETIAS	0.00	7,000,000.00
			B03150 Proġetti tal-ECRIS	0.00	-2360000.00
			B03810 Appoġġ Estern	3,500,000.00	3,300,000.00
			B03811 Konsulenti u studji	0.00	60,000.00
			B03820 Gruppi Konsultattivi	-500,000.00	-500,000.00

Nru. tat-trasferiment baġitarju	Referenza	Data	Linja Baġitarja	Approprijazzjoni ta' Impenn	Approprijazzjoni ta' Pagament
			B03831 Taħriġ għall-Istati Membri	-1,000,000.00	-500,000.00
5	LIS.4386	27/09/2022	A01402 Skola Ewropea	-100,000.00	-100,000.00
			A01500 Taħriġ għall-persunal	100,000.00	100,000.00
			A02000 Nefqa fuq il-bini	98,189.00	98,189.00
			A02200 Apparat Tekniku Ieħor u Installazzjoni	-98,189.00	-98,189.00
			B03001 Sigurtà tas-sistema u tal-kontinwità tal-operat	180,000.00	0.00
			B03100 Proġetti tas-SIS II	200,000.00	0.00
			B03101 Manutenzjoni operazzjonali tas-SIS II	-200,000.00	0.00
			B03110 Proġetti tal-VIS/BMS	-180,000.00	0.00
			B03010 Proġetti tal-EES	13,961,000.00	0.00
			B03131 Manutenzjoni operazzjonali tal-EES	-247,194.00	0.00
			B03150 Proġetti tal-ECRIS	-13,713,806.00	0.00
6	LIS.4395	06/12/2022	A01402 Skola Ewropea	-5,000.00	-5,000.00
			A01500 Taħriġ għall-persunal	5,000.00	5,000.00
			A02000 Nefqa fuq il-bini	461,000.00	461,000.00
			A02100 IT Korporattiv u Telekomunikazzjoni	-29.04	-29.04
			A02210 Għamara u Apparat tal-Uffiċċju	-9,971.22	-9,971.22
			A02220 Dokumentazzjoni u Nefqa tal-Librerija	-1,767.73	-1,767.73
			A02300 Provvisti għall-Uffiċċju	-25,556.42	-25,556.42
			A02320 Spejjeż Legali	-93,000.00	-93,000.00
			A02331 Tariffi u drittijiet fuq ir-riżorsi umani	-2,551.85	-2,551.85
			A02400 Posta	-22,500.00	-22,500.00
			A02510 Laqgħat oħrajn	-100,462.63	-100,462.63
			A02600 Informazzjoni u Pubblikazzjonijiet	-102,236.83	-102,236.83
			A02700 Servizzi Esterni ta' Appoġġ	190,236.83	190,236.83
<b>Abbozzar tar-rapport ta' ħidma annwali 2021 u r-rapportar dwar il-konformità tal-protezzjoni tad-data lill-Bord tat-Tmexxija (Funzjoni tal-protezzjoni tad-data: Informazzjoni)</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>Ir-Rapport ta' Ħidma Annwali tal-UPD tal-2021 ippreżentat lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA u ppubblikat online,</li> <li>rapport tal-istatus intermedju dwar il-protezzjoni tad-data ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA f'Marzu 2022.</li> </ul>	<p>riżultati tanġibbli pprovduti skont l-iskadenzi</p>	<p>ġimagħtejn qabel il-laqgħat tal-Bord</p>	<p><b>Kif ipplanat</b></p>

Proġett/kompitu	Deskrizzjoni tal-eżiti ewlenin imwettqa fl-2022	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Status u valur
<b>Monitoraġġ tal-konformità mal-protezzjoni tad-<i>data</i></b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>rapporti dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu (kemm interni kif ukoll esterni) ippreżentati lid-Direttur Eżekuttiv (ED),</li> <li>attivitajiet ta' segwitu relatati mar-rapporti ta' spezzjoni tal-EDPS dwar is-SIS, il-VIS u l-Eurodac, inklużi sessjonijiet ta' segwitu (interni) trimestrali, rapporti ppreżentati lill-EDPS fi Q1 u Q2, u ppreżentati lill-eu-LISA ED u lill-ACFC tal-Bord fi Frar/Ġunju.</li> </ul>	<p>(1) rapporti ta' konformità mal-protezzjoni tad-<i>data</i></p> <p>(2) stħarriġ annwali dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i><sup>164</sup></p>	<p>(1) ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditu implimentati u segwiti</p>	<p><b>Kif ipplanat</b></p> <p>(1) milfuqa</p>
<b>L-organizzazzjoni ta' attivitajiet tal-protezzjoni tad-<i>data</i> (Funzjoni tal-protezzjoni tad-<i>data</i>: Organizzazzjoni)</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li><b>ksur ta' <i>data</i>:</b> reġistru ċentrali miżmum aġġornat (erba' każijiet ta' ksur irrapporjat fl-2022); appoġġ lill-kontrolluri tad-<i>data</i> (f'konformità mal-linji gwida tal-EDPS); notifika f'waqtha tal-eu-LISA ED, tal-EDPS u tas-suġġetti tad-<i>data</i> affettwati (l-Art. 34 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725),<sup>165</sup> il-mudelli rilevanti u r-riżorsi online rieżaminati u aġġornati regolament;</li> <li>attivitajiet ta' pproċessar bħala kontrollur tad-<i>data</i>: reġistru tal-attivitajiet iddedikat jinżamm aġġornat u jsir pubbliku mingħajr dewmien; il-forniment ta' struzzjonijiet u mudelli pass pass dwar id-dokumentazzjoni tar-rekords tal-attività; mudelli rilevanti u riżorsi online rieżaminati u aġġornati b' mod regolari;</li> <li>l-attivitajiet ta' pproċessar bħala proċessur tad-<i>data</i>: reġistru ddedikat iffinalizzat; struzzjonijiet pass pass u mudelli dwar id-dokumentazzjoni tal-attivitajiet magħmula disponibbli.</li> </ul>	<p>(1) ir-reġistru pubbliku tal-attivitajiet ta' pproċessar tal-eu-LISA (l-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725)</p> <p>(2) ġranet għar-reġistrazzjoni ta' ksur tad-<i>data</i> fir-reġistru (minn meta jasal rapport komplut u vvalidat dwar il-ksur tad-<i>data</i>)</p>	<p>(1) reġistru pubbliku tal-attivitajiet ta' pproċessar tal-eu-LISA jiġi aġġornat mill-inqas darba fix-xahar</p> <p>(2) reġistru tal-ksur tad-<i>data</i> tal-eu-LISA jiġi aġġornat fi żmien 15-il jum tax-xogħol</p>	<p><b>Kif ipplanat</b></p> <p>(1) milfuqa</p> <p>(2) milfuqa</p> <p>Fi tmien l-2022, ir-reġistru kien jinkludi 121 rekord (inklużi sebgħa reġistrati fl-2022).</p>
<b>Il-provvista ta' rakkomandazzjonijiet u l-ġhoti ta' pariri dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 2018/1725 (Funzjoni tal-protezzjoni tad-<i>data</i>: Pariri)</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>appoġġ u pariri lill-kontrolluri tad-<i>data</i> (u lill-persunal responsabbli) dwar rekords ġodda ta' attivitajiet ta' pproċessar (erba' każijiet ta' ksur irrapporjati fl-2022), kif ukoll dwar klawżoli ta' trasferiment internazzjonali u ftehimiet bejn il-kontrollur tad-<i>data</i> u l-proċessur,</li> <li>appoġġ/rakkomandazzjonijiet lis-sidien tal-prodotti (jiġifieri, is-SIS, il-VIS, l-Eurodac) dwar il-ħolqien ta' rekords bħala proċessuri tad-<i>data</i>,</li> <li>pariri dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-<i>data</i> (DPIAs).</li> </ul>	<p>(1) talbiet riċevuti minn sidien tan-negozji</p>	<p>(1) 80 % jiġu sottomessi fi stadju bikri tal-proġett</p> <p>(2) 60 % huma ssodisfati</p> <p>(3) 60 % huma ssodisfati fiż-żmien miftiehem</p>	<p><b>Kif ipplanat</b></p> <p>(1) milfuqa</p> <p>(2) milfuqa</p> <p>(3) milfuqa</p>

<sup>164</sup> Fl-2022, l-istħarriġ annwali dwar il-protezzjoni tad-*data* ġie sospiż minħabba riżorsi insuffiċjenti. Minflok, l-UPD iffoka fuq l-ġhoti ta' gwida dwar il-protezzjoni tad-*data* u appoġġ għall-aktar prijoritajiet kritiċi tal-eu-LISA: jiġifieri, is-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI ġodda u eżistenti, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu tal-EDPS u l-koordinazzjoni tal-awditi l-ġodda tal-EDPS.

<sup>165</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-**iproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji** tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39–98.



Proġett/kompitu	Deskrizzjoni tal-eżiti ewlenin imwettqa fl-2022	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Status u valur
<b>Żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i></b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ sessjonijiet ta' taħriġ: sessjoni ta' logħob tal-mejda fil-Jum tal-Protezzjoni tad-<i>Data</i> (f'Jannar, 100 parteċipant); sessjoni ta' onboarding għall-impjegati l-ġodda (f'April, 25 parteċipant); sessjonijiet ta' taħriġ personali għall-kontrolluri jew il-proċessuri tad-<i>data</i>; webinar ta' taħriġ personalizzat tal-EDPS (f'Ottubru, 75 parteċipant);</li> <li>■ bullettini: 20 artiklu kondiviż permezz ta' 15-il bullettin ta' kull ġimgħa, inkluża ħarġa ddedikata "Flashback" f'Diċembru;</li> <li>■ intranet tal-UPD: rieżamijiet u aġġornamenti regolari, żewġ taqsimiet ġodda: "Trasferimenti internazzjonali" u "Klawżoli dwar il-Protezzjoni tad-<i>Data</i>: Ir-relazzjoni bejn il-Kontrollur u l-Proċessur";</li> <li>■ wara l-adozzjoni ta' klawżoli kuntrattwali standard (SCC) ġodda għal trasferimenti internazzjonali ta' <i>data</i> personali lil pajjiżi barra mill-UE/iż-ŻEE, l-UPD tal-eu-LISA beda jħarreġ lill-kontrolluri tad-<i>data</i> interni kollha, inkluż dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt tat-trasferiment (TIAs).</li> <li>■</li> <li>■</li> </ul>	<p>(1) sessjonijiet ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-<i>data</i> u l-ksur tad-<i>data</i> personali</p> <p>(2) materjal ta' informazzjoni mxerred permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni interni (jiġifieri, bullettini, posta elettronika, intranet, eċċ.)</p>	<p>minimu ta' 15-il nota ta' sensibilizzazzjoni informattiva (fis-sena) kondiviżi mal-persunal tal-eu-LISA</p>	<p><b>Kif ippjanat</b> milfluqa</p>
<b>Ġestjoni tar-riżorsi umani</b>				
<b>Il-kompetenza u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet relatati mal-operazzjonijiet</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ finalizzazzjoni tal-pjan ta' taħriġ dwar il-kapaċitajiet operazzjonali, sessjonijiet ta' informazzjoni għall-persunal, inklużi dawk imfassla għall-unitajiet/is-setturi, żieda fl-għadd ta' talbiet individwali għal taħriġ meta mqabbel mal-2021.</li> </ul>	<p>(1) attivitajiet ta' taħriġ imwettqa</p> <p>(2) rata ta' sodisfazzjon</p>	<p>(1) 90 % tal-attivitajiet tal-pjan ta' taħriġ implimentati</p> <p>(2) &gt; 85 % sodisfazzjon</p>	<p><b>Taħt il-mira</b></p> <p>(1) 80 % minħabba kapaċità limitata u fatturat għoli</p> <p>(2) 82 % (mhux affidabbli minħabba rata baxxa ta' rispons)</p>

Proġett/kompitu	Deskrizzjoni tal-eżiti ewlenin imwettqa fl-2022	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Status u valur
<b>Aktar konsolidazzjoni tal-Aġenzija wara t-tkabbir u t-trasformazzjoni b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>adozzjoni ta' linji gwida riveduti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u regoli ġodda dwar l-inkjesti amministrattivi, enfasi ewlenija fuq id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u r-reklutaġġ,</li> <li>rapportar tar-riżorsi umani (fis-Sysper): ittestjar tal-aċċettazzjoni tal-utent komplut,</li> <li>prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess: diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' sottomissjoni tad-dikjarazzjoni (inklużi talbiet għall-implimentazzjoni).</li> </ul>	<p>(1) rata annwali ta' assenteiżmu<sup>166</sup></p> <p>(2) indiċi taż-żamma tat-talenti</p> <p>(3) proporzjon ta' amministrazzjoni /riżorsi operazzjonali tar-riżorsi umani</p> <p>(4) prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess<sup>167</sup></p> <p>(5) rata annwali ta' dawran tal-impjegati (%)</p> <p>(6) rata ta' okkupanza annwali (%)</p>	<p>(1) rata annwali ta' assenteiżmu: &lt; 15-il jum / &lt; 10 % / &gt; 15 %</p> <p>(2) &gt; 0</p> <p>(3) 20 / 70 %</p> <p>(4) rata ta' sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet: 100 % (inkluż &gt; 80 % fil-ħin) / &gt; 90 % evalwati / mhux disponibbli</p> <p>(5) &lt; 5 %</p> <p>(6) &gt; 90 %</p>	<p><b>Parzjalment kif ipplanat</b></p> <p>(1) 4.1 jiem ta' mard għal kull impjegat / 3.2 % fuq liv tal-mard fit-tul / 51.6 % l-ebda liv tal-mard</p> <p>(2) 0.3<sup>168</sup></p> <p>(3) 16 % / 74 %</p> <p>(4) 97 % rata ta' sottomissjoni (inkluż 90 % fil-ħin / 100 % evalwati / 1 % bil-miżuri)</p> <p>(5) 7.1 %</p> <p>(6) 82.4 % minħabba d-dawran tal-impjegati, inkluża l-unità tar-riżorsi umani</p> <p>→ għal aktar, ara t-taqsima 2.5.4, u Anness I għall-KPIs Nru 13 u 24 sa 28.</p>
<b>L-iżvilupp organizzazzjonali u t-trasformazzjoni kulturali</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>Frar, s'fharriġ dwar l-impenn tal-persunal (punteġġ globali ta' 7.3),</li> <li>workshops dwar ir-riżorsi umani ibbażati fuq il-kompetenzi organizzati għall-unitajiet kollha,</li> <li>qafas ta' kompetenza: l-ittestjar ta' profili ta' rwoli ġodda għal-laqqgħat tad-dħul ta' postijiet tax-xogħol vakanti,</li> <li>twettaq eżerċizzju dijanjostiku tar-riżorsi umani għall-valutazzjoni tal-kwalità tas-servizz u biex isiru aġġustamenti abbażi tal-ħtiġijiet organizzazzjonali.</li> </ul>	<p>(1) s'fharriġ dwar l-impenn tal-persunal</p> <p>(2) prestazzjoni tal-persunal (medja annwali)</p> <p>(3) kriterji tal-evalwazzjoni tal-proġett ta' trasformazzjoni kulturali tal-eu-LISA</p>	<p>(1) riżultati tal-istħarriġ &gt; 7.5</p> <p>(2) prestazzjoni medja (eżerċizzju ta' evalwazzjoni annwali)</p> <p>(3) kost / skeda / ambitu</p>	<p><b>Kif ipplanat</b></p> <p>(1) riżultat tal-istħarriġ: 7.3 taħt il-mira, b'varjazzjoni bejn l-Unitajiet</p> <p>(2) medja annwali: 2.4</p> <p>(3) fil-ħin/baġit/ambitu</p>

<sup>166</sup> KPI 24: rata annwali ta' assenteiżmu: a) għadd medju ta' jiem ta' liv minħabba mard għal kull impjegat (mira: <15-il jum), b) persunal fuq liv minħabba mard fit-tul (mira: <10 %), c) persunal li ma jkunx qed jjeħu liv minħabba mard (mira: >15 %).

<sup>167</sup> Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ġodda introdotti biex titkejjel il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess: a) għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' interessi ppreżentati (li minnhom fil-ħin), b) l-għadd u l-perċentwal tad-dikjarazzjonijiet evalwati, c) l-għadd u l-perċentwal ta' miżuri preventivi jew deċiżjonijiet li jillimitaw il-parteċipazzjoni.

<sup>168</sup> Tinkludi wkoll perjodi ta' probazzjoni negattivi; madankollu, jekk jitneħħew il-perjodi ta' probazzjoni, f'dak il-każ dawn ikunu taħt il-mira.

Proġett/kompitu	Deskrizzjoni tal-eżiti ewlenin imwettqa fl-2022	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Status u valur
<b>Finanzi u akkwist</b>				
L-eżekuzzjoni tal-pjan tal-akkwist u l-akkwiżizzjoni	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>forniment f'waqtu ta' servizzi ta' akkwist u ta' akkwiziżzjoni f'konformità mal-obbligi statutorji u fi ħdan il-qafas baġitarju pplanat.</li> </ul>	(1) effiċjenza tal-proċess tal-akkwist (2) ġestjoni tal-akkwiżizzjonijiet	(1) < 25 % (2) > 60 % tal-proġetti ta' akkwist skont l-iskeda	<b>Kif ipplanat</b> (1) 9.5 % (2) 140 % → għal aktar, ara Anness I għall-KPIs Nru 17 u 18.
Kontroll intern, proċeduri, awditi relatati mal-finanzi u l-akkwisti	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>il-listi ta' kontroll u l-flussi tax-xogħol kollha għat-tranżazzjonijiet finanzjarji huma konformi mar-Regoli Finanzjarji tal-Aġenzija.</li> </ul>	sett komprensiv ta' proċeduri għall-proċessi finanzjarji u tal-akkwist ewlenin	80 % tal-proċeduri tal-pjan ta' ħidma annwali	<b>Kif ipplanat</b>
It-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>implimentazzjoni tal-baġit għall-appropriazzjonijiet ta' impenn laħqet id-99 % (inkluż ir-riport mhux awtomatiku tal-appropriazzjonijiet ta' impenn approvati mill-Bord), filwaqt li l-appropriazzjonijiet ta' pagament kienu ta' 92 % (inkluż ir-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2023);</li> <li>implimentazzjoni tal-baġit ġiet segwita fi żmien xieraq, u s-servizzi kollha twettqu skont l-istandards definiti.</li> </ul>	(1) rata ta' kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament (2) rata ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji (3) rata ta' implimentazzjoni tal-pagamenti (4) pagamenti eżegwiti kif xieraq (%)	(1) < 5 % (2) 95-99 % (3) > 95 % (4) > 87.5 %	<b>Parzjalment kif ipplanat</b> (1) 10.6 % (2) 99.0 % (3) 91.6 % (4) 90.1 % → għal aktar, ara Anness I għall-KPIs 10 u 14.
<b>Sigurtà korporattiva</b>				
It-twassil tas-servizz ta' sigurtà u assigurazzjoni tal-informazzjoni għall-infrastruttura korporattiva	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>it-tranżizzjoni għall-kuntratt qafas ta' Sigurtà tal-IT Ġestita,</li> <li>titjib adattiv għall-infrastruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà,</li> <li>eżerċizzju taċ-ċibersigurtà f'Novembru,</li> <li>enfasi speċjali fuq l-attivitajiet kritiċi tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà b'rispons għaż-żieda fix-xenarju tat-treddid.</li> </ul>	(1) għanijiet statutorji tas-sigurtà (2) valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà tas-sistema tal-ĠAI (3) eżerċizzji taċ-ċibersigurtà (fis-sena)	(1) rata ta' implimentazzjoni: 100 % (2) 100 % (3) 1	<b>Kif ipplanat</b> (1) milħuqa (2) milħuqa żewġ indikaturi kunfidenzjali tal-prestazzjoni tneħħew minħabba s-sensittività
Kontinwità tal-operat, irkupru minn diżastri, partijiet tar-rispons ta' emerġenza tal-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>sorveljanza tas-sistema ta' ġestjoni tal-kontinwità tal-operat korporattiva (BCMS) tal-eu-LISA, inkluż il-pjan ta' titjib tal-BC,</li> <li>il-pjanijiet tal-kontinwità tal-operat ittestjati għall-effettività tal-kontrolli stabbiliti, inkluż l-eżerċizzju f'Ottubru,</li> <li>il-monitoraġġ u r-rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19.</li> </ul>	(1) il-BCMS tkopri l-oqsma kollha (2) pjanijiet tal-kontinwità tal-operat ittestjati għall-effettività tal-kontrolli stabbiliti	(1) 100 % tal-linji ta' azzjoni koperti (2) mill-inqas eżerċizzju wieħed isir biex tiġi ttestjata r-reżiljenza korporattiva	<b>Kif ipplanat</b> (1) milħuqa (2) milħuqa
L-iżvilupp, l-ippjanar u t-tħaddim tal-elementi protettivi tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-kontinwità	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>il-ġestjoni tas-sistemi tas-sigurtà (inkluż approvazzjonijiet), u l-iżgurar tas-sigurtà protettiva fil-bini kollu tal-eu-LISA fuq bażi 24/7 inkluż kontrolli tas-sigurtà għall-bini temporanju;</li> <li>Politika ta' Aċċess abbozzata u proċeduri ta' xogħol stand-by adottati.</li> </ul>	(1) miżuri ta' sigurtà protettiva f'konformità mal-valutazzjoni tar-riskju, mar-regolamenti u mal-istandards (ISO) (2) l-iżgurar tas-sigurtà fiżika fil-bini tal-eu-LISA u s-sigurtà għall-missjonijiet, l-attivitajiet,	(1) konformità ta' 100 % il-ġestjoni tas-sigurtà fis-seħħ fis-siti kollha tal-eu-LISA (2) riskji mitigati għal livelli aċċettabbli ta' riskju	<b>Kif ipplanat</b> (1) milħuqa (2) milħuqa

Proġett/kompitu	Deskrizzjoni tal-eżiti ewlenin imwettqa fl-2022	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Status u valur
<b>It-tfassil, l-ippjanar u l-iżvilupp tal-elementi orizzontali tal-ġestjoni tas-sigurtà u tal-kontinwità</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ twassil ta' taħriġ annwali tal-persunal, inkluż dwar is-sigurtà, is-saħħa u s-sikurezza,</li> <li>■ l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, eż., il-15-il laqgħa tan-<i>Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà (SON)</i> u l-laqgħat tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS<sup>169</sup> (3).</li> </ul>	<p>il-persunal fl-livelli ta' riskju aċċettabbli</p> <p>(1) politiki ta' sigurtà statutorji fis-seħħ (anke għas-sistemi tal-ĠAI)</p> <p>(2) Qafas ta' Sensibilizzazzjoni dwar is-Sigurtà (għas-sena n+1)</p> <p>(3) għoti ta' taħriġ annwali dwar is-sigurtà għall-persunal</p> <p>(4) avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati</p>	<p>(1) mill-inqas 80 % tal-politiki pplanati adottati sa tmiem l-2022</p> <p>(2) l-iżvilupp ta' Qafas ta' Sensibilizzazzjoni dwar is-Sigurtà (n+1) sa tmiem l-2022</p> <p>(3) mill-inqas 80 % tat-taħriġ annwali dwar is-sigurtà pplanat mogħti</p> <p>(4) mill-inqas avveniment wieħed organizzat ma' partijiet ikkonċernati esterni</p>	<b>Kif ippjanat</b>
<b>Ġestjoni tal-faċilitajiet</b>				
<b>Programm ta' Żieda tal-Kapaċità</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ <b>it-tieni proġett ta' estensjoni:</b> programm ta' bini aġġornat, kontroll tal-kwalità fuq is-sejħa għall-offerti tas-servizzi tad-disinn (tnedija pendenti),</li> <li>■ <b>ċentru tad-<i>data</i> modulari:</b> dokumenti tal-offerti tal-istħarriġ dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista, stħarriġ imniedi,</li> <li>■ <b>aġġornament tal-potenza u tat-tkessiħ:</b> tlesta l-istudju preliminari dwar il-potenza, tnediet l-implimentazzjoni; tlestiet il-fażi A tal-istudju tat-tkessiħ, u għadha għaddejja l-fażi B.</li> </ul>	<p>(1) kost</p> <p>(2) skeda</p> <p>(3) ambitu</p>	<p>(1) kost: aħdar</p> <p>(2) skeda: aħdar</p> <p>(3) ambitu: aħdar</p>	<b>Oħrajn</b>
<b>Ġestjoni ambjentali</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ Jiġu ffinalizzati l-Politika Ambjentali, ir-rieżami ambjentali, u l-pjan direzzjonali taċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS tal-UE,</li> <li>■ Il-Pjan ta' Sobrjetà Enerġetika implimentat, inkluż l-elettriku ekoloġiku.</li> </ul>	indikaturi ambjentali <sup>170</sup>	90 %	<b>Oħrajn</b>
<b>Ġestjoni tas-saħħa u s-sikurezza</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>■ pjan direzzjonali għas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali (OHS) iffinalizzat, flimkien ma' abbozzi ta' verżjonijiet tal-Politika tal-OHS u r-regoli interni.</li> </ul>	sodisfazzjon tal-persunal bl-ambjent tax-xogħol u s-sikurezza okkupazzjonali	rata ta' sodisfazzjon ta' 90 % <sup>171</sup>	<b>Oħrajn</b>

<sup>169</sup> Il-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà tan-*Networks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni (NIS)* ġie stabbilit mid-*Direttiva NIS* biex jiżgura l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-infommazzjoni fost l-Istati Membri.

<sup>170</sup> L-eu-LISA bdiet timmonitorja l-indikaturi volumetriċi għall-ilma, l-enerġija, il-konsum tal-karta u l-produzzjoni tal-iskart fl-2020 iżda ma setgħetx tistabbilixxi linji bażi minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19 li kienu fis-seħħ sal-2022. B'riżultat ta' dan, il-linji bażi għall-indikaturi ambjentali se jiġu stabbiliti fl-2023, u għandhom jintużaw għall-kalkolu u l-evalwazzjoni ta' dawn l-indikaturi tal-prestazzjoni minn hemm 'il quddiem.

<sup>171</sup> L-evalwazzjoni se tkun possibbli biss wara l-implimentazzjoni tal-attivitajiet, sakemm tiġi approvata l-politika dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fl-2023.

Proġett/kompitu	Deskrizzjoni tal-eżiti ewlenin imwettqa fl-2022	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Status u valur
<b>Operazzjonijiet u servizzi tal-faċilità</b>	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>it-twassil ta' servizzi tal-faċilitajiet biex jappoġġaw l-operazzjonijiet, inkluż it-titjib kontinwu tas-servizz permezz tal-monitoraġġ tal-biljetti u l-ħin tar-rispons għall-għeluq,</li> <li>titjib li sar fil-bini tal-infrastruttura, b'enfasi fuq l-attivitajiet ewlenin tan-negozju u l-benesseri tal-impjegati.</li> </ul>	konformità mal-istandards applikabbli	konformità massima fis-siti kollha tal-Aġenzija	<b>Kif ipplanat</b>
<b>Loġistika u servizzi tal-provvisti tal-uffiċċju</b>	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>titjib fl-isparzu tax-xogħol fi Strasburg, Illkirch u Tallinn,</li> <li>proġett ta' allokkazzjoni tal-isparzu, inkluż 100 stazzjon tax-xogħol għall-kuntratti.</li> </ul>	(1) kost (2) skeda (3) ambitu	(1) kost: aħdar (2) skeda: aħdar (3) ambitu: aħdar	<b>Kif ipplanat</b>
<b>Ġestjoni u appoġġ tas-servizzi tal-missjonijiet</b>	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>titjib kontinwu tal-portafoll tal-missjonijiet,</li> <li>kuntratt qafas ġdid għal servizzi ta' ġestjoni tal-ivvjaġġar.</li> </ul>	(1) missjonijiet kompluti kif xieraq (2) iffirmat kuntratt qafas ġdid	(1) 100 % (2) 100 %	<b>Kif ipplanat</b> (1) milfuqa (2) milfuqa
<b>Immaniġġjar operazzjonali tas-servizzi korporattivi</b>	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>appoġġ għas-servizzi tan-negozju u t-twassil tas-servizzi.</li> </ul>	(1) esperjenza tal-utent finali (2) ġestjoni tar-riżorsi	90 %	<b>Kif ipplanat</b> (1) milfuqa (2) milfuqa
<b>Koordinazzjoni ġenerali</b>				
<b>Kontribuzzjoni bħala osservatur għall-evalwazzjonijiet ta' Schengen fl-oqsma tas-SIS/SIRENE u l-politika komuni dwar il-viżi (inkluża l-VIS)</b>	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>Missjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen: SIS/SIRENE (6), politika komuni dwar il-viżi (1).</li> </ul>	(1) parteċipazzjoni fl-evalwazzjonijiet, u kontribuzzjoni għar-rapporti ta' evalwazzjoni	(1) kontribuzzjonijiet f'waqthom u sottomissjoni tal-input skont l-iskeda tal-Kummissjoni	<b>Kif ipplanat</b> → għal aktar, ara 1.5.1. Shubji mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet u mal-korpi tal-UE
<b>L-abbozzar ta' rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi, u l-aggregazzjoni tal-istatistika</b>	<b>Imwettaq</b> <ul style="list-style-type: none"> <li>rapporti statutorji ppublikati dwar is-SIS (2), il-VIS (1), l-Eurodac (3).</li> </ul>	rapporti statutorji tal-prestazzjoni dwar is-SIS, il-VIS u l-Eurodac, inkluż rapporti tal-istatistika u listi tal-awtoritajiet maħtura	sottomissjoni f'waqtha u pubblikazzjoni tar-rapporti tal-prestazzjoni statutorja	<b>Parzjalment kif ipplanat</b> kollha fil-mira, ħlief il-lista aġġornata tal-awtoritajiet tas-SIS ġiet posposta sat-tredja tas-sistema fis-7 ta' Marzu 2022 → għal aktar, ara 1.5.3.

Proġett/kompitu	Deskrizzjoni tal-eżiti ewlenin imwettqa fl-2022	Indikaturi tal-prestazzjoni	Mira tal-prestazzjoni	Status u valur
<b>L-implimentazzjoni tal-attivitajiet annwali ppjanati ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija, f'konformità mal-pjan direzzjonali adottat għar-R&amp;Ż</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>għew ippubblikati żewġ rapporti ta' monitoraġġ tar-riċerka: "Artificial Intelligence Supporting Cross-Border Cooperation in Criminal Justice" (Ġunju 2022), "Enabling Seamless Travel to the European Union" (Diċembru 2022);</li> <li>avvenimenti: konferenza annwali f'Ottubru u żewġ diskussjonijiet madwar mejda annwali dwar l-industrija (f'Ġunju u f'Ottubru).</li> </ul>	<p>(1) rapporti ta' monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija</p> <p>(2) attendenza għal avvenimenti</p>	<p>(1) mill-inqas rapport wieħed ippubblikat fis-sena</p> <p>(2) rati ta' attendenza</p> <p>(a) avvenimenti tal-industrija: &gt; 50 parteċipant</p> <p>(b) konferenza annwali: &gt; 120 parteċipant</p>	<p><b>Kif ippjanat</b></p> <p>(1) 2 rapporti ppubblikati</p> <p>(2a) Ġunju: 170+ online, 100+ personalment; Ottubru: 300+ online, 115 personalment;</p> <p>(2b) 388 parteċipant, inkluż 130 personalment.</p> <p>→ għal aktar, ara 1.2.8.</p>
<b>Implimentazzjoni tal-Pjan ta' taħriġ għall-għoti ta' taħriġ lill-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi tal-ĠAI</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>48 attivitajiet ta' taħriġ, 3 800 parteċipant, rata ta' sodisfazzjon ta' 90 %,</li> <li>Pjan ta' Taħriġ Annwali (70 %), l-abbozzar tal-pjan tas-sena d-dieħla,</li> <li>tlestiet il-migrazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Apprendiment imġedda, aġġornament ulterjuri għadu għaddej.</li> </ul>	<p>sodisfazzjon bl-attivitajiet ta' taħriġ tal-Istati Membri (stħarriġ tal-parteċipanti)</p>	<p>rata ta' sodisfazzjon: aktar minn 4 (medja fuq skala ta' 1-6)</p>	<p><b>Kif ippjanat</b></p> <p>rata ta' sodisfazzjon: 5.4</p> <p>→ għal aktar, ara t-taqsimi 1.5.3. II-bini tal-kapaċitajiet</p>
<b>L-integrazzjoni tas-sejbiet tar-riċerka fiċ-ċikli tal-ħajja tal-applikazzjoni</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>kontribut għall-proġetti ssoveljati mid-DĠ HOME u miċ-Ċentru Ewropew tal-Innovazzjoni għas-Sigurtà Interna,</li> <li>il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-eu-LISA dwar I-IA (3) u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Bijometrika.</li> </ul>	<p>(1) sommarji dwar it-teknoloġija (fuq talba mill-maniġment jew mill-operazzjonijiet)</p> <p>(2) impenn mal-Gruppi Konsultattivi</p> <p>(3) proġetti tat-teknoloġija</p>	<p>(1) mill-inqas 2/3 sommarji mogħtija kull sena</p> <p>(2) mill-inqas preżentazzjoni waħda għal kull AG (kull sena)</p> <p>(3) parti mit-tim ewlieni f'mill-inqas proġett wieħed ta' teknoloġija fuq skala kbira</p>	<p><b>Kif ippjanat</b></p> <p>(1) Millfuq</p> <p>(2) Millfuq</p> <p>(3) Millfuq</p> <p>→ għal aktar, ara 1.2.8.</p>
<b>Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' partijiet tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni</b>	<p><b>Imwettaq</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>definizzjoni tal-prijoritajiet għall-programm ta' ħidma biex jiġi implimentat il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (PQ tal-UE għar-R&amp;I),</li> <li>evalwazzjoni ta' proposti ta' riċerka fil-qasam tas-sigurtà interna.</li> </ul>	<p>(1) priyoritajiet tematiċi għall-PQ tal-UE għall-programm ta' ħidma tar-R&amp;I</p> <p>(2) preżentazzjonijiet tal-proġetti lill-persunal u lill-partijiet ikkonċernati</p> <p>(3) PQ tal-UE għal proġetti ta' R&amp;I delegati lill-eu-LISA</p>	<p>(1) adozzjoni ta' sett wieħed ta' PQ tal-UE għall-prijoritajiet tematiċi tar-R &amp; I mill-Kumitat ta' Tmexxija u l-AGs rilevanti</p> <p>(2) mill-inqas żewġ proġetti (inklużi l-eżiti) ippreżentati</p> <p>(3) implimentazzjoni tal-proġett skont l-ambitu, l-oġettivi u l-iskeda.</p>	<p><b>Kif ippjanat</b></p> <p>(1) Millfuq</p> <p>(2) Millfuq</p> <p>(3) Millfuq</p> <p>→ għal aktar, ara 1.2.8. Innovazzjoni, riċerka u żvilupp.</p>

# Anness X. Rapport dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti

Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija, l-eu-LISA għandha tippubblika informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha tagħha, dment li dan ma jipperikolax l-ilfuq tal-oġġettivi tal-operazzjonijiet tagħha. Matul l-2022, l-eu-LISA baqgħet impenjata li tiggarrantixxi t-trasparenza fl-attivitajiet, fil-proċessi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha. L-Aġenzija osservat l-oġġla livelli ta' prattika amministrattiva tajba u kkonformat mar-rekwiżiti legali kollha.<sup>172</sup>


## Rapport dwar talbiet għall-aċċess għad-dokumenti

L-Aġenzija hija impenjata biex tiggarrantixxi t-trasparenza fl-attivitajiet, il-proċessi u t-teħid tad-deċiżjonijiet kollu tagħha, inkluż il-proċedura tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Fl-2022, l-eu-LISA osservat l-oġġla livelli ta' kondotta amministrattiva tajba u rrispettat l-iskadenzi kollha stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.<sup>173</sup>

Fl-2021, l-eu-LISA rċeviet 17-il talba għal aċċess għad-dokumenti, li jirrappreżentaw żieda fuq is-snin preċedenti. Fi 11-il każ, l-Aġenzija stiednet lill-applikanti jiċċaraw l-ambitu tat-talbiet tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

F'sitt talbiet, l-Aġenzija ma żammitx id-dokumenti kollha mitluba jew xi wħud minnhom u, għaldaqstant, ma setgħetx tagħti (jew tirrifjuta) l-aċċess. L-applikanti ġew infurmati kif xieraq dwar il-fatt u ġew irriferruti lejn informazzjoni disponibbli pubblikament u istituzzjonijiet xierqa oħrajn, fejn dan kien possibbli.

Matul is-sena, l-eu-LISA analizzat b'kollox 100 dokument, li 49 minnhom ġew żvelati bis-sħiħ lill-applikanti, 24 minnhom ġew parzjalment żvelati b'partijiet redatti, u f'27 każ it-talba għal aċċess ġiet irrifjutata. Dawn id-dokumenti kienu jinkludu total ta' 2 143 paġna, li minnhom 495 paġna ġew rilaxxati kompletament, 369 ġew rilaxxati parzjalment, filwaqt li l-aċċess għall-1 279 paġna li jifdal ġie rrifjutat.



### TRADUZZJONI

Number of requests	L-għadd ta' talbiet
Number of documents analysed in 2022	L-għadd ta' dokumenti analizzati fl-2022
Number of pages analysed in 2022	L-għadd ta' paġni analizzati fl-2022
full disclosure	żvelar sħiħ
partial disclosure	żvelar parzjali
refusal	rifjut

<sup>172</sup> Skont l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA tat-28 ta' Ġunju 2012, li jirrifletti t-test tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament ta' stabbiliment tal-Aġenzija, l-eu-LISA għandha tannessa rapport dwar l-aċċess għad-dokumenti mar-rapport annwali tagħha. Ir-rapport għandu jinkludi l-għadd ta' każijiet li fihom l-istituzzjoni rrifjutat milli tagħti aċċess għad-dokumenti u r-raġuni għat-tali rifjuti.

<sup>173</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43–48.

It-tneħħija parzjali tad-dokumenti u ċ-ċaħda tal-aċċess għad-dokumenti mill-eu-LISA kienu bbażati fuq l-eċċezzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, b'mod partikolari, dwar il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali<sup>174</sup>), l-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika, il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet kurrenti, u l-interessi kummerċjali.

Ta' min jinnota li fost is-27 dokumenti li għalihom l-Aġenzija rrifjutat l-aċċess fl-2022, 26 minnhom kienu relatati ma' aspetti tekniċi tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira żviluppata u ġestiti mill-Aġenzija. Peress li r-rilaxx ta' dawn id-dokumenti lill-pubbliku jiżvela informazzjoni teknika u sensittiva dwar is-sistemi, l-iżvelar tad-dokumenti mitluba kellha tiġi rrifjutata abbażi tal-protezzjoni tal-interess pubbliku bħala kwistjoni ta' sigurtà pubblika.

Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni ta' konferma kontra d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija. Id-deċiżjonijiet tal-Aġenzija dwar l-aċċess għad-dokumenti ma ġewx ikkontestati quddiem il-Qrati tal-UE. Barra minn hekk, ma sar l-ebda lment rigward il-proċess tal-Aġenzija tal-indirizzar tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti quddiem l-Ombudsman Ewropew.

Fl-2022, l-Aġenzija rċeviet ukoll disa' konsultazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti minn entitajiet oħrajn tal-UE, f'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

## Attivitajiet oħrajn relatati mal-aċċess għad-dokumenti

L-Aġenzija tirsisti kontinwament biex tiggarrantixxi konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali u biex ittejjeb il-prattika tat-trattament tat-talbiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti. F'dan il-kontest, l-eu-LISA kompliet taħdem fuq ir-rieżami tal-arranġamenti prattiċi għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti, sabiex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività operazzjonali tal-proċess. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija laħqet diversi stadji importanti fl-2022, li se jiżguraw l-ipproċessar bla xkiel ta' talbiet futuri għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Fl-24 ta' Marzu 2022, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta d-deċiżjoni Nru 2022-090 dwar l-arranġamenti prattiċi għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija, bl-għan aħħari li jiġu stabbiliti l-arranġamenti prattiċi tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, biex tiġi żgurata l-aderenza għall-prattika amministrattiva tajba u l-istandards għoljin ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti, filwaqt li jitqiesu n-natura speċifika tal-Aġenzija u l-mandat tagħha.

F'Mejju 2022, is-Settur Legali tal-Aġenzija, bħala t-tim maħtur għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti (PAD) tal-eu-LISA, ta sessjoni ta' sensibilizzazzjoni online dwar is-suġġett biex jipprovdi lill-persunal tal-eu-LISA b'ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali intern adottat reċentement, il-proċess għall-applikazzjonijiet inizjali, l-eċċezzjonijiet għad-drittijiet ta' aċċess abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u l-konsegwenzi legali possibbli.

Fit-22 ta' Settembru 2022, id-Direttur Eżekuttiv adotta l-Linji Gwida tal-eu-LISA dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti, li jiddeskrivu l-allokazzjoni tal-ħidma relatata mal-PAD fi ħdan l-Aġenzija, sabiex l-eu-LISA tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Fil-11 ta' Ottubru 2022, id-Direttur Eżekuttiv adotta d-deċiżjoni dwar il-ħatra ta' persuni ta' kuntatt tal-PAD biex ikunu parti minn network transdiviżjonali ssorveljat mill-koordinatur tal-PAD, għall-finijiet tat-trattament tal-applikazzjonijiet tal-PAD fl-oqsma ta' ħidma rispettivi tagħhom. Il-persuni ta' kuntatt tal-PAD maħtura ġodda kollha ġew mistiedna jieħdu sehem fit-taħriġ obligatorju annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, organizzat mis-Settur Legali f'Ottubru 2022. It-taħriġ, mogħti minn espert mill-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika, ipprovda ħarsa ġenerali lejn l-aspetti teoretiċi u prattiċi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Fl-aħħar, f'Novembru 2022, it-Tim tal-PAD tal-Aġenzija ta briefing dwar is-suġġett ta' "Persuni ta' Kuntatt tal-PAD fl-eu-LISA" biex jiġu introdotti r-rwoli rispettivi li l-persuni ta' kuntatt se jkollhom f'diversi proċessi u biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn it-Tim tal-PAD u l-persuni ta' kuntatt.

<sup>174</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, pp. 39-98.



## Anness XI. Inizjattivi ta' sostenibbiltà

**Il-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà qed jingħataw aktar prominenza, u l-istituzzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika huma mistiedna li jkunu dejjem aktar proattivi, trasparenti u, fejn possibbli, li jkunu ta' eżempju f'termini ta' kif jindirizzaw l-isfidi tas-sostenibbiltà.**

L-eu-LISA, li hija konxja mir-responsabbiltajiet tagħha bħala entità pubblika, ħadet diversi passi biex ittejjeb is-sostenibbiltà tagħha. Dawn jinkludu l-kontribut tagħna għall-effiċjenza enerġetika billi nfasslu u nibnu bini intelliġenti effiċjenti fl-enerġija għall-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija f'Tallinn u nistabbilixxu pjan ta' azzjoni għall-iffrankar tal-enerġija. Bir-rwol uniku tagħha, l-eu-LISA se tkompli tikkontribwixxi għas-sigurtà ta' Schengen u l-moviment liberu permezz tal-mandat u l-attivitajiet operazzjonali ewlenin tagħha.

### Inizjattivi ta' sostenibbiltà

#### Il-kontribut tal-eu-LISA għall-effiċjenza enerġetika: Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sobrjetà Enerġetika

Fl-2022, l-eu-LISA adottat il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sobrjetà Enerġetika bl-għan li tnaqqas il-konsum tal-enerġija fil-bini kollu tal-Aġenzija. Il-pjan jiffoka fuq it-tnaqqis tal-enerġija fl-oqsma li ġejjin:

- **tisħin tal-bini:** it-tnaqqis tat-temperaturi, meta u fejn applikabbli,
- **tkessiħ tal-bini:** żieda tal-valur programmat tat-temperatura prestabbilit tas-sistema tal-arja kundizzjonata/tat-tkessiħ,
- **dwal tal-bini:** tnaqqis fl-intensità tad-dawl tal-uffiċċji u minimizzazzjoni tal-użu tad-dwal tal-kurrituri,
- **tagħmir tal-IT:** jintefa t-tagħmir meta ma jkunx qed jintuża.

#### Il-kontribut tal-eu-LISA għall-effiċjenza enerġetika: il-bini tal-kwartieri ġenerali ekoloġiku u intelliġenti

Mal-istabbiliment tal-eu-LISA, waħda mill-prijoritajiet kienet li tiżgura li s-servizzi tagħha jkunu appoġġati minn infrastruttura moderna, intelliġenti u ekoloġika. Dan immotiva lill-eu-LISA biex tfassal u tibni bini ekoloġiku u intelliġenti tal-kwartieri ġenerali f'Tallinn, l-Estonja. Il-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija huma taħlita innovattiva ta' infrastruttura ekoloġika sostenibbli, stazzjonijiet tax-xogħol ergonomiċi u spazju ta' kollaborazzjoni modern, li jagħmluh mudell fil-kostruzzjoni u l-ġestjoni ta' bini pubbliku fl-Estonja u fil-bqija tal-Ewropa.

Fil-kostruzzjoni tal-bini, intużaw soluzzjonijiet innovattivi li jippermettu l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija fejn possibbli. Pereżempju, il-kwalità tal-arja tal-uffiċċju tittejjeb permezz ta' aktar minn 200 pjanta ta' ġewwa mpoġġija b'mod sistematiku madwar il-bini sabiex ma jkun hemm bżonn tal-ebda umidifikant u tagħmir tat-tindif tal-arja addizzjonali. Hemm sistema innovattiva tat-tisħin tal-art appoġġata mill-ipproċessar tal-egżost tal-arja sħuna mill-kamra tas-server permezz ta' skambjaturi tas-sħana, li tintuża wkoll biex issaħħan minn qabel l-arja friska għall-fluss fuq ġewwa. Is-soluzzjonijiet tad-dawl kollha, inkluż id-dawl estern, huma bbażati fuq it-teknoloġija LED u huma konnessi mas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Bini, li tippermetti l-kontroll u l-ipprogrammar skont il-ħtiġijiet.

Fl-2021, l-eu-LISA rċeviet wieħed mill-ogħla rikonnoxximenti fl-amministrazzjoni pubblika fil-livell tal-UE – il-Premju tas-Settur Pubbliku Ewropew (it-tieni post fil-kategorija “Amministrazzjoni Pubblika Ekoloġika”) għall-kwartieri ġenerali tagħha f'Tallinn, li invoka l-approċċ eżemplari tagħha fit-tfassil tal-proġett u fil-mudell ta' ispirazzjoni tat-twettiq tal-proġett, il-komunikazzjoni u l-impatt tagħha, imsaħħaħ minn sensibilizzazzjoni mmirata tal-persunal u taħriġ dwar l-użu u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi.

## Il-kontribut tal-eu-LISA għas-sigurtà ta' Schengen u l-moviment liberu

Fis-snin li ġejjin, l-UE se tkompli żżomm is-sigurtà interna tagħha għall-benefiċċju taċ-ċittadini, ir-residenti, il-visitaturi, it-territorju u l-infrastruttura tagħha. Għall-appoġġ ta' din l-ambizzjoni, il-mandat tal-eu-LISA u l-attivitajiet operazzjonali ewlenin huma mmirati lejn it-tisfih tal-fruntieri esterni tal-UE billi jikkontribwixxu għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-inizjattivi ta' sigurtà interna u jappoġġaw ir-riforma tas-sistema tal-ażil Ewropea.

Il-kapaċità ta' rispons għal theddid għas-sigurtà li qed jevolvi kontinwament (jiġifieri, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità) tiddependi fuq l-iskambju f'waqtu u komprensiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej rilevanti, iffaċilitat bl-aħjar mod minn sistemi ta' informazzjoni moderni. Is-sistemi l-ġodda li mistennija jidhru fis-seħħ fl-2023–2024 (jiġifieri, l-EES, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN) se jappoġġaw dawn il-ħtiġijiet operazzjonali kollha u se jipprovdu approċċ intelliġenti integrat biex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-Ewropa.

Barra minn hekk, il-ħidma tal-eu-LISA tiegħu gwida mill-Istrateġija ta' Schengen tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li ssaħħaħ u ttejjeb ir-reżiljenza taż-żona Schengen — l-akbar żona ta' moviment liberu fid-dinja. Fil-prinċipju, is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni operati mill-eu-LISA jservu bħala miżuri kumpensatorji biex jiffaċilitaw il-moviment liberu fiż-Żona Schengen. Għalhekk, l-evoluzzjoni kontinwa tagħhom hija ta' importanza kbira għall-UE u għall-eu-LISA.

## Rapportar dwar is-sostenibbiltà

Ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà jirreferi għall-iżvelar volontarju ta' indikaturi ambjentali, soċjali u ekonomiċi. Dan jippreżenta *data* dwar il-progress tal-organizzazzjoni lejn l-għanijiet ta' sostenibbiltà.

L-eu-LISA qed tippjana li tiżvela l-informazzjoni tagħha dwar is-sostenibbiltà fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività għall-2023 f'konformità ma' qafas ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà rikonoxxut. L-għażla tal-qafas ta' rapportar se ssir matul l-2023 wara li tiġi analizzata l-kompatibbiltà tal-eu-LISA mal-attributi tal-oqfsa l-aktar użati fost l-organizzazzjonijiet pubbliċi. L-ewwel rapportar dwar is-sostenibbiltà tal-Aġenzija għall-2023 se jipprovdi ħarsa ġenerali modesta lejn l-informazzjoni rrapportata tal-eu-LISA bl-oġettiv li jipprovdi trasparenza dwar l-inizjattivi tagħna relatati mal-kapital soċjali, uman u ambjentali tagħna. Fis-snin ta' wara, l-għan se jkun aktar ambizzjuż, bil-ħsieb li jiżjed l-ammont ta' informazzjoni żvelata u jiġi ddetminat kif ir-rapportar dwar is-sostenibbiltà jista' jikkontribwixxi għat-tisfih tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija.



Il-manuskritt tlesta f'Ġunju 2023.

L-ewwel edizzjoni:

La l-eu-LISA u l-ebda persuna li taġixxi fisem l-eu-LISA ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

©eu-LISA, 2023

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-eu-LISA, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

Qoxra u paġni tas-sezzjoni ddisinjati minn Michele Polerà u ispirati minn Olivetti.